IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 14.7.2004
KUMM (2004) 486 finali

2004/0155 (COD)2004/0159 (COD)
Volum I

Proposta għal

DIRETTIVI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li jirriformulaw id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-adegwatezza ta' kapital ta' ditti ta' l-investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(ippreżentati mill-Kummissjoni)

{SEC(2004) 921}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUMMENTI ĠENERALI

Suq finanzjarju uniku fl-UE se jkun il-fattur ewlieni fil-promozzjoni tal-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea u t-tnaqqis fl-ispiża tal-kapital għall-kumpaniji. Il-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji jniedi direttiva dwar regoli ġodda ta' adegwatezza tal-kapital għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' l-investiment fl-2004, b'mod parallel mal-progress fuq il-livell tal-G-10 fil-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja[1].

Il-ftehim mill-Kumitat ta' Basel tal-G-10 dwar is-Superviżjoni Bankarja ta' l-hekk imsejjaħ Ftehim ta' Basel fl-1988 (Basel I) wassal għall-adozzjoni ta' l-obbligi minimi tal-kapital f'aktar minn 100 pajjiż[2]. Dan sar bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien ta' l-adozzjoni ta' direttivi ewlenin ta' l-UE (*Id-Direttiva 89/299/KEE tas-17.4.1989 dwar il-fondi proprji, id-Direttiva 89/647/KEE tat-18.12.1989 dwar il-proporzjon tas-solvibilità, ikkonsolidati fid-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20.3.2000 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu*).

Dawn id-direttivi indirizzaw ir-riskji ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu li jirriżultaw minn attivitajiet ta' għoti ta' kreditu. Id-*Direttiva 93/6/KEE tal-15.3.1993 dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' ditti ta' l-investiment u l-istituzjonijiet ta' kreditu* estendiet ir-regoli sew tar-riskju tal-kreditu kif ukoll tar-riskju tas-suq għad-ditti ta' l-investiment.

1) Il-ħtieġa ta' obbligi Ewropej aħjar.

Ir-regoli eżistenti taw kontribut sinifikanti għas-suq uniku u standards prudenzjali għolja. Madankollu, ġew identifikati diversi nuqqasijiet importanti.

1. Stimi mhux preċiżi tar-riskji tal-kreditu jirriżultaw f'kejl tassew mhux preċiż tar-riskju u huma fil-periklu li jitilfu l-kredibilità tagħhom.

2. Spazju għall-arbitraġġ tal-kapital: innovazzjonijiet fis-swieq ippermettew lill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jarbitraġġaw b'mod effettiv l-iżbilanċ bejn l-allokazzjoni tal-kapital li jagħmlu l-istituzzjonijiet stess għar-riskji u l-obbligi minimi tal-kapital.

3. Nuqqas ta' rikonoxximent għall-mitigazzjoni effettiva tar-riskju: id-Direttivi preżenti ma jipprovdux livelli xierqa ta' rikonoxximent għall-metodi ta' mitigazzjoni tar-riskju.

4. In-nuqqas ta' kompletezza tar-riskji koperti mid-direttivi eżistenti, inkluż ir-riskju operattiv, li m'huma suġġetti għall-ebda debitamenti kapitali.

---

[1] Il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja twaqqaf mill-Gvernaturi tal-bank ċentrali tal-Grupp ta' Għaxar (G-10) pajjiżi. Dan jikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-awtorità responsabbli għas-superviżjoni prudenzjali tal-banek fil-pajjiżi li ġejjin: Belġju, Kanada, Franza, Ġermanja, Italja, Ġappun, Lussemburgu, Olanda, Spanja, Żvezja, Żvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti. Il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew, jipparteċipaw bħala osservaturi.

[2] Filwaqt li formalment dan kien ftehim bejn l-awtoritajiet tal-grupp G-10 ta' pajjiżi industrijalizzati għal applikazzjoni għal banek attivi internazzjonalment, il-Ftehim ta' l-1988 ġie applikat madwar id-dinja għal banek ta' kull daqs u livell ta' kumplessità.

5. Nuqqas ta' obbligu għal dawk li jwettqu s-superviżjoni li jevalwaw il-profil attwali tar-riskju ta' istituzzjonijiet tal-kreditu biex jikkonfermaw li huwa miżmum biżżejjed kapital għal dak il-profil tar-riskju.

6. Nuqqas ta' obbligu ta' kooperazzjoni fis-superviżjoni: f'suq li huwa dejjem anqas limitat mill-fruntieri, l-awtoritajiet iridu jikkooperaw flimkien b'mod effettiv fis-superviżjoni tal-gruppi li joperaw f'aktar minn pajjiż wieħed sabiex jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji.

7. Nuqqas ta' żvelar xieraq tas-suq: id-Direttivi preżenti ma jiffaċilitawx id-dixxiplina effettiva tas-suq għal informazzjoni affidabbli sabiex il-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jagħmlu valutazzjonijiet fuq bażi soda.

8. Nuqqas ta' flessibilità fil-qafas regolatorju: is-sistema kurrenti ta' l-UE m'għandhiex il-flessibilità sabiex iżżomm il-pass ma' l-iżviluppi mgħaġġla fis-swieq finanzjarji u fi prattiki ta' ġestjoni tar-riskju, u ma' titjib fl-għodod regolatorji u ta' superviżjoni.

X'jiġri f'xenarju ta' "l-ebda bidla fil-politika"?

Hemm kunsens b'saħħtu li s-sitwazzjoni preżenti m'hix sostenibbli. L-obbligi tal-kapital u r-riskji jkomplu jkunu mqabbla ħażin u dan jirriżulta f'effettività limitata għar-regoli prudenzjali u riskji akbar għall-konsumaturi u għall-istabbilità finanzjarja. Id-dimensjoni sħiħa tar-riskji li qed jieħdu xi istituzzjonijiet finanzjarji tibqa' ma tkunx riflessa. Minbarra dan, il-metodi l-aktar ġodda u effettivi tal-ġestjoni tar-riskju ma jkunux inkoraġġiti attivament jew rikonoxxuti u gruppi tas-servizzi finanzjarji li jkunu joperaw fi Stat Membru wieħed jew aktar ikomplu jkunu suġġetti għal piżijiet sproporzjonati li jirriżultaw minn saffi differenti ta' regolamentazzjoni u superviżjoni. Finalment, l-UE ma tkunx tista' tibbenefika kif xieraq minn żviluppi futuri, minħabba d-diffikultà biex ikun aġġornat malajr il-qafas regolatorju kurrenti ta' l-UE. Fid-dawl ta' l-implimentazzjoni globali proposta mill-Ftehim ta' Basel il-ġdid, is-settur tas-servizzi finanzjarji ta' l-UE jkun żvantaġġat b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-kompetituri tiegħu barra mill-UE.

2) L-impostazzjoni ta' din id-Direttiva

Il-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji tal-Kummissjoni ta' l-1998 stqarr li l-UE teħtieġ standards prudenzjali preċiżi, internazzjonalment konsistenti u aġġornati. Dawn għandhom ikunu wkoll proporzjonati u jirrikonoxxu t-tnaqqis fir-riskji li jirriżultaw mill-kuntest li fih iseħħu l-iskoperturi (*exposures*), u b'mod partikolari s-self lill-konsumaturi u lil entitajiet żgħar jew ta' daqs medju. Ir-regoli għandhom japplikaw sew għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' l-investiment (kompetizzjoni bl-istess regoli) imma jenħtieġ ukoll li jkunu proporzjonati u li jieħdu kont b'mod sħiħ tal-'bijodiversità' ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji ta' l-UE.

2. KONSULTAZZJONI U STIMA TA' L-IMPATT

a) Konsultazzjoni ma' dawk involuti u ma' partijiet interessati

Il-Kummissjoni ilha involuta f'konsultazzjoni ma' dawk involuti u ma' partijiet interessati sa minn Novembru 1999. Inħarġu tliet karti sħaħ ta' konsultazzjoni fit-22.11.1999, 5.2.2001 u 1.7.2003 Djalogu sħiħ u strutturat ma' dawk involuti kien organizzat fit-18.11.2002. Ġew ippubblikati dokumenti ta' konsultazzjoni dwar suġġetti tekniċi speċifiċi (il-proprjetà

immobiljari u l-bonds koperti fis-7.4. 2003; 'telf mistenni u mhux mistenni´ fis-26.11.2003; impriżi ta' investiment kollettiv fit-3.2.2004).

Il-kummentaturi ġeneralment urew ħafna appoġġ għall-għanijiet prinċipali ta' dan il-proġett. Hija appoġġjata senstittività akbar għar-riskju li twassal għal stabbilità finanzjarja akbar u issa hemm bżonn pressanti sabiex ir-regoli jkunu aġġoranti, sabiex jirrispondu għall-avvanzi sinifikanti fil-metodi tal-kejl u l-ġestjoni tar-riskju firs-servizzi finanzjarji, u sabiex tkun riflessa sofistikazzjoni akbar regolatorja u fis-superviżjoni. Hemm appoġġ qawwi għall-approċċ tal-Kummissjoni li l-qafas kapitali ta' l-UE għandu jkun revedut b'mod konsistenti mal-qafas ġdid internazzjonali imma differenzjat fejn meħtieġ għall-ispeċifiċitajiet ta' l-UE.

Istituzzjonijiet anqas kumplessi

Hemm appoġġ wiesa' u sinifikanti għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda fl-Ewropa – għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk li jipprovdu servizzi ta' investiment tkun xi tkun in-natura legali u l-kumplessità ta' l-istituzzjoni, anki sabiex ikun evitat li, bl-esklużjoni ta' xi whud minnhom, tinħoloq kategorija ta' istituzzjonijiet "tat-tieni klassi". Dan jirrifletti l-perċezzjoni li l-qafas il-ġdid propost ġie mfassal tajjeb għall-iskopijiet ta' applikazzjoni wiesgħa.

Flessibilità tad-direttiva l-ġdida

Hemm appoġġ kontinwu wiesgħa u b'saħħtu għall-approċċ propost sabiex ikun żgurat li l-qafas il-ġdid ikun jirrispondi għas-suq u l-innovazzjoni fis-superviżjoni sabiex ikun mantenut settur tas-servizzi finanzjarji ta' l-UE effiċjenti u kompetittiv. Dawk involuti jappoġġjaw l-approċċ li bih prinċipji u għanijiet dejjiema huma ppreżentati fl-artikoli u jipprovdu l-mandat għad-dispożizzjonijiet aktar dettaljati u tekniċi li hemm fl-annessi. Il-proċedura għall-emendar ta' l-annessi għandha tiżgura konsultazzjoni sħiħa u effettiva mal-partijiet interessati.

Ditti ta' l-investiment

Ġew introdotti modifikazzjonijiet sinifikanti sabiex ikun indirizzat nuqqas ta' qbil espress minn xi whud mis-settur tad-ditti ta' l-investiment dwar li jkunu suġġetti għal obbligi tal-kapital li huma jarawhom aktar jixirqu għal istituzzjonijiet ta' kreditu.

Kumplessità

Xi whud minn dawk li rrispondew talbu simplifikazzjoni u anqas preskrizzjoni. Il-Kummissjoni żiedet iċ-ċarezza u l-faċilità ta' l-użu tat-test. Id-disinn għandu jkun attraenti għal dawk l-istituzzjonijiet li qed ifittxu regoli sempliċi biex japplikawhom jew li jixtiequ li javvanzaw gradwalment għal regoli tal-kapital aktar kumplessi. Il-qafas il-ġdid propost fih firxa ta' għażliet u approċċi ta' gradi differenti ta' sofistikazzjoni.

Sa mill-1999 kien hemm ukoll diversi konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet dettaljati. Il-proposta qieset il-kummenti ddettaljati ħafna u utli mill-partijiet interessati, b'mod partikolari l-industrija tal-banek u tad-ditti ta' l-investiment.

b) Stima ta' l-impatt

Twettqet stima estiża ta' l-impatt sabiex ikun identifikat jekk hemmx bżonn għal azzjoni fuq il-livell ta' l-UE u, jekk iva, x'azzjoni hija meħtieġa.

Il-Kumitat ta' Basel ippubblika studju ta' l-impatt kwantitattiv (QIS3) li involva istituzzjonijiet tal-kreditu madwar 40 pajjiż sabiex jivvaluta l-impatt tal-proposti l-ġodda ta' Basel dwar l-obbligi minimi tal-kapital tal-banek. Il-Kummissjoni għenet fit-tkabbir ta' dan l-istudju biex jinkludi pajjiżi ta' l-UE li m'humiex rappreżentati f'Basel. Il-konklużjonijiet

prinċipali kienu li r-regoli l-ġodda sejrin b'mod ġenerali jnaqqsu l-obbligi tal-kapital għal istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-UE b'madwar 5% meta mqabbla mal-livelli preżenti. Minbarra dan, ir-riżultati għal approċċi differenti huma konsistenti ma' l-għanijiet – b'mod partikolari għandhom sew newtralità kapitali kif ukoll inċentivi xierqa għall-istituzzjonijiet sabiex javvanzaw lejn approċċi aktar sofistikati. Fl-aħħar, istituzzjonijiet ta' kreditu domestiċi aktar żgħar li jadottaw l-approċċ sempliċi se jkollhom obbligi tal-kapital xi ftit imnaqqsa; istituzzjonijiet ta' kreditu akbar li jkunu attivi internazzjonalment li jadottaw l-approċċ aktar avvanzat se jkollhom obbligi tal-kapital li jkunu sostanzjalment l-istess bħal dawk ta' qabel; istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-UE li huma iżgħar imma speċjalizzati u sofistikati li jadottaw l-approċċ avvanzat jista' jkollhom obbligi tal-kapital sostanzjalment iżgħar minn dawk li għandhom illum. Huwa importanti li s-sors prinċipali tat-tnaqqis fl-obbligi tal-kapital huwa l-portfoljo tar-'*retail*', li jikkonsisti l-aktar f'self lil Impriżi ta' daqs Żgħir u Medju (SMEs) taħt EUR 1 miljun u self għad-djar residenzjali. L-obbligu ta' kapital il-ġdid għal riskju operattiv huwa s-sors prinċipali ta' kumpens għal dan it-tnaqqis fl-obbligi tal-kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Minbarra dan, fuq talba tal-Kunsill Ewropew ta' Barċellona, il-Kummissjoni kkummissjonat studju dwar il-konsegwenzi tal-proposta ta' l-abbozz dwar obbligi ġodda ta' kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' l-investiment fl-UE[3]. Ir-rapport finali, ippreparat minn Pricewater houseCoopers, huwa pożittiv dwar l-impatt (b'żewġ oqsma biss ta' kritika – ditti ta' l-investiment u kapital tar-riskju (*venture capital*) – li t-tnejn li huma ġew indirizzati fil-proposti tal-Kummissjoni).[4]Il-konklużjonijiet prinċipali huma li l-qafas il-ġdid ta' l-obbligi tal-kapital għandu jkun pożittiv għall-UE, u għar-regolazzjoni prudenzjali fl-UE. L-obbligi tal-kapital ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-UE għandhom jonqsu bi ± 5% (€ 90 biljun) u dan ifisser żieda fil-profitti għal kull sena ta' ± € 10-12 biljun. M'hemm l-ebda żvantaġġ għal istituzzjonijiet ta' kreditu iżgħar u l-ebda indikazzjoni li r-reġim il-ġdid se jisforza *mergers* jew konsolidazzjoni. Id-deċiżjoni li jkunu koperti l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha fid-direttiva m'hux se jpoġġi lill-istituzzjonijiet ta' l-UE fi żvantaġġ kompetittiv, u d-deċiżjoni ta' l-Istati Uniti li tapplika approċċi avvanzati għal xi 20 istituzzjoni ta' kreditu kbira biss, lanqas m'hi fattur kompetittiv sinifikanti. L-ispejjeż ta' l-implimentazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-UE m'humiex dovuti biss għal Basel II u ħafna minn dawn l-investimenti (forsi sa 80%) kienu jseħħu xorta, għalkemm forsi fuq perjodu itwal. Huwa importanti li mhux se jkun hemm impatt negattiv fuq id-disponibilità u l-prezz tal-finanzjament għall-SMEs fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri ta' l-UE (l-effetti tal-'pro-ċiklikalità' huma anqas – u anqas ta' ħsara – mir-regoli preżenti). Il-biżgħat ta' l-SME huwa minħabba li m'għandhomx biżżejjed informazzjoni u ma fehmux biżżejjed xi jgħid Basel II. L-effetti makroekonomiċi ta' Basel II dwar l-ekonomija ta' l-UE huma żgħar - jista' jkun hemm xokk pożittiv fuq in-naħa tal-provvista għall-ekonomija li jnaqqas il-prezz tal-kapital għad-ditti u jiġġenera żieda ta' 0.07% fil-GDP ta' l-UE. B'mod ġenerali, il-qafas il-ġdid tal-kapital se jnaqqas il-vulnerabilità tas-sistema tal-banek permezz ta' għarfien akbar tar-riskju, ġestjoni mtejba tar-riskju, u allokazzjoni aktar effiċjenti tal-kapital għandu jkollha konsegwenzi pożittiv fit-tul għall-ekonomija ta' l-UE.

---

3 ĠU S167 tad-29/08/2002,

4 Disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni - http://europa.eu.int/comm/internal_market/regcapital/index_en.htm

3. BAŻI LEGALI

Il-proposti huma bbażati fuq l-Artikolu 47(2) tat-Trattat, li huwa l-bażi legali biex ikunu adottati miżuri tal-Komunità mmirati biex jiksbu Suq Intern fis-servizzi finanzjarji. L-istrument magħżul huwa Direttiva bħala l-mod l-aktar xieraq biex jinkisbu l-għanijiet u hija temenda direttivi eżistenti li jkopru l-istess oqsma tekniċi. Id-dispożizzjonijiet tagħha ma jmorrux lilhinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha.

4. KUMMENTI DWAR L-ARTIKOLI

Il-proposti japplikaw it-'teknika tar-riformulazzjoni' (Ftehim Interistituzzjonali 2002/C 77/01) li tippermetti emendi sostantivi għal-leġiżlazzjoni eżistenti mingħajr direttiva awtonoma ta' emenda. Dan inaqqas il-kumplessità u jagħmel il-leġiżlazzjoni ta' l-UE aktar aċċettabbli u komprensibbli.

Emendi ta' natura mhux sostantiva huma magħmula għal bosta dispożizzjonijiet sabiex tittejjeb l-istruttura, il-formulazzjoni u l-leġibbiltà tad-direttivi.

A DIRETTIVA 2000/12/KE

Artikolu 4: Definizzjonijiet

L-Artikolu 4 fih ċerti definizzjonijiet ġodda dwar kunċetti essenzjali sabiex jiċċara t-tifsira tagħhom u jikkontribwixxi biex dawn jinftiehmu aħjar.

Artikolu 22:

Il-kliem eżistenti ġie emendat sabiex jiċċara u jiżviluppa l-obbligu għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom sistemi interni effettivi ta' ġestjoni tar-riskju. Minħabba d-diversità ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu koperti, dawn l-obbligi se jkollhom ikunu ssodisfati fuq bażi proporzjonata. Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Anness V.

Artikoli 56-67:

Sar numru żgħir ta' emendi. Għalkemm m'hux maħsub li d-definizzjoni ta' 'fondi proprji' tkun riveduta, bħala riżultat ta' l-approċċ modifikat għat-telf mistenni fil-Kumitat ta' Basel ('deċiżjoni ta' Madrid'), xi emendi limitati huma neċessarji.

Artikoli 68-75:

Istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom fondi proprji adegwati fuq bażi kontinwa u jiddikjaraw il-livell minimu ta' dawk il-fondi proprji. Id-dispożizzjonijiet jispeċifikaw kif l-obbligi għandhom ikunu ssodisfati jekk l-istituzzjoni tal-kreditu tkun parti minn grupp (l-għażla eżistenti għall-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li jwarrbu ċerti obbligi nżammet imma b'aktar preċiżjoni). L-ikkalkular ta' l-obbligi ġie ċċarat fid-dawl ta' l-introduzzjoni tar-Regolament (KE) nru 1606/2002 dwar l-istandards internazzjonali tal-kontabilità.

Artikoli 76-101:

Dawn id-dispożizzjonijiet jieħdu post l-obbligi eżistenti tal-proporzjon tas-solvibilità (*solvency ratio*) għar-riskju tal-kreditu u jintroduċu żewġ metodi sabiex jiġu kkalkulati l-ammonti ta' l-iskopertura bil-piż differenzjat skond ir-riskju.

Il-Metodu Standardizzat (Art. 78-83) huwa bbażat fuq il-qafas eżistenti, bil-piżijiet tar-riskju ddeterminati mill-allokazzjoni ta' l-assi u l-elementi ta' barra l-karta tal-bilanċ għal numru ta' klassijiet ta' riskju. Is-sensittività għar-riskju ġiet miżjuda bin-numru ta' klassijiet ta' skopertura u klassijiet ta' riskju (Art. 79). Hemm piżijiet iżgħar tar-riskju għal elementi *retail* li ma jikkonċernawx self fuq proprjetà immobiljari u għal dawk li jikkonċernaw self fuq proprjetà immobiljari residenzjali. Ġie introdott piż tar-riskju ta' 150% għal assi li jkunu għaddew 90 jum minn meta jkunu dovuti (100% għal self fuq proprjetà immobiljari residenzjali). L-użu ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu sabiex ikunu assenjati l-piżijiet differenzjati tar-riskji fejn dawn ikunu disponibbli ('klassifikazzjonijiet esterni') huwa permess (Art 81-83). Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Anness VI.

Il-Metodu Bbażat fuq il-Klassfikazzjonijiet Interni (IRB) (Art 84-89), jippermetti li istituzzjonijiet jużaw l-estimi tagħhom stess tal-parametri tar-riskju li jkunu jappartjenu għall-iskoperturi differenti tagħhom għar-riskju tal-kreditu. Dawn il-parametri jridu jiddaħħlu f'kalkolu preskritt u mfassal biex jipprovdi korrettezza sa livell ta' kunfidenza ta' 99.9%. Il-metodu 'Fondazzjoni' jippermetti li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jużaw l-estimi tagħhom stess ta' probabbiltà ta' inadempjenza, filwaqt li jużaw valuri regolatorji preskritti għall-komponenti oħra tar-riskju. Skond il-metodu 'Avvanzat', l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jużaw l-istimi tagħhom stess għal telf jekk ikun hemm inadempjenza u l-iskopertura tagħhom f'każ ta' inadempjenza. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jaqsmu flimkien id-*data* li jkollhom fl-istima tal-valuri tal-parametri tar-riskju. Dan jippermetti li istituzzjonijiet iżgħar ta' kreditu japplikaw metodu aktar sensittiv għar-riskju biex jikkalkulaw l-obbligi tal-kapital.

Ir-regoli proposti tar-'*roll-out*' (Art. 85) għall-metodu IRB jipprovdu flessibilità għall-istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex dawn iċaqilqu linji ta' negozju u klassijiet ta' skopertura differenti għall-metodu tal-Fondazzjoni jew ta' l-IRB Avvanzata fi żmien raġonevoli. Użu 'parzjali' huwa permess għal klassijiet ta' skopertura u linji ta' negozju ta' ftit konsegwenza (l-obbligi ta' kapital jistgħu jkunu kkalkulati skond il-Metodu Standardizzat anki jekk istituzzjoni ta' kreditu tkun tuża l-Metodu IRB għal klassijiet oħra ta' skopertura). Il-qafas ta' l-UE propost jirrikonoxxi li, għal istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar, l-obbligu li tkun żviluppata sistema ta' klassifikazzjoni għal ċerti kontropartijiet huwa potenzjalment oneruża ħafna. Huwa propost l-użu parzjali permanenti ta' dawn il-klassijiet ta' skopertura anki f'każijiet fejn l-iskoperturi ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu għal kontropartijiet bħal dawn tkun waħda relevanti (Art. 89).

Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti għall-metodu IRB jinsabu fl-Anness VI.

Artikoli 90-93:

Ir-regoli jidentifikaw kwistjonijiet komuni għal tekniki ta' mitigazzjoni u jitrattaw ir-riskji sottostanti komuni jew effetti ekonomiċi b'mod konsistenti. Dawn jinkludu r-rikonoxximent ta' firxa aktar wiesgħa ta' dawk li jipprovdu l-garanziji u d-derivattivi tal-garanziji/kreditu milli fil-preżent. Il-Metodu tal-Fondazzjoni IRB jagħti livell prudenzjalment xieraq ta' rikonoxximent għal riċevibbli finanzjarji u garanziji fiżiċi. Metodoloġiji alternattivi huma disponibbli sabiex istituzzjonijiet ta' kreditu jagħżlu bejn metodi ta' livelli differenti ta' kumplessità (Metodu Sempliċi – ibbażat fuq metodu li faċli biex tużah ta' 'sostituzzjoni ta' piż differenzjat għar-riskju'; jew Metodu Komprensiv – li jinvolvi l-applikazzjoni ta'

aġġustamenti ta' volatilità għall-valur tal-garanziji riċevuti). Sabiex ikunu kkalkulati l-aġġustamenti ta' volatilità qed jitpoġġew għad-dispożizzjoni metodi aktar jew anqas kumplessi (metodu sempliċi ta' 'Superviżjoni' fejn l-ammonti ta' l-aġġustamenti tal-benċmark ta' volatilità huma ppreżentati f'tabella; jew metodu ta' 'Stimi Proprji' aktar senstittiv għar-riskju). Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Anness VIII.

Artikoli 94-101:

Dawn l-artikoli jintroduċu għall-ewwel darba sett armonizzat ta' regoli għall-obbligi tal-kapital għall-attivitajiet ta' titolizzazzjoni u investiment. Dan jipprovdi qafas ta' obbligi kapitali konsiderevolment imtejjeb – u jippermetti li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jieħdu vantaġġ ta' l-iffinanzjar, il-ġestjoni tal-karta tal-bilanċ u l-vantaġġi l-oħra li tranżazzjonijiet bħal dawn jistgħu jagħtu. Dan ma jħallix li t-titolizzazzjoni tidher bħala strument ta' arbitraġġ kapitali daqs kemm kieku jkun il-każ. Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Anness IX.

Artikoli 102-105:

Dawn id-dispożizzjonijiet jintroduċu obbligi sabiex ikun iffaċċjat ir-riskju li jkollhom quddiemhom l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Huma disponibbli tliet metolożiji differenti. Metodu sempliċi (Art. 103) bbażat fuq indikatur wieħed ta' dħul (Metodu ta' l-Indikatur Bażiku - BIA). Dan il-metodu jipprovdi protezzjoni ta' kapital kontra riskji operattivi, mingħajr ma jitlob li istituzzjonijiet ta' kreditu jiżviluppaw sistemi informatiċi dwar l-iskopertura tagħhom għar-riskju li jkunu sofistikati u li jiswew ħafna flus. Metodu aktar preċiż ibbażat fuq il-linji tan-negozju (Metodu Standardizzat – STA) (Art. 104) huwa aktar sensittiv għar-riskju għaliex l-obbligi tal-kapital għar-riskju operattiv huma differenzjati sabiex jirriflettu r-riskji relattivi tal-linji ta' negozju differenti. Dan il-metodu probabbli jkun attraenti għal numru kbir ta' istituzzjonijiet ta' kreditu iżgħar/inqas kumplessi. Metodoloġiji aktar sofistikati (Metodi ta' Kejl Avvanzat – AMAs) (Art. 105) jiġġeneraw il-miżuri tagħhom ta' riskju operattiv, suġġetti għal standards ta' ġestjoni tar-riskju aktar eżiġenti. Huwa mistenni li l-metodi AMA jiġu gradwalment adottati l-aktar minn istituzzjonijiet ta' kreditu attivi internazzjonalment u istituzzjonijiet ta' kreditu speċjalizzati iżgħar li adottaw sistemi avvanzati ta' monitoraġġ tar-riskju għall-attivitajiet prinċipali tagħhom. Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Anness X.

Artikoli 106-119:

Numru żgħir ta' emendi jġibu konsistenza bejn l-obbligi tal-kapital u r-regoli ta' l-iskoperturi l-kbar, b'mod partikolari sabiex jirriflettu r-rikonoxximent akbar tal-metodi ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

Artikolu 123-124:

Dawn l-Artikoli jirriflettu t-tieni 'pilastru' tal-ftehim kapitali tal-Kumitat ta' Basel. L-Art. 51A jobbliga lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom proċessi interni sabiex ikejlu u jamministraw ir-riskju tagħhom u l-ammont ta' kapital 'intern' li huma stess iqisu bħala biżżejjed biex ikopru dawk ir-riskji. L-awtoritajiet kompetenti huma obbligati (Art. 124) li jissorveljaw il-konformità ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma' numru ta' obbligi legali għall-kontroll ta' l-organizzazzjoni u r-riskju, u li jevalwaw ir-riskji meħuda mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Din l-istima tiġi użata minn dawk li jwettqu s-superviżjoni sabiex jiddeterminaw jekk hemmx xi dgħufija fil-kontrolli u l-kapital miżmum. Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Anness XIII.

Artikoli 125-143:

In-negozju li jaqsam il-fruntieri fi ħdan l-UE qed jiżdied u hemm tendenza favur ċentralizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju fi ħdan gruppi li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed. Dan jitlob koordinazzjoni u kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni fl-UE. Ir-rwol eżistenti u stabbilit tajjeb ta' sorveljatur ta' konsolidazzjoni għalhekk ġie żviluppat aktar. Taħt l-Art. 136 is-sorveljaturi se jkunu pprovduti b'firxa minima armonizzata ta' poteri sabiex jobbligaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jindirizzaw kwalunkwe inadegwatezzi fl-obbligi tad-Direttiva.

Artikolu 144:

Jeżisti sett minimu ta' obbligi ta' żvelar għall-awtoritajiet ta' l-Istati Membri sabiex itejbu l-konverġenza ta' l-implimentazzjoni u jintroduċu t-trasparenza.

Artikoli 145-149:

Dawn id-dispożizzjonijiet jirriflettu t-tielet 'pilastru' tal-ftehim kapitali l-ġdid tal-Kumitat ta' Basel. L-iżvelar ta' l-informazzjoni mill-istituzzjonijiet ta' kreditu lill-parteċipanti tas-suq jikkontribbwixxi għall-korrettezza u stabbilità akbar, iżomm kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd u jirrispetta s-sensittività ta' ċerta informazzjoni. L-Art. 147 jitlob żvelar għallinqas fuq bażi annwali għall-biċċa l-kbira ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu – jista' jkun neċessarju żvelar aktar frekwenti fid-dawl ta' kriterji speċifiċi. Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Anness XII.

Artikolu 150:

Id-Direttiva jenħtiġilha żżomm il-pass ma' l-iżviluppi tas-suq. Il-grad neċessarju ta' flessibilità huwa pprovdut billi ssir distinzjoni bejn ir-regoli bażiċi u dawk tekniċi (partikolarment fl-annessi tad-direttiva) li jista' jkollhom bżonn adattamenti fi żmien qasir jew ta' tul medju. Art. 150 iżid oqsma tekniċi oħra ma' dawk fid-Direttiva 2000/12/KE (introdotta fl-1989) u jipproponi li l-Annessi tekniċi ġodda jkunu jistgħu jiġu modifikati skond l-istess proċedura mgħaġġla.

B. ID-DIRETTIVA 93/6/KEE DWAR L-ADEGWATEZZA TA' KAPITAL TAD-DITTI TA' L-INVESTIMENT U TA' L-ISTITUZJONIJIET TA' KREDITU

Artikolu 2: Firxa

L-Artikolu 2 jispeċifika kif l-obbligi japplikaw għal ditti individwali ta' l-investiment, gruppi ta' ditti ta' l-investiment, u gruppi mħallta.

Artikolu 3: Definizzjonijiet

Hemm ċerti definizzjonijiet ġodda u emendati dwar kunċetti essenzjali sabiex jiċċaraw it-tifsira tagħhom u jgħinu biex dawn jinftiehmu aħjar.

Artikolu 11: Trattament tal-kapital tar-reġistru tan-negozju

Hemm definizzjoni mtejba ta' 'reġistru tan-negozju' sabiex tiżdied iċ-ċertezza dwar l-obbligi tal-kapital li japplikaw u jitnaqqas l-arbitraġġ possibbli bejn il-'ktieb bankarju' / 'reġistru tan-negozju'. Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Anness VII.

Artikoli 18 u 20:

L-Artikolu 18 jippreskrivi, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' l-investiment, l-obbligi kapitali minimi għar-riskju tas-suq. It-trattament tal-pożizzjonijiet f'intrapriżi ta' investiment kollettiv u derivattivi tal-kreditu u numru ta' modifikazzjonijiet oħra għal sensittività akbar għar-risjku huma ġodda. Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Annessi I sa VII. L-Artikolu 20 jestendi r-regoli dwar l-obbligi tal-kapital għar-riskju tal-kreditu u r-riskju operattiv fid-Direttiva 2000/12 għal ditti ta' l-investiment, kif inhu l-każ illum. Elementi ġodda ta' riskju tal-kreditu jinkludu d-dispożizzjoni ta' trattament għal derivattivi tal-kreditu u kejl emendat ta' l-iskopertura għal tranżazzjonijiet ta' xiri lura u tranżazzjonijiet ta' ffinanzjar ta' titoli/prodotti. Għar-riskju operattiv hemm modifikazzjonijiet sinifikanti biex jitqiesu l-karatteristiċi prinċipali tas-settur tad-ditti ta' l-investiment, b'għażla li jitkompla l-'Obbligu Bbażat fuq in-Nefqa' għal ditti ta' l-investiment li jaqgħu fil-kategoriji ta' riskju baxx u medju sa għoli.

Artikolu 28: Skoperturi kbar

Is-sitwazzjoni kurrenti tkompli fejn istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' l-investiment huma suġġetti għall-istess regoli, suġġett għal modifikazzjonijiet għal skoperturi kbar għal tranżazzjonijiet tar-reġistru tan-negozju. Element ġdid huwa miżura emendata ta' skopertura għal tranżazzjonijiet ta' xiri lura u tranżazzjonijiet ta' ffinanzjar ta' titoli/prodotti. Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Anness VI.

Artikolu 33: Ivvalutar ta' pożizzjonijiet għar-rapurtaġġ

Obbligi mkabbra għall-ivvalutar tal-pożizzjonijiet tar-reġistru tan-negozju huma preskritti għal korrettezza prudenzjali fil-kuntest ta' regoli mfassla għal pożizzjonijiet tar-reġistru tan-negozju li għandhom jiġu vvalutati kuljum. Id-dispożizzjonijiet tekniċi relevanti jinsabu fl-Anness VII.

Artikolu 22: Obbligi kkonsolidati

L-għażla eżistenti għall-awtoritajiet kompetenti biex iwarrbu l-applikazzjoni ta' l-obbligi kkonsolidati għal gruppi li jikkonsistu f'ditti ta' l-investiment ikompli suġġett għal kundizzjonijiet prudenzjalment aktar korretti.

Artikolu 34: Ġestjoni tar-riskju u vvalutar tal-kapital

Artikolu 34 jinkorpora fih l-obbligu għall-istituzzjonijiet ta' kreditu (Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/12), sabiex ditti ta' l-investiment ikollhom sistemi interni ta' ġestjoni tar-riskju effettivi. Minħabba d-diversità ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu koperti, dawn l-obbligi se jkollhom ikunu ssodisfati fuq bażi proporzjonali. Huwa japplika wkoll l-obbligu fl-Artikolu 51A tad-Direttiva 2000/12 li ditti ta' l-investiment ikollhom proċessi interni sabiex ikejlu u jamministraw ir-riskju li għalih ikunu esposti u l-ammont ta' kapital (kapital 'intern') li huma jqisu bħala adegwat biex ikopru dawk ir-riskji. Dan iżid ma' l-obbligi eżistenti ta' ġestjoni tar-riskju għal ditti ta' l-investiment fid-Direttiva 2004/39/KE.

Artikolu 37: Superviżjoni

Dan l-Artikolu japplika r-regoli fid-Direttiva 2000/12 *mutatis mutandis* għal ditti ta' l-investiment.

Artikolu 42

F'dak li jirrigwarda d-Direttiva 2000/12, Id-Direttiva 93/6 jenħtiġilha żżomm il-pass ma' l-iżviluppi tas-suq. Il-grad neċessarju ta' flessibilità huwa pprovdut billi ssir distinzjoni bejn ir-regoli bażiċi u dawk tekniċi (partikolarment fl-annessi) li jista' jkollhom bżonn adattamenti fi żmien qasir jew ta' tul medju. L-Annessi tekniċi għandhom ikunu jistgħu jiġu mmodifikati wara proċedura qasira. Sabiex ikunu riflessi żviluppi importanti oħra li huma mistennija fil-prattika regolatorja fis-snin li ġejjin, hija inkluża klawżola ta' reviżjoni għat-trattament tar-riskju tal-kontroparti.

↓2000/12/KE

2004/0155 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (riformulat)

⇩ġdid

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

↓2000/12/KE (adattat)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tielet sentenzi ta' Artikolu 47 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[5],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[6],

Billi:

↓2000/12/KE Premessa 1 (adattata)

(1) ~~Id-Direttiva tal-Kunsill 73/183/KEE tat-28 ta' Ġunju 1973 dwar l-abolizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jkunu pprovduti servizzi fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' self-employed ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra[7], l-ewwel Direttiva tal-Kunsill (77/780/KEE) tat-12 ta' Diċembru 1977 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu[8], id-Direttiva tal-Kunsill 89/299/KEE tas-17 ta'April 1989 dwar il-fondi ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu[9], it-tieni Direttiva tal-Kunsill 89/646/KEE tal-15 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-bidu~~

5 ĠU C ~~157, 25.5.1998, p. 13~~ ⌦ […] ⌫ .

6 L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta'~~t-18 ta' Jannar 2000 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)~~ ⌦ […] ⌫ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta~~t 13 ta' Marzu 2000 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)~~ ⌦ […] ⌫ .

7 ~~ĠU L 126 tas-26.6.2000, p.1 kif l-aħħar emendat mill-Att ta' Adeżjoni 2003~~

8 ~~ĠU L 126 tas-26.5.2000, p.1 kif l-aħħar emendat mill-Att ta' Adeżjoni 2003~~

9 ~~ĠU L 126 tas-26.5.2000, p.1 kif l-aħħar emendat mill-Att ta' Adeżjoni 2003~~

~~u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu[10], id-Direttiva tal-Kunsill 89/647/KEE tat-18 ta' Diċembru 1989 dwar ir-rata ta' likwidità Għall-istituzzjoni ta' kreditu[11], id-Direttiva tal-Kunsill 92/30/KEE tas-6 ta'April 1992 dwar is-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fuq il-bażi ta' konsolidazzjoni[12], u d-Direttiva tal-Kunsill 92/121/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 dwar is-sorveljanza u l-kontroll ta' l-istituzzjoni ta' kreditu[13] b'riskji kbar kienu ta' spiss u sostanzjalment emendati. Għal raġunijiet ta' kjarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttivi għalhekk, għandhom ikunu kkodifikati u miġbura f'test wieħed.~~ ⌦Id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 rigward il-bidu u l-eżerċizzju ta' negozju ta' l-istituzjoni ta' kreditu[14] ġiet emendata b'mod sostanzjali diversi drabi. Peress li għandhom isiru aktar emendi, għandha tkun immodellata mill-ġdid fl-interess ta' kjarezza. ⌫

↓2000/12/KE Premessa 2 (adattata)

~~Bis-saħħa tat-Trattat, xi trattament diskriminatorju f'dak li għandu x'jaqsam ma stabbelimenti u għal provvista ta' servizzi, ibbażati jew fuq in-nazzjonalita jew fuq il-fatt li l-intrapriża ma tkunx stabbilita fl-Istat Membru fejn ikunu ipprovduti s-servizzi, hija ipprojbita.~~

↓2000/12/KE Premessa 3

(2) Sabiex ikun aktar faċli li jinbeda u jkun eżerċitat in-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, huwa meħtieġ li jkunu eliminati d-differenzi li l-aktar joħolqu ostakoli bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-liġijiet li għalihom dawn l-istituzzjoni huma suġġetti.

↓2000/12/KE Premessa 4 (adattata)

(3) Din id-Direttiva tikkostitwixxi l-istrument essenzjali għall-ħolqien tas-suq intern~~, pass iddeterminat mill-Att Singolu Ewropew u mniżżel fil-forma ta' skeda ta' żmien mill-White Paper tal-Kummissjoni,~~ f'dak li jirrigwarda kemm il-libertà ta' stabbiliment u wkoll il-libertà li jkunu pprovduti servizzi finanzjarji, fil-qasam ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

↓2000/12/KE Premessa 5 (adattata)

(4) Miżuri biex ikunu kkoordinati l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom, kemm sabiex jipproteġu t-tfaddil u wkoll biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni bejn dawn l-istituzzjonijiet, japplikaw għalihom kollha. Attenzjoni xierqa għandha ⌦ madankollu ⌫ tingħata~~, fejn xieraq,~~ għad-differenzi oġġettivi fl-istatuti tagħhom u għall-għanijiet xierqa kif stabbiliti bil-liġijiet nazzjonali.

10 ~~ĠU L 126 tas-26.5.2000, p.1 kif l-aħħar emendat mill-Att ta' Adeżjoni 2003~~
11 ~~ĠU L 126 tas-26.5.2000, p.1 kif l-aħħar emendat mill-Att ta' Adeżjoni 2003~~
12 ~~ĠU L 126 tas-26.5.2000, p.1 kif l-aħħar emendat mill-Att ta' Adeżjoni 2003~~
13 ~~ĠU L 126 tas-26.5.2000, p.1 kif l-aħħar emendat mill-Att ta' Adeżjoni 2003~~
14 ĠU L Nru 126, 26.5.2000, p.1, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/xx/KE (ĠU L, […])

↓2000/12/KE Premessa 6 (adattata)

(5) L-iskop ta' dawk il-miżuri għandu għalhekk ikun wiesa' kemm jista' jkun, li jkopri l-istituzzjonijiet kollha li x-xogħol tagħhom huwa li jirċievu fondi ripagabbli mill-pubbliku, sew jekk f'għamla ta' depożiti jew f'għamliet oħra bħalma huma l-ħruġ fuq bażi kontinwa ta' bonds u titoli komparabbli u li jagħtu krediti għall-kont tagħhom. Eċċezzjonijiet għandhom ikunu pprovduti fil-każ ta' ċerti istituzjoni ta' kreditu li dwarhom din id-Direttiva ma tistax tkun applikabbli. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx jippreġudikaw l-applikazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li jipprovdu għal awtoriżazzjonijiet supplementari speċjali li jippermettu li l-istituzjonijiet ta' kreditu jwettqu attivitajiet speċifiċi jew li jidħlu għal operazjonijiet ta' tip speċifiku.

↓2000/12/KE Premessa 7 (adattata)

(6) ~~L-approċċ li kien ġie adottat huwa~~ ⌦ Huwa xieraq ⌫ li ⌦ ssir ⌫ ~~tintlaħaq~~ biss l-armonizzazzjoni essenzjali meħtieġa u suffiċjenti biex tassigura r-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjoni u sistemi ta' superviżjoni prudenti, li jagħmlu possibli l-għoti ta' liċenzja unika li tkun rikonoxxuta madwar il-Komunità u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' superviżjoni prudenzjali mill-Istat Membru ta' l-oriġini. Għalhekk, l-obbligu li programm ta' operazzjonijiet għandu jkun prodott u għandu jidher sempliċement bħala fattur li jawtorizza lill-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu fuq il-bażi ta' informazzjoni aktar eżatta bl-użu ta' kriterji objettivi. Miżura ta' flessibilità tista madankollu tkun possibli fir-rigward ta' l-obbligi għall-għamla legali ta' l-istituzjoni ta' kreditu ~~għal-~~⌦ dwar il-⌫protezjoni ta' l-ismijiet bankarji.

⇩ġdid

(7) Ladarba l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta ma jistgħux ikunu suffiċjentement milħuqa mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni proposta, ikunu milħuqa aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva tillimita ruħha għall-minimu neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet u ma tmurx lilhinn minn dak li hu neċessarju għal dak l-għan.

↓2000/12/KE Premessa 8 (adattata)

(8) Obbligi finanzjarji ekwivalenti għall-istituzjonijiet ta' kreditu huma meħtieġa biex ikunu assigurati salvagwardji simili għal dawk li jfaddlu u kundizzjonijiet ġusti ta' kompetizzjoni bejn gruppi kumparabbli ta' istituzjoni ta' kreditu. Sakemm iseħħ aktar koordinament, proporzjonijiet strutturali (*structural ratios*) xierqa għandhom ikunu fformulati li jgħamluha possibli fil-qafas ta' kooperazjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali li josservaw, skond metodi normali, il-pożizzjoni ta' tipi kumparabbli ta' istituzjoni ta' kreditu. Din il-proċċedura għandha tgħin biex twassal għall-approssimazzjoni gradwali tas-sistemi ta' koeffiċjenti stabbiliti u applikati mill-Istati Membri. Huwa

meħtieġ, madankollu, li ssir distinzjoni bejn koeffiċjenti maħsuba biex jassiguraw l-amministrazzjoni soda ta' l-istituzzjoni ta' kreditu u dawk stabbiliti għall-iskopijiet ta' strateġija ekonomika u monetarja.

↓2000/12/KE Premessa 9
(adattata)
⇨ġdid

(9) Il-prinċipji ta' l-għarfien reċiproku u s-superviżjoni mill-Istat Membru ta' l-oriġini jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru m'għandhomx jagħtu jew jirtiraw awtorizzazzjoni meta fatturi bħal ma huwa ⌦ l-⌫kontenut ta' programmi ta' attivitajiet, id-distribuzzjoni ġeografika ⌦ ta' l-attivitajiet ⌫ jew l-attivitajiet attwalment imwettqa, jindikaw ċar li l-istituzjoni ta' kreditu tkun għażlet is-sistema legali ta' Stat Membru partikolari bl-iskop li tevita normi aktar stretti fi Stat Membru ieħor li fit-territorju tiegħu hi twettaq jew ikollha l-ħsieb li twettaq il-parti l-kbira ta' l-attivitajiet tagħha. Istituzjoni ta' kreditu li hija persuna legali għandha tkun awtoriżżata fl-Istat Membru ta' fejn ikollha l-uffiċju rreġistrat tagħha. Istituzzjoni ta' kreditu li mhijiex persuna legali għandu jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-Istat Membru ta' fejn tkun awtorizzata. Minbarra dan, Stati Membri għandhom jobbligaw li l-uffiċju prinċipali ta' l-istituzzjoni ta' kreditu dejjem ikun jinsab fl-Istat Membru tagħha (*home Member State*) u li din attwalment topera hemmhekk.

↓2000/12/KE Premessa 10
(adattata)

(10) L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jawtorizzaw jew ikomplu jawtorizzaw l-istituzzjoni ta' kreditu meta jkun hemm il-possibbiltà li jkunu mfixkla milli effettivament iwettqu l-funzjonijiet ta' superviżjoni tagħhom minħabba rabtiet mill-qrib bejn din l-istituzzjoni u persuni oħra naturali jew legali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu diġà awtorizzati għandhom ukoll jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti f'dan ir-rigward. ~~Id-definizzjoni «rabtiet mill-qrib» f'din id-Direttiva tesiġi l-kriterja minima. Din m'għandiex tfixkel lill-Istati Membri milli japplikaw dwarha sitwazzjonijiet oħra apparti minn dawk maħsuba b'din id-definizzjoni. Il-fatt uniku li jkun akkwistat proporzjon sinifikanti tal-kapital tal-kumpannija ma jikkonstitwix parteċipazzjoni, fil-qofol ta' dak li jfisser «rabtiet mill-qrib», jekk dik l-azjenda tkun ġiet akkwistata biss bħala investiment temporanju li ma jaqħmiliex possibli li teżerċita influwenza fuq l-istruttura jew l-istrateġija finanzjarja ta' l-istituzzjoni.~~

↓2000/12/KE Premessa 11
(adattata)

(11) Ir-referenza għall-eżerċizzju effettiv minn awtoritajiet ta' superviżjoni tal-funzjonijiet tagħhom ta' superviżjoni tkopri superviżjoni fuq bażi kkonsolidata li għandha tkun eżerċitata fuq l-istituzzjoni ta' kreditu meta d-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Komunità hekk jippermettu. F'każi bħal dawn, l-awtoritajiet li lilhom tkun saret l-applikazjoni għal awtoriżazzjoni għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw l-awtoritajiet kompetenti biex jeżerċitaw is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata fuq dik l-istituzzjoni ta' kreditu.

↓2000/12/KE Premessa 12 (adattata)

~~L-Istat Membru tal-lokalità jista' wkoll jistabbilixxi regoli aktar stretti minn dawk esiġiti fl-Artikolu 5(1), l-ewwel paragrafu (2), u l-Artikoli 7, 16, 30, 51 u 65 għall-istituzzjoni awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu.~~

↓2000/12/KE Premessa 13 (adattata)

~~L-abolizzjoni tal-ħtiġiet ta' l-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-friegħi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu tal-Komunità toħloq il-ħtieġa ta' l-abolizzjoni ta' kapital privileġġjat.~~

↓2000/12/KE Premessa 14 (adattata)

(12) ~~Bis-saħħa ta' għarfien reċiproku, ir-reqien mgħażul jippermetti lill-i~~Istituzzjoni ta' kreditu awtorizzati fl-Istati Membri tagħhom ⌦ għandhom jitħallew ⌫ iwettqu, madwar il-Komunità, uħud mill-attivitajiet imniżżla fl-Anness I jew dawn l-attivitajiet kollha billi jistabbilixxu fergħat jew billi jipprovdu servizzi. ~~It-twettiq ta' attivitajiet li mhumiex imniżżla fl-imsemmi l-Anness iġawdu mid-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jkunu pprovduti servizzi permezz tad-disposizzjonijiet ġenerali tat-Trattat.~~

↓2000/12/KE Premessa 15 (adattata)

(13) Huwa xieraq~~, madankollu,~~ li jkun estiż ir-rikonoxximent reċiproku ta' l-attivitajiet imniżżla fl-Anness I meta dawn ikunu mwettqa minn istituzzjonijiet finanzjarji li huma sussidjarji ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, sakemm dawk is-sussidjarji jkunu koperti b'superviżjoni kkonsolidata ta' l-impenji tal-*parent undertakings* tagħhom u jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet stretti.

↓2000/12/KE Premessa 16 (adattata)

(14) L-Istat Membru tal-lokalità (host Member State) ~~jista'~~⌦ għandu jkun jista' ⌫, fir-rigward ta' l-eżerċitu tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, jistabbilixxi obbligu ta' konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġijiet jew tar-regolamenti nazzjonali tiegħu min-naħa ta' l-istituzzjonijiet li ma jkunux awtorizzati bħala istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istati Membri tagħhom (*home Member States*) u fir-rigward ta' l-attivitajiet li mhumiex imniżżla fl-Anness I sakemm, min-naħha waħda, dawn id-dispożizzjonijiet ikunu kumpatibbli mal-liġi tal-Komunità u jkunu maħsuba biex jipproteġu l-ġid ġenerali u li, min-naħa l-oħra, dawk l-istituzzjonijiet jew attivitajiet ma jkunux suġġetti għal regoli ekwivalenti permezz ta' din il-leġiżlazzjoni jew tar-regolamenti fl-Istati Membri tagħhom.

↓2000/12/KE Premessa 17
(adattata)

(15) L-Istati Membri għandhom jassiguraw li ma jkun hemm l-ebda ostakoli għat-twettiq ta' attivitajiet li jirċievu rikonoxximent reċiproku bl-istess manjiera bħal fl-Istat Membru ta' l-oriġini, sakemm dawn ta' l-aħħar ma jkunux f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet legali li jipproteġu l-ġid ġenerali fl-Istat Membru li jospitahom.

↓2000/12/KE Premessa 18
(adattata)

~~Hemm rabta meħtieġa bejn l-objettiv ta' din id-Direttiva u l-liberalizzazzjoni ta' moviment ta' kapital li jkun ikkaġunati minn leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità. Fi kwalunkwe każ il-miżuri rigward il-liberalizzazzjoni ta' servizzi bankarji għandhom ikunu f'armonizzazzjoni mal-miżuri li jilliberalizzaw il-movimenti ta' kapital.~~

↓2000/12/KE Premessa 19
(adattata)

(16) Ir-regoli li jirregolaw fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom barra mill-Komunità għandhom ikunu analogi fl-Istati Membri kollha. Huwa importanti ~~f'dan iż-żmien preżenti~~ li jkun stipulat li regoli bħal dawn ma jistgħux ikunu aktar favorevoli minn dawk għal fergħat ta' istituzzjonijiet minn Stat Membru ieħor. ~~Għandu jkun speċifikat li l~~Il-Komunità ⌦ għandha tkun ⌫ tista' tikkonkludi ftehim ma pajjiżi terzi li jistipulaw l-applikazzjoni ta' regoli li jagħtu lil dawn il-fergħat l-istess trattament fit-territorju tagħha kollu~~, . akkont jittieħed tal-prinċipju ta' reċiproċità~~. Il-fergħat ta' l-istituzzjonijiet awtorizzati f'pajjiżi terzi m'⌦ għandhomx ⌫ igawdu~~x~~ l-libertà li jipprovdu servizzi taħt it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 49 tat-Trattat jew il-libertà ta' stabbiliment fi Stati Membri apparti minn dawk li fihom ikunu stabbiliti. ~~Madankollu, talbiet għall-awtorizzazzjoni ta' sussidjarji jew għall-akkwist ta' propjetà magħmula minn intrapriżi irregolati mill-liġijiet ta' pajjiżi terzi huma suġġetti għal proċedura intenzjonata li tassigura li l-istituzzjoni ta' kreditu tal-Komunità jirċievu trattament reċiproku fil-pajjiżi terzi f'dak il-każ.~~

↓2000/12/KE Premessa 20
(adattata)

~~L-awtorizzazzjonijiet mogħtija lill-istituzzjoni ta' kreditu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bis-saħħa ta' din id-Direttiva jkollhom effett ta' applikazzjoni mal-Komunità kollha, u mhux sempliċement matul dak in-nazzjon. Klawsoli eżistenti ta' reċiproċità għalhekk m'għandhom l-ebda effett. Hija għalhekk meħtieġa proċedura flessibli biex ikun possibli li tkun assessjata r-reċiproċità fuq bażi tal-Komunità. L-għan ta' din il-proċedura mhux li jingħalqu s-swieq finanzjarji tal-Komunità imma aktarx, minħabba li l-Komunità għandha l-intenzjoni li żżomm is-swieq finanzjarji tagħha miftuħa għal kumplament tad-dinja, li ttejjeb il-liberaliżazzjoni tas-swieq finanzjarji globali f'pajjiżi terzi. Għal dak il-għan, din id-Direttiva tipprovdi għal proċeduri għal negozjati ma' pajjiżi terzi u, bħala l-aħħar sforz, għall-possibiltà li jittieħdu miżuri li jinvolvu s-sospenzjoni ta' applikazzjonijiet ġodda għal awtorizzazzjoni jew għal restrizzjoni ta' awtorizzazzjonijiet ġodda.~~

↓2000/12/KE Premessa 21 (adattata)

(17) ~~Huwa mixtieq li~~ Għandu jintlaħaq ftehim, fuq il-bażi tar-reċiproċità, bejn il-Komunità u pajjiżi terzi bil-għan li jkun permess l-eżerċizzju prattiku ta' superviżjoni kkonsolidata fl-akbar żona ġeografika possibbli.

↓2000/12/KE Premessa 22 (adattata)

(18) Ir-responsabbiltà għas-superviżjoni tas-soliditá finanzjarja ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, u partikolarment tas-solvibilità tagħha, ~~taqa' fuq~~ ⌦ għandha tkun ⌫ ~~l-awtoritajiet kompetenti~~ ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti ~~jibqgħalhom ir-responsabbilità~~ ⌦ għandhom ikunu responsabbli ⌫ għas-superviżjoni tas-solvibilità ⌦ tal-fergħat ⌫ u ta' l-istrateġija~~i~~ monetarji. Is-superviżjoni tar-riskju tas-suq għandha tkun is-suġġett ta' kooperazjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini u dak li jospita.

↓2000/12/KE Premessi 23 u 24 adattati)
⇨ġdid

(19) L-operat mingħajr xkiel tas-suq bankarju intern jeħtieġ mhux biss regoli legali imma wkoll kooperazzjoni mill-qrib u regolari ⇨ u konverġenza konsiderevolment akbar tal-prattiki regolatorji u ta' superviżjoni ⇦ bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Għal ⌦ dan l-għan, b'mod partikolari, ⌫ konsiderazzjoni ta' problemi li jikkonċernaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu individwali ⇨ u l-iskambju reċiproku ta' l-informazzjoni għandu jseħħ fil- ⇦ ~~l-groupe de contact (grupp ta' kuntatt)~~ ⇨ Kumitat Ewropew tas-Superviżjoni Bankarja ⇦ stabbilit ⇨ bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/5/KE[15] ⇦~~bejn l-awtoritajiet ta' superviżjoni bankarja jibqa jkun il-forum l-aktar xieraq. Dak il-grupp huwa l-korp xieraq għal skambju reċiproku ta' informazzjoni li hemm disposizzjoni dwarha fl-Artikolu 28.~~ Dik il-proċedura għal informazzjoni reċiproka m'għandhiex fi kwalunkwe każ tieħu post il-~~kollaborazzjoni~~ ⌦ kooperazzjoni ⌫ bilaterali ~~stabbilita bl-Artikolu 28. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-lokalità jistgħu, m~~Bla ħsara għall-poteri tagħhom ta' kontroll xieraq, ⌦ l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jospitaw għandhom ikunu jistgħu ⌫ ~~jkomplu jew,~~ f'emerġenza, fuq l-inizjattiva tagħhom stess jew wara l-inizjattiva ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini, jivverifikaw li l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fit-territorji tagħhom ikunu konformi mal-liġijiet relevanti u mal-prinċipji ta' amministrazzjoni soda u proċeduri ta' kontabilità u kontrolli interni xierqa.

[15] ĠU L 3, 7.1.2004, p. 28

↓2000/12/KE Premessa 25 (adattata)

(20) Huwa xireaq li jkun permess l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet jew korpi li, bis-saħħa tal-funzjoni tagħhom, jgħinu sabiex tissaħħaħ l-istabilità tas-sistema finanzjarja. Sabiex tiġi ppreservata n-natura kunfidenzjali ta' l-informazzjoni mgħoddija, il-lista ta' destinatarji għandha tibqa' f'limiti stretti.

↓2000/12/KE Premessi 26 u 27 adattati)

(21) Ċerta mġiba, bħal ma huma reati ta' frodi u reati ta' abbuż minn informazzjoni interna, aktarx li taffettwa l-istabilità, inkluża l-integrità, tas-sistema finanzjarja, anki meta tinvolvi istituzzjonijiet oħra minbarra dawk finanazjarji. Huwa meħtieġ li jkunu speċifikati l-kundizzjonijiet li bihom ~~dan~~ l-iskambju ta' informazzjoni ⌦ f'dawn il-każijiet ⌫ ikun awtorizzat.

↓2000/12/KE Premessa 28 (adattata)

(22) Meta jkun stipulat li l-informazjoni tista' tkun żvelata biss bil-kunsens espress ta' l-awtoritajiet kompetenti, dawn ⌦ għandhom ikunu ⌫ jistgħu, fejn xieraq, jistipulaw li l-kunsens tagħhom ikun suġġett għal konformità ma kundizzjonijiet stretti.

↓2000/12/KE Premessa 29

(23) Skambju ta' informazzjoni bejn, min-naħa waħda, l-awtoritajiet kompetenti u, min-naħa l-oħra, banek ċentrali u korpi oħra b'funzjoni simili fil-kapaċità tagħhom ta' awtoritajiet monetarji u, fejn xieraq, awtoritajiet pubbliċi oħra responsabbli għal superviżjoni ta' sistemi ta' pagament, għandha wkoll tkun awtorizzata.

↓2000/12/KE Premessa 30 (adattata)

(24) Sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni prudenzjali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-protezzjoni tal-klijenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, l- ~~għandu jkun stipulat li~~ awdituri għandu jkollhom id-dover li jirrapurtaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti, ikunu fejn ikunu, ~~dispożizzjoni għalih f'din id-Direttiva, hu~~ ⌦ jekk waqt il-qadi tad-dmirijiet tagħhom, ⌫ isiru jafu~~, waqt li jwettaq id-doveri tiegħu,~~ b'ċerti fatti li aktarx jista' jkollhom effetti serji fuq is-sitwazzjoni finanzjarja jew l-organizzazzjoni amministrattiva jew tal-kontijiet ta' istituzzjoni ta' kreditu. ~~Filwaqt li jittieħed kont ta' l-għan maħsub, huwa mixtieq li l~~⌦ Għall-istess raġuni ⌫ l-Istati Membri ⌦ għandhom ukoll ⌫ jistipulaw li dak id-dover għandu japplika fiċ-ċirkostanzi kollha fejn fatti bħal dawn ikunu skoperti minn awditur waqt it-twettiq tad-doveri tiegħu f'intrapriża li għandha rabtiet mill-qrib ma' istituzzjoni ta' kreditu. Id-dover ta' awdituri li jinfurmaw, fejn xieraq, lill-awtoritajiet kompetenti b'ċerti fatti u deċiżjonijiet li jikkonċernaw istituzzjoni ta' kreditu li huma jiskopru matul it-twettiq tad-doveri tagħhom f'intrapriża mhux finanzjarja m' ⌦ għandhiex ⌫ minnha

innifisha tbiddel in-natura tad-doveri tagħhom f'dik l-intrapriża u l-anqas il-manjiera li biha huma għandhom iwettqu d-doveri tagħhom f'dik l-intrapriża.

↓2000/12/KE Premessi 31 sa 35 (adattati)

~~Normi bażiċi komuni dwar il-fondi tagħhom stess ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma fattur kruċjali fil-ħolqien ta' suq intern bankarju minħabba li l-fondi tagħhom iservu biex jassiguraw il-kontinwità ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-protezzjoni tat-tfaddil. Armonizzazzjoni bħal din issaħħaħ is-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u tikkontribwixxi għal aktar koordinazzjoni fis-settur bankarju.~~

~~Normi bħal dawn għandhom ikunu applikabbli għall-istituzzjoni ta' kreditu kollha awtorizzati fil-Komunità.~~

~~Il-fondi tagħhom ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jistgħu jservu biex jassorbu telf li ma jkunx imqabbel b'volum suffiċjenti ta' profitti. Il-fondi tagħhom iservu wkoll bħala kejl importanti għall-awtoritajiet kompetenti, partikolarment għal assessjar tal-likwidità ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jew għal skopijiet prudenti oħra.~~

~~L-istituzzjoni ta' kreditu, fis-suq intern bankarju, involuti f'kompetizzjoni diretta ma xulxin, u d-definizzjonijiet u n-normi li jappartieni l-fondi tagħhom għandhom għalhekk ikunu ekwivalenti. Għal dak il-għan, il-kriterja biex tkun iddeterminata l-komposizzjoni tal-fondi tagħhom m'għandhiex tiħalla solament f'idejn l-Istati Membri. L-adozzjoni tan-normi komuni bażiċi tkun fl-aħjar interessi tal-Komunità billi din ma tħallix tgħawwiġ ta' kompetizzjoni u ssaħħaħ is-sistema bankarja tal-Komunità.~~

~~Id-definizzjoni ta' fondi tagħhom esiġita f'din id-Direttiva tipprovdi għal massimu ta' dettalji u ammonti kwalifikanti, li tiħalla fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru li juża dawn kollha jew uħud minn dawn id-dettalji jew li jadotta limiti aktar baxxi għall-ammonti ta' kwalifikazzjoni.~~

↓2000/12/KE Premessa 36 (adattata)

(25) Din id-Direttiva tispeċifika ⌦ li għal ċerti elementi ta' fondi proprji ⌫ l-kriterji kwalifikanti ~~għal ċerti dettalji tal-fondi tagħhom~~ ⌦ għandhom ikunu speċifikati, bla ħsara għall-possibbiltà li⌫ ~~u l-Is~~Stati Membri ~~jibqgħu liberi li~~ japplikaw dispożizzjonijiet aktar stretti.

↓2000/12/KE Premessa 37 (adattata)

~~Fl-istadju inizjali n-normi bażiċi komuni huma definiti f'termini wiesa sabiex jiġbru d-dettalji kollha li flimkien jagħmlu l-fondi tagħhom fl-Istati Membri varji.~~

↓2000/12/KE Premessa 38

(26) Skond in-natura ta' l-elementi li jikkostitwixxu l-fondi proprji, din id-Direttiva tiddisingwi bejn min-naħa waħda, elementi li jikkostitwixxu l-fondi proprji oriġinali u, min-naħa l-oħra, dawk li jikkostitwixxu l-fondi proprji addizzjonali.

↓2000/12/KE Premessa 39 (adattata)

(27) Biex jirrifletti l-fatt li l-elementi li jikkostitwixxu l-fondi proprji addizjonali ma jkunux ta' l-istess natura bħal dawk li jikkostitwixxu l-fondi proprji oriġinali, l-ammont ta' dawk ta' l-ewwel inklużi fil-fondi proprji m'għandux jeċċedi l-fondi proprji oriġinali. Aktar minn hekk, l-ammont ta' ċerti elementi ta' fondi proprji addizzjonali inklużi m'għandux jeċċedi nofs il-fondi proprji oriġinali.

↓2000/12/KE Premessa 39 (adattata)

(28) Sabiex ikun evitat it-tfixkil tal-kompetizzjoni, l-istituzzjonijiet ta' kreditu pubbliċi m'għandhomx jinkludu fil-fondi proprji tagħhom garanziji mogħtija lilhom mill-Istati Membri jew minn awtoritajiet lokali.

↓2000/12/KE Premessa 40 (adattata)

(29) Kull meta waqt li tkun qed issir is-superviżjoni jkun meħtieġ li jkun iddeterminat l-ammont tal-fondi proprji kkonsolidati ta' grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, il-kalkoli għandhom isiru skond din id-Direttiva.

↓2000/12/KE Premessa 41 (adattata)
⇨ġdid

(30) It-teknika preċiża tal-kontabilità li għandha tintuża għall-kalkolu tal-fondi proprji, ~~ir-rata tal-likwidità~~⇨ l-adegwetezza tagħhom għar-riskju li għalih l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu esposti ⇦, u għall-istima tal-konċentrazzjoni ta' skoperturi għandhom iqisu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet ikkonsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanazjarji oħra[16], li tinkorpora ċerti adattamenti tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażati fuq l-Artikolu 44(2)(g) tat-Trattat dwar kontijiet ikkonsolidati ⌦[17]⌫ ⇨ jew tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-istandards internazzjonali tal-kontabilità[18] skond liema minnhom jirregola l-kontabilità ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-liġi nazzjonali ⇦.

[16] ĠU L 372, tal-31.12.1986, p.1.
[17] ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva ⌦ 2003/51/KE (ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16). ⌫
[18] ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

↓2000/12/KE Premessi 42 sa 47 (adattati)

~~Id-disposizzjonijiet dwar il-fondi tagħhom jiffurmaw parti minn sforz internazzjonali aktar wiesa' biex iwassal għal approssimazzjoni tar-regoli eżistenti f'pajjiżi mingħajr rigward l-adekwatezza tal-fondi tagħhom.~~

~~Fis-suq intern bankarju, l-istituzjoni huma meħtieġa li jidħlu f'kompetizjoni diretta ma xulxin u fin-normi komuni ta' likwidità fil-għamla ta' medja minima li ma tħallix tgħawwiġ ta' kompetizjoni w issaħħaħ is-sistema bankarja tal-Komunita.~~

~~Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport u perjodikament teżamina, bil-għan li tissikkhom aktar, id-disposizzjonijiet dwar il-fondi tagħhom u b'hekk tilħaq akbar konverġġenza fuq id-definizzjoni komuni ta' fondi tagħhom. Konverġenza bħal din tippermetti l-allinjament tal-fondi tagħhom ta' l-istituzzjoni tal-Komunità.~~

~~Id-disposizzjonijiet dwar rati ta' likwidità huma' l-frott ta' xogħol imwettaq mill-Kumitat Konsultattiv Bankarju li huwa responsabbli biex jagħmel suġġerimenti lill-Kummissjoni bil-għan li jikkordina l-koeffiċjenti applikabbli fl-Istati Membri.~~

~~L-istabbiliment ta' ir-ratio ta' likwidità xierqa jilgħabu rwol ċentrali fis-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.~~

~~Ratio li tiżen l-assi u d-dettalji l-barra mill-off-balance sheet skond il-grad tar-riskju tal-kreditu hija partikolarment miżura utili ta' likwidità.~~

⇩ġdid

(31) Obbligi tal-kapital minimu għandhom rwol ċentrali fis-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u fir-rikonoxximent reċiproku tal-metodi ta' superviżjoni. F'dak ir-rigward, id-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi tal-kapital minimu għandhom ikunu meqjusa flimkien ma strumenti speċifiċi oħra li wkoll jarmoniżżaw il-metodi fundamentali tas-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(32) Sabiex ikun evitat it-tfixkil tal-kompetizzjoni u sabiex tissaħħaħ is-sistema bankarja fis-suq intern, huwa xieraq li jiġu stabbiliti obbligi komuni tal-kapital minimu.

(33) Għall-fini li tkun żgurata solvibilità adegwata huwa importanti li jiġu stabbiliti obbligi tal-kapital minimu li jagħtu piż lill-assi u lill-elementi ta' barra l-karta tal-bilanċ skond il-grad tar-riskju.

↓2000/12/KE Premessi 48 sa 51 (adattati)

~~L-iżvilupp ta' normi komuni għal fondi tagħhom b'relazzjoni ma' l-assi u dettalji l-barra mill-balance sheet esposti għal riskju tal-kreditu huwa, għalhekk, aspett essenzjali ta' l-armonizzazzjoni meħtieġa għall-kisba ta' rikonoxximent reċiproku ta' tekniki ta' superviżjoni u b'hekk it-twettieq tal-tas-suq intern bankarju.~~

~~F'dak ir-rigward, id-disposizzjonijiet tar-ratio ta' likwidità għandhom ikunu meqjusa flimkien ma' l-istrumenti speċifiċi oħra li wkoll jarmonizzaw it-teknika fundamentali ta' superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.~~

~~Fis-suq intern bankarju, l-istituzzjonijiet huma meħtieġa li jidħlu f'kompetizzjoni diretta ma' xulxin u n-normi komuni ta' likwidità fl-għamla ta' ratio minima jżommu milli jkun hemm tgħawwiġ ta' kompetizzjoni u ssaħħu s-sistema bankarja tal-Komunità.~~

~~Din id-Direttiva tipprovdi għal piżijiet differenti li għandhom jingħataw lill-garanziji maħruġa mid-diversi istituzzjoni finanzjarji. Il-Kummissjoni għalhekk tintrabat li teżamina jekk din id-Direttiva meħuda kollha kemm hi, tgħawwiġx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni bejn l-istituzzjoni ta' kreditu u l-intrapriżi ta' assigurazzjoni u, fid-dawl ta' dak l-eżami, tikkunsidra jekk xi miżuri għal rimedju jkunux iġġustifikati.~~

⇩ġdid

(34) Huwa essenzjali li titqies id-diversità ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-Komunità billi jkunu pprovduti metodi alternattivi għall-ikkalkular tal-kapital minimu għar-riskju tal-kreditu li jinkorporaw livelli differenti ta' sensittività għar-riskju u li jitolbu gradi differenti ta' sofistikazzjonil L-użu ta' klassifikazzjonijiet esterni u stimi ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu nfushom dwar parametri ta' riskju tal-kreditu individwali jirrappreżenta titjib sinifikanti fis-sensittività għar-riskju u l-korrettezza prudenzjali tar-regoli dwar ir-riskju tal-kreditu. Għandu jkun hemm inċentivi xierqa sabiex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jibdew jadottaw metodi aktar senstittivi għar-riskju.

(35) L-obbligi tal-kapital minimu għandhom ikunu proporzjonati mar-riskji kkonċernati. B'mod partikolari t-tnaqqis fil-livelli tar-riskju li ġej milli wieħed ikollu numru kbir ta' skoperturi relattivament żgħar għandu jkun rifless fl-obbligi.

(36) Għandu jingħata rikonoxximent akbar għat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu f'qafas ta' regoli mfassla biex jassiguraw li ma ssirx ħsara lis-solviblità minħabba rikonoxximent li ma jkunx ġustifikat.

(37) Sabiex ikun assigurat li r-riskji u t-tnaqqis tar-riskji li jirriżulta mill-attivitajiet ta' titolizzazzjoni u investimenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu riflessi kif jixraq fl-obbligi tal-kapital minimu ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu huwa neċessarju li jkunu inklużi regoli li jistipulaw trattament sensittiv għar-riskju u prudenzjalment korrett għal dawn l-attivitajiet u investimenti.

🡻2000/12/KE Premessa 52 (adattata)

~~L-Anness II jipprovdi t-trattament tad-dettalji l-barra mill-balance sheet fil-kuntest tal-kalkolazzjonijiet tal-ħtiġijiet tal-kapital ta' l-istituzzjoni ta' kreditu. Bil-għan ta' funzjonar aktar faċli tas-suq intern u partikolarment bil-għan li tkun assigurata bażi aktar komuni, l-Istati Membri huma obligati li jistinkaw għal assessjar uniformi ta' ftehim netti kontrattwali mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom. L-Anness III jieħu akkont tax-xogħol ta' forum internazzjonali ta' dawk li jagħmlu superviżjoni bankarja dwar l-għarfien ta' superviżjoni ta' għarfien netti ta' superviżjoni, partikolarment il-possibilità li jkunu ikkalkolati l-ħtiġijiet tal-fondi tagħhom għal ċerti tranżazzjonijiet fuq il-bażi netta aktar milli l-ammont gross basta li~~

~~jkun hemm ftehim li jorbot legalment li jassigura li r-riskju tal-kreditu jkun illimitat għal ammont nett. Għall-istituzzjoni ta' kreditu internazzjonalment attivi u gruppi ta' kreditu f'wisa kbira ta' pajjiżi terzi, li jikkompetu ma' l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Komunità, ir-regoli adottati fuq livell internazzjonali aktar wiesa għandu jirriżulta fi trattament raffinat ta' superviżjoni ta' strumenti derivattivi aċċessibli mingħajr kontrolli (over-the-counter) (OTC). Dan ir-raffinament jirriżulta f'aktar koperta kapitali xierqa ta' bil-fors li tieħu akkont ta' l-effetti li jnaqqsu ir-riskju ta' ftehim netti kontrattwali b'superviżjoni mgħarufa dwar il-futur potenzjali tar-riskji ta' kreditu. Il-kjarifika ta' strumenti derivattivi OTC li huma ipprovduti minn clearing houses li jaġixxu bħala kontra-parti jilgħabu rwol importanti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jkunu rikonoxxuti l-benefiċji minn dawk it-termini ta' «clearing» fit-tnaqqis ta' riskju tal-kreditu u riskju sistematiku relatat fit-trattament prudenti ta' riskju tal-kreditu. Huwa meħtieġ dwar riskji kurrenti u potenzjali futuri li joriġinaw minn kuntratti cleared ta' derivattivi OTC li jkunu kompletament kollateraliżżati u dwar ir-riskju tat-tiswieħ ta' l-espost tal-clearing house aktar mill-valur tas-suq tal-kollaterali irreġistrat li għandu jkun eliminat sabiex id-derivattivi cleared OTC li jingħataw għal perijodu tranżizzjonali l-istess trattament prudenti bħal derivattivi innegozjati bi skambju. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti dwar il-livell tal-marġini inizjali u l-varjazzjonijiet ta' marġini meħtieġa u l-kwalità ta' u l-livell ta' protezjoni mogħtija mill-kollateral irreġistrat. Għall-istituzzjoni ta' kreditu inkorporati fi Stati Membri, l-Anness III joħloq possibilità simili għall-għarfien nett bilaterali mill-awtoritajiet kompetenti u b'ħekk joffri lilhom kundizzjonijiet eġwali ta' kompetizzjoni. Ir-regoli huma t-tnejn ibbilanċjati sewwa u xierqa għal aktar infurzament ta' l-applikar ta' miżuri ta' superviżjoni prudenti lil l-istituzzjoni ta' kreditu. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-kalkolazzjoni ta' żidiet tkun ibbażata fuq ammonti nazzjonali effettivi aktar milli fuq l-ammonti nazzjonali apparenti.~~

⇩ġdid

(38) Ir-riskju operattiv huwa riskju sinifikanti li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet li jirrikjedi kopertura minn fondi proprji. Huwa essenzjali li titqies id-diversità ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-Komunità billi jkunu pprovduti metodi alternattivi għall-ikkalkular ta' l-obbligi għar-riskju operattiv li jinkorporaw livelli differenti ta' sensittività għar-riskju u li jitolbu gradi differenti ta' sofistikazzjonil Għandu jkun hemm inċentivi xierqa sabiex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jibdew jadottaw metodi aktar senstittivi għar-riskju. Minħabba l-iżviluppi li qed iseħħu fil-kejl u l-ġestjoni tar-riskju operattiv ir-regoli għandhom jinżammu taħt osservazzjoni u għandhom jiġu aġġornati kif ikun xieraq inkluż fir-rigward tal-koperturi għal linji ta' negozju differenti u r-rikonoxximent tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju.

(39) Sabiex tkun żgurata s-solvibilità adegwata ta' l-istituzzjonijiet fi ħdan grupp huwa essenzjali li l-obbligi minimi ta' kapital japplikaw fuq il-bażi tas-sitwazzjoni finanzjarja kkonsolidata tal-grupp. Sabiex ikun żgurat li l-fondi proprji jkunu distribwiti b'mod xieraq fi ħdan il-grupp u jkunu disponibbli biex jipproteġu l-investimenti fejn meħtieġ, l-obbligi minimi ta' kapital għandhom japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu individwali fi ħdan grupp, sakemm dan l-għan ma jkunx jista' jintlaħaq effettivament b'mod ieħor.

↓2000/12/KE Premessa 53
(adattata)

~~Il-medja minima li hemm disposizzjoni dwarha f'din id-Direttiva issaħħaħ il-kapital ta' l-istituzzjoni ta' kreditu fil-Komunità. Livell ta' 8% kien ġie adottat wara studju statistiku tal-ħtiġijiet kapitali eżistenti fil-bidu tal-1988.~~

↓2000/12/KE Premessa 54

(40) Ir-regoli essenzjali għal sorveljanza ta' skoperturi kbar ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu armonizzati. Stati Membri għandhom xorta waħda jkunu jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet aktar stretti minn dawk stipulati f'din id-Direttiva.

↓2000/12/KE Premessa 55
(adattata)

(41) Is-sorveljanza u l-kontroll ta' l-iskoperturi ta' istituzzjoni ta' kreditu ~~huwa~~ ⌦ għandhom ikunu ⌫ parti integrali mis-superviżjoni tagħha. ⌦Għalhekk ⌫ ~~K~~konċentrament eċċessiv ta' skoperturi għal klijent wieħed jew grupp ta' klijenti b'konnessjoni ma' xulxin jista' jirriżulta f'riskju mhux aċċettabli ta' telf. Sitwazzjoni bħal din ~~għandha~~ ⌦ tista' ⌫ tkun ikkunsidrata bħala waħda ta' preġudizzju għas-solvibilità ta' istituzzjoni ta' kreditu.

↓2000/12/KE Premessa 56
(adattata)

(42) ~~Fis-suq intern bankarju,~~ ⌦ Ladarba ⌫ l-istituzzjonijiet ta' kreditu ⌦ fis-suq intern ⌫ huma involuti f'kompetizzjoni diretta ~~bejn wieħed u l-ieħor u~~ l-obbligi ta' sorveljanza ~~madwar il-Komunità għalhekk~~ għandhom ikunu ekwivalenti ⌦ madwar il-komunità ⌫. ~~Għal dak il-għan, il-kriterja aplikata biex ikun iddeterminat il-konċentrament ta' riskji għandu jkun suġġett għal regoli li jorbtu legalment fil-livell tal-Komunità u ma tistax titħalla kompletament għad-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri. L-adottazzjoni ta' regoli komuni għandhom għalhekk iservu l-interessi tal-Komunità, la darba dawn ma jħallux differenzi fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, waqt li jsaħħu is-sistema bankarja tal-Komunità.~~

↓2000/12/KE Premessa 57
(adattata)
⇨ġdid

(43) ~~Id-dispożizzjonijiet tal-medja ta' likwidità għall-istituzzjoni ta' kreditu jinkludu lista ta' riskji ta' kreditu li jistgħu jidħlu għalihom l-istituzzjoni ta' kreditu. Dik il-lista għandha għalhekk tintuża wkoll għad-definizzjoni ta' riskji għall-iskopijiet ta' limiti ta' riskji kbar. Madankollu, mhux~~ ⇨ Filwaqt li huwa xieraq li d-definizzjoni ta' skoperturi għall-fini tal-limiti għal skoperturi kbar tkun ibbażata fuq dik ipprovduta għall-fini ta' l-obbligi għall-fondi proprji minimi għar-riskju tal-kreditu, mhux ⇦ xieraq li jkun hemm referenza fil-prinċipju għad-differenzazzjoni tal-piżijiet jew gradi ta' riskju stabbilita f'dawn id-dispożizzjonijiet. Dawk id-differenzazzjonijiet tal-piżijiet u gradi ta' riskju kienu ddiżinjati bl-iskop li jkunu stabbiliti obbligi ġenerali ta' likwidità li

jkopru r-riskju tal-kreditu ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu. ~~Fil-kuntest tar-regolazjoni ta' riskji kbar, l-għan huwa~~ ⌦ Sabiex ⌫ jiġi limitat it-telf massimu li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' ssofri permezz ta' klijent wieħed jew grupp ta' klijenti b'konnessjoni ma' xulxin~~.~~ ~~Huwa~~ ⌦ huwa ⌫ ~~għalhekk~~ xieraq li jkunu adottati ~~resqien aktar prudenti li bieħ, bħala regola ġenerali, akkont jittieħed tal-valur nominali ta' riskji, imma li l-ebda~~ ⌦ regoli għad-determinazzjoni ta' skoperturi kbar li jqisu l-valur nominali ta' l-iskopertura mingħajr ma japplikaw ⌫ differenzazzjoni tal-piżijiet jew gradi tar-riskji ~~ma jkunu applikati~~.

⇩ġdid

(44) Filwaqt li huwa tajjeb, sakemm ikunu studjati mill-ġdid id-dispożizzjonijiet dwar l-iskoperturi l-kbar, li jkun permess ir-rikonoxximent ta' l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu b'mod simili għal dak permess għall-fini ta' l-obbligu tal-kapital minimu sabiex jiġu limitati l-obbligi tal-kalkolu, ir-regoli dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu kienu mfassla fil-kuntest tar-riskju tal-kreditu ġenerali diversifikat li jirriżulta minn skoperturi għal numru kbir ta' kontropartijiet. Għaldaqstant, ir-rikonoxximent ta' l-effetti ta' dawn it-tekniki għall-fini tal-limiti għal skoperturi kbar imfassla biex jillimitaw it-telf massimu li jista' jkun sofrut minn klijent wieħed jew grupp ta' klijenti b'konnessjoni bejniethom għandu jkun suġġett għal salwagwardji prudenzjali.

🡻2000/12/KE Premessa 58 (adattata)

(45) Meta l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha skopertura għall-*parent undertaking* jew għal xi sussidjarji tal-*parent undertaking*, prudenza partikolari tkun meħtieġa. Il-ġestjoni ta' skoperturi meħuda mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għandha ssir b'manjiera kompletament awtonoma, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni bankarja korretta, mingħajr ma jingħata piż lil xi konsiderazzjonijiet ⌦ oħra ⌫ ~~apparti minn dawk il-prinċipji~~. ~~Id-disposizzjoni ta' din id-Direttiva tenħtieġ li m~~Meta l-influwenza li tkun eżerċitata minn persuni li direttament jew indirettament ikollhom parteċipazzjoni kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu x'aktarx topera b'detriment ta' l-amministrazzjoni korretta u prudenti ta' dik l-amministrazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex iwaqqfu dik is-sitwazzjoni. Fil-qasam ta' skoperturi kbar, normi speċifiċi ⌦ , inklużi restrizzjonijiet aktar stringenti, ⌫ għandhom ~~ukoll~~ ikunu stabbiliti għal skoperturi li tidħol għalihom istituzzjoni ta' kreditu għall-grupp tagħha stess~~, u f'każi bħal dawn restrizzjonijiet aktar stretti huma iġġustifikati milli għal riskji oħra. Restrizzjonijiet aktar stretti~~ ⌦. Dawn l-istandards ⌫ , madankollu, mhemmx bżonn li jkunu applikati meta l-*parent undertaking* tkun *holding company* finanzjarja jew istituzzjoni ta' kreditu jew meta s-sussidjarji l-oħra jkunu jew istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji jew intrapriżi li joffru servizzi ~~bankarji~~ anċillari, sakemm dawk l-intrapriżi jkunu koperti bis-superviżjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu fuq bażi konsolidata. ~~F'każi bħal dawn is-sorveljanza konsolidat tal-grupp ta' intrapriżi jippermetti għal livell adekwat ta' superviżjoni, u ma jkunx jenħtieġ l-imposizzjoni ta' limiti aktar stretti dwar ir-riskji. Skond dan ir-raġunar gruppi bankarji għandhom ukoll ikunu nkuraġġiti li jorganiżżaw l-istrutturi tagħhom b'tali mod hekk li jippermetti sorveljat ikkonsolidat, li jkun mixtieq minħabba li livell aktar komprensiv ta' sorveljanza jkun possibli.~~

⇩ġdid

(46) L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jiżguraw li għandhom kapital intern li, fir-rigward tar-riskji li huma esposti għalihom jew jistgħu jkunu esposti għalihom, huwa adegwat fil-kwantità, il-kwalità u d-distribuzzjoni. Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom strateġiji u proċessi għall-assessjar u l-preżervazzjoni ta’ l-adegwatezza tal-kapital intern tagħhom.

(47) L-awtoritajiet kompetenti għandhom ir-responsabbiltà li jaċċertaw li l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jkollhom organizzazzjoni tajba u fondi proprji adegwati, fir-rigward tar-riskji li għalihom l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma jew jistgħu jkunu esposti.

(48) Sabiex is-suq intern fil-qasam bankarju jaħdem b’mod effettiv il-Kumitat Ewropew tas-Superviżjoni Bankarja għandu jikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti ta’ din id-direttiva u għall-konverġenza tal-prattiki tas-superviżjoni madwar il-Komunità.

(49) Għall-istess raġuni u sabiex ikun żgurat li l-istituzzjonijiet tal-Komunità li huma attivi f’diversi Stati Membri ma jkunux mgħobbija b'piżijiet żejda minħabba r-responsabbiltajiet li għandhom ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri individwali għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni, huwa essenzjali li tittejjeb b’mod konsiderevoli l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. F’dan il-kuntest, ir-rwol tal-kontrollur konsolidat għandu jissaħħaħ. Il-Kumitat Ewropew tas-Superviżjoni Bankarja għandu jappoġġja u jżid din il-kooperazzjoni.

🡻2000/12/KE Premessa 65 (adattata)

(50) Is-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fuq bażi kkonsolidata ~~għandha jkollha l-għan~~⌦ għandha l-għan ⌫ b’mod partikolari li tipproteġi l-interessi tad-depożitaturi fl-imsemmija istituzzjonijiet ⌦ ta’ kreditu ⌫ u li tassigura l-istabbilità tas-sistema finanzjarja.

🡻2000/12/KE Premessa 59 (adattata)

(51) Sabiex tkun effettiva, is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata għandha ⌦ għalhekk ⌫ tkun applikata għall-gruppi bankarji kollha, inklużi dawk li l-*parent undertakings* tagħhom ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jkollhom l-istrumenti legali meħtieġa biex ikunu jistgħu jeżerċitaw dik is-superviżjoni.

🡻2000/12/KE Premessa 60 (adattata)

(52) F'każi ta' gruppi b'attivitajiet diversifikati li l-*parent undertakings* tagħhom jikkontrollaw mill-anqas istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja waħda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jassessjaw is-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu f'dak il-grupp. ~~Sakemm isehħ kordinament sussegwenti, l-Istati Membri jistgħu jeżiġu metodi xierqa għal konsolidazzjoni biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva.~~ L-awtoritajiet kompteneti għandu mill-anqas ikollhom il-meżżi li jakkwistaw mill-intrapriżi fil-grupp l-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-

funzjonijiet tagħhom. Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni ta' setturi finanzjarji differenti għandha tkun stabbilita fil-każi ta' gruppi ta' intraprizi li jwettqu firxa ta' attivitajiet finanzjarji differenti ⌦ . Sakemm iseħħ koordinament sussegwenti, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu metodi xierqa ta' konsolidazzjoni biex jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva. ⌫

🡻2000/12/KE Premessa 61 (adattata)

(53) L-Istati Membri ~~jistgħu, aktar minn hekk,~~ ⌦ għandhom ikunu jistgħu ⌫ jiċħdu jew jirtiraw awtorizzazzjoni bankarja fil-każ ta' ċerti strutturi ta' gruppi meqjusa bħala mhux xierqa għat-twettiq ta' attivitajiet bankarji, partikolarment minħabba li dawn l-istrutturi ma tkunx tista' ssirilhom superviżjoni effettiva. F'dan ir-rigward l-awtoritajiet kompetenti ⌦ għandu jkollhom ⌫ il-poteri ⌦ neċessarji ⌫ ~~msemmija fl-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 7(2), punt (c) ta' l-Artikolu 14(1), u l-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva,~~ sabiex jassiguraw l-amministrazzjoni korretta u prudenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

🡻2000/12/KE Premessi 62 sa 64 (adattati)

~~L-Istati Membri jistgħu l-istess japplikaw tekniki ta' superviżjoni xierqa fuq gruppi bi strutturi li mhumiex koperti b'din id-Direttiva. Jekk strutturi bħal dawn isiru komuni, din id-Direttiva għandha tkun estiża biex tkoprihom.~~

~~Superviżjoni fuq bażi ikkonsolidata għandha tinkludi l-attivitajiet kollha definiti fl-Anness I. L-intraprizi li huma prinċipalment involuti f'attivitajiet bħal dawn għandhom għalhekk ikunu inklużi fis-superviżjoni fuq bażi ikkonsolidata. Bħala riżultat, id-definizzjoni ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jitwessgħu sabiex ikopru attivitajiet bħal dawk.~~

~~Id-Direttiva 86/635/KEE, flimkien mad-Direttiva 83/349/KEE, stabbilew ir-regoli tal-konsolidazzjoni applikabbli għal kontijiet ikkonsolidati ippubblikati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Huwa għalhekk possibli li jkunu definiti preċiżament il-metodi li għandhom ikunu wżati f'superviżjoni prudenti eżerċitata fuq bażi kkonsolidata.~~

⇩ġdid

(54) Sabiex is-suq intern fil-qasam bankarju jopera b'effikaċja dejjem akbar u sabiex iċ-ċittadini tal-Komunità jibbenefikaw minn livelli adegwati ta' trasparenza huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiżvelaw pubblikament u b'mod li jippermetti tqabbil li jinftiehem il-mod li bih din id-Direttiva tkun implimentata.

(55) Sabiex tissaħħaħ id-dixxiplina tas-suq u sabiex l-istituzzjonijiet jiġu motivati li jtejbu l-istrateġija tas-suq, il-kontroll tar-riskju u l-organizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni interna tagħhom, għandu jkun stipulat żvelar pubbliku xieraq mill-istituzzjonijiet.

↓2000/12/KE Premessa 66 (adattata)

(56) L-eżaminar ta' problemi konnessi ma materji koperti b'din id-Direttiva kif ukoll bid-Direttiva l-oħra dwar in-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu tenħtieġ kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni ~~f'kumitat konsultattiv bankarju,~~ partikolarment meta mwettqa bil-għan ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib. ~~Il-Kumitat Bankarju Konsultattiv ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ma jaqlax barra forom oħra ta' koperazzjoni bejn l-awtoritajiet li jagħmlu s-superviżjoni fuq il-bidu u t-twettieq ta' negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u, partikolarment, kooperazzjoni fil-groupe de contact (grupp ta' kuntatt) imwaqqaf bejn l-awtoritajiet bankarji ta' superviżjoni.~~

↓2000/12/KE Premessa 67 (adattata)

(57) ~~Modifikazzjinijiet tekniċi għar-regoli dettaljati esiġiti f'din id-Direttiva jistgħu, minn żmien għal żmien, ikunu meħtieġa biex jieħdu akkont ta' żviluppi ġodda fis-settur bankarju. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tgħamel dawk il-modifiki li jkunu meħtieġa, wara li tikkonsulta lill-Kumitat Bankarju Konsultattiv, fil-limiti tal-poteri ta' l-implementazjoni mogħotija lill-Kummissjoni fit-Trattat.~~ Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' poteri ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⌦ [19] ⌫ .

⇩ġdid

Sabiex ikun evitat it-tfixkil tas-swieq u tkun żgurata l-kontinwità fil-livelli globali ta' fondi proprji, huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjonijiet għal arranġamenti speċifiċi ta' tranżizzjoni.

Minħabba s-sensittività għar-riskju tar-regoli dwar l-obbligi tal-kapital minimu, huwa tajjeb li jibqa' jiġi studjat jekk dawn għandhomx effett sinifikanti fuq iċ-ċiklu ekonomiku. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-kontribut tal-Bank Ċentrali Ewropew , għandha tirrapporta dwar dawn l-aspetti lill-Parlament u lill-Kunsill.

↓2000/12/KE Premessa 68 (adattata)

~~L-Artikolu 36 (1) ta' din id-Direttiva jippermetti impenji konġunti u separati ta' dawk li jisselfu fil-każ ta' l-istituzjonijiet ta' kreditu organizzati bħala soċjetajiet koperattivi jew fondi li għandhom ikunu ittratti bħala dettalji tal-fondi tagħhom permezz ta' l-Artikolu 34 (2) (7). Il-Gvern Ġermaniż wera interess qawwi li jkollu il-ftit istituzjoni tiegħu ta' kreditu 'mortgage' organizzati bħala soċjetajiet koperattivi jew fondi ikkonvertiti f'kumpaniji pubbliċi ta' responsabbilita illimitata. Sabiex tiffaċilita il-konverżjoni jew biex jgħamluha possibli, derogazjoni temporanja li tippermettilhom li jinkludu parti mill-impenji konġunti jew separati~~

[19] ⌦ĠU L 184, 17.7.1999, p.23. ⌫

~~bħala fondi tagħhom hija meħtieġa. Din id-derogazjoni temporanja m'għandiex taffetwa ħażin il-kompetizjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu.~~

↓2000/12/KE Premessi 69 sa 71

~~L-applikar ta' 20.000000% tal-piżijiet għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom mortgage bonds jista' jħawwad is-suq nazzjonali finanzjarju li fuqu strumenti bħal dawn jilgħabu rwol predominanti. F'dan il-każ, miżuri proviżjonali għandhom ikunu meqjusa li japplikaw tgħabija ta' 10% riskju. Is-suq għal titoli (kambjali) għaddej minn żvilupp mgħaġġel. Huwa għalhekk mixtieq li l-Kummissjoni għandha teżamina ma' l-Istati Membri t-trattament prudenti ta' titoli li jkollhom sostenn ta' assi u mressqa, qabel it-22 ta' Ġunju 1999, proposti bil-għan li taddatta leġiżlazzjoni eżistenti sabiex tiddifinexxi trattament prudenti xieraq għal titoli b'sostenn ta' assi. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw piżijiet ta' 50.000000% dwar l-assi sostenuti b'mortgages fuq uffiċini jew bini kummerċjali li jista' jkollu diversi użu sal-31 ta' Diċembru 2006. Il-propjetà li dwarha l-mortgage ikun applikabbli għandha tkun suġġetta għal kriterja ta' assessjar rigoruż u rivalutazzjoni regolari biex jittieħed akkont ta' l-iżviluppi fis-suq ta' propjetà kummerċjali. Il-propjetà għandha jew tkun okkupata jew mikrija mis-sid. Self għal żvilupp ta' propjetà huwa esklużminn dan il-piż ta' 50%.~~

~~(70) Sabiex tkun assigurata l-armoniżazzjoni tad-disposizzjonijiet fuq riskji kbar, Stati Membri għandhom ikollhom il-permess li jipprovdu għal applikazzjoni f'żewġ stadji tal-limiti l-ġodda. Għall-istituzzjonijiet ta' kreditu izgħar, perijodu tranżizzjonali itwal jista' jkuun meħtieġ minħabba li l-applikar aktar mgħaġġel tar-regola ta' 25% tista' tnaqqas l-attività tagħhom ta' self wisq malajr.~~

~~(71) Aktar minn hekk, l-armoniżazzjoni tal-kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-riorganizzazzjoni u x-xoljiment ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu hija wkoll fil-proċess.~~

↓2000/12/KE Premessa 72 (adattata)

L-arranġamenti meħtieġa għas-superviżjoni ta' riskji ta' likwidità għandhom ukoll ikunu armonizzati.

↓2000/12/KE Premessa 73 (adattata)

~~Din id-Direttiva m'għandhiex taffetwa l-obligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti għal transposizzjoni esiġità fl-Anness V, Parti B,~~

⇩ġdid

Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea bħala prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità.

L-obbligu li din id-Direttiva tiddaħħal fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla fis-sustanza meta mqabbla mad-Direttivi preċedenti. L-obbligu li jiddaħħlu d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula jiġi mid-Direttivi preċedenti.

Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness XIII, il-Parti B.

↓2000/12/KE

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

⇩ġdid

WERREJ	
TITOLU I	*SUĠĠETT, OQSMA TA' L-APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET*
TITOLU II	*OBBLIGI GĦAL AĊĊESS GĦALL-BIDU U L-EŻERĊIZZJU TAN-NEGOZJU TA' L-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU*
TITOLU III	*DISPOŻIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IL-LIBERTÀ TA' STABBILIMENT U L-LIBERTÀ LI JKUNU PPROVDUTI SERVIZZI*
Sezzjoni 1	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*
Sezzjoni 2	*Istituzzjonijiet finanzjarji*
Sezzjoni 3	*Eżerċizzju tad-dritt ta' l-istabbiliment*
Sezzjoni 4	*Eżerċizzju tal-libertà li jkunu pprovduti servizzi*
Sezzjoni 5	*Poteri ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita*
TITOLU IV	*RELAZZJONIJIET MA' PAJJIŻI TERZI*
Sezzjoni 1	*Notifika dwar l-intrapriżi ta' pajjiżi terzi u kundizzjonijiet dwar l-aċċess għas-swieq ta' dawn il-pajjiżi*
Sezzjoni 2	*Kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi rigward is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata*
TITOLU V	*PRINĊIPJI U STRUMENTI TEKNIĊI GĦAL SUPERVIŻJONI U ŻVELAR PRUDENZJALI*
Kapitolu 1	*Prinċipji tas-superviżjoni prudenzjali*
Sezzjoni 1	*Kompetenzi ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini u ta' dak li jospita*
Sezzjoni 2	*Skambju ta' informazzjoni u s-segretezza professjonali*
Sezzjoni 3	*Dover tal-persuni responsabbli għall-kontroll legali tal- kontijiet annwali u l-kontijiet ikkonsolidati*
Sezzjoni 4	*Poter ta' sanzjoni u dritt ta' rikors għall-qrati*

Kapitolu 2	*Strumenti tekniċi ta' superviżjoni prudenzjali*
Sezzjoni 1	*Fondi proprji*
Sezzjoni 2	*Proviżjoni kontra r-riskji*
Subsezzjoni 1	*Livell ta' applikazzjoni*
Subsezzjoni 2	*Kalkolu ta' l-obbligi*
Subsezzjoni 3	*Livell Minimu ta' Fondi Proprji*
Sezzjoni 3	*Obbligi minimi ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu*
Subsezzjoni 1	*Metodu Standardizzat*
Subsezzjoni 2	*Metodu bbażat fuq il-Klassifikar Intern*
Subsezzjoni 3	*Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu*
Subsezzjoni 4	*Titolizzazzjoni*
Sezzjoni 4	*Obbligi minimi ta' fondi proprji għar-riskju operattiv*
Sezzjoni 5	*Skoperturi kbar*
Sezzjoni 6	Holdings *li jikkwalifikaw barra mis-settur finanzjarju*
Kapitolu 3	*Proċess intern ta' valutazzjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu*
Kapitolu 4	*Superviżjoni u żvelar mill-awtoritajiet kompetenti*
Sezzjoni 1	*Superviżjoni*
Sezzjoni 2	*Żvelar mill-awtoritajiet kompetenti*
Kapitolu 5	*Żvelar mill-istituzzjonijiet ta' kreditu*
TITOLU VI	*POTERI TA' EŻEKUZZJONI*
TITOLU VII	*DISPOŻIZZJONIJIET TA' TRANŻIZZJONI U FINALI*
Kapitolu 1	*Dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni*
Kapitolu 2	*Dispożizzjonijiet finali*
ANNESS I	*Lista ta' attivitajiet suġġetti għal rikonoxximent reċiproku*
ANNESS II	*Klassifikazzjoni ta' elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ*
ANNESS III	*It-trattament ta' l-istrumenti derivattivi*

ANNESS IV	*Tipi ta' derivattivi*
ANNESS V	*Kriterji tekniċi dwar l-organizzazzjoni u t-trattament tar-riskji*
ANNESS VI	*Metodu Standardizzat*
ANNESS VI Parti 1	*Piżijiet tar-riskju*
ANNESS VI Parti 2	*Rikonoxximent ta' l-ECAIs u l-ikklassifikar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħhom*
ANNESS VI Parti 3	*Użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' l-ECAIs għall-iskop tad-determinazzjoni tal-piżijiet tar-risjku*
ANNESS VII	*Metodu bbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni*
ANNESS VII Parti I	*Ammonti ta' skopertura mogħtija piż differenzjat skond ir-risju u ammonti ta' telf mistenni*
ANNESS VII Parti 2	*PD, LGD u Maturità*
ANNESS VII Parti 3	*Valur ta' l-iskopertura*
ANNESS VII Parti 4	*Obbligi Minimi għall-Metodu IRB*
ANNESS VIII	*Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu*
ANNESS VIII Parti 1	*Eliġibilità*
ANNESS VIII Parti 2	*Obbligi Minimi*
ANNESS VIII Parti 3	*Kalkolu ta' l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu*
ANNESS VIII Parti 4	*Differenzi fil-maturitajiet*
ANNESS VIII Parti 5	*Kombinazzjonijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fil-Metodu Standardizzat*
ANNESS VIII Parti 6	*Tekniki tal-basket tas-CRM*
ANNESS IX	*Titolizzazzjoni*
ANNESS IX Parti I	*Definizzjonijiet għall-fini ta' l-Anness X*
ANNESS IX Parti 2	*Obbligi minimi għar-rikonoxximent ta' trasferiment sinifikanti ta' riskju tal-kreditu u kalkolu ta' l-ammonti ta' skopertura b'piż differenzjat skond ir-riskju u ammonti ta' telf mistennija għal skoperturi titolizzati*
ANNESS IX Parti 3	*Valutazzjonijiet esterni tal-kreditu*
ANNESS IX Parti 4	*Kalkolu*

ANNESS X	*Riskju Operattiv*
ANNESS X Parti I	*Metodu ta' Indikatur Bażiku*
ANNESS X Parti 2	*Metodu Standardizzat*
ANNESS X Parti 3	*Metodi ta' Kejl Avvanzat*
ANNESS X Parti 4	*Użu kombinat ta' metodoloġiji differenti*
ANNESS X Parti 5	*Klassifikazzjoni tat-tipi ta' avvenimenti ta' telf*
ANNESS XI	*Kriterji tekniċi dwar ir-reviżjoni u l-evalwazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti*
ANNESS XII	*Kriterji tekniċi dwar l-iżvelar*
ANNESS XII Parti I	*Kriterji ġenerali*
ANNESS XII Parti 2	*Obbligi ġenerali*
ANNESS XII Parti 3	*Kundizzjonijiet għall-kwalifikazzjoni għall-użu ta' strumenti jew metodoloġiji partikolari*
ANNESS XIII Parti A	*Direttivi mħassra, flimkien ma' l-emendi suċċessivi tagħhom (imsemmija fl-Artikolu 158)*
ANNESS XIII Parti B	*Limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni (imsemmi fl-Artikolu 159)*
ANNESS XIV	*Tabella ta' Korrelazzjoni*

↓2000/12/KE (adattat)

TITOLU I

⌦SUĠĠETT, OQSMA TA' L-APPLIKAZZJONI U ⌫ DEFINIZZJONIJIET ~~U FIRXA~~

↓2000/12/KE Artikolu 2(1) u (2) (adattat)

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva ~~tikkonċerna~~ ⌦ tistabbilixxi r-regoli li jikkonċernaw ⌫ il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzjonijiet ta' kreditu ⌦ , u s-superviżjoni prudenzjali tagħhom ⌫. ~~Din id-Direttiva għandha tapplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha.~~

2. L-Artikoli ⌦39⌫ u ~~52 sa 56~~ ⌦ it-Titolu V, il-Kapitolu 4, isSezzjoni 1 ⌫ għandhom ~~ukoll~~ japplikaw għal *holding companies* finanzjarji u *holding companies* ta' attività mħallta li jkollhom l-uffiċju ewlieni tagħhom fil-Komunita.

3. L-istituzzjonijiet b'esklużjoni permanenti ~~permezz ta paragrafu 3~~⌦ skond l-Artikolu 5 ⌫, bl-eċċezzjoni, madankollu, tal-banek ċentrali ta' l-Istati Membri, għandhom ikunu trattati bħala istituzzjonijiet finanzjarji għall-fini ta' l-Artikoli ~~25 u 52 sa 56~~⌦ 39 u t-Titolu V, il-Kapitolu 4, is-Sezzjoni 1⌫.

➔2000/12/KE Artikolu 2 (3) (adattat)

Artikolu 2

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal ⌦ dawn li ġejjin ⌫:

il-banek ċentrali tal-Istati Membri,

l-istituzzjonijiet *giro* ta' uffiċċji postali,

fil-Belġju, l-«Institut de Réescompte et de Garantie/Herdiscontering- en Waarborginstituut»,

fid-Danimarka, id-«Dansk Eksportfinansieringsfond», il-«Danmarks Skibskreditfond», u «Dansk Landbrugs Realkreditfond»,

fil-Ġermanja, il-«Kreditanstalt für Wiederaufbau», intrapriżi li huma rikonoxxuti permezz tal-«Wohnungsgemeinnützigkeitsgesetz» bħala korpi tal-politika ta' l-Istat dwar id-djar u li mhumiex prinċipalment involuti fi tranżazzjonijiet bankarji, u intrapriżi rikonoxxuti permezz tal-liġi bħala intrapriżi tad-djar li ma jaħdmux għall-profitti,

fil-Greċja, il-«Ελληνική Τράπεζα Βιομηχανικής Αναπτύξεως», (Elliniki Trapeza Viomichanikis Anaptyxeos), il-«Ταμείο Παρακαταθηκών και Δανείων» (Tamio Parakatathikon kai Danion), u l-«Ταχυδομικό Ταμιευτήριο»(Tachidromiko Tamieftirio),

fi Spanja, l-«Instituto de Crédito Oficial»,

fi Franza, il-«Caisse des dépôts et consignations»,

fl-Irlanda, l-għaqdiet ta' kreditu u soċjetajiet ta' ħbieb,

fl-Italja, il-«Cassa depositi e prestiti»,

fl-Olanda, in-«Netherlandse Investeringsbank voor Ontwikkelingslanden NV», il-«NV Noordelijke Ontwikkelingsmaatschappij», l-«NV Industriebank Limburgs Instituut voor Ontwikkeling en Financiering» u l-«Overijsselse Ontwikkelingsmaatschappij NV»,

fl-Awstrija, intrapriżi rikonoxxuti bħala għaqdiet tad-djar ta' interess pubbliku u l-«Österreichische Kontrollbank AG»,

fil-Portugall, «Caixas Económicas» li kienu jeżistu fl-1 ta' Jannar 1986 bl-eċċezzjoni ta' dawk inkorporati bħala kumpaniji limitati u l-«Caixa Económica Montepio Geral»,

fil-Finlandja, it-«Teollisen yhteistyön rahasto Oy/Fonden för industriellt samarbete AB», u l-«Kera Oy/Kera Ab»,

fl-Iżvezja, il-«Svenska Skeppshypotekskassan»,

- fir-Renju Unit, in-"National Savings Bank", il-"Commonwealth Development Finance Company Ltd," l-"Agricultural Mortgage Corporation Ltd," l-"Scottish Agrigultural Securities Corporation Ltd," il-"Crown Agents" għal gvernijiet u amministrazjonijiet barranin, għaqdiet ta' kreditu u banek muniċipali.

↓Att ta' l-adeżjoni 2003

fil-Latvja, l-intrapriżi "krajaizdevu sabiedribas", li huma rikonoxxuti taħt il-"Krajaizdevu sabiedribu likums" bħala intrapriżi kooperattivi li jagħtu servizzi finanzjarji biss lill-membri tagħhom,

fil-Litwanja, il-"kredito unijos" minbarra ċ-«Centrine kredito unija»,

fl-Ungerija, il-"Magyar Fejlesztési Bank Rt." u l-"Magyar Export-Import Bank Rt.",

fil-Polonja, l-"Spółdzielcze Kasy Oszcze˛dnos´ciowo - Kreditowe" u l-"Bank Gospodarstwa Krajowego".'

↓ Direttiva 2004/xx/KE Art. 3.1 (adattata)

~~4. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 60(2) għandha tiddeċiedi dwar kwalunkwe emenda għal-lista fil-paragrafu 3.~~

↓2000/12/KE Artikolu 2(5) u (6) (adattat)

Artikolu 3

1. ⌦Istituzzjoni ⌦ waħda jew aktar ⌫ ta' kreditu li jinsabu fl-istess Stat Membru u ⌦ li huma ⌫ affiljati fuq bażi permanenti, fil-15 ta' Diċembru 1977, ma' korp ċentrali li jagħmel superviżjoni fuqhom u li huwa stabbilit fl-istess Stat Membru, jistgħu jkunu eżentati mill-obbligi ta' l-Artikoli ⌦ 7 and 11(1)⌫ ~~6(1), 8 u 59~~ jekk, mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 1979, il-liġi nazzjonali tkun tistipula li:

(a) l-impenji tal-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati huma responsabbiltajiet konġunti u separati, jew l-impenji ta' l-istituzzjonijiet affiljati miegħu huma ggarantiti kompletament mill-korp ċentrali,

(b) is-solvibilità u l-likwidità tal-korp ċentrali u ta' l-istituzzjonijiet kollha affiljati miegħu huma issorveljati kollha flimkien fuq il-bażi ta' kontijiet ikkonsolidati,

(c) l-amministrazzjoni tal-korp ċentrali tkun awtorizzata li toħroġ struzzjonijiet lill-amministrazzjoni ta' l-istituzzjonijiet affiljati.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw lokalment li huma affiljati ⌦ b'mod permanenti ⌫, wara l-15 ta' Diċembru 1977, ma' korp ċentrali fit-tifsira ta' l-ewwel subparagrafu, jistgħu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet stabbiliti hemmhekk jekk dawn jikkostitwixxu żidiet normali fil-qafas li jappartjeni lil dak il-korp ċentrali.

↓ Direttiva 2004/xx/KE Art. 3.2 (adattata)

Fil-każ ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu minbarra dawk li huma stabbiliti f'żoni ġodda b'reklamazzjoni mill-baħar jew li jkunu irriżultaw minn firda jew għaqda ta' l-istituzjonijiet eżistenti li huma dipenedenti jew li jwieġbu lil korp ċentrali, il-Kummissjoni, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu ~~60(2)~~ ⌦ 150 ⌫ tista' tistabbilixxi regoli addizzjonali għall-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu inkluża t-tneħħija ta' l-eżenzjonijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu, meta tkun tal-fehma li l-affiljazzjoni ta' istituzjonijiet ġodda li jibbenefikaw mill-arranġamenti stipulati fit-tieni subparagrafu jista' jkollhom effett negattiv fuq il-kompetizzjoni.

↓2000/12/KE Artikolu 2(5) u (6) (adattat)

2. Istituzzjoni ta' kreditu ~~li, kif definita~~ ⌦ li ssir referenza għaliha ⌫ fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu ~~5~~ ⌦ 1 ⌫, tista' tkun ukoll eżentata mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu~~i~~ ⌦ 9 u 10 ⌫ ~~5~~, u wkoll ~~l-Artikoli 40 sa 51, u 65~~ ⌦ tat-Titolu V, Kapitolu 2, Sezzjonijiet 2, 3, 4, 5 u 6 u Kapitolu 3 ⌫ sakemm, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-korp ċentrali, il-grupp kollu kif kostitwit mill-korp ċentrali flimkien ma' l-istituzzjonijiet affiljati miegħu jkunu suġġetti ~~għad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq~~ ⌦ għal dawk id-dispożizzjonijiet ⌫ fuq bażi kkonsolidata.

Fil-każ ta' eżenzjoni, l-Artikoli ⌦ 16, 23, 24, 25, 26(1) sa (3), 28 u 29 sa 37 ⌫ ~~13, 18, 19, 20(1) sa (6), 21 u 22~~ għandhom japplikaw għall-grupp kollu kif kostitwit mill-korp ċentrali flimkien ma' l-istituzzjonijiet affiljati miegħu.

↓2000/12/KE Art. 1 (adattat)

Artikolu 4

~~Definizzjonijiet~~

(1) Għall-fini ta' din id-Direttiva ⌦ għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: ⌫

↓2000/28/KE Art. 1(1) u (5) (adattat)

«istituzzjoni ta' kreditu» ~~għandha~~ tfisser:

(a) intrapriża li n-negozju tagħha jkun li tirċievi depożiti jew fondi ripagabbli oħra mill-pubbliku u li tagħti kreditu mill-kont tagħha; ~~jew~~

(b) istituzzjoni ta' flus elettroniċi fit-tifsira tad-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi~~[20].

~~Jekk l-istituzzjoni finanzjarja eliġibli permezz ta' dan l-Artikolu tieqaf milli twettaq uħud mill-kundizzjonijiet imposti, l-Istat Membru tal-lokalità għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita u l-attivitajiet imwettqa minn dik l-istituzzjoni fl-Istat Membru li jospita isiru suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' l-Istat Membru li jospita.~~

↓ 2000/12/KE (adattat)

⌦ SEZZJONI 3 EŻERĊIZZJU TAD-DRITT TA' L-ISTABBILIMENT ⌫

↓ 2000/12/KE Art. 20 (1) (2) & (3) 1 & 2 subparagrafi (adattat)

Artikolu 25

~~Eżerċizzju u d-dritt ta' stabbiliment~~

1. L-istituzzjoni ta' kreditu li tkun tixtieq li tistabbilixxi fergħa fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ⌦ ta' l-oriġini ⌫ tagħha.

2. L-Istati Membri ~~L-Istat Membru~~ għandhom jeżiġu li kull istituzzjoni ta' kreditu li tkun tixtieq li tistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor tipprovdi din l-informazzjoni li ġejja meta tissottometti n-notifika li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1:

   (a) l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun qed tippjana li tistabbilixxi fergħa;

   (b) programm ta' l-operazzjonijiet, issemmi, *inter alia*, it-tipi ta' negozju maħsuba u l-organizzazzjoni strutturali tal-fergħa;

   (c) l-indirizz ta' l-Istat Membru li jospita li mingħandu jkunu jistgħu jiġu akkwistati id-dokumenti;

   (d) l-ismijiet ta' dawk ⌦ li se jkunu ⌫ responsabbli għall-amministrazzjoni tal-fergħa.

3. Sakemm l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini ma jkollhomx raġunijiet għaliex jiddubitaw l-adegwatezza ta' l-istruttura amministrattiva jew tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, billi jitqiesu l-attivitajiet maħsuba, huma għandhom fi żmien tliet xhur mill-wasla ta' l-informazzjoni li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 2, jikkomunikaw dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita u għandhom jinfurmaw b'dan lill-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini għandhom ukoll jikkomunikaw l-ammont tal-fondi tagħhom u r-relatività ta' likwidità ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.

↓ 2000/12/KE Art. 19 subparagrafu 5 (adattat)

⌦ B'deroga mit-tieni subparagrafu, fil-każ li ssir referenza għalih fl-Artikolu 24, ⌫ "lL-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini għandhom ukoll jikkomunikaw l-ammont tal-fondi proprji ~~tas-sussidjarji~~ ta' l-istituzzjoni finanzjarja u l-proporzjon ikkonsolidat ta' solvenza ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun il-*parent undertaking* tagħha."

↓ 2000/12/KE Art. 20 (3) subparagrafu 3 (adattat)

4. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jiċħdu li jikkomunikaw l-informazzjoni li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 2 lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita, huma għandhom jagħtu r-raġunijiet għaċ-ċaħda tagħhom lill-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ kkonċernata fi żmien tliet xhur mill-wasla ta' l-informazzjoni kollha.

Iċ-ċaħda tagħhom jew in-nuqqas li jwieġbu għandhom ikunu suġġetti għad-dritt ta' applikazzjoni lejn il-qrati ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini.

↓ 2000/12/KE Art. 20(4) sa (7) (adattat)

Artikolu 26

14. Qabel ma' l-fergħa ta' l-istituzzjoni ta' kreditu tibda bl-attivitajiet tagħha, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita għandhom, fi żmien xahrejn minn meta jirċievu l-informazzjoni ⌦ li ssir referenza għaliha ⌫ ~~msemmija~~ fl-⌦ Artikolu 25 ⌫ (~~paragrafu 3~~), iħejju għas-superviżjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu skond ⌦ is-Sezzjoni 5 ⌫ ~~ma' l-Artikolu 22~~ u jekk meħtieġ jindikaw il-kundizzjonijiet li bihom, fl-interess komuni, dawk l-attivitajiet għandhom ikunu mwettqa fl-Istat Membru li jospita.

25. Mal-wasla tal-komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita, jew fil-każ li jiskadi l-perijodu stipulat fil-paragrafu 14 mingħajr il-wasla ta'

xi komunikazzjoni minn dan ta' l-aħħar, il-fergħa tkun tista' titwaqqaf u ⌦ tkun tista' ⌫ tibda l-attivitajiet tagħha.

3~~6~~. Fil-każ ta' xi bidla f'xi waħda mill-partikolaritajiet ikkomunikati bis-saħħa tal-⌦ punti (b), (c) jew (d) ta' l-Artikolu 25 ⌫ (~~paragrafu~~2) ~~(b), (c) jew (d)~~, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tagħti avviż bil-miktub tal-bidla kkonċernata lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini u dak li jospita, mill-anqas xahar qabel ma ssir il-bidla sabiex l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni skond ⌦ l-Artikolu 25 ⌫(~~paragrafu 3~~) u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita jieħdu deċiżjoni dwar il-bidla skond il-paragrafu 1~~4~~ ⌦ ta' dan l-Artikolu. ⌫ ~~4.~~

4~~7~~. Fergħat li jkunu bdew bl-attivitajiet tagħhom, skond id-dispożizzjonijiet eżistenti fl-Istati Membri li jospitaw, qabel l-1 ta' Jannar 1993, għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-⌦ Artikolu 25 u fil-⌫paragrafi 1 ⌦ u 2 ⌫ ~~sa 5~~ ⌦ ta' dan l-Artikolu. ⌫ Dawn għandhom ikunu rregolati, ⌦ minn dik id-data ⌫ ~~mid-data msemmija hawn fuq~~, mill-paragrafu ~~6~~ ⌦ 3 ta' dan l-Artikolu ⌫ , u mill-⌦ Artikolu 23, Sezzjonijiet 2 u 5 u l-Artikolu 43 ⌫~~Artikoli 18, 19, 22 u 29~~.

⬇ 2000/12/KE Art. 1 (3) klawsola finali

Artikolu 27

Kwalunkwe ~~kwalunkwe~~ numru ta' postijiet tan-negozju stabbiliti fl-istess Stat Membru minn istituzzjoni ta' kreditu bis-sede prinċipali fi Stat Membru ieħor għandhom ikunu meqjusa bħala fergħa waħda~~i~~.

⬇ 2000/12/KE (adattat)

⌦ SEZZJONI 4 EŻERĊIZZJU TAL-LIBERTÀ LI JKUNU PPROVDUTI SERVIZZI ⌫

⬇ 2000/12/KE Art. 21 (adattat)

Artikolu 28

~~Eżerċizzju tal-libertà li jkunu ipprovduti servizzi~~

1. Kull istituzzjoni ta' kreditu li tkun tixtieq li teżerċita l-libertà li tipprovdi servizzi bit-twettiq ta' l-attivitajiet tagħha fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għall-ewwel darba, għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini, bl-attivitajiet fil-lista ta' l-Anness I li hi jkollha l-intenzjoni li twettaq.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini għandhom, fi żmien xahar mill-wasla tan-notifikazzjoni ⌦ li hemm provvediment għaliha ⌫ ~~msemmija~~ fil-paragrafu 1, jibagħtu dik in-notifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita.

3. Dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa d-drittijiet akkwistati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li kienu jipprovdu servizzi qabel l-1 ta' Jannar 1993.

↓ 2000/12/KE (adattat)

⌦ SEZZJONI 5 POTERI TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI FL-ISTAT MEMBRU LI JOSPITA ⌫

↓ 2000/12/KE Art. 22(1) (adattat)

Artikolu 29

~~Poter ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita~~

~~1.~~Stati Membri li jospitaw jistgħu, għall-iskopijiet statistiċi, jeżiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li jkollhom fergħat fit-territorji tagħhom, jirrapurtaw perjodikament dwar l-attivitajiet f'dawk l-Istati Membri li jospitaw, lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri li jospitaw.

Fit-twettiq tar-responsabbiltajiet imposti fuqhom fl-Artikolu ⌦ 41 ⌫ ~~27~~, l-Istati Membri li jospitaw jistgħu jeżiġu li l-fergħat ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu minn Stati Membri oħra jipprovdu l-istess informazzjoni bħal dik li jkunu jeżiġu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu nazzjonali għal dak l-iskop.

↓ 2000/12/KE Art. 22(2) sa (4) (adattat)

Artikolu 30

1~~2~~. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li jospita jaċċertaw li istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ li jkollha fergħa jew tipprovdi servizzi fit-territorju tiegħu ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet legali adottati f'dak l-Istat bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jinvolvu poteri ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita, dawk l-awtoritajiet għandhom jeżiġu li l-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ kkonċernata ttemm dik is-sitwazzjoni irregolari.

2~~3~~. Jekk l-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ kkonċernata tonqos milli tieħu l-passi meħtieġa, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita għandhom jinfurmaw b'dan lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini għandhom, ma' l-ewwel opportunità, jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jassiguraw li l-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ kkonċernata ttemm dik is-sitwazzjoni irregolari. In-natura ta' dawk il-miżuri għandha tkun ikkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita.

3~~4~~. Jekk, minkejja l-miżuri li jkunu ttieħdu mill-Istat Membru li jospita jew minħabba li dawk il-miżuri juru li ma jkunux adegwati jew li ma jkunux disponibbli fl-Istat

Membru kkonċernat, l-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ tippersisti fil-ksur tar-regoli legali li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu ~~2~~ ⌦ 1 ⌫ fis-seħħ fl-Istat Membru li jospita, dan l-Istat ta' l-aħħar jista', wara li jinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini, jieħu l-miżuri xierqa biex ma jħallix jew biex jikkastiga aktar irregolaritajiet u, sakemm ikun meħtieġ, li ma jħallix dik l-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ milli tibda aktar tranżazzjonijiet fit-territorju tiegħu. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fit-territorju tagħhom ikun possibbli li jkunu nnotifikati d-dokumenti legali meħtieġa għal dawn il-miżuri lill-istituzzjonijiet ta' kreditu.

⇓2000/12/KE Art. 22(5) (adattat)

Artikolu 31

~~5.~~Id-dispożizzjonijiet ⌦ ta' l-Artikoli 29 u 30 ⌫ ~~tal-paragrafi 1 sa 4~~ m'għandhomx jaffettwaw il-poter tal-Istati Membri li jospitaw milli jieħdu l-miżuri xierqa biex ma jħallux jew jikkastigaw irregolaritajiet imwettqa fit-territorji tagħhom li huma kuntrarji għar-regoli legali li huma jkunu adottaw fl-interess ġenerali. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li ma l-istituzzjonijiet ⌦ ta' kreditu ⌫ li jkunu kisru r-regoli ma jitħallewx jibdew aktar tranżazzjonijiet fit-territorji tagħhom.

⇓2000/12/KE Art. 22(6) (adattat)

Artikolu 32

~~6.~~ Kull miżura adottata bis-saħħa ~~tal-paragrafu (2)~~ ⌦ ta' l-Artikoli 30(2) u (3), jew l-Artikolu 31 ⌫ ~~tal-paragrafu 3, 4 u 5~~ li tinvolvi penalitajiet jew restrizzjonijiet dwar l-eżerċizzju tal-libertà li jkunu pprovduti servizzi għandha tkun ġustifikata kif xieraq u kkomunikata lill-istituzzjonijiet ⌦ ta' kreditu ⌫ kkonċernati. Kull waħda minn dawn il-miżuri għandha tkun suġġetta għad-dritt ta' l-appell fil-qrati ta' l-Istati Membri ta' l-awtoritajiet li jkunu adottawha.

⇓ 2000/12/KE Art. 22(7) (adattata)

Artikolu 33

~~7.~~ Qabel ma jużaw il-proċedura stipulata ⌦ fl-Artikolu 30 ⌫ ~~paragrafu 2, 3 u 4~~, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita jistgħu, f'emerġenza, jieħdu l-miżuri ta' prekawzjoni meħtieġa biex jipproteġu d-depożitaturi, l-investituri u lil oħrajn li lilhom ikunu pprovduti s-servizzi. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra kkonċernati għandhom ikunu infurmati b'dawn il-miżuri ma' l-ewwel opportunità.

Il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati, tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jemenda jew jabolixxi dawk il-miżuri.

↓ 2000/12/KE Art. 22 (8) (adattat)

Artikolu 34

~~8.~~Stati Membri li jospitaw jistgħu jeżerċitaw il-poteri mogħtija lilhom permezz ta' din id-Direttiva billi jieħdu l-miżuri xierqa biex iwaqqfu jew jikkastigaw irregolaritajiet imwettqa fit-territorji tagħhom. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li ma jħallux l-istituzzjonijiet ⌦ ta' kreditu ⌫ jibdew aktar tranżazzjonijiet fit-territorju tagħhom.

↓ 2000/12/KE Art. 22(9) (adattat)

Artikolu 35

~~9.~~Fil-każ ta' tneħħija ta' l-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita għandhom ikunu infurmati u għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex ma jħallux li l-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ kkonċernata tibda aktar tranżazzjonijiet fit-territorju tagħhom u biex jissalvagwardjaw l-interessi tad-depożitaturi.

↓ 2000/12/KE Art. 22 (10) (adattat)

Artikolu 36

~~10.~~L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bin-numru u t-tipi ta' każi li fihom ikun hemm ċaħda bis-saħħa ta' l-Artikoli ⌦ 25 u 26 ⌫ ~~20(1) sa (6)~~ jew li fihom miżuri jkunu ttieħdu skond ~~il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu~~ ⌦ l-Artikolu 30(3) ⌫ ~~il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu~~.

↓ 2000/12/KE Art. 22(11) (adattat)

Artikolu 37

~~11.~~⌦ Din is-Sezzjoni m'għandhiex tfixkel ⌫ ~~Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jfixkel~~ lill-istituzzjonijiet ta' kreditu bl-uffiċċji prinċipali tagħhom fi Stati Membri oħra milli jirreklamaw is-servizzi tagħhom bill-mezzi kollha ta' komunikazzjoni fl-Istat Membru li jospita, suġġett għal xi regoli li jirregolaw il-għamla u l-kontenut ta' dawk ir-reklami fl-interess ġenerali.

↓ 2000/12/KE

TITOLU IV

RELAZZJONIJIET MA' PAJJIŻI TERZI

↓ 2000/12/KE (adattat)

⊠ SEZZJONI 1 NOTIFIKA DWAR IMPRIŻI TA' PAJJIŻI TERZI U KUNDIZZJONIJIET DWAR L-AĊĊESS GĦAS-SWIEQ TA' DAWN IL-PAJJIŻI ⊠

↓ 2000/12/KE Art. 23 (adattat)

~~Notifika dwar is-sussidjarji ta' l-intrapriżi ta' pajjiżi terzi u l-kundizzjonijiet dwar l-aċċess għas-swieq ta' dawn il-pajjiżi~~

~~1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħra :~~

~~(a) b'xi awtorizzazzjoni ta' sussidjarja diretta jew indiretta ta' l-*parent company* waħda jew aktar li jkunu irregolati mill-liġijiet ta' pajjiż terz;~~

~~(b) kull meta *parent company* takkwista proprjetà f'l-istituzzjoni ta' kreditu fil-Komunità, dik ta' l-aħħar issir sussidjarja.~~

~~Meta awtorizzazzjoni tkun meħtija lill-sussidjarja diretta jew indiretta ta' l-intrapriżi paterna waħda jew aktar irregolati bil-liġi ta' pajjiżi terzi, l-istruttura tal-grupp għandha tkun speċifikata fin-notifika li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindirizzaw lill-Kummissjoni bi qbil ma' l-Artikolu 11.~~

~~2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar xi diffikultajiet ġenerali li jiltaqgħu magħhom l-istituzzjonijiet ta' kreditu meta jistabbilixxu rwieħhom jew iwettqu l-attivitajiet bankarji f'pajjiż terz.~~

~~3. Il-Kummissjoni għandha perjodikament tħejji rapport li jeżamina t-trattament meħti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Komunità f'pajjiżi terzi, bit-termini li hemm referenza dwarhom fil-paragrafi 4 u 5, rigward l-istabbiliment u twettiq ta' l-attivitajiet bankarji, u l-akkwist ta' proprjetà fl-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni għandha tissottometti dawn ir-rapporti lill-Kunsill, flimkien ma' xi proposti xierqa.~~

~~4. Kull meta jkun jidher għall-Kummissjoni, jew fuq il-bażi tar-rapporti li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 3 jew fuq il-bażi ta' l-informazzjoni l-oħra, li pajjiż terz ma jkunx qiegħed jgħati lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Komunità aċċess effettiv għas-suq kumparabbli ma' dak meħti mill-Komunità lill-istituzzjonijiet ta' kreditu minn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tista' tissottometti proposti lill-Kunsill għal mandatt xieraq għal negozjar bil-għan li takkwista opportunitajiet ta'~~

~~kompetizzjoni kumparabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Komunità. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.~~

~~5. Kull meta jkun jidher lill-Kummissjoni, jew fuq il-bażi tar-rapporti li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 3 jew fuq il-bażi ta' l-informazzjoni l-oħra li l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Komunità f'pajjiż terz ma jkunux iréevew trattament nazzjonali li joffri l-istess opportunitajiet kompetittivi bħalma huma disponibbli għal istituzzjonijiet ta' kreditu domestiċi u l-kundizzjonijiet ta' l-aċċess effettiv għas-suq ma jkunux imwettqa, il-Kummissjoni tista' tibda negozjati sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni.~~

~~6. Fiċ-ċirkostanzi deskritti fl-ewwel sub-paragrafu, hi tista' wkoll tiddeċiedi fi kwalunke waqt, u b'żieda ma li tibda n-negozjati, bi qbil mal-proċedura esiġita fl-Artikolu 60(2), li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jillimitaw jew jissospendu d-deċiżjonijiet tagħhom rigward talbiet pendenti fil-waqt tad-deċiżjoni jew talbiet futuri għal awtorizzazzjonijiet u l-akkwist ta' propjetà minn *parent companies* diretti jew inderetti rregolati bil-liġijiet tal-pajjiż terz f'dak il-każ. It-tul tal-miżuri li hemm referenza dwarhom ma jistgħux jeċċedu tliet xhur.~~

~~Qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu ta' tliet xhur, u fid-dawl tar-riżultati tan-negozjati, il-Kunsill jista, billi jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata jekk il-miżuri għandhomx jitkomplew.~~

~~6. Kull meta jkun jidher għall-Kummissjoni li waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 4 u 5 ta' l-Artikolu 39 ikunu jeżistu, l-Istati Membri għandhom jinfurmawha fuq it-talba tagħha:~~

~~(a) b'xi talba għal awtorizzazzjoni ta' sussidjarja diretta jew indiretta ta' *parent company* waħda jew aktar li jkunu irregolati mill-liġijiet ta' pajjiż terz f'dak il-każ;~~

~~(b) kull meta jkunu infurmati bi qbil ma' l-Artikolu 16 li intrapriża bħal dik tipproponi li takkwista propjetà fl-istituzzjoni ta' kreditu tal-Komuità hekk li din ta' l-aħħar issir sussidjarja.~~

~~Din l-obligazzjoni li tipprovdi informazzjoni għandha teskadi kull meta ftehim ikun milħuq mal-pajjiż terz li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 4 jew 5 jew meta l-miżuri li hemm referenza dwarhom fit-tieni jew fit-tielet subparagrafi tal-paragrafu 5 ma jibqgħux japplikaw aktar.~~

~~7. Miżuri meħudha bis-saħħa ta' dan l-Artikolu huma konformi ma' l-obligazzjonijiet tal-Komunità permezz ta' xi ftehim internazzjonali, bilaterali jew multi-laterali, li jirregolaw il-bidu jew its-l-eżerċizzju ta' negozju għall-istituzzjonijiet ta' kreditu.~~

~~ê 2000/12/KE Art. 24 (adattat)~~
➔1 Direttiva 2004/xx/KE Art. 3.7

Artikolu 38

~~Frieghi ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom il-barra mill-Komunità~~

1. L-Istati Membri m'għandhomx japplikaw għall-fergħat ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom barra mill-Komunità, meta jibdew jew iwettqu n-negozju tagħhom, dispożizzjonijiet li jirriżultaw fi trattament aktar favorevoli minn dak mogħti lill-fergħat ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-Komunità.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u →1 lill-Kumitat Bankarju Ewropew ← bl-awtorizzazzjonijiet kollha għal fergħat mogħtija lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom barra mill-Komunità.

3. Bla ħsara għal paragrafu 1, il-Komunità tista', permezz ta' ftehim konkluż ~~skond it-Trattat~~ ma' wieħed jew aktar pajjiżi terzi, taqbel li tapplika d-dispożizzjonijiet li~~, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' reċiproċità,~~ jagħtu lil fergħat ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom barra mill-Komunità, trattament ugwali fit-territorju kollu tal-Komunità.

⇩ ġdid

SEZZJONI 2

KOOPERAZZJONI MA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI TA' PAJJIŻI TERZI DWAR SUPERVIŻJONI FUQ BAŻI KONSOLIDATA

🡻 2000/12/KE Art. 25 (adattat)

Artikolu 39

1. Il-Kummissjoni tista' tissottometti proposti lill-Kunsill, jew fuq it-talba ta' Stat Membru jew bl-inizjattiva tagħha, għal negozjar ta' ftehim ma' wieħed jew aktar pajjiżi terzi rigward il-mezzi biex teżerċita superviżjoni b'bażi kkonsolidata fuq ⌦ dawn li ġejjin ⌫:

   (a) l-istituzzjonijiet ta' kreditu li l-*parent undertakings* tagħhom ikollhom l-uffiċċji prinċipali f'pajjiż terz~~; u~~

   (b) l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu jinstabu f'pajjiżi terzi li l-*parent undertaking* tagħhom, sew jekk ikunu l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew il-kumpaniji ta' propjetà finanzjarja, li jkollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom fil-Komunità.

2. Il-ftehim li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1 għandu partikolarment ifittex li jassigura dan ⌦ li ġej ⌫ ~~sew~~:

   (a) li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jkunu jistgħu jakkwistaw l-informazzjoni meħtieġa għas-superviżjoni, fuq il-bażi tas-sitwazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tagħhom, ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew tal-*holding companies* finanzjarji li jkunu jinstabu fil-Komunità u li jkollhom bħala sussidjarji istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu

jinsabu barra mill-Komunità, jew li jkollhom partiċipazzjoni f'dawk l-istituzzjonijiet;

(b) li l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jakkwistaw l-informazzjoni meħtieġa għas-superviżjoni tal-*parent companies* li l-uffiċċji prinċipali tagħhom ikunu jinstabu fit-territorji tagħhom u li jkollhom bħala sussidjarji l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu jinstabu f'wieħed mill-Istati Membri jew aktar jew li jkollhom parteċipazzjoni f'dawk l-istituzzjonijiet.

↓ Direttiva 2004/xx/KE Art. 3.8

3. Bla ħsara għall-Artikolu 300(1) u (2) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni għandha, bl-għajnuna tal-Kumitat Bankarju Ewropew, teżamina r-riżultat tan-negozjati li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 u s-sitwazzjoni li tirriżulta.

↓ 2000/12/KE

TITOLU V

↓ 2000/12/KE
⇨ ġdid

PRINĊIPJI U STRUMENTI TEKNIĊI GĦAL SUPERVIŻJONI ⇨ U ŻVELAR ⇦ PRUDENZJALI

↓ 2000/12/KE

KAPITOLU 1

PRINĊIPJI TAS-SUPERVIŻJONI PRUDENZJALI

⇩ ġdid

SEZZJONI 1

KOMPETENZA TA' L-ISTAT MEMBRU TA' L-ORIĠINI U TA' DAK LI JOSPITA

↓ 2000/12/KE Art. 26 (adattat)

Artikolu 40

~~Kompetenza ta' kontroll ta' l-Istat Membru tal-lokalità~~

1. Is-superviżjoni prudenzjali ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, inkluża dik ta' l-attivitajiet imwettqa minnha skond l-Artikoli ~~18 u 19~~ ⌦ 23 u 24 ⌫, għandhom ikunu r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' l-oriġini, bla ħsara għal dawk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jagħtu r-responsabbiltà lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li jospita.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux iwaqqaf is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata skond din id-Direttiva.

↓ 2000/12/KE Art 27 (adattat)

Artikolu 41

~~Kompetenza ta' l-Istat Membru li jospita~~

L-Istati Membri li jospitaw għandhom ⌦ , sakemm ikun hemm aktar koordinazzjoni ⌫ jżommu r-responsabbilità b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini għas-superviżjoni tal-likwidità tal-fergħat ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ~~sakemm ikun hemm aktar koordinazzjoni~~.

Bla ħsara għall-miżuri meħtieġa għar-rinfurzar tas-Sistema Monetarja Ewropea, l-Istati Membri li jospitaw għandhom iżommu r-responsabbiltà sħiħa għall-miżuri li jirriżultaw mill-implementazzjoni ta' l-strateġiji monetarji tagħhom.

Dawn il-miżuri ma jistgħux jistipulaw trattament diskriminatorju jew restrittiv li jkun ibbażat fuq il-fatt li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor.

↓ 2000/12/KE Art 28 (adattat)

Artikolu 42

~~Kollaborazzjoni rigward is-superviżjoni~~

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkolloboraw mill-qrib sabiex issir is-superviżjoni ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw, partikolarment billi jkollhom fergħat stabbiliti hemm, fi Stat Membru wieħed jew aktar apparti minn dak li fih l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jinstab. Għandhom ifornu lil xulxin bl-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-amministrazzjoni u l-propjetà ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li aktarx li tiffaċilita s-superviżjoni tagħhom u l-eżaminar tal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħhom, u l-informazzjoni kollha li tiffaċilita l-monitoraġġ ta' dawk l-istituzzjonijiet, partikolarment fir-rigward tal-likwidità, is-solvenza, il-

garanziji ta' depożitu, il-limitar ta' skoperturi kbar, il-proċeduri amministrattivi u tal-kontabilità u l-mekkaniżmi tal-kontroll intern.

↓ 2000/12/KE Art. 29 (adattat)

Artikolu 43

~~Verifikazzjoni fuq il-post ta' fregħi stabbiliti fi Stat Membru ieħor~~

1. L-Istati Membri li jospitaw għandhom jistipulaw li, meta istituzzjoni ta' kreditu li tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor twettaq l-attivitajiet tagħha minn fergħa, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jkunu jistgħu, wara li l-ewwel ikunu infurmaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita, iwettqu huma stess jew permezz ta' l-intermedjazzjoni ta' persuni li huma jaħtru għal dak l-iskop, verifiki fuq il-post ta' l-informazzjoni li hemm referenza dwarha fl-Artikolu ⌦ 42 ⌫ ~~28~~.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jistgħu wkoll, għall-iskopijiet tal-verifika tal-fergħat, ikollom aċċess għal waħda mill-proċeduri l-oħra stabbiliti fl-Artikolu ⌦ 141 ⌫ ~~55(7)~~.

3. ~~Dan l-Artikolu~~ ⌦ Il-Paragrafi 1 u 2 ⌫ m'għandhomx jaffetwaw id-dritt ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita li jwettqu, fit-twettiq tar-responsabiltajiet permezz ta' din id-Direttiva, verifiki fuq il-post tal-fergħat stabbiliti fit-territorju tagħhom.

↓ 2000/12/KE (adattat)

⌦ SEZZJONI 2 SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI U S-SEGRETEZZA PROFESSJONALI ⌫

↓ 2000/12/KE Art. 30 (1) sa (3) (adattat)

Artikolu 44

~~Skambju ta' informazzjoni u s-segretezza professjonali~~

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li l-persuni kollha li jaħdmu jew li kienu ħadmu għall-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll l-awdituri jew l-esperti li jaġixxu f'isem l-awtoritajiet kompetenti, għandhom ikunu marbuta bl-obligazzjoni tas-segretezza professjonali.

   ⌦ L-ebda ⌫ ~~Din tfisser li l-ebda~~ informazzjoni kunfidenzjali li huma jistgħu jirċievu fil-kors tad-doveri tagħhom ma tkun tista' tiġi żvelata lil ebda persuna jew awtorità, ħlief f'sommarju jew f'għamla kollettiva, hekk li l-istituzzjonijiet individwali ma jistgħux ikunu identifikati, bla ħsara għal każi koperti bil-liġi kriminali.

Madankollu, meta istituzzjoni ta' kreditu tkun giet iddikjarata falluta jew tkun xolta ta' bilfors, informazzjoni kunfidenzjali li ma tkunx tikkonċerna partijiet terzi involuti fi sforz biex isalvaw din l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tkun żvelata fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux iwaqqaf lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri varji mill-iskambju ta' l-informazzjoni skond din id-Direttiva u d-Direttivi l-oħra applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dik l-informazzjoni għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali indikati fil-paragrafu 1.

↓ 2000/12/KE Art. 30 (4) (adattat)

Artikolu 45

~~4.~~L-awtoritajiet kompetenti li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali permezz ⊠ ta' l-Artikolu 44 ◁ ~~tal-paragrafi 1 jew 2~~ jistgħu jagħmlu użu minnha biss fil-kors tad-doveri tagħhom ⊠ u għall-għanijiet li ġejjin biss ◁:

(a) biex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bidu tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu ssodisfati u biex jiffaċilitaw il-monitoraġġ, fuq bażi mhux ikkonsolidata jew ikkonsolidata, tat-twettiq ta' dak in-negozju, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-monitoraġġ tal-likwidità, il-kapaċità ta' ħlasijiet, ir-riskji kbar u l-proċeduri amministrattivi u tal-kontijiet u l-mekkaniżmi interni ta' kontroll;~~, jew~~

(b) biex jimponu sanzjonijiet;~~, jew~~

(c) f'appell amministrattiv kontra deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti;~~, or~~

(d) fi proċedimenti tal-qorti mibdija skond l-Artikolu ~~33~~ ⊠ 55 ◁ jew skond dispożizzjonijiet speċjali stipulati f'din id-Direttiva u d-Direttivi l-oħra adottati fil-qasam ta l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

↓ 2000/12/KE Art. 30 (3) (adattat)

Artikolu 46

~~3.~~ Stati Membri jistgħu jikkonkludu ftehim ta' kooperazzjoni, li jistipulaw skambju ta' informazzjoni, ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi jew ma' l-awtoritajiet jew il-korpi ta' pajjiżi terzi kif definit ~~fil-paragrafi 5 u 6~~ ⊠ fl-Artikoli 47 u 48(1) ◁ biss jekk l-informazzjoni li tkun żvelata tkun suġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali mill-anqas ekwivalenti għal dawk li hemm referenza dwarhom f'dan l-Artikolu. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun għall-iskopijiet tat-twettiq tad-doveri ta' superviżjoni mill-awtoritajiet jew mill-korpi msemmija.

Meta l-informazzjoni toriġina fi Stat Memru ieħor, din ma tkunx tista' tiġi żvelata mingħajr il-ftehim espress ma' l-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha u, fejn xieraq, biss għall-iskopijiet li dwarhom l-awtoritajiet ikunu taw il-kunsens tagħhom.

↓ 2000/12/KE Art 30 (5) (adattat)

Artikolu 47

~~5.Il-paragrafi 1 u 4~~ ⌦ L-Artikoli 44(1) u 45 ⌫ m'għandhomx jeskludu l-iskambju ta' l-informazzjoni fl-Istat Membru, meta jkun hemm żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar fl-istess Stat Membru, jew bejn Stati Membri, bejn awtoritajiet kompetenti u ⌦ dawn li ġejjin ⌫:

(a) l-awtoritajiet li jkunu ngħataw id-dover pubbliku li jagħmlu superviżjoni fuq organizzazzjonijiet finanzjarji oħra u kumpaniji ta' l-assigurazzjoni u l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tas-swieq finanzjarji~~.~~;

(b) korpi involuti fil-likwidazzjoni u l-falliment ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u fi proċedimenti oħra simili~~.~~;

(c) persuni responsabbli għat-twettiq ta' l-awditjar statutorju tal-kontijiet ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħra~~.~~,

fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom ta' superviżjoni~~. u~~

⌦ u l-anqas m'għandhom jeskludu ⌫ l-iżvelar ta' informazzjoni meħtieġa biex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom lil korpi li jamministraw skemi ta' garanzija ta' depożitu.

⌦ Fiż-żewġ każijiet, l-⌫ informazzjoni mwassla għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali ⌦ speċifikati ⌫ ~~indikati fil-paragrafu 1~~⌦ fl-Artikolu 44(1) ⌫.

↓ 2000/12/KE Art. 30 (6) & (7) (adattat)

Artikolu 48

1~~6~~. Independentament mill-⌦ Artikoli 44 sa 46 ⌫ ~~paragrafi 1 sa 4~~, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u ⌦ dawn li ġejjin⌫:

(a) l-awtoritajiet responsabbli li jissorveljaw il-korpi, involuti fil-likwidazzjoni jew fil-falliment ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u proċeduri oħra simili~~.~~; ~~, jew~~

(b) l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni ta' persuni inkarigati li jwettqu awditjar satutorju tal-kontijiet ta' intrapriżi ta' l-assigurazzjoni, istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' l-investimenti u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

⌦ F'dawn il-każijiet, ⌫ l-Istati Membri ~~li jkollhom rikors għad-disposizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu~~ għandhom jeżiġu mill-anqas ⌦ it-twettiq ta' ⌫ dawn il-kundizzjonijiet ~~ikunu milħuqa~~:

(a) l-informazzjoni għandha tkun għall-iskopijiet li jitwettaq id-dover ta' sorveljanza li hemm referenza dwarhom fl-ewwel subparagrafu~~.~~;

(b) l-informazzjoni rċevuta f'dan il-kuntest għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali indikati fl-⌦ Artikolu 44(1) ⌫ ~~paragrafu 1).~~;

(c) meta l-informazzjoni toriġina fi Stat Memru ieħor, din ma tkunx tista' tiġi żvelata mingħajr il-ftehim espress ta' l-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha u, fejn xieraq, biss għall-iskopijiet li dwarhom l-awtoritajiet ikunu taw il-kunsens tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-ismijiet ta' l-awtoritajiet li jistgħu jirċievu l-informazzjoni bis-saħħa ta' dan il-paragrafu.

2~~7~~. Independentament ⌦ mill-Artikoli 44 sa 46 ⌫ ~~mill-paragrafi 1 sa 4~~, l-Istati Membri jistgħu, bil-għan li tissaħħaħ l-istabbilità, inkluża l-integrità, tas-sistema finanzjarja, jawtorizzaw l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet jew il-korpi responsabbli permezz tal-liġi għall-iżvelar u l-investigazzjoni tal-ksur tal-liġi tal-kumpaniji.

⌦ F'dawn il-każijiet ⌫ l-Istati Membri ~~li jkollhom rikors għad-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu~~ għandhom jeżiġu mill-anqas ⌦ li jiġu ssodisfati ⌫ ~~li~~ dawn il-kundizzjonijiet ~~ikunu milħuqa~~:

(a) l-informazzjoni għandha tkun għall-iskopijiet li jitwettqu d-doveri li hemm referenza dwarhom fl-ewwel subparagrafu~~.~~;

(b) l-informazzjoni mwassla f'dan il-kuntest ⌦ hija ⌫ ~~għandha tkun~~ suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali stabbiliti ⌦ fl-Artikolu 44(1) ⌫ ~~(fil-paragrafu 1).~~;

(c) meta l-informazzjoni toriġina fi Stat Memru ieħor, din ma tkunx tista' tiġi żvelata mingħajr il-qbil espress ta' l-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha u, fejn xieraq, biss għall-iskopijiet li dwarhom l-awtoritajiet ikunu taw il-kunsens tagħhom.

Meta, fi Stat Membru, l-awtoritajiet jew il-korpi li hemm referenza dwarhom fl-ewwel subparagrafu jwettqu d-doveri tagħhom ta' tfittix jew investigazzjoni bl-għajnuna, in vista tal-kompetenza speċifika tagħhom, ta' persuni maħtura għal dak l-iskop u li ma jkunux impjegati fis-settur pubbliku, il-possibbiltà ta' skambju ta' informazzjoni li hemm dispożizzjoni dwaru fl-ewwel subparagrafu tista' tkun estiża għal dawk il-persuni permezz tal-kundizzjonijiet ⌦ speċifikati ⌫ ~~stipulati~~ fit-tieni subparagrafu.

Sabiex ikun implimentat it-tielet ~~inċiż tat-tieni~~ subparagrafu, l-awtoritajiet jew il-korpi li hemm referenza dwarhom fl-ewwel subparagrafu għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelaw l-informazzjoni, l-ismijiet u r-reponsabbiltajiet preċiżi tal-persuni li lilhom tkun se tintbagħat.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-ismijiet ta' l-awtoritajiet jew tal-korpi li jistgħu jirċievu informazzjoni bis-saħħa ta' dan ⊠ l-Artikolu ⊠ ~~il-paragrafu~~.

~~Qabel il-31 ta' Diċembru 2000, i~~Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ⊠ l-Artikolu ⊠ ~~il-paragrafu~~.

⬇ 2000/12/KE Art 30 (8) (adattat)

Artikolu 49

~~8.~~⊠ Din is-Sezzjoni ⊠ ~~Dan l-artikolu~~ m'għandhiex twaqqaf lil awtorità kompetenti milli tittrażmetti ⊠ informazzjoni lil dawn li ġejjin għall-iskopijiet tal-funzjonijiet tagħhom ⊠:

(a) il-banek ċentrali u l- korpi l-oħra b'funzjoni simili fil-kapaċità tagħhom ta' awtoritajiet monetarji~~,~~;

(b) meta xieraq l-awtoritajiet pubbliċi l-oħra responsabbli biex jissorveljaw sistemi ta' pagamenti.

~~informazzjoni ntenzjonata għat-twettieq tad-doveri tagħhom, l-anqas~~ ⊠ L-anqas ⊠ m'għandha tfixkel lil dawk l-awtoritajiet milli jikkomunikaw ma' l-awtoritajiet kompetenti dik l-informazzjoni li huma jistgħu jenħtieġu għall-iskopijiet ⊠ ta' l-Artikolu 45 ⊠ ~~tal-paragrafu 4~~.

L-informazzjoni rċevuta f'dan il-kuntest għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali ⊠ stabbiliti ⊠ ~~imposti~~ f'~~dan~~ l-Artikolu ⊠ 44(1) ⊠.

⬇ 2000/12/KE Art. 30 (9) 1 u 2 paragrafi (adattat)

Artikolu 50

~~9. B'żieda, u i~~Indipendentament mid-dispożizzjonijiet li hemm referenza dwarhom ⊠ fl-Artikoli 44(1) u 45⊠ ~~fil-paragrafi 1 u 4~~, l-Istati Membri jistgħu, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, jawtorizzaw l-iżvelar ta' ċerta informazzjoni lil dipartimenti oħra ta' amministrazzjonijiet tal-gvern ċentrali tagħhom li jkunu responsabbli għall-leġiżlazzjoni dwar is-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji, tas-servizzi ta' l-investimenti u tal-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni u lil spetturi li jaġixxu f'isem dawk id-dipartimenti.

Madankollu, dan l-iżvelar jista' jsir biss meta meħtieġ u għal raġunijiet ta' kontroll prudenzjali.

↓ 2000/12/KE Art 30 (9) 3 paragrafu (adattat)

Artikolu 51

~~Madankollu, l~~L-Istati Membri għandhom jistipulaw li l-informazzjoni li tkun waslitilhom permezz ⊠ ta' l-Artikoli 44(2) u 47 ⊠ ~~tal-paragrafi 2 u 5~~ u ⊠ informazzjoni ⊠ ~~dik~~ akkwistata permezz tal-verifiki fuq il-post li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu ⊠ 43 ⊠ ~~29~~(1) u (2) qatt ma tkun tista' tiġi żvelata fil-każi li hemm referenza dwarhom f'dan ⊠ l-Artikolu ⊠ ~~il-paragrafu~~ ħlief bil-kunsens espress ta' l-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelaw l-informazzjoni jew ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih tkun twettqet il-verifika fuq il-post.

↓ 2000/12/KE Art. 30 (10) (adattat)

Artikolu 52

~~10.~~⊠ Din is-Sezzjoni m'għandhiex twaqqaf ⊠ ~~Dan l-Artikolu m'għandux ifixkel~~ lill-awtoritajiet kompetenti ⊠ ta' Stat Membru ⊠ milli jikkomunikaw l-informazzjoni li hemm referenza dwarha ⊠ fl-Artikoli 44 sa 46⊠ ~~fil-paragrafi 1 sa 4~~ lil *clearing house* jew korp simili rikonoxxut mill-liġi nazzjonali biex jipprovdi *clearing* u twettiq ta' servizzi għal wieħed mis-swieq ta' l-Istati Membri jekk huma jikkunsidraw li jkun meħtieġ li jikkomunikaw l-informazzjoni sabiex jassiguraw il-funzjonar xieraq ta' dawk il-korpi b'relazzjoni mal-inadempjenza jew il-potenzjal ta' inadempjenza mill-parteċipanti fis-suq. L-informazzjoni rċevuta f'dan il-kuntest għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali ⊠ stabbiliti ⊠ ~~imposti~~ ⊠ fl-Artikolu 44(1) ⊠ ~~fil-paragrafu 1~~.

L-Istati Membri għandhom, madankollu, jassiguraw li informazzjoni li tkun waslitilhom permezz ~~tal-paragrafu 2~~ ⊠ ta' l-Artikolu 44(2) ⊠ ma tkunx tista' tiġi żvelata fiċ-ċirkostanzi li hemm referenza dwarhom f'dan ⊠ l-Artikolu ⊠ ~~il-paragrafu~~ mingħajr il-kunsens espress ta' l-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha.

⇩ ġdid

SEZZJONI 3

DOVER TAL-PERSUNI RESPONSABBLI GĦALL-KONTROLL LEGALI TAL-KONTIJIET ANNWALI U L-KONTIJIET IKKONSOLIDATI

↓ 2000/12/KE Art. 31 (adattat)

Artikolu 53

~~**Dover ta' persuni responsabbli għall-kontroll legali ta' kontijiet annwali u l-kontijiet ikkonsolidati**~~

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw mill-anqas li ~~(a)~~ kull persuna awtorizzata skond it-tifsira ⌦ tat-tmien ⌫ Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE[26], li twettaq fl-istituzzjoni ta' kreditu d-dover deskritt fl-Artikolu 51 tad-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE[27], jew fl-Artikolu 37 ⌦ tar-raba' ⌫ Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE, jew fl-Artikolu 31 tad-Direttiva ⌦ tal-Kunsill ⌫ 85/611/KEE[28], jew kwalunkwe dover statutorju ieħor, għandha jkollha d-dover li tirraporta minnufih lill-awtoritajiet kompetenti kull fatt jew deċiżjoni li jikkonċernaw lil dik l-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫, li dwarhom ikun sar konxju waqt li jkun iwettaq dak id-dover, li jkunu jistgħu:

   (a) jikkonstitwixxu ksur sostanzjali tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni jew li speċifikament jirregolaw l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ~~, jew~~;

   (b) jaffettwaw il-kontinwità tal-funzjonament ta' l-istituzzjoni ta' kreditu ~~, jew~~;

   (c) iwasslu għal ċaħda ta' ċertifikazzjoni tal-kontijiet jew l-espressjoni ta' riżervi;

   ⌦ L-Istati Membri għandhom jistipulaw għallinqas li ⌫ ~~(b)~~ dik il-persuna għandha l-istess ikollha d-dover li tirraporta kull fatt ⌦ jew ⌫ ~~u~~ deċiżjoni li dwarhom issir konxja matul il-kors tat-twettiq tad-dover tagħha kif deskritt ⌦ fl-ewwel subparagrafu ⌫ ~~f'(a)~~ f'intrapriża li jkollha rabtiet mill-qrib li jirriżultaw minn relazzjoni ta' kontroll ma' l-istituzzjoni ta' kreditu li fiha tkun qiegħda twettaq ⌦ dak ⌫ id-dover ~~imsemmi hawn fuq~~.

2. Dan l-iżvelar *in bona fede* lejn l-awtoritajiet kompetenti, minn persuni awtorizzati skond it-tifsira tad-Direttiva 84/253/KEE, jew kull fatt jew deċiżjoni li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 m'għandux jikkostitwixxi ksur ta' xi restrizzjoni dwar l-iżvelar ta' l-informazzjoni imposta b'kuntratt jew b'xi dispożizzjoni leġiżlattiva, regolatorja jew amministrattiva u m'għandux jinvolvi lil dik il-persuna f'responsabbiltà ta' kwalunkwe tip.

↓ 2000/12/KE (adattat)

⌦ SEZZJONI 4 POTER TA' SANZJONI U DRITT TA' RIKORS GĦALL-QRATI ⌫

↓ 2000/12/KE Art. 32 (adattat)

Artikolu 54

~~Qawwa ta' sanzjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti~~

Bla ħsara għall-proċeduri għat-tneħħija ta' l-awtorizzazzjoni u tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom

---

[26] ĠU L 126, 12.5.1984, p. 20.
[27] ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11, kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 1999/60/KE (ĠU L 62, 26.6.1999, p. 65).
[28] ĠU L 375, 31.12.1985, p. 3, kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 95/26/KE (ĠU L 168, 18.7.1995, p. 7).

jistgħu, bħal kontra l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew dawk li jkollhom kontroll effettiv tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jiksru l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw is-superviżjoni jew l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet tagħhom, jadottaw jew jimponu ~~fuqhom~~ penalitajiet jew miżuri mmirati speċifikament biex iwaqqfu dak il-ksur osservat jew il-kawżi ta' dak il-ksur.

↓ 2000/12/KE Art. 33 (adattat)

Artikolu 55

~~Dritt ta' l-appell lejn il-qrati~~

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li d-deċiżjonijiet meħuda rigward l-istituzzjoni ta' kreditu fl-eżerċizzju tal-liġijiet, tar-regolament jew tad-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skond din id-Direttiva jistgħu jkunu suġġetti għad-dritt ta' appell lejn il-qrati. L-istess għandu jkun applikabbli meta l-ebda deċiżjoni ma tittieħed fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni tagħha fir-rigward ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa permezz tad-dispożizzjonijiet eżistenti.

↓ 2000/28/KE 1.2 (adattat)

~~*Artikolu 33a*~~

~~L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/46/KE għandu jkun applikabbli għal istituzzjonijiet ta' kreditu.~~

↓2000/12/KE

KAPITOLU 2

STRUMENTI TEKNIĊI TA' SUPERVIŻJONI PRUDENZJALI

SEZZJONI 1

FONDI PROPRJI

↓2000/12/KE Art. 34(1) (adattat)

Artikolu 56

~~Prinċipji ġenerali~~

Kull meta Stat Membru jistabbilixxi b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva dispożizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar is-sorveljanza

prudenzjali ta' istituzzjoni ta' kreditu operattiva li tuża t-terminu jew tirreferi għall-kunċett 'fondi proprji', l-Istat għandu jara li dan it-terminu jew kunċett ikunu konformi mad-definizzjoni mogħtija ⌦fl-Artikoli 57 sa 61 u l-Artikoli 63 sa 66⌫

➧2000/12/KE Art. 34(2) l-ewwel paragrafu (adattat) ⇨ġdid

Artikolu 57

Suġġetti għal-limiti imposti fl-Artikolu ⌦ 66 ⌫ , il-fondi proprji mhux ikkonsolidati ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonsistu minn dawn l-elementi li ġejjin:

(~~1~~a) kapital fit-tifsira ta' l-Artikolu 22 tad-Direttiva 86/635/KEE, sakemm dan ikun tħallas kollu, kif ukoll kontijiet *premium* ta' l-ishma imma eskluži ishma preferenzjali kumulattivi;

(~~2~~b) riżervi fit-tifsira ta' l-Artikolu 23 tad-Direttiva 86/635/KEE u profitti u telf trasferiti b'riżultat ta' l-applikazzjoni tal-profitt jew tat-telf finali;~~ L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-inklużjoni ta' profitti interim qabel ma deċiżjoni formali tkun ittieħdet biss jekk dawn il-profitti jkunu ġew ivverifikati minn persuni responsabbli għall-awditjar tal-kontijiet u jekk ikun ġie ppruvat għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti li l-ammont tagħhom ikun ġie evalutat bi qbil mal-prinċipji tabbiliti fid-Direttiva 86/635/KEE u jkun nett minn xi imposti jew dividendi previsti;~~

(~~3~~c) fondi għar-riskji bankarji ġenerali fit-tifsira ta' l-Artikolu 38 tad-Direttiva 96/635/KEE;

(~~4~~d) riżervi tar-rivalutazzjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 33 tad-Direttiva 78/660/KEE;

(~~5~~e) aġġustament tal-valur fit-tifsira ta' l-Artikolu 37(2) tad-Direttiva 86/635/KEE;

(~~6~~f) elementi oħra fit-tifsira ta' l-Artikolu ⌦ 63 ⌫ ;

(~~7~~g) l-impenji tal-membri ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti bħala soċjetajiet kooperattivi u impenji konġunti u diversi ta' min jissellef f'ċerti istituzzjonijiet organizzati bħala fondi, kif hemm referenza dwarhom fl-Artikolu ⌦ 64 ⌫ (1);

(~~8~~h) l-ishma preferenzjali kumulattivi għal żmien fiss u kapital ta' self subordinat kif hemm referenza dwarhom fl-Artikolu ⌦ 64 ⌫ (3).

Dawn l-elementi li ġejjin għandhom ikunu mnaqqsa skond l-Artikolu ⌦ 66 ⌫ :

(~~9~~i) l-ishma proprji fil-valur tal-kotba miżmuma minn istituzzjoni ta' kreditu;

(~~10~~j) assi intanġibbli fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(9) («Assi») tad-Direttiva 86/635/KEE;

(k~~11~~) telf materjali fis-sena finanzjarja kurrenti;

↓2002/87/KE Art. 29.4(a) (adattat)

(l~~12~~) Investimenti f'istituzzjonijiet oħra ta' kreditu jew finanzjarji li jammontaw għal aktar minn 10% tal-kapital tagħhom;

(m~~13~~)krediti subordinati (*subordinated claims*) u strumenti msemmija fl-Artikolu ⊠ 63 ⊠ u l-Artikolu ⊠ 64 ⊠ (3) miżmuma minn istituzzjoni ta' kreditu fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li fihom ikollha investimenti ta' aktar minn 10 % tal-kapital f'kull każ;

(n~~14~~) investimenti f'istituzzjonijiet oħra ta' kreditu u finanzjarji sa 10 % tal-kapital tagħhom, il-krediti subordinati u l-istrumenti msemmija fl-Artikolu ⊠ 63 ⊠ u l-Artikolu ⊠ 64 ⊠ (3) miżmuma minn istituzzjoni ta' kreditu fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji minbarra dawk imsemmija f'dan is-subparagrafu rigward l-ammont tat-total ta' dawk l-investimenti, il-krediti subordinati u l-istrumenti li jeċċedu l-10 % tal-fondi proprji ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu kalkulati qabel it-tnaqqis ta' l-elementi fil-punti ⊠ (1) sa (p) ⊠ ta' dan is-subparagrafu;

(o~~15~~) investimenti fit-tifsira ta' l-Artikolu ⊠ 4(10) ⊠ li istituzzjoni ta' kreditu għandha fi:

(i) impriżi ta' assigurazzjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 6 ta' ⊠ l-Ewwel ⊠ Direttiva 73/239/KEE ⊠ tal-Kunsill ⊠ ⊠ [29]⊠l-Artikolu 6 ta' ⊠ l-Ewwel ⊠ Direttiva 79/267/KEE ⊠ tal-Kunsill ⊠ ⊠ [30]⊠ jew l-Artikolu 1(b) tad-Direttiva 98/78/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31];

(ii) impriżi ta' riassigurazzjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(c) tad-Direttiva 98/78/KE,

(iii) kumpaniji ta' parteċipazzjoni assigurattiva fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(i) tad-Direttiva 98/78/KE;

(p~~16~~) kull waħda mill-elementi li ġejjin li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha fir-rigward ta' l-entitajiet definiti fil-punt (o) li fiha għandha parteċipazzjoni:

(i) strumenti msemmija fl-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 73/239/KEE,

(ii) strumenti msemmija fl-Artikolu 18(3) tad-Direttiva 79/267/KEE.

⇩ġdid

(q) Għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' l-iskoperturi bil-koeffiċjenti korrettiv għar-riskju skond l-Artikolu 3, is-Subartikolu 2, l-

[29] ⊠ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3.
[30] ⊠ĠU L 63, 13.3.1979, p. 1.
[31] ĠU L 330, 5.12.1998, p. 1

ammonti negattivi li jirriżultaw mill-kalkolu fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafu 34 u l-ammonti ta' telf mistenni kkalkulati skond l-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 30 u 31;

(r) L-ammont ta’ l-iskopertura assoċjat ma’ pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni (tisrif ta' krediti f'titoli negozjabbli fis-suq) (*securitisation*) li jkollu applikat il-koeffiċjenti korrettiv tar-riskju ugwali għall-valur ta’ 1250% skond l-Anness IX, il-Parti 4, ikkalkulat skond kif speċifikat hemmhekk.

↓2000/12/KE Art. 34 (2) il-punt 2, l-aħħar sentenza (adattat) ⇨ġdid

⌦ Għall-fini tal-punt (b), l- ⌫ Istati Membri jistgħu biss jippermettu l-inklużjoni ta' profitti temporanji qabel ma deċiżjoni formali tkun ittieħdet jekk dawn il-profitti jkunu ġew ivverifikati minn persuni responsabbli għall-awditjar tal-kontijiet u jekk ikun ġie ppruvat għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti li l-ammont tagħhom ikun ġie valutat bi qbil mal-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 86/635/KEE u jkun nett minn xi imposti jew dividendi prevedibbli;

⇨Fil-każ ta’ istituzzjoni ta’ kreditu li tkun oriġinat titolizzazzjoni, il-profitti netti mill-kapitalizzazzjoni ta’ dħul futur minn assi titolizzati u li jipprovdu titjib tal-kreditu għal pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni għandhom ikunu eskluży mill-element speċifikat fil-punt (b).

↓2002/87/KE Art. 29.4(b) (adattat)

Artikolu 58

Fejn ishma f'istituzzjoni ta' kreditu oħra, istituzzjoni finanzjarja, impriża ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jew kumpanija ta’ investiment ta' assigurazzjoni huma miżmuma temporanjament għall-għanijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja maħsuba biex torganizza mill-ġdid jew issalva dik l-entità, l-awtorità kompetenti tista' twarrab id-dispożizzjonijiet dwar tnaqqis imsemmija fil-punti ⌦ (l) sa (p) ⌫ .

Artikolu 59

Bħala alternattiva għat-tnaqqis ta’ l-elementi msemmija fil-punti ⌦ (o) sa (p) ⌫ l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li japplikaw *mutatis mutandis* il-metodi 1, 2, jew 3 ta' l-Anness I tad-Direttiva 2002/87/KE. Il-metodu 1 (Konsolidazzjoni tal-kontijiet) ⌦ għandu ⌫ jiġi applikat ⌦ biss ⌫ jekk l-awtorità kompetenti tkun konfidenti dwar il-livell ta' amministrazzjoni integrata u kontroll intern fir-rigward ta' l-entitajiet li jistgħu jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni. Il-metodu magħżul għandu jiġi applikat b'mod konsistenti matul perjodu ta' żmien.

Artikolu 60

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li għall-kalkolu tal-fondi proprji fuq bażi ta' każ b'każ, istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għal sorveljanza fuq bażi konsolidata skond il-Kapitolu ⌦ 4, Sezzjoni 1 ⌫ jew għal sorveljanza supplimentari skond id-Direttiva 2002/87/KE, ma jiġux obbligati li jnaqqsu l-elementi msemmija fil-punti ⌦ (1) sa (p) ⌫ miżmuma f'istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji, impriżi ta' assigurazzjoni jew riassikurazzjoni jew kumpaniji ta' investiment ta' assigurazzjoni, li huma nklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' sorveljanza konsolidata jew supplimentari.

Din id-dispożizzjoni għandha tkun applikabbli għar-regoli prudenzjali armoniżżati b'atti tal-Komunità.

↓2000/12/KEE Art 34(3) (adattat)

Artikolu 61

3. Il-kunċett tal-fondi proprji kif definiti fil-punti ⌦ (a) sa (h) ⌫ ta' ⌦ l-Artikolu 57 ⌫ jinkorpora n-numru massimu ta' elementi u ammonti. L-użu ta' dawn l-elementi u l-iffissar ta' valuri massimi inferjuri, u t-tnaqqis ta' elementi apparti dawk elenkati fil-punti ⌦ (i) sa (r) ⌫ għandhom jitħallew għad-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri. ~~Stati Membri għandhom b'dana kollu jkunu obligati li jikkunsidraw żieda ta' konverġenza bil-għan ta' definizjoni komuni ta' fondi tagħha.~~

~~Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha, sa l-1 ta' Jannar 1996 l-aktar tard, tissottometti rapport lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u l-Artikoli 35 sa 39, akkumpanjat fejn xieraq, bi proposti bħal dawk għal emendi li hi tħoss li jkunu meħtieġa. Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1998, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, waqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura esiġita fl-Artikolu 251 tat-Trattat u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jeżaminaw id-definizjoni ta' fondi tagħha bil-għan ta' l-applikazzjoni uniformi tad-definizjoni komuni.~~

↓2000/12/KEE Art 34(4) (adattat)

L-elementi elenkati fil-punti ⌦ (a) sa (e) ⌫ ta' ⌦ l-Artikolu 57 ⌫ iridu jkunu disponibbli għall-istituzzjoni ta' kreditu għal użu immedjat u mingħajr restrizzjonijiet biex ikopru riskji jew telf hekk kif dawn iseħħu. L-ammont għandu jkun nett minn xi imposti ta' taxxi prevedibbli fil-mument meta jsir il-kalkolu tiegħu jew ikun aġġustat kif xieraq b'tali mod li l-imposti tat-taxxi jnaqqsu l-ammont sal-limitu li dawn l-elementi jistgħu jkunu applikati biex ikopru r-riskji jew it-telf.

⇩ġdid

Artikolu 62

L-istati Membri rirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun sar fil-konverġenza li l-għan tagħha hu l-wasla għal definizzjoni komuni tal-fondi proprji. Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti, sa' l-1 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun adegwat, tissottometti

proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-emenda ta' dan l-Artikolu u l-Artikoli 35 sa 39.

↓2000/12/KE Art. 35 (adattat)

Artikolu 63

~~Elementi oħra~~

1. Il-kunċett ta' fondi proprji użat minn Stat Membru jista' jinkludi elementi oħra basta, indipendentement mid-definizzjoni legali jew tal-kontijiet tagħhom, ikollhom il-karatteristiċi li ġejjin:

(a) ikunu liberament disponibbli għall-istituzzjoni ta' kreditu biex ikopru r-riskji bankarji normali meta l-introjtu jew it-telf kapitali ma jkunux għadhom ġew identifikati;

(b) l-eżistenza tagħhom tkun żvelata fir-reġistri tal-kontijiet interni;

(c) l-ammont tagħhom ikun determinat mill-amministrazzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, ivverifikat minn awdituri independenti, komunikat lill-awtoritajiet kompetenti u sottomess għas-sorveljanza ta' dawn ta' l-aħħar.

2. Titoli ta' tul mhux determinat u strumenti oħra li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin jistgħu wkoll ikunu aċċettati bħala elementi oħra:

(a) ma jkunux jistgħu jitħallsu lura fuq l-inizjattiva tal-pussessur jew mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' l-awtorità kompetenti;

(b) il-ftehim tad-dejn irid jipprevedi l-possibbiltà għall-istituzzjoni ta' kreditu li tkun tista' tagħżel li tiddifferixxi l-pagament ta' l-imgħax fuq id-dejn;

(c) il-pretenzjonijiet li jkollu min jislef fuq l-istituzzjoni ta' kreditu għandhom ikunu kompletament subordinati għal dawk tal-krediturі kollha mhux subordinati;

(d) id-dokumenti li jirregolaw il-ħruġ tas-titoli għandhom jipprovdu għal dejn u imgħax mhux imħallas biex ikun hemm biżżejjed biex ikun assorbit it-telf, filwaqt li jħalli l-istituzzjonijiet ta' kreditu f'qagħda li fiha jkunu jistgħu jkomplu jinnegozjaw;

(e) għandhom ikunu kkunsidrati biss dawk l-ammonti li jkunu mħallsa kollha.

Ma' dawn jista' jiżdied il-kumulattiv ta' ishma preferenzjali apparti dawk li hemm referenza għalihom fil-punt ⌦ (h) ⌫ ta' l-Artikolu ⌦ 57 ⌫ (2).

⇩ġdid

3. Għal dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti b'piz differenzjat għar-riskju skond is-Sezzjoni 3, SubSezzjoni 2, l-ammonti pożittivi li jirriżultaw

mill-kalkolu fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafu 34, jistgħu, sa mhux aktar minn 0.6% ta' l-ammonti tal-iskoperturi b'piz differenzjat għar-riskju kkalkulati skond is-SubSezzjoni 2, ikunu aċċettati bħala elementi oħra. Għal dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu l-aġġustamenti tal-valur u d-dispożizzjonijiet inklużi fil-kalkolu msemmi fl-Anness VII, is-Sezzjoni 3, il-Parti 1, il-paragrafu 34 u l-aġġustamenti tal-valur u d-dispożizzjonijiet għall-iskoperturi msemmija fil-punt (e) ta' l-Artikolu 57, m'għandhomx ikunu inklużi fil-fondi proprji għajr skond din id-dispożizzjoni. Għal dan il-għan, l-ammonti ta' skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju m'għandhomx jinkludu dawk ikkalkulati b'relazzjoni mal-pożizzjonijiet ta' titoli li għandhom piż differenzjat ta' 1250%.

↓2000/12/KE Art. 36 (adattat)

Artikolu 64

~~Dispożizzjonijiet oħra li jikkonċernaw fondi tagħha~~

1. L-impenji tal-membri ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti bħala soċjetajiet kooperattivi li hemm referenza dwarhom fil-punt ⌦ (g) ⌫ ta' l-Artikolu ⌦ 57 ⌫ , għandhom jinkludu l-kapital mhux imsejjah (mhux imħallas) ta' dawk is-soċjetajiet; flimkien ma' l-impenji legali tal-membri ta' dawk is-soċjetajiet kooperattivi biex jagħmlu l-pagamenti addizjonali mhux rifondibbli fil-każ li l-istituzzjoni ta' kreditu ssofri xi telf, f'liema każ għandu jkun possibli li jkunu mitluba dawk il-pagamenti mingħajr dewmien.

   L-impenji konġunti u separati ta' min jissellef fil-każ ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu organizzati bħala fondi għandhom ikunu ttratti bl-istess mod bħall-elementi preċedenti.

   L-elementi kollha bħal dawn jistgħu jkunu inklużi fil-fondi proprji sakemm dawn jingħaddu bħala fondi proprji ta' l-istituzzjonijiet ta' din il-kategorija skond il-liġi nazzjonali.

2. L-Istati Membri m'għandhomx jinkludu fil-fondi proprji ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu pubbliċi dawk il-garanziji li huma jew l-awtoritajiet lokali tagħhom jikkon1edu lil entitajiet bħal dawn.

3. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu ishma preferenzjali kumulattivi ta' termini fissi li hemm referenza għalihom fil-punt ⌦ (h) ⌫ ta' l-Artikolu ⌦ 57 ⌫ u ta' kapital ta' self subordinat li hemm referenza għalih fid-dispożizzjoni tal-fondi proprji, jekk ikunu jeżistu ftehimiet li jorbtu li bihom, fil-każ ta' falliment jew ta' likwidazjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, huma jiġu wara l-pretenzjonijiet tal-krediturі l-oħra kollha u ma jkunux rimburżati sakemm id-dejn l-ieħor kollu pendenti fl-isetss żmien ikun tħallas.

   Il-kapital misluf subordinat irid joqgħod għal dawn il-kriterji addizzjonali:

   (a) il-fondi mħallsa kollha biss jistgħu jkunu kkunsidrati;

(b) is-self involut għandu jkollu maturità oriġinali ta' mill-anqas ħames snin, u wara jistgħu jiġu rimburżati; ~~jekk il-maturità tad-dejn ma tkunx iffissata, dawn għandhom jitħalsu l-ura biss suġġetti għal avviż ta' ħames snin sakemm is-self ma jkunx aktar meqjus bħala fondi tagħha jew sakemm kunsens bil-quddiem ta' l-awtoritajiet kompetenti ma jkunx speċifikament meħtieġ għal ri-pagament aktar kmieni. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess għal ri-pagament aktar kmieni ta' dak is-self basta li t-talba tkun magħmulha fuq l-inizjattiva ta' dak li jkun ħarighom u l-kapaċità ta' ħlas ta' l-istituzzjoni ta' kreditu f'dak il-każ ma tkunx affetwata;~~

(c) il-limitu li matulu dawn jistgħu jitqiesu bħala fondi proprji jrid jitnaqqas gradwalment matul mill-anqas l-aħħar ħames snin qabel id-data tar-rimborż;

(d) il-ftehim tas-self ma jrid jinkludi ebda klawsola li tipprevedi li f'ċirkostanzi speċifikati, għajr għal-likwidazzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, id-dejn isir rimburżabbli qabel id-data miftiehma tar-rimborż.

↓ 2000/12/KE Art. 36(3)(b), minbarra l-ewwel 19-il kelma ⇨ġdid

⇨ Għall-fini tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu, ⇦ jekk il-maturità tad-dejn ma tkunx iffissata, għandu jiġi stabbilit, għar-rimborż tiegħu, avviż ta' ħames snin sakemm is-self ma jkunx aktar meqjus bħala fondi proprji jew sakemm kunsens bil-quddiem ta' l-awtoritajiet kompetenti ma jkunx speċifikament meħtieġ għal rimborż kmieni. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess għal rimborż kmieni ta' self bħal dan bil-patt li t-talba tkun magħmula fuq l-inizjattiva ta' dak li jkun ħarġu u li l-kapaċità ta' ħlas ta' l-istituzzjoni ta' kreditu konċernata ma tkunx affetwata;

⇩ġdid

4. L-Istituzzjonijiet ta' kreditu m'għandhomx jinkludu f'fondi proprji la r-riżervi tal-valur ekwu relatati mal-profitti jew it-telf ġenerati mill-koperturi tal-likwidità (*cashflow hedges*) ta' strumenti finanzjarji valutati bi prezz amortizzat, u lanqas il-profitti jew it-telf fuq il-passiv tagħhom ivvalutat b'valur ekwu u li hu mistenni jinbidel ma' l-evolviment tal-mertu tal-kreditu ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

↓2000/12/KE Art. 37 (adattat)

Artikolu 65

~~Kalkolazzjoni tal-fondi tagħha fuq bażi kkonsolidata~~

1. 1. Meta l-kalkolu jkollu jsir fuq bażi kkonsolidata, l-ammonti ikkonsolidati li għandhom x' jaqsmu ma' l-elementi elenkati fl-Artikolu ⌦ 57 ⌫(2) għandhom jintużaw bi qbil mar-regoli stabbiliti fil- ⌦ Kapitolu 4, is-sezzjoni 1 ⌫ . Aktar minn hekk, dawn li ġejjin jistgħu, meta jkunu elementi ta' kreditu («negattivi»), ikunu meqjusa bħala riżervi ikkonsolidati għal kalkolu tal-fondi proprji:

(a) l-interssi ta’ minoranza fit-tifsira ta’ l-Artikolu 21 tad-Direttiva 83/349/KEE, f’każ li l-metodu ta' integrazzjoni globali jkun użat;

(b) id-differenza ta’ l-ewwel konsolidament fit-tifsira ta’ l-Artikoli 19, 30 u 31 tad-Direttiva 83/349/KEE;

(c) id-differenzi fil-konverżjoni inklużi fir-riżervi konsolidati bi qbil ma' l-Artikolu 39(6) tad-Direttiva 86/635/KEE;

(d) id-differenza li tirriżulta mill-inklużjoni ta' ċerti interessi parteċipanti bi qbil mal-metodu preskritt fl-Artikolu 33 tad-Direttiva 83/349/KEE.

2. ⌦ Meta l-elementi imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 jkunu debitu («pożittivi»), għandhom ikunu mnaqqsa fil-kalkolu tal-fondi proprji konsolidati.⌫

↓2000/12/KE Art 38(1) (adattat)
⇨ġdid

Artikolu 66

~~Tnaqqis u limiti~~

1. L-elementi li hemm referenza għalihom fil-punti ⌦ (d) sa (h) ⌫ ta' l-Artikolu ⌦ 57 ⌫, għandhom ikunu suġġetti għal dawn il-limiti:

(a) it-total ta’ l-elementi fil-punti ⌦ (d) sa (h) ⌫ ma jistax jaqbeż il-limitat ta’ massimu ta' 100% ta’ l-elementi fil-punt ⌦ (a) magħduda ma’ dawk fil-punti (b) u (c) ⌫ , bl-elementi fil-punti ⌦ (i) sa (k) ⇨ flimkien ma’ 50% ta’ l-ammonti ta’ (q) ⇦ imnaqqsa;

(b) it-total ta’ l-elementi fil-punti ⌦ (g) sa (h) ⌫ ma jistax jaqbeż il-limitu ta’ massimu ta' 50% ta’ l-elementi fil-punt ⌦ (a) magħduda ma’ dawk fil-punti (b) u (c), ⌫ bl-elementi fil-punti (i) sa (k) ⇨ flimkien ma’ 50% ta’ l-ammonti ta’ (q) ⇦ imnaqqsa;

(c) it-total ta' l-elementi fil-punti (l) ⇨ sa (q) ⇦ għandhom ikunu mnaqqsa mit-total ta' l-elementi.

⇩ġdid

2. L-elementi imsemmija fil-punt (r) ta’ l-Artikolu 57 għandhom jitnaqqsu mit-total ta’ l-elementi speċifikati fil-punti (a) sa (h) ta’ dak l-Artikolu, sakemm l-istituzzjoni ta’ kreditu ma tinkludix l-elementi fil-punti (r) fil-kalkoli tagħha ta’ l-ammonti ta' l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju għall-fini ta' l-Artikolu 75 kif speċifikat fl-Anness IX, il-Parti 4.

↓2000/12/KE Art 38 (2)

~~2~~3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtoriżżaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu il-qbiż tal-limitu stabbilit f'paragrafu 1 f'ċirkostanzi temporanji u eċċezzjonali.

↓2000/12/KE Art. 39 (adattat)

Artikolu 67

~~**Dispożizzjoni ta' prova lejn l-awtorotajiet kompetenti**~~

Trid tkun ippruvata konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti ⌦ f'din is-sezzjoni ⌫ għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti.

⇩ġdid

SEZZJONI 2

PROVIŻJONI KONTRA R-RISKJI

SUBSEZZJONI 1 – LIVELL TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 68

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu konformi ma' l-obbligi stipulati fl-Artikoli 22 u 75 u s-sezzjoni 5 fuq bażi individwali.

2. Kull istituzzjoni ta' kreditu li la hija sussidjarja fl-Istat Membru fejn hija awtorizzata u sorveljata, u lanqas mhi *parent company*, u kull istituzzjoni ta' kreditu li mhijiex inkluża fil-konsolidazzjoni skond l-Artikolu 73, għandhom ikunu konformi ma' l-obbligi stipulati fl-Artikoli 120 u 123 fuq bażi individwali.

3. Kull istituzzjoni ta' kreditu li la hija *parent company* u l-anqas mhi sussidjarja, u kull istituzzjoni ta' kreditu mhux inkluża fil-konsolidazzjoni skond l-Artikolu 73, għandha tkun konformi ma' l-obbligi stipulati fil-Kapitolu 5 fuq bażi individwali.

Artikolu 69

1. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx l-Artikolu 68(1) għal sussidjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu, meta kemm l-istituzzjoni ta' kreditu kif ukoll is-sussidjarja tagħha jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u sorveljanza mill-Istat Membru konċernat, u s-sussidjarja tkun inkluża fis-sorveljanza fuq bażi konsolidata ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun il-*parent company*, u l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati kollha, sabiex ikun żgurat li l-fondi proprji jkunu mqassma b'mod xieraq bejn il-*parent company* u s-sussidjarji tagħha:

   (a) ma jkunx hemm impedimenti legali u sostanzjali attwali jew previsti li jkunu ta' ostakolu għat-trasferiment pront ta' fondi proprji jew għar-rimborż ta' passivi mill-*parent company* tagħha;

(b) il-*parent company* tagħha tkun marbuta b'obbligu espliċitu, irrevokabbli u mingħajr ebda kundizzjoni biex tittrasferixxi l-fondi proprji lis-sussidjarja tagħha u tkopri l-passivi tagħha, jew ir-riskji tas-sussidjarji jkunu ta' interess negliġibbli;

(c) il-proċeduri tal-valutazzjoni, il-kejl u l-kontroll tar-riskju tal-*parent company* jkunu jkopru wkoll lis-sussidjarja;

(d) il-*parent company* jkollha d-dritt li taħtar jew tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv tas-sussidjarja.

2. L-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw l-għażla prevista fil-paragrafu 1 fejn il-*parent company* hija *financial holding company* stabbilita fl-istess Stat Membru fejn hija bbażata l-istituzzjoni ta' kreditu, bil-kundizzjoni li din tkun suggetta għall-istess sorveljanza magħmula fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, u b'mod partikolari bl-istandards stipulati fl-Artikolu 71(1).

Artikolu 70

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, skond il-każ, jippermettu li istituzzjonijiet ta' kreditu *parent* fi Stat Membru jinkorporaw fil-kalkolu ta' l-obbligi tagħhom skond l-Artikolu 68(1) lil sussidjarji fil-Komunità li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (c) u (d) ta' l-Artikolu 69 (1), li għandhom l-iskoperturi jew il-passiv sostanzjali tagħhom miżmuma fil-konfront ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu fi Stat Membru.

Artikolu 71

1. Bla ħsara għall-Artikoli 68 sa 70, l-istituzzjonijiet ta' kreditu *parent* fi Stat Membru għandhom ikun konformi, safejn u fil-manjiera preskritti fl-Artikolu 133, ma' l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 75, 120, 123 u s-sezzjoni 5 fuq il-bażi tas-sitwazzjoni finanzjarja konsolidata tagħhom.

2. Bla ħsara għall-Artikoli 68 sa 70, l-istituzzjonijiet ta' kreditu *parent* ikkontrollati minn *holding company* finanzjarja fi Stat Membru għandhom ikunu konformi, safejn u fil-manjiera preskritti fl-Artikolu 133, ma' l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 75, 120, 123 u s-sezzjoni 5 fuq il-bażi tas-sitwazzjoni finanzjarja konsolidata ta' dik il-*holding company* finanzjarja.

Meta aktar minn istituzzjoni ta' kreditu waħda hija kontrollata minn *parent holding company* finanzjarja fi Stat Membru, l-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għall-istituzzjoni tal-kreditu li għaliha tapplika s-sorveljanza fuq bażi konsolidata skond l-Artikoli 125 u 126.

Artikolu 72

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu *parent* ta' l-UE għandhom ikunu konformi ma' l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu 5 fuq il-bażi tas-sitwazzjoni finanzjarja konsolidata tagħhom.

Madankollu, fejn għandhom x'jaqsmu s-sussidjarji l-aktar importanti tagħhom, għandhom jippubblikaw l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XII, il-Parti 1, il-paragrafu 5, fuq bażi individwali jew subkonsolidata.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu kkontrollati minn *parent holding company* finanzjarja ta' l-UE għandhom ikunu konformi ma' l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu 5 tas-sitwazzjoni finanzjarja konsolidata ta' dik il-*holding company* finanzjarja.

Madankollu, fejn għandhom x'jaqsmu s-sussidjarji l-aktar importanti tagħhom, għandhom jippubblikaw l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XII, il-Parti 1, il-paragrafu 5, fuq bażi individwali jew subkonsolidata.

3. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-eżerċitar ta' sorveljanza fuq bażi konsolidata skond l-Artikoli 125 sa 131 jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1 u 2 b'mod sħiħ jew parzjali għal dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma inklużi fi *żvelar* eqwivalenti ppubblikat fuq bażi konsolidata minn *parent company* stabbilita f'pajjiż terz.

↓2000/12/KE Art. 52(3) (adattat)

Artikolu 73

~~6~~1. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-eżerċitar ta' sorveljanza fuq bażi konsolidata skond l-Artikoli ⌦ 125 sa 131 ⌫ jistgħu jiddeċiedu, fil-każi li ⌦ ġejjin ⌫, li fil-konsolidament ma jinkludux istituzzjoni ta' kreditu, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi awżiljari li hija sussidjarja jew li fiha hemm xi parteċipazzjoni:

(a) jekk l-intrapriża ⌦ konċernata ⌫ tkun ibbażata f'pajjiż terz fejn ma jkun hemm l-ebda impedimenti legali għat-trasferiment ta' l-informazjoni meħtieġa;

(b) jekk, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, l-impriża ⌦ konċernata ⌫ tkun ta' interess negliġibbli biss fejn jidħol l-iskop tas-sorveljanza ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u ⌦ f'kull każ fejn ⌫ it-total tal-karta tal-bilanċ ta' l-impriża ⌦ konċernata ⌫ tkun inqas mill-iżgħar miż-żewġ ammonti li ġejjin:

(i) EUR 10 miljun;

(ii) 1% tat-total tal-karta tal-bilanċ ta' l-*parent company* jew l-impriża li għandha l-parteċipazzjoni.

~~Jekk diversi intrapriżi jilħqu l-kriterja t'hawn fuq, huma għandhom xorta waħda jkunu nklużi fil-konsolidazzjoni meta kollettivament ikunu ta' interess mhux-negliġibli fir-rigward ta' l-objettivi msemmija qabel, jew~~

(c) - jekk, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jeżerċitaw sorveljanzai fuq bażi konsolidata, il-konsolidazzjoni tas-sitwazjoni finanazjarja ta' l-impriża ⌦ konċernata ⌫ ma tkunx xierqa jew li tkun ta' tfixkel safejn ikollu x'jaqsam l-iskop tas-sorveljanza ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

↓2000/12/KE Art. 52 (3) it-tieni inċiż, l-aħħar sentenza (adattat)

Jekk, ⌦ fil-każi msemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ⌫ , diversi impriżi jissodisfaw il-kriterji ⌦ stipulati fih ⌫ , iridu xorta waħda jkunu inklużi fil-konsolidament fejn kollettivament ikunu ta' interess mhux negliġibbli fir-rigward ta' l-iskop speċifikat.

⇩ġdid

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu sussidjarji jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 75, 120, 123 u s-sezzjoni 5 fuq bażi subkonsolidata jekk dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu, jew l-*parent company*, f'każ li din tkun *holding company* finanzjarja, ikollhom bħala sussidjarja f'pajjiż terz istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja jew kumpanija li tamministra l-assi skond id-definizzjoni fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2002/87/KE, jew inkella jkollhom parteċipazzjoni f'impriża ta' din ix-xorta.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li *parent companies* u sussidjarji soġġetti għal din id-Direttiva li jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 22 fuq bażi konsolidata jew subkosolidata, biex ikun żgurat li l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi adottati minnhom ikunu konsistenti u integrati b'mod korrett u b'mod li tkun prodotta d-*data* u l-informazzjoni kollha relatati mal-fini ta' l-attività ta' sorveljanza.

SUBSEZZJONI 2 - KALKOLU TA' L-OBBLIGI

Artikolu 74

1. Ħlief meta deċiż mod ieħor, il-valutazzjoni ta' l-assi u l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ għandha ssir skond il-qafas tal-kontabilità li għalih hija soġġetta l-istituzzjoni ta' kreditu skond ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 u d-Direttiva 86/635/KEE.

2. Minkejja l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 68 sa 72, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-kalkoli li bihom hija vverifikata l-konformità ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma' l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 75 isiru almenu darbtejn fis-sena.

Il-kalkoli għandhom isiru jew mill-istituzzjonijiet ta' kreditu nfushom, li f'dan il-każ għandhom jikkomunikaw ir-riżultati miksuba u l-elementi tal-kalkolu mitluba lill-awtoritajiet kompetenti, jew mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-bażi ta' *data* mogħtija lilhom mill-istituzzjonijiet ta' kreditu.

SUBSEZZJONI 3 – LIVELL MINIMU TA' FONDI PROPRJI

Artikolu 75

Bla ħsara għall-Artikolu 136, l-Istati Membri għandhom jesigu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu fondi proprji li f'kull ħin għandhom ikunu aktar minn jew daqs is-somma ta' dawn l-obbligi kapitali li ġejjin:

(a) għal riskju tal-kreditu u riskju ta' dilwizzjoni fir-rigward ta' l-attivitajiet kollha bl-eċċezzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom tar-reġistru tan-negozju u l-assi mhux likwidi jekk imnaqqsa mill-fondi proprji skond [id-Direttiva 93/6/KEE, l-Artikolu 13(2)(d)], 8 fil-mija tat-total ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju kkalkulati skond is-sezzjoni 3;

(b) fir-rigward ta' l-attivitajiet tagħhom tar-reġistru tan-negozju, għal riskju ta' pożizzjoni, għal riskju ta' ftehim, għal riskju ta' kontroparti u, safejn huwa awtorizzat li jinqabżu l-limiti stabbiliti fl-Artikoli 111 sa 117, għal skoperturi kbar li jaqbżu dawn il-limiti, l-obbligi kapitali determinati skond [id-Direttiva 93/6/KEE, il-Kapitolu V, is-sezzjoni 4];

(c) fir-rigward ta' l-attivitajiet kollha tagħhom, għal riskju ta' kambju u għal riskju ta' varjazzjoni tal-prezz tal-prodotti primarji, l-obbligi kapitali determinati skond [l-Artikolu 18 tad-Direttiva 93/6/KEE];

(d) fir-rigward ta' l-attivitajiet kollha tagħhom, għal riskju operattiv, l-obbligi kapitali determinati skond is-sezzjoni 4.

↓2000/12/KE

~~**SEZZJONI 2**~~

~~**RELATTIVITÀ TA' LIKWIDITÀ**~~

~~*Artikolu 40*~~

~~**Prinċipji ġenerali**~~

~~1. Ir-relativita ta' likwidità tal-fondi tagħha, kif definita fl-Artikolu 41, bħala proporzjon ta' l-assi totali u ta' l-elementi off-balance-sheet, riskju aġġustat bi qbil ma l-Artikolu 42.~~

~~2. Ir-relattività ta' likwidità ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li la huma *parent companies* kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 83/349/KEE, l-anqas sussidjarji ta' intrapriżi bħal dawk għandha tkun ikkalkulata fuq bażi individwali.~~

~~3. Ir-relattività ta' likwidità ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma *parent companies* għandha tkun ikkalkulata fuq il-bażi ikkonsolidata bi qbil mal-metodi stabbilit f'din id-Direttiva u fid-Direttiva 86/635/KEE.~~

4. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għal awtorizzazzjoni u superviżjoni ta' l-*parent company* li tkun l-istituzzjoni ta' kreditu tista wkoll tenħtieġ il-kalkolazjoni ta' relattività sub-konsolidata jew mhux konsolidata fir-rigward ta' dik l-*parent company* u ta' xi sussidjarji tagħha li huma suġġetti għal l-awtorizzazzjoni jew tas-superviżjoni minnhom. Meta monitoraġġ għal allokazzjoni sodisfatta ta' kapital fil-grupp bankarju ma jkunx imwettaq, miżuri oħra għandhom jittieħdu biex jintlaħaq dak il-għan.

5. Mingħajr preġudizzji għal konformita minn l-istituzzjonijiet ta' kreditu mal-ħtiġijiet ta' paragrafi 2, 3 u 4, u l-Artikolu 52 (8) u (9), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li r-rellattivitajiet ikunu ikkalkulati mhux anqas minn darbtejn kull sena, jew mill-l-istituzzjonijiet ta' kreditu innifishom, li għandhom jikkomunikaw ir-riżultati u xi dettalji komponenti meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, jew mill-awtoritajiet kompetenti, billi jużaw id-dettalji fornuti mill-l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

6. Il-valutazzjoni ta' assi w elementi off-balance-sheet għandhom isehħu bi qbil mad-Direttiva 86/635/KEE.

Artikolu 41

The numerator: FONDI PROPRJI

Fondi tagħhom kif definiti f'din id-Direttiva għandhom jiffurmaw in-numeratur fir-relattività tal-medja ta' likwidità.

Artikolu 42

The denominator: Id-denominatur: assi aġġustati b'riskju u elementi off-balance-sheet

1. Gradi ta' riskju tal-kreditu, espressi bħala tgħabijiet perċentwali, għandhom ikunu assenjati għal elementi ta' assi bi qbil ma l-Artikoli 43 u 44, u eċċezjonalment l-Artikoli 45, 62 u 63. Il-valur fil-balance-sheet ta' kull assi għandu mbagħad ikun immultiplikat bit-tagħbija relevanti biex jipproduċu l-valur aġġustat-b'riskju.

2. Fil-każ tal-elementi off-balance-sheet mniżla fl-Anness II, kalkolazjoni fuq żewġ-stadji kif preskritta fl-Artikolu 43 (2) għandha tkun użata.

3. In the case of the off-balance-sheet items referred to in Article 43(3), the potential costs of replacing contracts in the event of counterparty default shall be calculated by means of one of the two methods set out in Annex III. Those costs shall be multiplied by the relevant counterparty weightings in Article 43(1), except the 100% weightings as provided for there shall be replaced by 50% weightings to produce risk-adjusted values.

4. It-total tal-valuri ta' riskju-aġġustat ta' l-assi w elementi off-balance-sheet imsemmija f'paragrafi 2 u 3 għandhom ikunu id-denominatur tar-relattività ta' likwidita.

Artikolu 43

Tagħbijiet ta' riskji

1. Dawn il-pożizzjoni li ġejjin għandhom ikunu applikati għal varji kategoriji ta' elementi ta' assi, għalkemm l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiffissaw tgħabijiet għola skond kif ihossu li jkun hemm bżonn.

(a) Tgħabijiet żero

(1) (1) flus fl-idejn u l-elementi ekwivalenti;

(2) (2) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet ta' gvernijiet ċentrali u banek ċentrali fiż-Żona A;

(3) (3) elementi ta' assi li jikkinstitwixxu talbiet fuq il-Komunitajiet Ewropej;

(4) (4) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet li jkollhom garanziji espliċiti ta' gvernijiet ċentrali u banek ċentrali fiż-Żona A jew tal-Komunitajiet Ewropej;

(5) (5) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet ta' gvernijiet ċentrali u banek ċentrali fiż-Żona B denominati u b'fondi f'muniti nazzjonali ta' dawk li jisselfu;

(6) (6) elementi ta' assi li jikkonsitwixxu talbiet li jġorru garanziji espliċiti ta' gvernijiet ċentrali u banek ċentrali fiż-Żona B denominati u b'fondi fil-munità nazzjonali komuni għal min jiggarantixxi u min jissellef;

(7) (7) elementi ta' assi salvagwardjati għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'għamla kollaterali ta' gvernijiet ċentrali u banek ċentrali taż-Żona A b'titoli jew b'titoli maħruġa mill-Komunitajiet Ewropej jew b'depożitu ta' flus imqiegħda ma' l-istituzzjoni li tislef jew b'ċertifikat ta' depożitu jew strumenti simili maħruga minn u ippreżentati għand dan ta' l-aħħar;

(b) 20.000000% tgħabija

(1) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet fuq il-BEI;

(2) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet fuq banek ta' żvilupp multi-laterali;

(3) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet li jġorru garanziji espliċiti tal-BEI;

(4) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet li jġorru garanziji espliċiti tal-banek ta' żvilupp multi-laterali;

(5) elementi ta' assi li jikkonstitwixxi talbiet fuq gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali f'Żona A, suġġett għall-Artikolu 44;

(6) elementi ta' assi li jikkonstitwixxi talbiet li jġorru l-granziji espliċiti ta' gvernijiet reġjonali jew ta' l-awtoritajiet lokali f'Żona A, suġġett għall-Artikolu 44;

(7) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu f'Żona A imma li ma jikkonstitwixxux il-fondi tagħhom ta' l-istituzzjonijiet bħal dawk;

(8) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet b'maturita ta' sena waħda jew anqas, ta' instituzjonijiet ta' kreditu f'Żona B, apparti minn titoli maħruġa minn l-istituzzjonijiet bħal dawk li huma rikonoxxuti bħala komponenti tal-fondi tagħhom;

(9) elementi ta' assi li jġorru l-garanziji espliċiti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu f'Żona A;

(10) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet b'maturità ta' sena waħda jew anqas li jġorru garanziji espliċiti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-Żona B;

(11) elementi ta' assi assigurati, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'kollaterali f'għamla ta' titoli maħruġa mill-BEI jew minn bank ta' l-iżvilupp multi-laterali;

(12) unitijiet ta' flus fil-proċess ta' ġbir;

(c) 50.000000% tgħabija

(1) is-self kollu u kompletament assigurat, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'mortgages fuq propjetà residenzjali li hija jew li sejra tkun okkupata jew mikrija minn dak li jissellef, is-self kollu u kompletament assigurat, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'ishma f'kumpanniji Finlandiżi ta' djar residenzjali, li joperaw bi qbil ma' l-Att tal-Kumpanniji Finlandiżi tad-Djar ta' 1991 jew b'leġiżlazzjoni ekwivalenti sussegwenti, fir-rigward ta' propjetà residenzjali li hija jew li sejra tkun okkupata jew mikrija minn dak li jissellef;

«titoli sostnuti b'mortgage» li jistgħu jkunu ittrati bħala self li hemm referenza dwarhom fl-ewwel subparagrafu jew bl-Artikolu 62(1), jekk l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw, wara li jkunu ikkunsidraw il-qafas legali eżistenti f'kull Stat Membru, li dawn huma ekwivalenti fid-dawl tar-riskju tal-kreditu. Bla ħsara għal-liġi ta' titoli li jistgħu jkunu nklużi fil-u li jkunu kapaċi li jwettqu l-kundizzjonijiet f'dan il-punt 1, «titoli sostnuti b'mortgage» jistgħu jinkludu strumenti fil-qofol ta' dak li tfisser is-sezzjoni B(1)(a) u (b) ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE. L-awtoritajiet kompetenti għandhom partikolarment ikunu sodisfatti li:

(i) titoli bħal dawn ikunu kompletament u direttament ibbekjati b'ġemgħa ta' mortgages li huma ta' l-istess natura bħal dawk definiti fl-ewwel sub-paragrafu jew fl-Artikolu 62 (1) u li jkunu jwettqu bis-sħieħ meta is-titoli ibbekjati b'mortgage ikunu maħluqa;

(ii) (ii) b'impost aċċettabli ta' prijorita għolja f'elementi ta' assi b'mortgage li jaċċennaw jew li huma miżmuma direttament b'investituri f'titoli ibbekjati b'mortgage jew f'isimhom minn trustee jew rappreżentant mandatarju fl-istess proporzjon tas-titoli li huma jżommu;

(2) prepayments and accrued income: pagamenti bil-quddiem u dħul miġmugħ: dawn l-assi huma suġġetti għal tgħabijiet li jikkorrespondu għal kontra-parti meta l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tista tiddetermina dan bi qbil mad-Direttiva

86/635/KEE. Inkella, meta ma tkunx tista' tiddetermina l-kontra-parti, hi għandha tapplika rata-dritta ta' tagħbija ta' 50.000000%;

(d) 100.000000% tgħabija

(1) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet ta' gvernijiet ċentrali u banek ċentrali fiż-Żona B ħlief meta jkunu ddenominati u b'fondi f'muniti nazzjonali ta' dawk li jisselfu;

(2) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet ta' gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali fiż-Żona B;

(3) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet b'maturità ta' aktar minn sena waħda fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-Żona B;

(4) elementi ta' assi li jikkonstitwixxu talbiet fuq setturi mhux bankarji fiż-Żona A u ż-Żona B;

(5) «assi» tanġibli fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 4(10) tad-Direttiva 86/635/KEE;

(6) proprjetà ta' ishma, parteċipazzjoni u komponenti oħra tal-fondi tagħhom ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu oħra li ma jkunux immaqqsa mill-fondi tagħhom ta' l-istituzzjonijiet li jisilfu;

(7) l-assi l-oħra kollha meta mnaqqsa mill-fondi tagħhom.

2. Dan it-trattament li ġej għandu japplika għal elementi off-balance-sheet apparti minn dawk koperti f'paragrafu 3. They shall first be grouped according to the risk groupings set out in Annex II. The full value of the full-risk items shall be taken into account, 50% of the value of the medium-risk items and 20% of the medium/low-risk items, while the value of low-risk items shall be set at zero. It-tieni stadju għandu jkun li jkunu immultiplikati l-valuri ta' off-balance-sheet, aġġustati kif deskritt hawn fuq, bit-tagħbijiet attribwiti għal kontra-partijiet relevanti bi qbil mat-trattament ta' l-elementi ta' l-assi perskritti fil-paragrafu 1 u l-Artikolu 44. F'il-każ ta' ftehim ta' bejgħ ta' assi u xiri mill-ġdid u xiri kompletament bil-quddiem, u tagħbijiet għandhom ikunu dawk li jorbtu ma' l-assi f'dak il-każ u mhux tal-kontro-partijiet tat-tranżazzjoni. Il-porzjon ta' kapital mhux imħallas sottoskritt ma l-Fond Ewropew ta' Investiment jista' jkun mgħobbi b'20.000000%.

3. Il-metodi stabbiliti fl-Anness III għandhom ikunu applikati għall-elementi ta' off-balance-sheet imniżla fl-Anness IV ħlief għal:

kuntratti nnegozjati fuq il-borż rikonoxxuti,

kuntratti ta' kambju barrani (ħlief kuntratti li jikkonċernaw id-deheb) b'maturità oriġinali ta' 14 il-jum kalendarju jew anqas.

Sal-31 ta' Diċembru 2006, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni tal-metodi stabbiliti fl-Anness III ta' kuntratti mingħajr formalitajiet (over-the-counter (OTC)) mgħoddija minn clearing house meta din ta' l-aħħar taġixxi bħala l-kotro-parti legali u l-parteċipanti kompletament kollateraliżżati fuq bażi ta' kull jum ir-riskju li jippreżentaw għal clearing house, b'ħekk jipprovdu

koperta ta' protezjoni kemm għar-riskju kurrenti u wkoll għar-riskji futuri potenzjali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li l-kollateral irreġistrat jgħati l-istess livell ta' protezjoni bħal kollateral li jkun konformi mal-paragrafu 1(a) (7) u li r-riskju ta' aktar pressjoni fuq ir-riskji tal-clearing house lill-hinn mill-valur tas-suq ta' kollateral irreġistrat ikun eliminat. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummisjoni bl-użu li jagħmlu ta' din l-għażla.

4. Meta elementi ta' off-balance-sheet ikollhom garanziji espliċiti, dawn għandhom ikunu mgħobbija jekk kienu twettqu f'isem dak li jigarantixxi milli tal-konrto-parti. Meta riskju potenzjali joriġina minn tranżazzjonijiet off-balance-sheet jkun kollu u kompletament assigurat, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, bi kwalunkwe mill-elementi ta' l-assi rikonoxxuti bħala kollateral fil-paragrafu 1(a)(7) u (b) (11), it-tagħbijiet ta' 0.000000% jew 20.000000% għandhom ikunu applikabbli jiddependi mill-kollateral f'dak il-każ.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw tagħbija ta' 50.000000% lejn l-elementi ta' off-balance-sheet li jkunu titoli jew garanziji li jkollhom karattru ta' sostituti ta' kreditu u li huma iggarantiti bis-shieħ, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'mortgages li jilħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(e)(1), suġġett li dak li jkun iggarantixxa jkollu dritt dirett għall-kollateral bħal dak.

5. Meta assi u elementi off-balance-sheet jingħataw tgħabija aktar baxxa minħabba l-eżistenza ta' garanziji espliċiti jew ta' kollateral aċċettabli għall-awtoritajiet kompetenti, it-tgħabija aktar baxxa għandha tapplika biss għal dik il-parti li tkun iggaranitata jew li hija koperta kollha bil-kollateral.

Artikolu 44

It-tagħbija ta' talbiet għal gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali ta' l-Istati Membri

1. Independentament mill-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 43 (1) (b), Stati Membri jistgħu jiffissaw tgħabija ta' 0.000000% għal gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali tagħhom jekk ma jkunx hemm differenza fir-riskju bejn talbiet fuq dawn ta' l-aħħar u talbiet fuq il-gvernijiet ċentrali tagħhom minħabba l-poteri li jiġbru introjtu tal-gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali u l-eżistenza ta' arranġamenti istituzjonali speċifiċi li l-effett tagħhom ikun li jitnaqqsu l-possibilitajiet ta' nuqqas minn dawn ta' l-aħħar. It-tagħbija żero iffissata bi qbil ma dawn il-kriterji għandha tapplika għal talbiet ta' l-elementi ta' fuq u l-barra mill-balance-sheet minfuqa f'isem il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali f'dak il-każ u talbiet fuq oħrajn u fuq l-elementi ta' off-balance-sheet minfuqa f'isem oħrajn u iggarantiti minn dawk il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali jew assigurati, għhas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti ikkonċernati, b'kollateral f'għamla ta' titoli maħruġa minn dawk il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni jekk huma jemmnu li tgħabija żero li hija ġġustifikata skond il-kriterja stabbilita f'paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tiċċirkola dik l-informazzjoni. L-Istati Membri l-oħra jistgħu joffru lill-istituzzjonijiet ta' kreditu taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhom il-possibiltà li japplikaw it-tagħbija żero meta huma jidħlu għan-negozju mal-gvernijiet reġjonali jew ma' l-awtoritajiet lokali f'dak il-każ jew meta jkollhom talbiet iggarantiti minn dawk ta' l-aħħar, inkluża kollaterali fil-għamla ta' titoli.

Artikolu 45

Tagħbijiet oħra

1. Bla ħsara għall-Artikolu 44 (1) l-Istati Membri jistgħu japplikaw tgħabija ta' 20.000000% lill-elementi ta' assi li jkunu assigurati, għas-sodisfazjon ta' l-awtoritajiet kompetenti ikkonċernati, b'kollateral fil-għamla ta' titoli maħruġa mill-gvernijiet reġjonali jew mill-awtoritajiet lokali ta' Żona A, b'depositi imqiegħda fl-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' Żona A apparti minn l-istituzzjonijiet li jisilfu oħrajn, jew b'ċertifikati ta' depożitu jew strumenti simili maħruġa minn l-istituzzjonijiet ta' kreditu bħal dawk.

2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw tagħbija ta' 10.000000% għal talbiet fuq l-istituzzjonijiet li jispeċjalizzaw fi swieq inter-bankarji u dejn pubbliku fl-Istati Membri tal-lokal u suġġetti għal superviżjoni mill-qrib mill-awtoritajiet kompetenti meta dawk l-elementi ta' assi jkunu kollha u kompletament assigurati, għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri tal-lokal, b'għaqda ta' l-elementi ta' l-assi msemmija fl-Artikolu 43(1)(a) u (b) rikonoxxuti minn ta' l-aħħar li jikkonstitwixxu kollateral adekwat.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'xi dispożizzjonijiet addottati bis-saħħa tal-paragrafi 1 u 2 u fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet bħal dawk. Il-Kummissjoni għandha twassal dik l-informazzjoni lill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha perjodikament teżamina l-implikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet sabiex tassigura li dawn ma jirriżultawx f'xi tgħawwiġ ta' kompetizzjoni.

Artikolu 46

Korpi amministrattivi u intrapriżi mhux kummerċjali

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 43(1)(b), l-awtoritajiet kompteneti jistgħu jinkludu fil-kunċett ta' gvernijiet reġjonali u ta' l-awtoritajiet lokali korpi amministrattivi mhux kommerċjali responsabbli lejn gvernijiet reġjonali jew lejn l-awtoritajiet lokali jew l-awtoritajiet li, in vista ta' l-awtoritajiet kompetenti, jeżerċitaw l-istess responsabbiltajiet bħall-awtoritajiet reġjonali jew lokali.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jinkludu l-kunċett ta' gvernijiet reġjonali u ta' l-awtoritajiet lokali, knejjes u Komunitajiet reliġjużi ikkonstitwiti fl-għamla ta' persuna legali permezz ta' liġi pubblika, sakemm dawn jagħmlu taxxi bi qbil mal-leġiżlazzjoni li tagħtihom id-dritt li jagħmlu hekk.

Artikolu 47

Livell ta' relattività ta' likwidità

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu meħtieġa li jżommu bħala permanenti ir-relattività definita fl-Artikolu 40 fil-livell ta' mill-anqas 8.000000%.

2. Independentament minn paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippreskrivu relattivitajiet minimi għola skond kif huma jħossu li jkun xieraq.

~~3. Jekk ir-relattività taqa' taħt 8.000000% l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li l-istituzzjoni ta' kreditu f'dak il-każ tieħu l-mużuri xierqa biex terġa tilħaq ir-relattività tal-minimu mifthiem malarj kemm jista' jkun possibli.~~

⇩ġdid

SEZZJONI 3

OBBLIGI MINIMI TA' FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU TAL-KREDITU

Artikolu 76

Għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għall-fini ta' l-Artikolu 75(a), l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom japplikaw il-metodu standardizzat previst fl-Artikoli 78 sa 83 jew, jekk awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti skond l-Artikolu 84, il-metodu bbażat fuq il-Klassifika Interna.

Artikolu 77

Għall-fini ta' din is-sezzjoni "skopertura" tfisser *asset* jew element li ma jidhirx fuq il-karta tal-bilanċ.

SUBSEZZJONI 1 – METODU STANDARDIZZAT

Artikolu 78

1.Soġġett għall-paragrafu 2, il-valur ta' l-iskopertura ta' unità attiva għandu jkun ugwali għall-valur tagħha fuq il-karta tal-bilanċ u l-valur ta' l-iskopertura ta' unità li ma tidhirx fuq il-karta tal-bilanċ elenkata fl-Anness II għandu jkun ugwali għall-persentaġġi li ġejjin tal-valur tagħha: 100% fil-każ ta' unità ta' riskju sħiħ, 50% fil-każ ta' unità ta' riskju medju, 20% fil-każ ta' riskju medju/baxx, 0% fil-każ ta' riskju baxx. L-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u li jissemmew fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu assenjati lill-kategoriji ta' riskji kif indikat fl-Anness II.

2.Il-valur ta' l-iskopertura ta' l-istrumenti derivattivi elenkati fl-Anness IV għandu jkun determinat skond wieħed miż-żewġ metodi li jidhru fl-Annexx III bl-effetti tal-kuntratti ta' novazzjoni u ta' ftehimiet oħra ta' kumpens meqjusa għall-fini ta' dawk il-metodi skond l-Anness III.

3.Meta l-iskopertura hija soġġetta għall-protezzjoni ta' kreditu assistit, il-valur ta' l-iskopertura applikabbli għal dik l-unità jista' jinbidel skond is-Subsezzjoni 3.

4.Fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li japplikaw il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral finanzjarju skond l-Anness VIII, il-Parti 3, fejn skopertura tieħu s-sura ta'

titoli jew prodotti primarji mibjugħa, irreġistrati jew mislufa fuq il-bażi ta' operazzjoni ta' xiri lura jew fuq il-bażi ta' operazzjoni ta' tislif jew self ta' titoli jew prodotti primarji, il-valur ta' l-iskopertura għandu jkun il-valur tat-titoli jew il-prodotti primarji determinat skond l-Artikolu 74(1) u għandu jiżdied bl-aġġustament tal-volatilità xieraq għal titoli jew prodotti primarji bħal dawn kif stabbilit fl-Anness VIII, il-Parti 3, il-paragrafi 35 sa 60.

Artikolu 79

1. Kull skopertura għandha tiġi klassifikata f'waħda mill-klassijiet ta' skoperturi li ġejjin:

(a) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali;

(b) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' gvernijiet reġjonali jew banek lokali;

(c) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' korpi amministrattivi u impriżi mhux kummerċjali;

(d) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' banek multilaterali ta' l-iżvilupp;

(e) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

(f) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' istituzzjonijiet;

(g) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' impriżi;

(h) krediti jew krediti potenzjali *retail*;

(i) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' proprjetà ta' beni immobbli;

(j) elementi skaduti;

(k) elementi li jappartjenu għal kategoriji regolatorji ta' kiskju għoli;

(l) krediti f'forma ta' bonds koperti;

(m) pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(n) krediti għal żmien qasir fil-konfront ta' istituzzjonijiet u impriżi;

(o) krediti f'forma ta' impriżi ta' investiment kollettiv (CIU);

(p) elementi oħra.

2. Biex tkun klassifikata fil-klassi ta' skoperturi għall-klijentela *retail* imsemmija fil-punt (h) tal-paragrafu 1, skopertura għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskopertura trid tkun jew fil-konfront ta’ persuna jew persuni individwali, jew ta’ impriżi żgħar jew ta’ daqs medju;

(b) l-iskopertura trid tkun waħda minn numru sinifikanti ta’ skoperturi li għandhom l-istess karatteristiċi, b’mod li r-riskji assoċjati magħha jkunu mnaqqsa sostanzjalment;

(c) l-ammont totali dovut lill-istituzzjoni ta’ kreditu u lil kwalunkwe *parent company* u s-sussidjarji tagħha, inklużi kwalunkwe skoperturi skaduti mill-imgħoddi, mill-klijent debitur jew mill-grupp ta’ klijenti konnessi ma jridx jaqbeż, skond l-informazzjoni fil-pussess ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu, il-miljun euro. L-istituzzjoni ta’ kreditu trid tieħu passi raġonevoli biex tikseb dan it-tagħrif.

It-titoli m’għandhomx ikunu eliġibbli għal klassifika ta’ skoperturi għall-klijentela *retail*.

Artikolu 80

1. Biex ikunu kkalkulati l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju, il-piż differenzjat għar-riskju għandu japplika għall-iskoperturi kollha, sakemm ma jitnaqqasx mill-fondi proprji, skond id-dispożizzjonijiet ta’ l-Anness VI, il-Parti 1. L-applikazzjoni tal-piż differenzjat għar-riskju għandha tkun ibbażata fuq il-klassi ta’ skoperturi li fiha l-iskopertura tiġi kklassifikata u, b’mod konformi ma’ kemm hu speċifikat fl-Anness VI, il-Parti 1, u fuq il-mertu relattiv ta’ kreditu. Il-mertu relattiv ta’ kreditu jista’ jkun determinat b’referenza għall-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-kreditu mogħtija mill-Istituzzjonijiet Esterni ta’ Valutazzjoni tal-Kwalità tal-kreditu (l-‘ECAI’) skond id-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikoli 81 sa 83 jew il-valutazzjonijiet ta’ kreditu mogħtija mill-Aġenżiji għall-Kreditu għall-Esportazzjoni f’konformità ma’ l-Anness VI, il-Parti 1.

2. Għall-fini ta’ l-applikazzjoni tal-piż differenzjat għar-riskju, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-valur ta’ l-iskopertura għandu jkun multiplikat bil-fattur tal-piż differenzjat speċifikat jew determinat skond din is-Subsezzjoni.

3. Għall-fini tal-kalkolu ta’ l-ammonti b’piż differenzjat għar-riskju għall-iskoperturi ta’ l-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu jadottaw il-metodu bbażat fuq il-kwalità tal-kreditu ta' l-amministrazzjoni ċentrali tat-territorju li fih l-istituzzjoni ta' kreditu tkun reġistrata jew il-metodu bbażat fuq il-kwalità tal-kreditu ta l-istituzzjoni kontroparti skond l-Anness VI.

4. Minkejja l-paragrafu 1, meta l-iskopertura hija soġġetta għall-protezzjoni ta’ kreditu, il-piż differenzjat għar-riskju applikabbli għal dak l-element jista’ jinbidel skond is-Subsezzjoni 3.

5. L-ammonti b'piż differenzjat għar-riskju ta' skoperturi titolizzati għandhom ikunu kkalkulati skond is-Subsezzjoni 4.

6. Għall-kalkolu ta’ l-ammonti b’piż differezjat għar-riskju ta’ l-iskoperturi li għalihom din-is-Subsezzjoni ma tiddisponix mod ieħor, jiġi applikat fattur ta' piż differenzjat għar-riskju ta' 100%.

7. Bl-eċċezzjoni ta’ l-iskoperturi li jikkawżaw responsabbilitajiet (*liabilities*) fil-forma ta’ l-elementi imsemmija fil-punti (1) sa (8) ta’ l-Artikolu 57(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw mill-obbligi tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu l-iskoperturi ta’ istituzzjoni ta’ kreditu fil-konfront ta’ kontroparti li tkun il-*parent company* tagħha, is-sussidjarja tagħha jew tal-*parent company* tagħha, bil-patt li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kontroparti tkun istituzzjoni jew *holding company* finanzjarja, istituzzjoni finanzjarja, kumpanija tal-ġestjoni ta’ l-assi jew impriża ta’ servizzi awżiljari soġġetti għall-obbligi prudenzjali xierqa;

(b) Il-kontroparti tkun inkluża f’forma integrali fl-istess konsolidament ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu;

(c) il-kontroparti tkun soġġetta għall-istess proċeduri ta’ valutazzjoni, tiqjis u kontroll tar-riskju bħal dawk ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu;

(d) il-kontroparti tkun stabbilita fl-istess Stat Membru fejn hi stabbilita l-istituzzjoni ta’ kreditu;

(e) ma jkunx hemm impedimenti legali u sostanzjali attwali jew previsti li jkunu ta' ostakolu għat-trasferiment pront ta' fondi proprji jew għar-rimborż ta' passivi mill-kontroparti għall-istituzzjoni ta’ kreditu;

F’każ bħal dan, jiġi applikat fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju ta’ 0%.

Artikolu 81

1. Biex jiġi determinat il-fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju ta’ skopertura skond l-Artikolu 80 tista’ tintuża biss valutazzjoni esterna tal-kwalità tal-kreditu jekk l-ECAI li tforniha tkun aġenzija rikonoxxuta bħala eliġibbli għal dan l-iskop mill-awtoritajiet kompetenti, minn hawn ’il quddiem “ECAI eliġibbli”.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu biss l-eliġibbilità ta' l-ECAI għall-fini ta' l-Artikolu 80, jekk ikunu sodisfatti li l-metodoloġija ta’ valutazzjoni tagħha hija konformi ma’ l-obbligi ta’ oġġettività, indipendenza, reviżjoni kontinwa u trasparenza, u li l-valutazzjonijiet ta’ kreditu li jirriżultaw jissodisfaw l-obbligi ta’ kredibilità u trasparenza. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kriterji tekniċi stabbiliti fl-Anness VI, il-Parti 2.

3. Jekk ECAI hija rikonoxxuta bħala aġenzija eliġibbli mill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stati Membri oħra jistgħu jirrikonoxxu dik l-ECAI bħala eliġibbli mingħajr ma jipproċedu b'valutazzjoni tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw nota spjegattiva dwar il-proċedura ta' rikonoxximent u l-lista ta' l-ECAI eliġibbli.

Artikolu 82

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw, filwaqt li jqisu l-kriterji tekniċi stabbiliti fl-Anness VI, il-Parti 2, ma' liema klassi ta' kwalità tal-kreditu skond kif stabbilit fl-ewwel Parti ta' dak l-Anness, għandhom ikunu assoċjati l-valutazzjonijiet relevanti tal-kwalità tal-kreditu ta' ECAI eliġibbli. L-ikklassifikar għandu jkun oġġettiv u konsistenti.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkunu għamlu klassifikazzjoni skond il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra jistgħu jirrikonoxxu dik il-klassifikazzjoni mingħajr ma jkollhom għax jagħmlu l-klassifikazzjoni tagħhom.

Artikolu 83

1. L-użu tal-valutazzjonijiet ta' kreditu ta' l-ECAI għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju ta' istituzzjoni ta' kreditu għandu jkun konsistenti u skond l-Anness VI, il-Parti 3. Il-valutazzjonijiet ta' kreditu m'għandhomx jintużaw b'mod selettiv.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw valutazzjonijiet ta' kreditu li jkunu ntalbu. Madankollu, bil-permess ta' l-awtorità kompetenti relattiva, jistgħu wkoll jużaw valutazzjonijiet li ma jkunux intalbu.

SUBSEZZJONI 2 – METODU BBAŻAT FUQ KLASSIFIKAR INTERN

Artikolu 84

1. Skond din is-Subsezzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkalkulaw l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju bl-użu tal-Metodu bbażat fuq il-Klassifikar Intern (IRB Approach). Kull istituzzjoni ta' kreditu tinħtieġ awtorizzazzjoni espliċita.

2. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk l-awtorità kompetenti tkun aċċertat ruħha li s-sistemi użati mill-istituzzjoni ta' kreditu għall-ġestjoni u l-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu ta' l-iskoperturi huma sodi u applikati bl-integrità u, b'mod partikolari, li jissodisfaw l-istandards li ġejjin skond l-Anness VII, il-Parti 4:

   (a) is-sistemi ta' kklassifikar ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jfornu valutazzjoni korretta tal-karatteristiċi tad-debitur u t-trażazzjonijiet, differenzjazzjoni eliġibbli u stimi kwantitattivi tar-riskju preċiżi u konsistenti;

   (b) l-iklassifikar intern u l-istimi ta' inadempjenza u telf użati biex jiġu kkalkulati l-obbligi kapitali u s-sistemi u l-proċessi assoċjati magħhom għandhom rwol essenzjali fil-ġestjoni tar-riskju, fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u fl-awtorizzazzjoni tal-kreditu, fl-allokazzjoni interna tal-kapital u fil-funzjonijiet tal-governanza korporattiva ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

(c) l-istitizzjoni ta’ kreditu għandha unità ta’ kontroll tar-riskju tal-kreditu għas-sistemi tagħha ta’ kklassifikar li huwa indipendenti b’mod adegwat u ħieles minn influwenza żejda;

(d) l-istituzzjoni ta’ kreditu tiġbor u tarkivja d-*data* kollha relevanti biex tipprovdi appoġġ effikaċi għall-proċessi mħaddma minnha għat-tikjil u l-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu;

(e) l-istituzzjoni ta’ kreditu tiddokumenta s-sistemi tagħha ta’ kklassifikar u l-loġika ta’ l-istruttura tagħhom u tivvalidahom.

Meta istituzzjoni ta’ kreditu *parent* u s-sussidjarji tagħha jew istituzzjoni finanzjarja *parent* ta’ l-UE u s-sussidjarji tagħha jużaw il-metodu bbażat fuq l-ikklassifikar intern (l-*IRB Approach*) fuq il-bażi unifikata għall-*parent company* u s-sussidjarji tagħha, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-obbligi minimi ta’ l-Anness VII, il-Parti 4 jiġu rrispettati mill-*parent company* u s-sussidjarji tagħha kkunsidrati bħala konġunti.

3. Istituzzjoni ta’ kreditu li titlob l-awtorizzazzjoni biex tapplika l-metodu IRB għandha turi li kienet tuża, għall-klassijiet ta’ skoperturi kkonċernati ta’ l-IRB, sistemi ta’ kklassifikar li kienu sostanzjalment konformi ma’ l-obbligi minimi stabbiliti f'dan l-Anness għat-tikjil u l-ġestjoni interni tar-riskju almenu matul it-tliet snin ta' qabel l-awtorizazzjoni biex tuża l-metodu IRB. Dan l-obbligu għandu japplika mill-31 ta’ Diċembru 2010 ’l quddiem.

4. Istituzzjoni ta’ kreditu li titlob l-awtorizzazzjoni għall-użu ta’ stimi interni tat-telf fil-każ ta’ inadempjenza u/jew ta’ fatturi ta’ konverżjoni għandha turi li kienet qed tistma u tuża stimi interni tat-telf fil-każ ta’ inadempjenza u/jew ta’ fatturi ta’ konverżjoni b'mod li kien sostanzjalment konformi ma’ l-obbligi minimi għall-użu ta’ stimi proprji tal-parametri stabbiliti f’dan l-Anness almenu matul it-tliet snin qabel l-għoti ta' l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' l-istimi interni tat-telf fil-każ ta' inadempjenza u/jew tal-fatturi ta’ konverżjoni. Dan l-obbligu għandu japplika mill-31 ta’ Diċembru 2010 ’l quddiem.

5. Jekk istituzzjoni ma tibqax tikkonforma mal-bżonnijiet stabbiliti f’din is-Subsezzjoni, għandha jew tippreżenta lill-awtorità kompetenti pjan biex tmur lura lejn konformità mill-aktar fis possibbli jew turi li l-effetti tan-nuqqas ta' konformità huma irrelevanti.

6. Meta l-metodu bbażat fuq il-klassifikar intern huwa intiż għall-użu minn istituzzjoni ta’ kreditu *parent* ta’ l-UE u s-sussidjarji tagħha, jew minn *financial holding company* ta’ l-UE u s-sussidjarji tagħha, l-awtoritajiet kompetenti tad-diversi entitajiet legali għandhom jikkooperaw bejniethom mill-qrib kif previst fl-Artikoli 129 sa 132.

Artikolu 85

1. Bla ħsara għall-Artikolu 69, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu u kwalunkwe *parent company* u s-sussidjarji tagħha għandhom japplikaw il-metodu bbażat fuq l-ikklassifikar intern għall-iskoperturi kollha.

Soġġett għall-awtorizzazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, l-applikazzjoni tal-metodu tista' ssir b'mod sekwenzjali fid-diversi klassijiet ta' skoperturi msemmija fl-Artikolu 86, fl-ambitu ta' l-istess unità operattiva, fid-diversi elementi operattivi ta' l-istess grupp jew għall-użu ta' l-istimi interni tat-telf fil-każ ta' inadempjenza jew tal-fatturi ta' konverżjoni għall-fini tal-kalkolu tal-fatturi tal-piż differenzjat għar-riskju ta' l-iskoperturi fil-konfront ta' impriżi, istituzzjonijiet, u *gvernijiet ċentrali* u banek ċentrali.

Fil-każ tal-klassi ta' l-iskopertura *retail* msemmija fl-Artikolu 86, l-applikazzjoni tista' ssir b'mod sekwenzjali fil-kategoriji ta' l-iskoperturi li għalihom jikkorrespondu d-diversi korrelazzjonijiet fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 9, 10 u 11.

2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir f'perjodu ta' żmien raġonevoli bi qbil ma' l-awtoritajiet kompetenti. L-applikazzjoni għandha ssir skond kundizzjonijiet rigoruż ffissati mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu stabbiliti biex jiġi żgurat li l-flessibilità skond il-paragrafu 1 ma tintużax b'mod selettiv bil-għan li jinkisbu obbligi kapitali minimi fir-rigward ta' dawk il-klassijiet ta' skoperturi jew elementi operattivi li għad iridu jiġu inklużi fil-metodu bbażat fuq l-ikklassifikar intern jew fl-użu ta' l-istimi interni tat-telf fil-każ ta' inadempjenza u tal-fatturi ta' konverżjoni.

3. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw il-metodu bbażat fuq l-ikklassifikar intern għal kull klassi ta' skopertura japplikaw il-metodu bbażat fuq l-ikklassifikar intern ukoll għall-klassi ta' skoperturi fi strumenti ta' kapital.

4. Soġġett għall-paragrafi 1 sa 3 u l-Artikolu 89, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu kisbu l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 89 biex jużaw il-metodu bbażat fuq l-ikklassifikar intern ma jistgħux jaqilbu lura għall-użu tas-Subsezzjoni 1 għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju, ħlief meta jkun hemm prova ta' mottiv leġittimu u bil-kundizzjoni li jkun hemm l-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.

5. Soġġett għall-paragrafi 1 u 2 u l-Artikolu 89, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu kisbu l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 89 (9) biex jużaw l-istimi interni tat-telf fil-każ ta' inadempjenza u tal-fatturi ta' konverżjoni, ma jistgħux jaqilbu lura għall-użu tal-valuri tat-telf fil-każ ta' inadempjenza u tal-fatturi ta' konverżjoni msemmija fl-Artikolu 87(8) ħlief meta jkun hemm prova ta' mottiv leġittimu u bil-kundizzjoni li jkun hemm l-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 86

1. Kull skopertura għandha tiġi klassifikata f'waħda mill-klassijiet ta' skoperturi li ġejjin:

(a) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' *gvernijiet ċentrali* jew banek ċentrali;

(b) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' istituzzjonijiet;

(c) krediti jew krediti potenzjali fil-konfront ta' impriżi;

(d) krediti jew krediti potenzjali *retail*;

(e) krediti fi strumenti ta’ kapital;

(f) pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni;

(g) assi oħra li huma distinti mill-krediti.

2. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jitqiesu bħala skoperturi fil-konfront ta’ gvernijiet ċentrali u banek ċentrali:

(a) skoperturi fil-konfront ta’ *gvernijiet ċentrali* u awtoritajiet lokali li huma meqjusa bħala skoperturi fil-konfront ta’ *gvernijiet ċentrali* skond is-Subsezzjoni 1;

(b) skoperturi fil-konfront ta' Banek Multilaterali ta’ l-Iżvilupp u organizzazzjonijiet internazzjonali li għalihom, skond is-Subsezzjoni 1, huwa applikat fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju ugwali għal 0%.

3. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jitqiesu bħala skoperturi fil-konfront ta’ istituzzjonijiet:

(a) skoperturi fil-konfront ta’ *gvernijiet ċentrali* u awtoritajiet lokali li mhumiex meqjusa bħala skoperturi fil-konfront ta’ *gvernijiet ċentrali* skond is-Subsezzjoni 1;

(b) skoperturi fil-konfront ta’ Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku li huma meqjusa bħala skoperturi fil-konfront ta’ istituzzjonijiet skond is-Subsezzjoni 1;

(c) skoperturi fil-konfront ta’ Banek Multilaterali ta’ l-Iżvilupp li għalihom ma japplikax fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju ugwali għal 0% skond is-Subsezzjoni 1.

4. Biex ikunu eliġibbli għall-klassi ta’ skoperturi għall-klijentela *retail* imsemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1, l-skoperturi għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) għandhom ikun jew skoperturi fil-konfront ta’ individwi jew ta’ impriża żgħira jew ta’ daqs medju, bil-kundizzjoni, f’dan il-każ ta’ l-aħħar, li l-ammont totali dovut lill-istituzzjoni ta’ kreditu u lil kwalunkwe *parent company* u s-sussidjarji tagħha mill-klijent debitur jew mill-grupp ta’ klijenti konnessi ma jridx jaqbeż il-miljun euro, skond l-informazzjoni fil-pussess ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu, li trid tkun adottat il-miżuri kollha raġonevoli biex tivverifika din is-sitwazzjoni;

(b) fil-ġestjoni tar-riskju, l-istituzzjoni ta’ kreditu tittratta l-iskoperturi b’mod konsistenti u bl-istess mod il-ħin kollu;

(c) l-iskoperturi ma jiġux amministrati fuq bażi individwali bl-istess mod kif jiġu amministrati l-iskoperturi fil-klassi ta' dawk fil-konfront ta' l-impriżi;

(d) kull skopertura tifforma parti minn numru sinifikanti ta' skoperturi amministrati bl-istess mod.

5. L-iskoperturi li ġejjin għandhom ikunu kklassifikati bħala skoperturi fi strumenti ta' kapital:

(a) skoperturi mhux ta' dejn li jittrasferixxu pretenzjoni residwali, subordinata fuq l-assi jew id-dħul ta' min ikun responsabbli għall-ħruġ;

(b) skoperturi ta' dejn li s-sustanza ekonomika tagħhom hija simili għal dik ta' l-iskoperturi speċifikati fil-punt (a).

6. Fl-ambitu tal-klassi ta' l-iskoperturi tal-kumpaniji, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jidentifikaw separatament bħala skoperturi ta' finanzjar speċjalizzat, dawk l-iskoperturi li għandhom li karatteristiċi li ġejjin:

(a) l-iskopertura hija fil-konfront ta' entità li nħolqot speċifikament biex tiffinanzja u/jew tamministra assi fiżiċi;

(b) l-arranġamenti kuntrattwali jagħtu lil min jislef kontroll sostanzjali fuq l-assi u d-dħul iġġenerati minnhom;

(c) is-sors primarju tar-rimborż ta' l-obbligu huwa d-dħul ġenerat mill-assi finanzjati aktar milli mill-kapaċità awtonoma ta' impriża kummerċjali akbar.

7. L-obbligi ta' kreditu kollha li mhumiex klassifikati fil-klassijiet ta' skoperturi msemmija fil-punti (a), (b) sa (f) tal-paragrafu 1 għandhom ikunu kklassifikati fil-klassi ta' skoperturi msemmija fil-punt (c) ta' dak il-paragrafu.

8. Il-klassi ta' skoperturi msemmija fil-punt (g) tal-paragrafu 1 għandha tinkludi l-valur residwu ta' propretajiet mikrija, jekk mhumiex koperti xi mkien ieħor f'din id-Direttiva.

9. Il-metodoloġija applikata mill-istituzzjoni ta' kreditu għall-klassifika ta' l-iskoperturi fid-diversi klassijiet għandha tkun xierqa u konsistenti matul iż-żmien.

Artikolu 87

1. L-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju tal-kreditu ta' l-iskoperturi inkluzi f'waħda mill-klassijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) jew (g) ta' l-Artikolu 86 (1) għandhom, sakemm mhux imnaqqsa mill-fondi proprji, ikunu kkalkulati skond l-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 1 sa 25.

2. L-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għal riskju ta' dilwizzjoni ta' krediti kummerċjali mixtrija għandhom ikunu kkalkulati skond l-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafu 26.

3. Il-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għal riskju tal-kreditu u għal riskju ta' dilwizzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-parametri relevanti assoċjali ma' l-iskopertura konċernata. Dawn il-parametri għandhom jinkludu l-probabbiltà ta' inadempjenza (PD), it-telf f'każ ta' inadempjenza (LGD), il-maturità (M) u l-valur ta' l-iskopertura. Il-PD u l-LGD jistgħu jkunu kkunsidrati separatament jew flimkien, skond l-Anness VII, il-Parti 2.

4. Minkejja l-paragrafu 3, il-kalkolu ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju tal-kreditu għall-iskoperturi kollha li huma fil-klassi ta' skoperturi msemmija fil-punt (e) ta' l-Artikolu 86(1) għandu jsir skond l-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 15 sa 24 soġġett għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw l-użu tal-metodu stabbilit fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 24 sa 25 minn istituzzjoni ta’ kreditu biss jekk din tissodisfa l-obbligi minimi stipulati fl-Anness VII, il-Parti 4, il-paragrafi 114 sa 122.

5. Minkejja l-paragrafu 3, il-kalkolu ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju tal-kreditu għal skoperturi ta’ self speċjalizzat jista’ jsir skond l-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafu 5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw gwida dwar kif l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piżijiet differenzjati għar-riskju għal skoperturi ta' self speċjali skond l-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafu 5 u għandhom japprovaw il-metodoloġiji applikati mill-istituzzjonijiet.

6. Għal skoperturi fil-klassijiet ta’ skoperturi msemmija fil-punti (a) sa (d) ta’ l-Artikolu 86(1), l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jipprovdu l-istimi interni tagħhom tal-probabbiltà ta’ inadempjenza (PD) f’konformità ma’ l-Artikolu 84 u l-Anness VII, il-Parti 4.

7. Għal skoperturi fil-klassijiet ta’ skoperturi msemmija fil-punt (d) ta’ l-Artikolu 86(1), l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jipprovdu l-istimi interni tagħhom tat-telf f’każ ta’ inadempjenza (LGD) u l-fatturi ta’ konverżjoni f’konformità ma’ l-Artikolu 84 u l-Anness VII, il-Parti 4.

8. Għal skoperturi fil-klassijiet ta’ skoperturi msemmija fil-punti (a) sa (c) ta’ l-Artikolu 86(1), l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom japplikaw il-valuri ta’ l-LGD stabbiliti fl-Anness VII, il-Parti 2, il-Paragrafu 8, u l-fatturi ta’ konverżjoni stabbiliti fl-Anness VII, il-Parti 3, il-paragrafu 11, il-punti (a) sa (c).

9. Minkejja l-paragrafu 8, għall-iskoperturi kollha fil-klassijiet ta’ skoperturi msemmija fil-punti (a) sa (c) ta’ l-Artikolu 86(1), l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jistgħu jippermettu li l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jużaw l-istimi interni tagħhom tat-telf f’każ ta’ inadempjenza (LGD) u l-fatturi ta’ konverżjoni f’konformità ma’ l-Artikolu 84 u l-Anness VII, il-Parti 4.

10. L-ammonti ta’ skoperturi b’piż differenzjat għar-riskju għal skoperturi titolizzati u għal skoperturi fil-klassi ta’ skoperturi msemmija fil-punt (f) ta’ l-Artikolu 86 (1) għandhom jiġi kkalkulati skond is-Subsezzjoni 4.

11. Fejn skoperturi fil-konfront ta’ impriża ta’ investiment kollettiv (CIU) jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness VI, il-Parti 1, il-paragrafi 74 sa 75 u l-istituzzjoni ta’ kreditu hija konxja ta’ l-iskoperturi sottostanti tas-CIU, l-istituzzjoni ta' kreditu tqis dawk l-iskoperturi sottostanti biex tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat-telf mistenni f’konformità mal-metodi stabbiliti f’din is-Subsezzjoni.

Fejn l-istituzzjoni ta’ kreditu ma’ tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-użu tal-metodi stabbiliti f’din is-Subsezzjoni, l-ammonti ta’ skoperturi b’piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat-telf mistenni għandhom jiġu kkalkulati skond il-metodi li ġejjin:

(a) għal skoperturi fil-klassi ta’ skoperturi msemmija fil-punt (e) ta’ l-Artikolu (86(1), il-metodu stabbilit fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 17 sa 19. Jekk, għall-fini ta’ dan, l-istituzzjoni ta’ kreditu ma tkunx tista’ tiddistingwi bejn

skoperturi fi strumenti privati ta’ kapital, skoperturi fi strumenti negozjati ta’ kapital u skoperturi oħra fi strumenti ta’ kapital, l-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tittratta l-iskoperturi konċernati ugwali għal skoperturi fi strumenti ta' kapital;

(b) għall-iskoperturi sottostanti l-oħra kollha, il-metodu stabbilit fis-Subsezzjoni 1, suġġett għall-modifiki li ġejjin:

(i) l-iskoperturi jitqiegħdu fil-klassi xierqa ta' skoperturi u jingħatalhom fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju li jikkorrespondi mal-klassi ta’ kwalità tal-kreditu immedjatament superjuri għall-klassi li fiha l-iskopertura tkun normalment imqiegħda.

(ii) l-iskoperturi mqiegħda fi klassijiet ta’ kwalità tal-kreditu ogħla, li normalment jingħatalhom fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju ugwali għal 150%, jirċievu fattur ta’ piż differenzjat ta’ 200%.

12. Fejn skoperturi fil-konfront ta’ impriża ta’ investiment kollettiv (CIU) ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Anness VI, il-Parti 1, il-paragrafi 74 sa 75, jew l-istituzzjoni ta’ kreditu ma tkunx konxja ta’ l-iskoperturi sottostanti kollha tas-CIU, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tqis l-iskoperturi sottostanti u tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat-telf mistenni f’konformità mal-metodu stabbilit fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 17 sa 19. Jekk, għall-fini ta’ dan, l-istituzzjoni ta’ kreditu ma tkunx tista’ tiddistingwi bejn skoperturi fi strumenti privati ta’ kapital, skoperturi fi strumenti negozjati ta’ kapital u skoperturi oħra fi strumenti ta’ kapital, l-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tittratta l-iskoperturi konċernati bħala skoperturi oħra fi strumenti ta' kapital. Għal dan il-għan, l-iskoperturi fi strumenti li mhumiex ta' kapital huma klassifikati f'waħda mill-klassijiet (skoperturi fi strumenti privati ta' kapital, skoperturi fi strumenti ta' kapital negozjati fis-swieq jew skoperturi oħra fi strumenti ta' kapital) stabbiliti fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafu 17, u l-iskoperturi li m'humiex magħrufa huma kklassifikati fil-klassi ta’ l-iskoperturi l-oħra fi strumenti ta’ kapital.

Bħala alternattiva għall-metodu mfisser hawn fuq, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jistgħu jinkarigaw lil terza parti biex tikkalkula u tirrapporta l-ammonti medji ta’ skoperturi b’piż differenzjat għar-riskju fuq il-bażi ta’ l-iskoperturi sottostanti ta’ l-impriżi ta’ investiment kollettiv u kkalkulati skond il-metodi li ġejjin, bil-kundizzjoni li l-korrettezza tal-kalkolu u r-rapport ikunu żgurati b’mod xieraq.

(a) għal skoperturi fil-klassi ta’ skoperturi msemmija fil-punt (e) ta’ l-Artikolu (86(1), il-metodu stabbilit fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 17 sa 19. Jekk, għall-fini ta’ dan, l-istituzzjoni ta’ kreditu ma tkunx tista’ tiddistingwi bejn skoperturi fi strumenti privati ta’ kapital, skoperturi fi strumenti negozjati ta’ kapital u skoperturi oħra fi strumenti ta’ kapital, l-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tittratta l-iskoperturi konċernati bħala skoperturi oħra fi strumenti ta' kapital.

(b) għall-iskoperturi sottostanti l-oħra kollha, il-metodu stabbilit fis-Subsezzjoni 1, suġġett għall-modifiki li ġejjin:

(i) l-iskoperturi jitqiegħdu fil-klassi xierqa ta' skoperturi u jingħatalhom fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju li jikkorrespondi mal-klassi ta’

kwalità tal-kreditu immedjatament superjuri għall-klassi li fiha l-iskopertura tkun normalment imqiegħda.

(ii) l-iskoperturi mqiegħda fi klassijiet ta' kwalità tal-kreditu ogħla, li normalment jingħatalhom fattur ta' piż differenzjat għall-piż ugwali għal 150%, jirċievu fattur ta' piż differenzjat ta' 200%.

Artikolu 88

1. L-ammonti tat-telf mistenni għal skoperturi f'waħda mill-klassijiet ta' skoperturi msemmija fil-punti (a) sa (e) ta' l-Artikolu 86(1) għandhom jiġi kkalkulati skond il-metodi stabbiliti fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 27 sa 33.

2. Il-kalkolu ta' l-ammonti tat-telf mistenni skond l-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 27 sa 33 għandu jkun ibbażat fuq l-istess *data* tal-PD, l-LGD u l-valur ta' l-iskopertura għal kull skopertura utilizzata għall-kalkolu ta' l-ammonti b'piż differenzjat għar-riskju f'konformità ma' l-Artikolu 87.

3. L-ammonti tat-telf mistenni għall-iskoperturi titolizzati għandhom ikunu kkalkulati skond is-Subsezzjoni 4.

4. L-ammont ta' telf mistenni għall-iskoperturi fil-klassi ta' skoperturi msemmija fil-punt (g) ta' l-Artikolu 86(1) għandu jkun żero.

5. L-ammonti ta' telf mistenni għal riskju ta' dilwizzjoni ta' krediti kummerċjali mixtrija għandhom ikunu kkalkulati f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafu 33.

6. L-ammonti ta' telf mistenni għal skoperturi msemmija fl-Artikolu 87(11) u (12) għandhom ikunu kkalkulati f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness VII, il-Parti 1, il-paragrafi 27 sa 33.

Artikolu 89

1. Soġġett għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati biex jużaw il-metodu bbażat fuq l-ikklassifikar intern (IRB) għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u ta' l-ammonti tat-telf mistenni għal klassi waħda jew aktar ta' skoperturi jistgħu japplikaw is-Subsezzjoni 1 fil-każi li ġejjin:

(a) għall-klassi ta' skoperturi msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 86(1), meta n-numru ta' kontropartijiet importanti jkun limitat u jkun piż mhux ġustifikat għall-istituzzjoni ta' kreditu biex timplimenta sistema ta' klassifikar għal dawn il-kontropartijiet;

(b) għall-klassi ta' skoperturi msemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 86(1), meta n-numru ta' kontropartijiet importanti jkun limitat u jkun piż mhux ġustifikat għall-istituzzjoni ta' kreditu biex timplimenta sistema ta' klassifikar għal dawn il-kontropartijiet;

(c) għal skoperturi f'elementi operattivi mhux importanti kif ukoll klassijiet ta' skoperturi li mhumiex sinifikanti fir-rigward ta' daqs u kobor ta' riskju;

(d) għall-iskoperturi fil-konfront ta' l-*gvernijiet ċentrali* ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini u fil-konfront ta' l-awtoritajiet reġjonali tagħhom, l-awtoritajiet lokali u l-korpi amministrattivi, bil-kundizzjoni li:

(i) ma jkunx hemm differenza fir-riskju bejn l-iskoperturi fil-konfront ta' l-amministrazzjoni ċentrali u dawk l-iskoperturi l-oħra minħabba arranġamenti pubbliċi speċifiċi;

(ii) l-iskoperturi fil-konfront ta' l-awtorità ċentrali jkunu kklassifikati fil-klassi 1 ta' kwalità tal-kreditu taħt is-Subsezzjoni 1.

(e) għall-iskoperturi ta' istituzzjoni ta' kreditu fil-konfront ta' kontroparti li tkun il-*parent company* tagħha, is-sussidjarja tagħha jew sussidjarja tal-*parent company* tagħha, bil-kundizzjoni li l-kontroparti tkun istituzzjoni jew *holding company* finanzjarja, istituzzjoni finanzjarja, kumpanija ta' ġestjoni ta' kapital jew impriża ta' servizzi anċillari soġġetta għal obbligi prudenzjali xierqa.

f) għall-iskoperturi fi strumenti ta' kapital fil-konfront ta' entitajiet li l-obbligi ta' kreditu tagħhom jikkwalifikaw għal piż differenzjat għar-riskju ta' żero taħt is-Subsezzjoni 1 (inklużi dawk l-entitajiet li jibbenefikaw minn għajnuna pubblika li għalihom japplika fattur ta' piż differenzjat ta' żero).

g) għall-iskoperturi fi strumenti ta' kapital li seħħu taħt programmi leġiżlattivi biex jippromwovu setturi speċifiċi ta' l-ekonomija li jipprovdu sussidji sinifikanti għall-investiment lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u jinvolvu xi forma ta' superviżjoni pubblika u restrizzjonijiet fuq l-investimenti fi strumenti ta' kapital. Dan l-esklużjoni hija limitata għal total ta' 10% tal-fondi proprji oriġinali flimkien ma' fondi oħra supplimentari.

Dan il-paragrafu ma jżommx lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor milli jawtorizzaw l-applikazzjoni tar-regoli tas-Subsezzjoni 1 għal skoperturi fi strumenti ta' kapital li għalihom kien ġie awtorizzat dan it-trattament fi Stati Membri oħra.

2. Għall-fini ta' punt (c), il-klassi ta' skoperturi fi strumenti ta' kapital ta' istituzzjoni ta' kreditu hija kkunsidrata rilevanti jekk il-valur aggregat medju tagħhom matul is-sena preċedenti, eskluži l-iskopertuti ta' kapital li seħħu taħt programmi leġiżlattivi kif imsemmi fil-punt (g), jaqbeż l-10% tal-fondi proprji ta' l-istituzzjoni ta' kreditu. Jekk in-numru ta' l-iskoperturi fi strumenti ta' kapital huwa inqas minn 10 investimenti individwali, dak il-limitu għandu jkun 5% tal-fondi proprji ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.

SUBSEZZJONI 3 – MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TAL-KREDITU

Artikolu 90

Għall-fini ta' din is-Subsezzjoni, b''istituzzjoni ta' kreditu li ssellef' għandna nifhmu istituzzjoni ta' kreditu li għandha l-iskopertura konċernata, derivata jew mhix minn self.

Artikolu 91

L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw il-Metodu Standardizzat taħt l-Artikoli 78 sa 83 jew li jużaw il-Metodu ta' l-IRB (il-metodu bbażat fuq l-ikklassifikar intern) taħt l-Artikoli 84 sa 89, imma li ma jużawx l-istimi proprji tagħhom ta' l-LGD u l-fatturi ta' konverżjoni taħt l-Artikoli 87 u 88, jistgħu jirrikonoxxu mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu skond din is-Subsezzjoni fil-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għall-fini ta' l-Artikolu 75, il-punt (a) jew, skond il-każ, ta' l-ammonti tat-telf mistenni għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-punt (q) ta' l-Artikolu 57, u l-Artikolu 63(3).

Artikolu 92

1. Il-teknika użata għall-forniment ta' protezzjoni tal-kreditu flimkien ma' l-azzjonijiet u l-miżuri adottati u l-proċeduri u l-politika eżegwiti mill-istituzzjoni ta' kreditu li tislef għandha tkun waħda li tiġġenera mekkaniżmi ta' protezzjoni tal-kreditu li jkunu legalment effikaċi u applikabbli fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti kollha.

2. L-istituzzjoni ta' kreditu li tislef għandha tadotta l-miżuri xierqa kollha biex tiżgura l-effikaċja ta' l-arranġament ta' protezzjoni tal-kreditu u biex tindirizza r-riskji relatati.

3. Fil-każ ta' protezzjoni ta' kreditu assistita, biex ikunu eliġibbli għall-għarfien, l-assi li fuqhom tkun ibbażata l-protezzjoni għandhom ikunu likwidi biżżejjed u l-valur tagħhom stabbli biżżejjed tul perjodu ta' żmien, biex ikunu jistgħu jipprovdu garanzija xierqa għall-protezzjoni ta' kreditu miksuba filwaqt li jitqies il-metodu użat għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u tal-grad ta' għarfien awtorizzat. L-eliġibilità għandha tkun limitata għall-assi stabbiliti fl-Anness VIII, il-Parti 1.

4. Fil-każ ta' protezzjoni ta' kreditu assistita, l-istituzzjoni ta' kreditu li tislef għandu jkollha d-dritt li tillikwida jew iżżomm, b'mod opportun, l-assi li minnhom hija derivata l-protezzjoni fl-eventwalità ta'inadempjenza, insolvenza jew falliment – jew avveniment tal-kreditu previst fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni - u, fejn applikabbli, ta' l-istituzzjoni depożitarja tal-kollateral. Il-grad ta' korrelazzjoni bejn il-valur ta' l-assi li fuqhom kienet ibbażata l-protezzjoni u l-kwalità ta' kreditu tad-debitur ma jridx ikun eċċessiv.

5. Fil-każ ta' protezzjoni ta' kreditu mhux assistita, biex tkun eliġibbli għall-għarfien, il-parti li tassumi l-impenn għandha tkun affidabbli biżżejjed, u l-kuntratt tal-protezzjoni għandu jkollu effikaċja ġuridika fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti, biex tkun tista' tipprovdi garanzija xierqa għall-protezzjoni ta' kreditu miksuba filwaqt li jitqies il-metodu użat għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u tal-grad ta' għarfien awtorizzat. L-eliġibilità għandha tkun limitata għall-forniturі tal-protezzjoni u t-tipi ta' kuntratti ta' protezzjoni stabbiliti fl-Anness VIII, il-Parti 1.

6. Għandhom jiġu ssodisfati l-obbligi minimi stabbiliti fl-Anness VIII, il-Parti 2.

Artikolu 93

1. Jekk l-obbligi ta’ l-Artikolu 92 huma ssodifati, il-kalkolu ta’ l-ammonti ta' l-iskoperti b'piż differenzjat għar-riskju u, kif applikabbli, ta' l-ammonti tat-telf mistenni jista’ jiġi modifikat skond l-Anness VIII, il-Partijiet 3 sa 6.

2. Fl-ebda każ skopertura li għaliha tkun inkisbet mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu ma tista’ tipproduċi ammont ta’ skoperturi b’piż differenzjat għar-riskju jew ammont ta’ telf mistenni ogħla minn dak ta’ skopertura identika li għaliha ma kienx hemm mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

3. Fejn l-ammont ta’ skoperturi b’piż differenzjat għar-riskju jkun diġà jinkludi l-protezzjoni tal-kreditu taħt l-Artikoli 78 sa 83 jew l-Artikoli 84 sa 93, kif applikabbli, il-kalkolu tal-protezzjoni tal-kreditu ma jiġix aktar rikonoxxut taħt din is-Subsezzjoni.

SUBSEZZJONI 4 - TITOLIZZAZZJONI

Artikolu 94

Meta istituzzjoni ta’ kreditu tuża l-Metodu Standardizzat stabbilit fis-Subsezzjoni 1 għall-kalkolu ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju għall-klassi ta’ skoperturi li fiha jkunu kklassifikati l-iskoperturi titolizzati skond l-Artikolu 79, l-istituzzjoni tikkalkula l-ammont ta’ l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni skond l-Anness IX, il-Parti 4, il-paragrafi 6 sa 35.

Fil-każi l-oħra kollha, l-istituzzjoni tikkalkula l-ammont ta’ l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju skond l-Anness IX, il-Parti 4, il-paragrafu 36 sa 74.

Artikolu 95

1. Meta parti sinifikanti tar-riskju tal-kreditu assoċjat ma’ skoperturi titolizzati tkun ġiet trasferita mill-istituzzjoni ta’ kreditu oriġinatriċi skond it-termini ta' l-Anness IX, il-Parti 2, din l-istituzzjoni ta’ kreditu tista':

   (a) fil-każ ta’ titolizzazzjoni tradizzjonali, teskludi mill-kalkolu tagħha ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju, u, kif applikabbli, ta’ l-ammonti tat-telf mistenni, l-iskoperturi li tkun ittitolizzat;

   (b) fil-każ ta’ titolizzazzjoni sintetika, il-kalkolu ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piz differenzjat għar-riskju, u kif applikabbli, ta’ l-ammonti tat-telf mistenni, isir b’referenza għall-iskoperturi titolizzati skond l-Anness IX, il-parti 2.

2. Fil-każi fejn japplika l-paragrafu 1, l-istituzzjoni ta’ kreditu oriġinatriċi għandha tikkalkula l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju previsti fl-Anness IX għall-pożizzjonijiet li jista’ jkollha fit-titolizzazzjoni.

Meta l-istituzzjoni ta’ kreditu oriġinatriċi tonqos milli tittrasferixxi parti sinifikanti tar-riskju tal-kreditu skond il-paragrafu 1, l-istituzzjoni m’għandhiex għalfejn tikkalkula l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju għall-pożizzjonijiet kollha li jista' jkollha fis-titolizzazzjoni konċernata.

Artikolu 96

1. Biex jiġi kkalkulat l-ammont ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju ta’ pożizzjoni titolizzata, għandhom jiġu applikati l-fatturi tal-piż differenzjat tar-riskju għall-valur ta’ l-iskoperturi tal-pożizzjoni skond l-Anness IX, fuq il-bażi tal-kwalità tal-kreditu tal-pożizzjoni, li tista’ tkun determinata b’referenza għall-valutazzjonijiet tal-mertu tal-kreditu minn aġenzija esterna (ECAI) jew mod ieħor, kif stabbilit fl-Anness IX.

2. Fejn skopertura tirrigwarda segmenti diversi ta’ titolizzazzjoni, l-iskopertura għal kull segment għandha tiġi kkunsidrata bħala pożizzjoni separata tat-titolizzazzjoni. Il-fornituri tal-protezzjoni tal-kreditu għal pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati bħala entitajiet li jżommu pożizzjonijiet fis-titolizzazzjoni. Il-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni għandhom jinkludu skoperturi konnessi ma’ operazzjonijiet ta’ titolizzazzjoni marbuta ma’ kuntratti derivati fuq rati ta’ imgħax jew valuta.

3. Meta pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni tkun soġġetta għal pożizzjoni tal-kreditu assistita jew mhux assistita, il-fattur tal-piż differenzjat għar-riskju li jrid jiġi applikat għal pożizzjoni bħal din jista’ jkun modifikat skond l-Artikoli 90 sa 93, moqrija flimkien ma’ l-Anness IX.

4. Soġġett għall-punt (r) ta’ l-Artikolu 57 u l-Artikolu 66(2), l-ammont ta’ l-iskopertura b’piż differenzjat għar-riskju għandu jiġi inkluż mat-total ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu għall-fini ta’ l-Artikolu 75(a).

Artikolu 97

1. Valutazzjoni ta’ kreditu ECAI tista’ tintuża biex tiddetermina l-fattur ta’ piż differenżjat għar-riskju ta’ titolizzazzjoni biss jekk l-ECAI li tforniha tkun aġenzija rikonoxxuta bħala eliġibbli għal dan l-iskop mill-awtoritajiet kompetenti, minn hawn ’il quddiem “ECAI eliġibbli”.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu l-eliġibilità ta’ ECAI għall-fini tal-paragrafu 1 biss wara li jkunu sodisfatti li l-ECAI tkun konformi ma' l-obbligi stipulati fl-Artikolu 81, filwaqt li jitqiesu l-kriterji tekniċi ta' l-Anness VI, il-Parti 2, u li jkollha esperjenza ppruvata fil-qasam tat-titolizzazzjoni, li tista' tixhed għaliha kredibilità soda fis-suq.

3. Jekk ECAI hija rikonoxxuta bħala aġenzija eliġibbli mill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru għall-fini ta’ paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stati Membri oħra jistgħu jirrikonoxxu dik l-ECAI bħala eliġibbli għal dak il-fini mingħajr ma jipproċedu b'valutazzjoni tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw nota spjegattiva dwar il-proċedura ta' rikonoxximent u l-lista ta' l-ECAI eliġibbli.

5. Biex tintuża għal dan il-għan, il-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu ta' ECAI eliġibbli għandha tkun konformi mal-prinċipji ta' kredibilità u trasparenza kif imfissra fl-Anness IX, il-Parti 3.

Artikolu 98

1. Għall-fini ta' l-applikazzjoni tal-fatturi ta' piz differenzjat għar-riskju għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu ma' liema klassijiet ta' kwalità tal-kreditu stabbiliti fl-Anness IX jridu jiġu klassifikati l-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-kreditu ta' ECAI eliġibbli. L-ikklassifikar għandu jkun oġġettiv u konsistenti.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkunu għamlu klassifikazzjoni skond il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra jistgħu jirrikonoxxu dik il-klassifikazzjoni mingħajr ma jkollhom għax jagħmlu l-klassifikazzjoni tagħhom.

Artikolu 99

L-użu tal-valutazzjonijiet ta' kreditu ta' l-ECAI għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju taħt l-Artikolu 96 għandu jkun konsistenti u skond l-Anness IX, il-Parti 3. Il-valutazzjonijiet ta' kreditu b'għandhomx jintużaw b'mod selettiv.

Artikolu 100

1. F'każ ta' titolizzazzjoni ta' skoperturi rotattivi soġġetti għal klawsola ta' amortizzazzjoni antiċipata, l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi jew promotriċi għandha tikkalkula, skond l-Anness IX, ammont supplimentari ta' skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju b'referenza għar-riskju ta' żieda, b'riżultat tas-seħħ tal-klawsola ta' amortizzazzjoni antiċipata, fil-livelli ta' riskju tal-kreditu li għalihom ikun espost.

2. Għal dan il-għan, skopertura rotattiva tfisser skopertura li fiha klijent jista' jvarja l-ammont użat internament sa limitu maqbul, u klawsola ta' amortizzazzjoni antiċipata tfisser klawsola kuntrattwali li timponi, meta jinqalgħu każi definiti, ir-rimborż tal-pożizzjoni ta' l-investituri qabel il-maturità stabbilita oriġinarjament tat-titoli maħruġa.

3. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet soġġetti għal klawsola ta' amortizzazzjoni antiċipata ta' skoperturi għall-klijentela *retail* mhux konfermati u rivokabbli mingħajr kundizzjonijiet u mingħajr notifika minn qabel, meta r-rimborż antiċipat jinbeda minn valur kwantitattiv b'referenza għal element differenti mill-marġini pożittiv medju fuq medda ta' tliet xhur, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw trattament li jqarreb ħafna lejn dak preskritt fl-Anness IX, il-Parti 4, il-paragrafi 27 sa 30 biex jiddetermina l-fattur ta' konverżjoni indikat.

4. Meta awtorità kompetenti tkun bi ħsiebha tapplika trattament konformi mal-paragrafu 3 għal titolizzazzjoni partikolari, għandha qabel xejn tinforma dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra kollha. Qabel ma l-applikazzjoni ta' trattament bħal dan issir parti integrali mill-politika ġenerali ta' l-

awtorità kompetenti fis-settur tas-titolizzazzjonijiet bi klawsoli ta' amortizzazzjoni antiċipata tat-tip konċernat, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' l-Istati Membri l-oħra kollha u tikkunsidra l-fehmiet tagħhom. L-opinjonijiet espressi f'din il-konsultazzjoni u t-trattament li jiġi adottat għandhom jiġu ppubblikati mill-awtorità kompetenti konċernata.

Artikolu 101

1. Istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi jew promotriċi m'għandhiex tipprovdi appoġġ lit-titolizzazzjoni 'l barra mil-limiti ta' l-obbligi kuntrattwali tagħha biex tipprova ttaffi t-telf attwali jew potenzjali ta' l-investituri.

2. Jekk istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi jew promotriċi ma tikkonformax mal-paragrafu 1 fir-rigward ta' titolizzazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tesiġi għall-anqas iż-żamma ta' fondi proprji fil-konfront ta' l-iskoperturi titolizzati kollha bħallikieku dawn qatt ma kienu ġew titolizzati. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tistqarr pubblikament li pprovdiet appoġġ barra mill-kuntratt u x'kien l-impatt ta' dan l-appoġġ fuq il-kapital regolatorju.

SEZZJONI 4

OBBLIGI MINIMI TA' FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU OPERATTIV

Artikolu 102

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jżommu fondi proprji fil-konfront ta' riskju operattiv f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Artikoli 103, 104 u 105.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 4, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw il-metodu stabbilit fl-Artikolu 104 m'għandhomx jaqilbu lura għall-użu tal-metodu stabbilit fl-Artikolu 103, ħlief jekk ikun hemm raġuni leġittma evidenti u bl-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.

3. Bla ħsara għall-paragrafu 4, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw il-metodu stabbilit fl-Artikolu 105 m'għandhomx jaqilbu lura għall-użu tal-metodu stabbilit fl-Artikoli 103 jew 104 ħlief jekk ikun hemm raġuni leġittma u bl-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jużaw kombinazzjoni ta' metodi skond l-Anness X, il-Parti 4.

Artikolu 103

L-obbligu kapitali għar-riskju operattiv skond il-Metodu Bażi ta' l-Indikatur għandu jkun perċentwal determinat ta' indikatur rilevanti skond il-parametri stabbiliti fl-Anness X, il-Parti 1.

Artikolu 104

1. Skond il-Metodu Standardizzat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jaqsmu l-attivitajiet tagħhom f'oqsma differenti ta' negozju kif stipulat fl-Anness X, il-Parti 2.

2. Għal kull qasam ta' negozju, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkalkulaw obbligu kapitali għar-riskju operattiv bħala perċentwali determinat ta' l-indikatur rilevanti, skond il-parametri stabbiliti fl-Anness X, il-Parti 2.

3. Għal ċerti oqsma ta' negozju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, jawtorizaw istituzzjoni ta' kreditu sabiex tuża indikatur alternattiv biex tiddetermina l-obbligu ta' kapital tagħha fil-konfront tar-riskju operattiv.

4. L-obbligu kapitali fil-konfront tar-riskju operattiv skond il-Metodu Standardizzat huma somma ta' l-obbligi kapitali għal kontra r-riskju operattiv ta' l-oqsma individwali kollha tan-negozju.

5. Il-parametri tal-Metodu Standardizzat jidhru fl-Anness X, il-Parti 2.

6. Biex jikkwalifikaw għall-użu tal-Metodu Standardizzat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness X, il-Parti 2.

Artikolu 105

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jużaw il-Metodi Avvanzati ta' Kejl ibbażati fuq is-sistemi interni proprji ta' kejl tar-riskju, bil-kundizzjoni li l-awtorità kompetenti tawtorizza b'mod espliċitu l-użu tal-mudelli konċernati għall-ikkalkular ta' l-obbligu tal-fondi proprji.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jridu juru lill-awtoritajiet kompetenti li jissodisfaw il-kriterji ta' adegwatezza stabbiliti fl-Anness X, il-Parti 3.

3. Meta l-Metodu tal-Kejl Avvanzat huwa intiż għall-użu minn istituzzjoni ta' kreditu *parent* ta' l-UE u s-sussidjarji tagħha jew mis-sussidjarji ta' *parent holding company* finanzjarja ta' l-UE, l-awtoritajiet kompetenti tad-diversi entitajiet legali għandhom jikkooperaw bejniethom mill-qrib kif previst fl-Artikoli 128 sa 132. L-applikazzjoni għandha tinkludi l-elementi elenkati fl-Anness X, il-Parti 3.

4. Meta istituzzjoni ta' kreditu *parent* ta' l-UE u s-sussidjarji tagħha jew istituzzjoni finanzjarja *parent* ta' l-UE u s-sussidjarji tagħha jużaw il-Metodu tal-Kejl Avvanzat fuq il-bażi unifikata għall-*parent company* u s-sussidjarji tagħha, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-kriterji ta' adegwatezza stabbiliti fl-Anness X, il-Parti 3 jiġu rrispettati mill-*parent company* u s-sussidjarji tagħha kkunsidrati bħala konġunti.

↓2000/12/KE

SEZZJONI ~~3~~ 5

SKOPERTURI KBAR

↓2000/12/KE l-Art 1(24) (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 106

1. «Skoperturi» għall-fini ta' ⌦ din is-sezzjoni ⌫, għandhom ifissru ⌦ kwalunkwe assi ⌫ jew elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ imsemmija fit- ⌦ Sezzjoni 3, Subsezzjoni 1 ⌫, tiegħu, mingħajr l-applikazzjoni ta' piż differenzjat għar- ⌦ riskju ⌫ jew gradi ta' riskju li hemm provvediment dwarhom;

   ⌦ L-iskoperturi li ġejjin mill-elementi ⌫ msemmija fl-Anness IV ⌦ għandhom ⌫ jiġu kkalkulati skond wieħed mill-metodi stabbiliti fl-Anness III.

   ~~without application of the weightings for counterparty risk; all~~ ⌦ L-elementi ⌫ L-elementi kollha kompletament koperti bil-fondi proprji jistgħu, bi ftehim ma l-awtoritajiet kompetenti, jkunu eskluži mid-definizzjoni ta' riskji, basta dawn il-fondi proprji ma jkunux inklużi fil-fondi proprji ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għall-fini ta' l-Artikolu 75 jew fil-kalkolu ta' koeffiċjenti oħra ta' sorveljanza previsti minn din id-Direttiva u minn atti Komunitarji oħra.

2. L-iskoperturi m'għandhomx jinkludu:

   (a) fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' kambju barrani, skoperturi mġarrba matul il-proċess ordinarju tat-twettiq tal-ħlas matul it-48 siegħa ta' wara li jkun sar il-pagament ⌦ ; ⌫

   (b) fil-każ ta' tranżazzjonijiet għall-iskopijiet ta' xiri jew bejgħ ta' titoli, skoperturi mġarrba fil-proċess ordinarju tat-twettiq tal-ħlas matul il-ħamest ijiem ta' xogħol ta'wara li jkun sar il-pagament jew il-kunsinna tat-titoli, liema minnhom tiġi l-ewwel;

↓2000/12/KE l-Art. 1(1) (adattat)

Artikolu 107

Għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' ⌦ din is-sezzjoni ⌫, ⌦ it-terminu "istituzzjoni ta' kreditu" għandu jkopri dan li ġej: ⌫

(a) istituzzjoni ta' kreditu inklużi l-fergħat ⌦ tagħha ⌫ f'pajjiżi terzi; ~~u~~

(b) l-impriżi privati u pubbliċi kollha, inklużi l-fergħat tagħhom, li ⌦ jissodisfaw ⌫ id-definizzjoni ta' "istituzzjoni ta' kreditu" u li kienu ġew awtorizzati minn pajjiż terz.

↓2000/12/KE l-Art. 48(1) (adattat) ⇨ġdid

Artikolu 108

~~**Rapurtaġġ ta' riskji kbar**~~

~~1.~~ L-iskoperturi ta' istituzzjoni ta' kreditu fil-konfront ta' klijent jew grupp ta' klijenti konnessi għandha titqies bħala skopertura kbira meta l-valur tagħha jkun ugwali għal jew jeċċedi 10% tal-fondi proprji.

⇨Għal dan il-għan, is-sezzjoni 1 tista' tinqara mingħajr ma jitqies il-punt (q) ta' l-Artikolu 57 u l-Artikolu 63 (3) u għandha tinqara mingħajr ma jitqies l-Artikolu 66(2).

↓2000/12/KE l-Art. 48(4) l-ewwel paragrafu (adattat)

Artikolu 109

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li kull istituzzjoni ta' kreditu jkollha proċeduri amministrattivi u kontabbli sodi u mekkaniżmi interni ta' kontroll xierqa għall-iskopijiet ta' l-identifikar u r-reġistrar ta' l-iskoperturi l-kbar kollha u t-tibdiliet sussegwenti għalihom, ⌦ skond ⌫ din id-Direttiva, kif ukoll għall-monitoraġġ ta' l-imsemmija skoperturi kbar fid-dawl ta' l-istrateġiji ta' riskji li jkollha kull istituzzjoni ta' kreditu.

↓2000/12/KE l-Art. 48(2) (adattat)

Artikolu 110

~~**Rapurtaġġ ta' riskji kbar**~~

~~2.~~ 1. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tirrapporta kull skopertura kbira lill-awtoritajiet kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu li r-rappurtaġġ ikun imwettaq, fid-diskrezzjoni tagħhom, skond wieħed minn dawn iż-żewġ metodi li ġejjin:

(a) ir-rappurtar ta' l-iskoperturi l-kbar kollha mill-anqas darba kull sena, flimkien mar-rappurtar matul is-sena ta' skoperturi kbar ġodda kollha u kull żidiet li jseħħu fl-iskoperturi l-kbar eżistenti li jkunu jlaħħqu mill-anqas 20% fir-rigward tal-komunikazzjoni preċedenti;

(b) ir-rappurtar ta’ l-iskoperturi l-kbar kollha mill-anqas erba' darbiet fis-sena.

↓2000/12/KE l-Art. 48.3 (adattat)
⇨ġdid

~~3.~~2 ⇨ Ħlief fil-każ ta’ dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jserrħu fuq l-Artikolu 114 għar-rikonoxximent ta' kollaterali fl-ikkalkular tal-valur ta' l-iskoperturi għall-fini tal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' l-Artikolu 111, ⇦ mhemmx għalfejn li l-iskoperturi eżentati taħt l-Artikolu ~~49~~ ⌦ 111 ⌫ (~~7~~)⇨ (3) ⇦(a), (b), (c), (d), (f), (g) u (h) jiġu rrappurtati kif stabbilit fil-paragrafu ⇨ 1 ⇦ u l-frekwenza ta’ rappurtar stabbilita fil-punt (b) tal-paragrafu 1 tista’ titnaqqas għal darbtejn fis-sena għall-iskoperturi msemmija fl-Artikolu ⌦ 111 ⌫ ⇨ (3) ⇦ (3)(e) u (i), u fl-⇨ Artikoli 115 u 116 ⇦.

↓2000/12/KE l-Art. 48(4) it-tieni subparagrafu (adattat)

Meta istituzzjoni ta' kreditu tinvoka l-paragrafu ⌦ 2 ⌫, din għandha żżomm dokumentazzjoni ta' l-avvanzi għal mill-anqas sena wara li jseħħ l-avveniment li jkun iġġenera l-eżenzjoni, sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jistabilixxu jekk hemmx ġustifikazzjoni għal din l-eżenzjoni.

⇩ġdid

3. L-Istati Membri jistgħu jitolbu r-rappurtar ta’ skoperturi kkonċentrati għall-interess ta’ dawk li jkunu ħarġu l-kollaterali aċċettati mill-istituzzjoni ta’ kreditu.

↓2000/12/KE l-Art 49(1) sa (5) (adattat)
➔$_1$ 2004/xx/KE l-Art. 3.7
⇨ġdid

Artikolu 111

~~Limiti fuq riskji kbar~~

1. L-istituzzjoni ta' kreditu ma tistax tikkonċedi lil klijent jew grupp ta' klijieti relatati skopertura li l-valur tagħha jeċċedi 25% tal-fondi proprji. Għal dan il-għan u għall-għan ta’ dispożizzjonijiet oħra ta’ dan l-Artikolu, is-sezzjoni 1 tista’ tinqara mingħajr ma jitqies il-punt (q) ta' l-Artikolu 57 u l-Artikolu 63 (3) u għandha tinqara mingħajr l-inklużjoni ta’ l-Artikolu 66(2).

2. Meta klijent jew grupp ta' klijenti relatati jkunu l-*parent company* jew sussidjarja ta' l-istituzzjoni ta' kreditu u/jew sussidjarja waħda jew aktar ta' dik l-*parent company*, il-perċentwal stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun imnaqqas għal 20%. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jeżentaw l-iskoperturi mġarrba minn dawk il-klijenti mil-limitu ta' 20% jekk huma jipprovdu għal monitoraġġ speċifiku ta' dawk l-iskoperturi b'miżuri jew proċeduri oħra. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-➔$_1$ Kumitat Bankarju Ewropew ← dwar il-kontenut ta' dawk il-miżuri jew proċeduri.

3. L-istituzzjoni ta' kreditu ma tistax tidħol għal skoperturi kbar li fit-total jeċċedu 800% tal-fondi proprji.

↓2000/12/KE l-Art. 49.4 (adattat)

~~4. Stati Membri jistgħu jimponu limiti aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3.~~

↓2000/12/KE l-Art. 49(1) sa (5)

~~5~~4. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha f'kull waqt tkun konformi mal-limiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 fir-rigward ta' l-iskoperturi tagħha. Jekk f'każ eċċezzjonali l-iskoperturi jeċċedu dawk il-limiti, dak il-fatt għandu jkun irrappurtat mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti li jistgħu, meta ċ-ċirkostanzi hekk ikunu jenħtieġu, jippermettu lill-istituzzjoni ta' kreditu perjodu ta' żmien limitat biex fih tikkonforma ma' dawk il-limiti.

⇩ġdid

Artikolu 112

1. Għall-fini ta' l-Artikli 113 sa 117, it-terminu 'garanzija' għandu jinkludi derivattivi ta' kreditu rikonoxxuti taħt l-Artikoli 90 sa 93 minbarra *credit linked notes*.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, meta, taħt l-Artikoli 113 sa 117, ir-rikonoxximent ta' protezzjoni tal-kreditu assistit jew mhux jista' jkun permess soġġett għal konformità ma' l-obbligi ta' eliġibilità u obbligi minimi oħra, stabbiliti taħt l-Artikoli 90 sa 93 għall-fini ta' kkalkular ta' ammonti ta' skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju skond l-Artikoli 78 sa 83.

3. Meta istituzzjoni ta' kreditu sserraħ fuq l-Artikolu 114(2), ir-rikonoxximent tal-protezzjoni tal- kreditu huwa soġġett għall-obbligi rilevanti skond l-Artikoli 84 sa 89.

↓2000/12/KE l-Art 49(4) & (6) (adattat)

Artikolu 113

1. L-Istati Membri jistgħu jimponu limiti aktar stretti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu ⊠ 111 ⊠.

~~6~~2. L-Istati Membri jistgħu kompletament jew parzjalment jeżentaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu ⊠ 111 ⊠ 1, 2 u 3 skoperturi mġarrba minn istituzzjoni ta' kreditu fil-konfront tal-*parent company* tagħha, sussidjarji oħra ta' din il-*parent company* jew sussidjari tagħha stess, sakemm dawn l-impriżi jkunu koperti bis-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata li għaliha l-istituzzjoni ta' kreditu innifisha tkun soġġetta, skond din id-Direttiva jew standards ekwivalenti eżistenti f'pajjiż terz.

↓2000/12/KE l-Art 49(7) (adattat) ⇨ġdid

~~7~~3. L-Istati Membri jistgħu kompletament jew parzjalment jeżentaw dawn l-iskoperturi li ġejjin mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu ⌦ 111 ⌫:

(a) elementi ta' assi li jirrappreżentaw krediti fil-konfront ta' ⇨ *gvernijiet ċentrali* jew banek ċentrali li għalihom, jekk ma jkollhomx garanziji, ikun japplika fattur ta' piż differenzjat għar-riskju ta' 0% skond l-Artikoli 78 sa 83; ⇦

(b) elementi ta' assi li jirrappreżentaw krediti fil-konfront ta' ⇨ organizzazzjonijiet internazzjonali u banek multilaterali ta' l-iżvilupp li għalihom, jekk ma jkollhomx garanziji, ikun japplika fattur ta' piż differenzjat għar-riskju ta' 0% skond l-Artikoli 78 sa 83; ⇦

(c) elementi ta' assi li jirrappreżentaw krediti assistiti minn garanzija espliċita ta' ⇨ amministarzzjonijiet ċentrali, banek ċentrali, organizzazzjonijiet internazzjonali jew banek multilaterali ta' l-iżvilupp, fejn, għall-krediti mhux garantiti fil-konfront ta' l-entità li tipprovdi l-garanzija, ikun japplika fattur ta' piż differenzjat għar-riskju ta' 0% skond l-Artikoli 78 sa 83; ⇦

(d) skoperturi oħra attribwibbli għal, jew garantiti minn, ⇨ *gvernijiet ċentrali*, banek ċentrali, organizzazzjonijiet internazzjonali, jew banek multilaterali ta' l-iżvilupp, fejn, għall-krediti mhux garantiti fil-konfront ta' l-entità li għaliha l-iskopertura hija attribwibbli jew li minnha hija garantita, ikun japplika fattur ta' piż differenzjat għar-riskju ta' 0% skond l-Artikoli 78 sa 83; ⇦

(e) elementi ta' assi li jirrappreżentaw krediti u skoperturi oħra fil-konfront ta' gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali ⇨ li ma jissemmewx fil-paragrafu a) hawn fuq ⇦ li huma denominati u, fejn applikabbli, finanzjati bil-valuta nazzjonali tad-debituri;

(f) elementi ta' assi u skoperturi oħra garantiti, b'mod sodisfaċenti skond l-awtoritajiet kompetenti, minn kollaterali fil-forma ta' ⇨ titoli ta' dejn maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali, banek multilaterali ta' l-iżvilupp jew *gvernijiet ċentrali* jew awtoritajiet lokali fl-Istati Membri, fejn dawn it-titoli jirrappreżentaw klejms fil-konfront ta' min ikun ħariġhom li għalihom jkun japplika fattur ta' piż differenzjat għar-riskju ta' 0% skond l-Artikoli 78 sa 83 ⇦ ;

(g) elementi ta' assi u skoperturi oħra garantiti, għas-sodisfazjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'kollateral f'għamla ta' depożitu ta' flus likwidi mqiegħda ma' l-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ li tislef jew l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun l-intrapriża *parent* jew sussidjarja ta' l-istituzzjoni li tislef;

(h) elementi ta' assi u skoperturi oħra garantiti, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'kollateral f'għamla ta' ċertifikati ta' depożitu maħruġa mill-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ li tislef jew mill-istituzzjoni ta' kreditu li tkun l-intrapriża *parent* jew sussidjarja ta' l-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ li tislef u ddepożitati f'waħda minn dawn l-impriżi, tkun liema tkun;

(i) elementi ta' assi li jirrappreżentaw krediti u skoperturi oħra fil-konfront ta' istituzzjonijiet, b'maturita ta' sena waħda jew anqas, imma li ma jirrappreżentawx il-fondi proprji ta' dawn l-istituzzjonijiet;

(j) elementi ta' assi li jirrappreżentaw krediti u skoperturi oħra fil-konfront ta' dawk l-istituzzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu imma li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl- ⇨ Anness Vi, il-Parti 1, il-paragrafu 82 ⇦, b'maturità ta' sena waħda jew anqas, u garantiti f'konformità ma' l-istess paragrafu;

(k) kambjali tan-negozju u kambjali simili, b'maturita ta' sena waħda jew anqas, li jkollhom il-firem ta' istituzzjonijiet ta' kreditu oħra;

(l) bonds koperti kif definiti fl-Artikoli 78 sa 83;

↓2000/12/KE (adattat)

(m) jiddependi minn koordinazjoni sussegwenti, *holdings* fil-kumpaniji ta' l-assigurazjoni msemmija fl-Artikolu ⌦ 122(1) ⌫ sa 40% tal-fondi proprji ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li tikseb dan il-*holding*;

(n) elementi ta' assi li jirrappreżentaw krediti fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu reġjonali jew ċentrali li magħhom l-istituzzjoni ⌦ ta' kreditu ⌫ li tislef tkun assoċjata f'netwerk skond dispożizzjonijiet legali jew statutorji u li huma responsabbli, taħt dawk id-dispożizzjonijiet, għal operazzjonijiet likwidi fl-ambitu ta' l-istess netwerk;

↓2000/12/KE

(o) skoperturi garantiti, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'kollateral fil-forma ta' titoli differenti minn dawk imsemmija fl-(f); ~~provided that those securities are not issued by the credit institution itself, its parent company or one of their subsidiaries, or by the client or group of connected clients in question. It-titoli użati bħala kollateral għandhom ikunu ivvalutati bil-prezz tas-suq, ikollhom valur li jeċċedi r-riskju iggarantit u jkunu jew innegozjati fuq il-borża jew effettivament negozjabbli u regolarment ikkwotati fuq suq operat taħt l-awspiċji ta' operaturi professjonali rikonoxxuti u jippermettu, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' l-oriġini ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, għall-istabbeliment ta' prezz objettiv bekk li l-eċċess tal-valur ta' titoli jista' jkun ivverifikat fi kwalunkwe żmien. L-eċċess tal-valur meġtieġ għandhu jkun 100.000000% għandu, b'dana kollu, jkun 150.000000% fil-każ ta' ishma u 50.000000% fil-każ ta' titoli ta' dejn maħruġa minn l-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-Istati Membri reġjonali jew l-awtoritajiet lokali apparti minn dawk li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 44, u fil-każ ta' titoli ta' dejn maħruġa mill-EIB (BEI) u banek ta' żvilupp multi-laterali.~~

↓2000/12/KE

(p) self garantit, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew b'ishma f'kumpaniji ta' djar residenzjali Finlandiżi, li joperaw skond l-Att tal-Kumpaniji Finlandiżi tad-Djar ta' 1991 jew leġiżlazzjoni ekwivalenti sussegwenti u tranżazzjonijiet ta' kiri li permezz tagħhom min jikri

jżomm il-proprjetà assoluta tal-proprjetà residenzjali mikrija, għal tul iż-żmien li matulu l-kerrej ma jkunx eżerċita l-għażla li jixtri, fil-każi kollha sa 50% tal- valur tal-proprjetà residenzjali kkonċernata. ~~Il-valur tal-propjetà għandu jkun ikkalkulat, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, fuq il-bażi ta' normi stretti ta' valutazzjoni stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'dispożizzjonijiet amministrattivi. Il-valutazzjoni għandha titwettaq mill-anqas darba kull sena. Għall-iskopijiet ta' dan il-punt propjetà residenzjali għandha tfisser residenza li għandha tkun okkupata jew mikrija minn dak li jissellef;~~

⇩ġdid

(q) il-krediti li ġejjin, fejn għalihom japplika fattur ta' piż differenzjat għar-riskju ta' 50% skond l-Artikoli 78 sa 83, u sa 50% biss tal-valur tal-proprjetà konċernata:

(i) skoperturi garantiti b'ipoteki fuq uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor, jew b'ishma f'kumapaniji tad-djar Finlandiżi li joperaw skond l-Att tal-Kumpaniji Finlandiżi tad-Djar ta' 1991 jew leġiżlazzjoni ekwivalenti sussegwenti, fir-rigward ta' uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor;

(ii) skoperturi relatati ma' tranżazzjonijiet ta' kiri ta' proprjetà fir-rigward ta' uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor;

Għall-fini tal-punt (ii), sal-31 ta' Diċembru 2011, l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru jistgħu jippermettu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jirrikonoxxu l-100% tal-valur tal-proprjetà kkonċernata. Fi tmiem dan il-perjodu, dan it-trattament jiġi rivedut. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-użu li huma jagħmlu ta' dan it-trattament preferenzjali.

🡻2000/12/KE (adattat)

(~~q~~r) 50% ta' l-iskopertura medja/baxxa ta' elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ imsemmija fl-Anness II;

(~~r~~s) soġġett għall-ftehim mill-awtoritajiet kompetenti, garanziji li jkunu apparti mill-garanziji ta' self li jkollhom bażi legali jew regolatorja u li jingħataw lill-membri tagħhom li jkollhom l-istatus ta' istituzzjonijiet ta' kreditu bi skemi ta' garanzija reċiproka, soġġetti għal piż differenzjat ta' 20% ta' l-ammont tagħhom.

~~Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-użu li jagħmlu minn din l-għażla sabiex jassiguraw li din ma tirriżultax f'tgħawwiġ tal-kompetizzjoni;~~

(~~s~~t)
l-elementi ta' riskju baxx li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ imsemmija fl-Anness II, sakemm ikun intlaħaq ftehim mal-klijent jew grupp ta' klijenti konnessi li permezz tiegħu l-iskopertura tista tkun adottata biss jekk ikun ġie aċċertat li l-limiti applikabbli taħt ⌦ l-Artikolu 111(1) sa (3) ⌫ ma jinqabżux.

⇩ġdid

Il-flus irċevuti taħt nota marbuta ma' kreditu maħruġa mill-istituzzjoni ta' kreditu u self u depożiti ta' kontroparti għal jew ma' l-istituzzjoni ta' kreditu li huma soġġetti

għal ftehim ta’ kkalkular fuq bażi netta li jidher fuq il-karta tal-bilanċ rikonoxxut taħt l-Artikoli 90 sa 93 għandhom jitqiesu li jaqgħu taħt il-punt (g).

↓2000/12/KE l-Art 49(o) it-tieni sentenza u t-tielet (adattat)
⇨ ġdid

⌦ Għall-fini tal-punt (o), ⌫ it-titoli użati bħala kollateral iridu jkunu vvalutati bil-prezz tas-suq, ikollhom valur li jeċċedi l-iskoperturi ggarantiti u jkunu jew innegozjati fuq il-borża jew effettivament negozjabbli u regolarment ikkwotati fuq suq operat taħt l-awspiċji ta' operaturi professjonali rikonoxxuti u li jiżgura, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' l-oriġini ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, il-possibbiltà li jkun determinat prezz oġġettiv hekk li l-eċċess tal-valur tat-titoli jkun jista’ jiġi vverifikat fi kwalunkwe mument. L-eċċess tal-valur meħtieġ għandhu jkun 100%, imma għandu jkun 150% fil-każ ta’ ishma u 50% fil-każ ta' titoli ta' dejn maħruġa minn istituzzjonijiet, ⌦ amministrazzjonijiet ⌫ reġjonali jew awtoritajiet lokali ta’ Stati Membri apparti minn dawk imsemmija ⌦ fis-subpunt (f) ⌫, u fil-każ ta' titoli ta' dejn maħruġa mill-banek multilaterali ta’ l-iżvilupp ⇨ li ma jinkludux dawk li jirċievu piż differenzjat għar-riskju ta’ 0% taħt il-Metodu Standardizzat. F’każ li ma jkunx hemm qbil bejn iż-żmien tal-maturità ta’ l-iskopertura u tal-protezzjoni tal-kreditu, il-kollateral ma jiġix rikonoxxut.⇦ ⌦ It-titoli użati bħala kollateral ma jistgħux ikunu l-fondi proprji ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu. ⌫

⌦ Għall-fini tal-punt (p), ⌫ il-valur tal-proprjetà għandu jkun ikkalkulat, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, fuq il-bażi ta' standards stretti ta' valutazzjoni stabbiliti b'liġi, regolament jew dispożizzjonijiet amministrattivi. Il-valutazzjoni għandha titwettaq mill-anqas darba kull sena. Għall-fini tal-punt ⌦ (p), ⌫ proprjetà residenzjali għandha tfisser residenza li għandha tkun okkupata jew mikrija minn dak li jissellef.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b’kull eżenzjoni mogħtija ⌦ taħt punt (s) ⌫ sabiex jassiguraw li din ma tirriżultax f'tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

⇩ġdid

Artikolu 114

1. Soġġett għall-paragrafu 3, għall-ikkalkular tal-valur ta’ l-iskoperturi għall-fini ta’ l-Artikolu 111(1) sa (3), l-Istati Membri, bħala alternattiva għall-konċessjonijiet ta’ l-eżenzjonijiet totali jew parzjali mogħtija taħt il-punti (f), (g), (h) u (o) ta’ l-Artikolu 113(3), jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jużaw il-Kollaterali Finanzjarji (il-Metodu Komprensiv) skond l-Artikoli 90 sa 93, japplikaw valur aktar baxx mill-valur ta’ l-iskopertura, imma mhux aktar baxx mit-total tal-valuri ta’ l-iskoperturi fil-konfront tal-klijent jew il-grupp ta’ klijenti konnessi, aġġustati integralment.

Għal dan il-għan "il-valur ta' l-iskoperturi aġġustat integralment" jiġifieri l-valur ikkalkulat skond l-Artikoli 90 sa 93, bl-attenwazzjoni tar-riskju tal-kreditu, l-aġġustamenti tal-valitilità u n-nuqqas ta' qbil bejn il-perjodi tal-maturità (E*), kollha kkunsidrati.

Meta dan il-paragrafu jkun applikat għal istituzzjoni ta' kreditu, il-punti (f), (g), (h), u (o) ta' l-Artikolu 113(3) m'għandhomx japplikaw għall-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata tuża l-istimi interni tagħha tat-telf f'każ ta' inadempjenza (LGD) u tal-fatturi ta' konverżjoni għal klassi ta' skoperturi skond l-Artikoli 84 sa 89, tista' titħalla, jekk il-metodi li tħaddem ikunu sodisfaċenti għall-awtoritajiet kompetenti, tagħmel stima ta' l-effetti li l-kollaterali finanzjarji jkollhom fuq l-iskoperturi tagħha separatament minn aspetti oħra relatati ma' l-LGD, biex jitqiesu dawn l-effetti fil-kalkolu tal-valur ta' l-iskoperturi għall-fini ta' l-Artikolu 113(3).

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettaw l-adegwatezza ta' l-istimi magħmula mill-istituzzjoni ta' kreditu bil-għan li jitnaqqas il-valur ta' l-iskoperturi biex tintlaħaq konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 111.

Meta istituzzjoni ta' kreditu titħalla tuża l-istimi interni tagħha ta' l-effetti tal-kollaterali finanzjarji, trid tagħmel dan fuq bażi konsistenti għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti. B'mod partikolari, dan il-metodu għandu jkun adottat għall-iskoperturi l-kbar kollha.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati jużaw l-istimi interni tagħhom ta' l-LGDs u l-fatturi ta' konverżjoni għal klassi ta' skoperturi skond l-Artikoli 84 sa 89 li ma jkoprux il-kalkolu tal-valur ta' l-iskoperturi tagħhom bl-użu tal-metodu msemmi fl-ewwel subparagrafu, jistgħu jitħallew jużaw il-metodu stabbilit fil-paragrafu 9(1) hawn fuq jew il-metodu stabbilit fil-punt (o) ta' l-Artikolu 113(3) hawn fuq biex jiġi kkalkulat il-valur ta' l-iskoperturi. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tuża biss wieħed minn dawn iż-żewġ metodi.

3. Istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata tuża l-metodi deskritti fil-paragrafi 1 u 2 għall-kalkolu tal-valur ta' l-iskoperturi għall-fini ta' l-Artikolu 111(1) sa (3) għandha, minn żmien għal żmien, tagħmel testijiet ta' l-istress fuq il-konċentrazzjonijiet ta' riskju tal-kreditu tagħhom, inkluż fir-rigward tal-valur realizzabbli tal-kollaterali kollha aċċettati.

Dawn it-testijiet ta' stress għandhom jirrigwardaw ir-riskji ġejjin mill-bidliet potenzjali tal-kundizzjonijiet tas-suq li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-adegwatezza tal-fondi proprji ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, kif ukoll ir-riskji li jiġu mir-realizzazzjoni ta' kollateral f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

L-istituzzjoni ta' kreditu għandha turi lill-awtoritajiet kompetenti li t-testijiet ta' stress li tkun għamlet huma suffiċjenti u adegwati għall-valutazzjoni ta' dawn ir-riskji.

F'każ li minn dawn it-testijiet ta' stress jirriżulta li l-valur realizzabbli ta' kollateral aċċettat huwa aktar baxx mill-valur aċċettabbli għall-konsiderazzjoni kif xieraq skond il-paragrafi 2 u 3, il-valur tal-kollateral li tħalla jkun rikonoxxut għall-kalkolu tal-valur ta' l-iskoperturi għall-fini ta' l-Artikolu 111(1) sa (3) għandu, konsegwentement, jitnaqqas.

Dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jinkludu dan li ġej ma' l-istrateġiji tagħhom għall-amministrazzjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni:

(a) politika u proċeduri għall-konfrontazzjoni ta’ riskji li jiġu minn nuqqas ta’ qbil bejn il-perjodi tal-maturità ta’ l-iskoperturi u l-protezzjonijiet ta' kreditu kollha relatati ma’ dawn l-iskoperturi;

(b) politika u proċeduri dwar ir-riskju ta’ konċentrazzjoni li jiġi mill-applikazzjoni ta’ teknika ta’ attenwazzjoni tar-riskju tal-kreditu, b’referenza partikolari għall-iskoperturi ta’ kreditu indiretti kbar (pereżempju fil-konfront ta’ persuna unika li toħroġ titoli aċċettati bħala kollateral).

4. Meta l-effetti ta’ kollateral ikunu rikonoxxuti taħt il-paragrafi 1 u 2 hawn fuq, l-Istati Membri jistgħu jittrattaw kull parti garantita ta' l-iskopertura bħallikieku kienet skopertura fil-konfront ta' min ikun ħareġ il-kollateral minflok fil-konfront tal-klijent.

↓2000/12/KE l-Art 49(8) & (9) (adattat) ⇨ġdid

Artikolu 115

~~8~~1. Għall-fini ta’ ⌦ l-Artikolu 111(1) sa (3) ⌫, l-Istati Membri jistgħu japplikaw piż differenzjat ta’ 20% għall-elementi ta’ assi li jirrappreżentaw krediti fil-konfront ta’ ⌦ amministrazzjonijiet ⌫ reġjonali u awtoritajiet lokali ta’ l-Istati Membri, ⇨ fejn għal dawn il-krediti jkun japplika fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju ta’ 20% taħt l-Artikolu 78 sa 83 kif ukoll għal skoperturi oħra fil-konfront ta’ dawn l-amministrazzjonijiet u awtoritajiet jew garantiti minnhom, li għalihom ikun japplika fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju ta’ 0% taħt l-Artikoli 78 sa 83. ⇦ ~~suġġett għal kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 44, madankollu, l-Istati Membri jistgħu inaqqsu dik ir-rata għal 0.000000%.~~

⇨L-Istati Membri jistgħu, madankollu, inaqqsu din ir-rata għal 0% fir-rigward ta’ elementi ta’ assi li jarrappreżentaw krediti fil-konfront ta’ *gvernijiet ċentrali* u awtoritajiet lokali ta’ l-Istati Membri, fejn għal dawk il-krediti jkun japplika fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju ta’ 20% taħt l-Artikoli 78 sa 83 kif ukoll għal skoperturi oħra fil-konfront ta’ dawn l-amministrazzjonijiet u awtoritajiet jew garantiti minnhom, li għalihom ikun japplika fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju ta’ 0% taħt l-Artikoli 78 sa 83 ⇦ .

~~9.~~2. Għall-fini ta’ ⌦ l-Artikolu 111(1) sa (3) ⌫, l-Istati Memrbi jistgħu japplikaw piż differenzjat ta' 20% għall-elementi ta' l-assi li jirrappreżentaw krediti u skoperturi oħra fil-konfront ta’ istituzzjonijiet b’perjodu ta’ maturità ta' aktar minn sena imma mhux aktar minn tliet snin u piż differenzjat ta' 50% għal elementi ta' l-assi li jirrappreżentaw krediti fil-konfront ta’ istituzzjonijiet b'perjodu ta’ maturita ta' aktar minn tliet snin, bil-kundizzjoni li dawn il-krediti jkunu rappreżentati bi strumenti ta' dejn maħruġa minn istituzzjoni ta' kreditu u dejjem jekk dawn l-istrumenti ta' dejn, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, ikunu effettivament negozjabbli f'suq magħmul minn operaturi professjonali u soġġetti għal kwotazjoni ta' kuljum fuq dak is-suq, jew il-ħruġ tagħhom ikun ġie awtoriżżat mill-awtoritajiet kompetenti ta l-Istat Membru ta' l-oriġini ta' l-l-istituzzjoniji ta' kreditu li tkun ħarġithom. Fl-ebda każ dawn l-elementi ma jistgħu jikkostitwixxu fondi proprji.

↓2000/12/KE l-Art 49(10) (adattat)

Artikolu 116

Bħala deroga mill- ⊠ Artikolu 113(i) u l-Artikolu 115(2) ⊠, l-Istati Membri jistgħu japplikaw piż differenzjat ta' 20% għall-elementi ta' l-assi li jirrappreżentaw krediti u skoperturi oħra fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, independentament mill-perjodi tal-maturità tagħhom.

↓2000/12/KE l-Art. 49(11) (adattat)

Artikolu 117

~~11~~1. Meta skopertura fil-konfront ta' klijent tkun garantita minn parti terza, jew b'kollateral f'għamla ta' titoli maħruġa minn parti terza skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl- ⊠ Artikolu 113(3)⊠ (o), l-Istati Membri jistgħu:

(a) jikkunsidraw l-iskopertura bħala waħda konċessa għall- ⊠ garanti ⊠ minflok għall-klijent.

(b) jikkunsidraw l-iskopertura bħala waħda konċessa għall-parti terza aktar għall-klijent, jekk l-iskopertura definita ⊠ fl-Artikolu 113(3) ⊠ (o) tkun garantita b'kollateral skond il-kundizzjonijiet hemm stabbiliti.

⇩ġdid

2. Fil-każi li fihom l-Istati Membri japplikaw it-trattament previst fil-punt (a) tal-paragrafu 1:

(a) meta l-garanzija tkun denominata f'valuta differenti minn dik ta' l-iskopertura, l-ammont ta' l-iskopertura meqjusa bħala koperta jiġi kkalkulat skond id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament tan-nuqqas ta' qbil fil-valuta għall-protezzjoni tal-kreditu mhux assistit skond l-Anness VIII;

(b) in-nuqqas ta' qbil bejn il-perjodu ta' maturità ta' l-iskopertura u l-perjodu ta' maturità tal-protezzjoni għandu jkun ittrattat skond id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ta' nuqqas ta' qbil bejn il-perjodi ta' maturità skond l-Anness VIII;

(c) il-kopertura parzjali tista' tiġi rikonoxxuta skond it-trattament stabbilit fl-Anness VIII.

↓2000/12/KE l-Art 49(2) (adattat)

~~12. Sa l-1 ta' Jannar 1999 l-aktar tard, il-Kunsill għandu, fuq il-bażi ta' rapport mill-Kummissjoni, jeżamina t-trattament tar-riskji interbank li hemm dispożizzjoni dwarhom fil-~~

~~parahrafi 7 (i), 9 u 10. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq it-tibdiliet li għandhom isiru fuq proposta mill-Kummissjoni.~~

↓2000/12/KE l-Art. 50 (adattat)
⇨ġdid

Artikolu 118

~~Superviżjoni fuq bażi kkonsolidata jew mhux ikkonsolidata ta' riskji kbar~~

~~1. Jekk l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx la *parent company* u l-anqas sussidjarja, konformi ma l-obligazzjonijiet imposti fl-Artikolu 48 u 49 jew f'xi dispożizzjoni tal-Komunità applikabbli għal dan il-qasam għandhom ikollhom monitoraġġ fuq bażi mhux konsolidata.~~

~~2. F'każi oħra, konformita ma l-obligazzjonijiet imposti fl-Artikolu 48 u 49 jew f'xi dispożizzjoni oħra tal-Komunità applikabbli għal dak il-qasam għandhom ikollhom monitoraġġ fuq bażi ikkonsolidata bi qbil ma l-Artikoli 52 sa 56.~~

~~3. Stati Membri jistgħu iwarbu l-monitoraġġ fuq bażi individwali jew sub-konsilidata tal-konformita ma l-obligazjonijiet imposti fl-Artikoli 48 u 49 jew b'xi dispożizzjoni oħra tal-Komunità applikabbli għal dan il-qasam minn l-istituzzjoni ta' kreditu li, bħala *parent company*, tkun suġġetta għal monitoraġġ fuq bażi kkonsolidata u b'xi sussidjarja ta' l-istituzzjoni ta' kreditu bħal dik li tkun suġġetta għal awtorizzazzjoni u superviżjoni tagħhom u hija koperta b'monitoraġġ fuq bażi kkonsilidata.~~

~~Stati Membri jistgħu ukoll iwarrbu dan il-monitoraġġ meta l-*parent company* tkun il-kumpannija ta' propjetà finanzjarja stabbilita fl-istess Stat Membru bħall-istituzzjoni ta' kreditu, basta li dik il-kumpannija tkun suġġetta għal l-istess monitoraġġ bħall-istituzzjonijiet ta' kreditu.~~

~~In the cases referred to in the first and second subparagraphs.~~

⇨Meta istituzzjoni ta' kredtu tkun eżentata mill-konformità ma' l-obbligi imposti f'din is-sezzjoni fuq bażi individwali jew subkonsolidata skond l-Artikolu 69(1), jew meta għal istituzzjonijiet ta' kreditu *parent* fi Stat Membru ⌫ jkunu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 70, iridu jittieħdu miżuri biex tkun żgurata allokazzjoni xierqa tar-riskji fl-ambitu tal-grupp.

⇩ġdid

Artikolu 119

Sal-31 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-funzjonament ta' din is-sezzjoni, flimkien ma' proposti xierqa.

↓2000/12/KE

SEZZJONI 6

HOLDINGS LI JIKKWALIFIKAW BARRA MIS-SETTUR FINANZJARJU

↓2000/12/KE l-Art. 51(1) & (2) (adattat)

Artikolu 120

~~**Limiti għal propjetà kwalifikanti mhux finanzjarja**~~

1. L-ebda istituzzjoni ta' kreditu ma tista' jkollha *holding* kwalifikat li l-ammont tiegħu jeċċedi l-15% tal-fondi proprji f'intrapriża li ma tkunx la istituzzjoni ta' kreditu, la istituzzjoni finanazjarja, u l-anqas intrapriża li twettaq attività li tissemma' fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 43(2) (f) tad-Direttiva 86/635/KEE.

2. L-ammont totali ta' *holdings* kwalifikati ta' istituzzjoni ta' kreditu f'intrapriżi apparti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istituzzjonijiet finanazjarji jew l-intrapriżi li jwettqu attivitajiet li jissemmew fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 43(2)(f) tad-Direttiva 86/635/KEE ma jistax jeċċedi s-60% tal-fondi proprji.

↓2002/87/KE l-Art. 29(5) (adattat)

~~5. "3. L-Istati Membri m'humiex meħtieġa li japplikaw il-limiti preskritti fil-paragrafi 1 u 2 għal kontrolli f'kumpanniji ta' assigurazzjoni kif definniti fid-Direttiva 73/239/KEE u d-Direttiva 79/267/KEE, jew f'kumpanniji ta' riassikurazzjoni kif definiti fid-Direttiva 98/78/KE."~~

↓2000/12/KE l-Art. 51(4) (adattat)

~~4. Ishma miżmuma temporanjament ma tul ir-rikonstruzzjoni finanzjarja ta' l-operazjoni ta' salvataġġ ma tul korsa normali ta' underwriting jew f'isem l-istituzzjoni innifisha għan-nom ta' oħrajn m'għandiex tkun meqjusa bħala propjeta kwalifikanti għall-iskop tal-kalolazjoni tal-limiti stabbiliti f'paragrafi 1 u 2. Ishma li ma jkunux ishma iffisati finanzjarjament kif definiti fl-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 86/635/KEE m'għandhomx ikunu inklużi.~~

↓2000/12/KE l-Art 51 (5)

~~5~~3. Il-limiti stabbiliti f'paragrafi 1 u 2 jistgħu jinqabżu biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali. F'każi bħal dawn, madankollu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li l-istituzzjoni ta' kreditu jew iżżid il-fondi proprji jew tadotta miżuri oħra li jkollhom effett ekwivalenti.

↓2000/12/KE l-Art. 51(6) (adattat)

~~6. Stati Membri jistgħu jipprovdu li l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx japplikaw il-limiti stabbiliti f'paragrafi 1 u 2 jekk dawn jipprovdu li 100.000000% ta' l-ammonti li bihom il-propjeta kwalifikanti ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jeċċedu dawk il-limiti għandhom ikunu koperti b'fondi tagħhom u li dawn ta' l-aħħar m'għandhomx ikunu inklużi fil-kalkolazjoni tar-relattività tal-kapaċita ta' pagamenti. Jekk iż-żewġ limiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ikunu misbuqa, l-ammont li għandu jkun kopert mill-fondi tagħha m'għandux ikun akbar mill-ammonti eċċessivi.~~

↓2000/12/KE l-Art 51 (4)

Artikolu 121

L-ishma miżmuma temporanjament matul rikostruzzjoni finanzjarja jew operazzjoni ta' salvataġġ ta’ xi kumpanija jew matul il-perjodu normali ta' sottoskrizzjoni ta’ ħruġ ta’ titoli fl-isem proprju ta’ l-istituzzjoni imma għan-nom ta' terzi, m’għandhomx jitqiesu bħala *holdings* kwalifikati għall-iskop tal-kalkolu tal-limiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2. L-ishma li ma jkunux assi iffisati finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 86/635/KEE m'għandhomx ikunu inklużi.

↓2002/87/KE l-Art 29 (5)

Artikolu 122

~~3~~1. L-Istati Membri jistgħu ma japplikawx il-limiti preskritti fil-paragrafi 1 u 2 għal *holdings* f'kumpaniji ta' assigurazzjoni kif inhu definit fid-Direttiva 73/239/KEE u d-Direttiva 79/267/KEE, jew f'kumpaniji ta' riassigurazzjoni kif inhu definit fid-Direttiva 98/78/KE.

↓2000/12/KE l-Art. 51(6) (adattat)

~~6~~2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx japplikaw il-limiti stabbiliti fl-⌦ Artikolu 120(1) u (2) ⌫ jekk dawn jipprovdu li 100% ta' l-ammonti li bihom il-*holdings* kwalifikati ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jeċċedu dawk il-limiti jridu jkunu koperti b'fondi proprji u li dawn ta' l-aħħar m'għandhomx ikunu inklużi fil-kalkolu tal-koeffiċjent ta' solvenza. Jekk il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 120(1) u (2) jinqabżu t-tnejn, l-ammont li għandu jkun kopert mill-fondi proprji għandu jkun l-ogħla mill-ammonti li bihom ikunu nqabżu l-limiti.

⇩ġdid

KAPITOLU 3

PROĊESS INTERN TA' VALUTAZZJONI TA' L-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU

Artikolu 123

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom strateġiji u proċeduri validi, effikaċi u sħaħ biex jivvalutaw u jikkonservaw fuq bażi permanenti l-ammonti, il-kompożizzjoni u d-distribuzzjoni tal-kapital intern li huma jikkunsidraw xieraq biex ikopru n-natura u l-livell ta' l-iskoperturi li għalihom jinsabu jew jistgħu jkunu esposti.

Dawn l-istrateġiji u proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni interna fuq bażi regolari biex ikun żgurat li jibqgħu sħaħ u proporzjonati għan-natura, l-iskala u l-kumplessità ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu konċernata.

↓2000/12/KE (adattat)

KAPITOLU 4

SUPERVIŻJONI ⌦U ŻVELAR MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI⌫

↓2000/12/KE (ġdid)
➔1 2002/87/EKE l-Art. 29.6

~~*Artikolu 52*~~

~~**Superviżjoni fuq bażi konsolidata ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu**~~

~~1. Kull l-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-istituzzjoni ta' kreditu jew l-istituzzjoni finanzjarja bħala sussidjarja jew li jkollha parteċipazjoni f'l-istituzzjonijiet bħal dawn għandha tkun~~

~~suġġetta, sal-limtu u bil-manjera preskritta f'Artikolu 54, għal superviżjoni fuq il-bażi tas-sitwazjoni finanzjarja konsilidata tagħha. Superviżjoni bħal din għandha tkun eżerċitata mill-anqas f'dawk l-oqsma li hemm referenza dwarhom fil-paragrafi 5 u 6.~~

~~2. 2. 1 Kull istituzzjoni ta' kreditu li l-*parent company* tagħha tkun kumpannija ta' propjetà finanzjarja għandha tkun suġġetta, sal-limitu u bil-manjera preskritta fl-Artikolu 52, għal superviżjoni fuq il-bażi tas-sitwazzjoni finanzjarja konsolidata ta' dik il-kumpannija ta' propjetà finanzjarja. Superviżjoni bħal din għandha tkun eżerċitata mill-anqas f'dawk l-oqsma li hemm referenza dwarhom fil-paragrafi 5 u 6.~~ ➔1 ~~Without prejudice to Article 54a, the consolidation of the financial situation of the financial holding company shall not in any way imply that the competent authorities are required to play a supervisory role in relation to the financial holding company on a stand-alone basis.~~ ←

↓2000/12/KE l-Art. 52.3

~~3. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-eżerċitar ta' superviżjoni fuq bażi ikkonsolidata bis-saħħa ta' l-Artikolu 53 jistgħu jiddeċiedu fil-każi mniżla hawn taħt li l-istituzzjoni ta' kreditu, l-istituzzjoni finanzjarja jew l-intrapriża awżiljarja ta' servizzi bankarji li tkun sussidjarja jew li fiha parteċipazjoni tkun miżmuma mhux bil-fors li tkun inkluża fil-konsolidazzjoni:~~

jekk l-intrapriża li għandha tkun inkluża tkun tinstab f'pajjiż terz fejn ma jkun hemm l-ebda impedimenti legali għat-trasferiment ta' l-informazzjoni meħtieġa,

~~jekk, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, l-impriża konċernata tkun ta' interess negliġibbli biss fejn jidħol l-iskop tas-sorveljanza ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u f'kull każ fejn it-total tal-karta tal-bilanċ ta' l-impriża konċernata tkun inqas mill-iżgħar miż-żewġ ammonti li ġejjin: 1% tat-total tal-karta tal-bilanċ ta' l-*parent company* jew l-impriża li għandha l-parteċipazzjoni. Jekk diversi intrapriżi jilħqu l-kriterja t'hawn fuq, huma għandhom xorta waħda jkunu nkluży fil-konsolidazzjoni meta kollettivament ikunu ta' interess mhux negliġibli fir-rigward ta' l-objettivi msemmija qabel, jew~~

~~jekk, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jeżerċitaw superviżjoni fuq bażi kkonsolidata, il-konsolidazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-intrapriża li għandha tkun inkluża ma tkunx xierqa jew li tfixkel sakemm l-objettivi tas-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu kkonċernati.~~

↓2000/12/KE l-Art. 52(5) sa (8)

~~5. Superviżjoni tal-likwidità, u ta' adekwatezza ta' fondi tagħha li jkopru r-riskji tas-suq u l-kontroll ta' riskji kbar għandha tkun eżerċitata fuq bażi ikkonsolidata bi qbil ma dan l-Artikolu u ma l-Artikoli 53 sa 56. L-Istati Membri jistgħu jadottaw kull miżura meħtieġa, meta xierqa, biex jinkludu kumpanniji ta' propjetà finanzjarja fis-superviżjoni kkonsolidata, bi qbil mal-paragrafu 2.~~

~~Konformità mal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 51(1) u (2) għandha tkun taħt is-superviżjoni u l-kontroll fuq il-bażi tas-sitwazzjoni finanzjarja kkonsolidata jew subkonsolidata ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.~~

~~6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li, fl-intrapriżi kollha inklużi fl-iskop tas-superviżjoni fuq bażi ikkonsolidata li tkun eżerċitata fuq l-istituzzjoni ta' kreditu fl-implementazjoni ta' paragrafi 1 u 2, ikun hemm mekkaniżmi ta' kontroll intern adekwati għal produzjoni ta' xi dettalji w informazjoni li tkun relevanti għall-iskopijiet ta' superviżjoni fuq bażi ikkonsolidata.~~

~~7. Bla ħsara għal dispożizzjonijiet speċifiċi f'direttivi oħra, Stati Membri jistgħu iwarbu l-applikazjoni, fuq bażi individwali jew sub-konsolidata, tar-regoli stabbiliti f'paragrafu 5 lejn instituzjoni ta' kreditu li, bħala *parent company*, tkun suġġetta għal superviżjoni fuq bażi ikkonsolidata, u għal xi sussidjarja ta' l-istituzzjoni ta' kreditu bħal dik li tkun suġġetta għal-awtorizzazzjoni tagħhom u s-superviżjoni u li hija inkluża fis-superviżjoni fuq bażi ikkonsolidata ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li hija l-kumpanija paterna. L-istess eżenzjoni ta' għażla għandha titħalla meta l-*parent company* tkun kumpannija ta' propjetà finanzjarja li jkollha l-uffiċeju ewlieni fl-istess Stat Membru bħal l-istituzzjoni tal-kreditu, basta li tkun suġġetta għal l-istess superviżjoni bħal dik eżerċitata fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu, u partikolarment in-normi stabbiliti fil-paragrafu 5.~~

~~Fiż-żewġ każi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, passi għandhom jittieħdu biex jassiguraw li l-kapital ikun distribwit adekwatament fost il-grupp bankarju.~~

~~Jekk l-awtoritajiet kompetenti japplikaw dawk ir-regoli individwalment għall-istituzzjonijiet ta' kreditu bħal dawk, huma jistgħu, għall-iskopijiet tal-kalkolazzjoni tal-fondi tagħhom, jagħmlu użu mid-dispożizzjoni ta' l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2).~~

~~8. Meta l-istituzzjoni ta' kreditu li l-paterna tagħha hija l-istituzzjoni ta' kreditu tkun ġiet awtoriżżata u tkun tinstab fi Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti li jkunu tgħaw l-awtorizzazzjoni għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti f'paragrafu 5 lejn dik l-istituzzjoni fuq bażi individwali jew, fejn xieraq, fuq bażi sub-konsolidata.~~

➔2000/12/KE l-Art. 52.9 (adattat) ➔$_1$ 2004/xx/KE l-Art. 3.9

~~9. Independentament mill-ħtiġijiet ta' paragrafu 8, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jawtoriżżaw is-susdsidjara ta' l-*parent company* li hija l-istituzzjoni ta' kreditu jistgħu, bi ftehim bilaterali, jiddelegaw ir-responsabbilita tagħhom ta' superviżjoni lejn l-awtoritajiet kompetenti li jkunu awtoriżżaw u jkunu jgħamlu s-superviżjoni ta' l-*parent company* ħekk li jassumu r-reponsabilita ta' superviżjoni tas-sussidjarja bi qbil ma din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandhatinżamm infurmata bl-eżistenza u l-kontenut ta' ftehim bħaldawk.~~
➔$_1$ ~~The competent authority concerned shall forward such information to the competent authorities of the other Member States.~~ ←

⇩ġdid

SEZZJONI 1 - SUPERVIŻJONI

Artikolu 124

1. Fuq il-bażi tal-kriterji tekniċi stabbiliti fl-Anness XI, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċeduri u l-mekkaniżmi

eżegwiti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu biex ikunu konformi mad-Direttiva u jivvalutaw l-iskoperturi li għalihom l-istituzzjonijiet ta' kreditu jinsabu jew jistgħu jkunu esposti.

2. Ir-reviżjoni u l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-obbligi ta' din id-Direttiva.

3. Fuq il-bażi tar-reviżjoni u l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċeduri u l-mekkaniżmi eżegwiti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fondi proprji miżmuma minnhom jiżgurawx ġestjoni u kopertura xierqa tar-riskji tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-frekwenza u l-intensità tar-reviżjoni u l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 billi jqisu l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-komplessità ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu konċernata. Ir-reviżjoni u l-valutazzjoni għandhom jiġu aġġornati almenu darba fis-sena.

5. Ir-reviżjoni u l-valutazzjoni magħmula mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu l-iskopertura ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu għar-rata ta' l-imgħax ġej mill-attivitajiet li mhumiex ta' l-innegozjar (*non-trading activities*). Fil-każ ta' istituzzjonijiet li l-valur ekonomiku tagħhom jonqos b'aktar minn 20% tal-fondi proprji tagħhom b'riżultat ta' bidla għal għarrieda u mhux mistennija fir-rati ta' l-imgħax li d-daqs tagħha għandha tkun stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti u ma tistax tvarja minn istituzzjoni ta' kreditu għal oħra, huwa meħtieġ li jittieħdu xi miżuri.

↓2000/12/KE l-Art 53(1) u (2) l-ewwel subparagrafu (adattat) ⇨ġdid

Artikolu 125

~~Competent authorities responsible for exercising~~

1. Jekk *parent company* hija istituzzjoni ta' kreditu *parent* fi Stat Membru jew istituzzjoni ta' kreditu *parent* fl-UE, għandha ssir superviżjoni fuq bażi konsolidata mill-awtoritajiet kompetenti li jkunu awtorizzawha skond l-Artikolu ⌦ 6 ⌫.

2. Meta l-*parent company* ta' istituzzjoni ta' kreditu hija ⇨ *parent* ⇦ *financial holding company* ⇨ fi Stat Membru jew *parent financial holding company* fl-UE ⇦, is-superviżjoni fuq bażi konsolidata għandha ssir mill-awtoritajiet kompetenti li jkunu awtorizzawha skond l-Artikolu ⌦ 6 ⌫.

↓2000/12/KE l-Art 53(1) u (2) it-tieni u t-tielet subparagrafu u (3) ⇨ġdid

Artikolu 126

~~3.~~1. Meta istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati f'żewġ Stati Membri jew aktar ikollhom bħala l-*parent company* tagħhom l-istess ⇨ *parent* ⇦ *financial holding company* ⇨ fi Stat Membru jew l-istess *parent financial holding company* fl-UE ⇦ fi Stat Membru jew l-istess *parent financial holding company* fl-UE, is-superviżjoni fuq bażi konsolidata għandha ssir mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fl-Istat Membru li fih kienet twaqqfet il-*holding company* finanzjarja.

~~Jekk l-ebda istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja ma tkun ġiet awtorizzata fl-Istat membru li fih il-kumpannija ta' propjetà finanzjarja tkun ġiet stabbilita, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ikkonċernat (inklużi dawk ta' l-Istat Membru li fih il-kumpannija ta' propjetà finanzjarja tkun stabbilita) għandhom ifittxu li jilħqu ftehim dwar min minnhom għandu jeżerċita s-superviżjoni fuq bażi konsolidata. Fin-nuqqas ta' ftehim bħal dan, superviżjoni fuq bażi konsolidata għandha tkun eżerċitata mill-awtoritajiet kompetenti li kienu awtorizzaw l-istituzzjoni ta' kreditu bl-akbar total ta' balance-sheet; jekk dik il-figura tkun l-istess, superviżjoni fuq bażi konsolidata għandha tkun eżerċitata mill-awtoritajiet kompetenti li l-ewwel ikunu taw l-awtorizzazzjoni li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 4.~~

~~3. L-awtoritajiet kompetenti ikkonċernati jistgħu bi ftehim komuni iwarbu ir-regoli stabbiliti fl-ewwel u t-tieni sub-paragrafu ta' paragrafu 2.~~

⇩ġdid

Meta istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati f'żewġ Stati Membri jew aktar ikollhom bħala l-*parent company* tagħhom aktar minn *holding company* finanzjarja waħda bl-uffiċċji prinċipali tagħhom fi Stati Membri differenti u hemm istituzzjoni ta' kreditu f'kull wieħed minn dawn l-Istati Membri, is-superviżjoni fuq bażi konsolidata għandha ssir mill-awtorità kompetenti ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-akbar total fil-karta tal bilanċ tagħha.

2. Meta aktar minn istituzzjoni ta' kreditu waħda awtorizzati fil-Komunità jkollhom bħala *parent company* l-istess *holding company* finanzjarji u l-ebda waħda minn dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma kienet giet awtorizzata fl-Istat Membru li fiha kienet twaqqfet il-*holding company* finanzjarja, is-superviżjoni fuq bażi konsolidata għandha ssir mill-awtorità kompetenti li awtorizzat lill-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-akbar total fil-karta tal bilanċ tagħha li, għall-fini ta' din id-Direttiva, għandha tkun ikkunsidrata bħala l-istituzzjoni ta' kreditu kkontrollata minn *parent financial holding company* fl-UE.

↓2000/12/KE l-Art 53(4)

~~4. Il-ftehim li hemm referenza dwaru fit-tielet sub-paragrafu ta' paragrafu 2 u f'paragrafu 3 għandu jipprovdi għal proċeduri ta' koperazjoni u għat-trasmissjoni ta' informazjoni ħekk li l-objettivi ta' superviżjoni fuq bażi ikkonsolidata jistgħu ikunu milħuqa.~~

⇩ġdid

3. F'każijiet partikolari, l-awtoritajiet relevanti kompetenti jistgħu bi ftehim komuni jwarrbu l-kriterji msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jekk l-applikazzjoni tagħhom ma tkunx adattata, waqt li jitqiesu l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-importanza relattiva ta' l-attivitajiet tagħhom f'pajjiżi differenti, u jaħtru awtorità kompetenti differenti biex teżegwixxi superviżjoni fuq bażi konsolidata. F'dawn il-każi, qabel ma jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu l-opportunità lill-istituzzjoni ta' kreditu *parent* fl-UE, jew lill-*parent financial holding company* fl-UE, jew lill-istituzzjoni ta' kreditu bl-ikbar total fuq il-karta ta' bilanċ tagħha, biex jesprimu opinjoni dwar dik id-deċiżjoni.4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull ftehim milħuq li jaqa' fl-ambitu tal-paragrafu 3.

↓2000/12/KE l-Art. 52(2) l-aħħar sentenza (adattat) ⇨ġdid

Artikolu 127

1. ⇨ L-Istati Membri għandhom jadottaw kull miżura meħtieġa, meta xierqa, biex jinkludu *holding companies* finanazjarji fis-superviżjoni ikkonsolidata.Bla ħsara għall-Artikolu 135, ⇦ il-konsolidazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-*holding company* finanzjarja m'għandha bl-ebda mod timplika li huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom rwol ta' superviżjoni fuq il-*holding company* finanzjarja ⌦ kkunsidrata individwalment ⌫.

↓2000/12/KE l-Art. 52(4) (adattat)

~~4~~2. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ma jinkludux istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata permezz ta' wieħed mill-każi previsti fil- ⌦ punti (b) u (c) ta' l-Artikolu 73(1) ⌫, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih l-istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja tkun tinstab, jistgħu jitolbu lill-*parent company* għal informazjoni li tista' tiffaċilita s-superviżjoni tagħhom ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.

↓2000/12/KE l-Art. 52(10) (adattat)

~~10~~3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom responsabbli għall- eżerċitar tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata jistgħu jitolbu lis-sussidjarji ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ta' *holding company* finanazjarja li ma jkunux inklużi fl-isfera ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata jgħaddulhom l-

informazjoni li tissemma fl-Artikolu ⌦ 137 ⌫. F'dan il-każ, japplikaw il-proċeduri għat-trażmissjoni u l-ivverifikar ta' l-informazzjoni stabbiliti f'dan l-artikolu.

↓2000/12/KE Art 53(5)

Artikolu 128

Meta l-Istati Membri jkollhom aktar minn awtorità kompetenti waħda għas-superviżjoni prudenzjali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jorganiżżaw koordinament bejn dawn l-awtoritajiet.

⇩ġdid

Artikolu 129

1. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-eżerċizzju ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu *parent* ta' l-UE u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kkontrollati minn *parent holding companies* finanzjarji fl-UE għandha twettaq il-ħidma li ġejja:

   (a) il-verifika superviżorja u l-valutazzjoni tal-konformità ma' l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 71, 72(1), 72(2) u 73(3);

   (b) il-koordinazzjoni tal-ġbir u t-tqassim ta' l-informazzjoni relevanti u essenzjali f'sitwazzjonijiet normali u ta' emerġenza;

   (c) l-ippjanar u l-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' superviżjoni f'sitwazzjonijiet normali u ta' emerġenza, inklużi attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 124, f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti konċernati, u l-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 43 u 141.

2. Fil-każ ta' l-applikazzjonijiet għall-ksib ta' awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikoli 84(1), 87(9) u 105 rispettivament, magħmula minn istituzzjoni ta' kreditu *parent* fl-UE u mis-sussidjarji tagħha, jew b'mod konġunt mis-sussidjarji ta' *parent financial holding company* fl-UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħdmu flimkien, wara li jkunu kkonsultaw lil xulxin bis-sħiħ, biex jaqtgħuha għandhomx jagħtu l-awtorizzazzjoni mitluba u jiddeterminaw għal liema termini u kundizzjonijiet, jekk ikun il-każ, għandha tkun soġġetta din l-awtorizzazzjoni.

   L-applikazzjonijiet kollha relevanti għall-ewwel subparagrafu għandhom jintbagħtu biss lill-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1.

   L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaqblu bejniethom, mingħajr ma jdumu aktar minn sitt xhur, u f'dokument wieħed, dwar il-mertu ta' l-applikazzjoni. Dan id-dokument għandu jkun ikkomunikat lill-applikant. F'każ li ma titteħidx deċiżjoni fi żmien sitt xhur, l-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tagħmel id-deċiżjoni tagħha dwar il-mertu ta' l-applikazzjoni.

Artikolu 130

1. Meta tinqala' sitwazzjoni ta' emerġenza, li potenzjalment tista' tipperikola l-istabilità u l-integrità tas-sistema finanzjarja, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-eżerċizzju tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata, soġġett għat-Titolu V, il-Kapitolu 1, is-sezzjoni 2, għandhom iwissu mill-aktar fis possibbli lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 49(a) u l-Artikolu 50. Dan l-obbligu għandu jorbot lill-awtoritajiet kompetenti kollha identifikati responsabbli għal grupp partikolari fuq il-bażi ta' l-Artikoli 125 u 126, u lill-awtorità kompetenti identifikata fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 129.

2. Meta tinħtieġ informazzjoni li diġà tkun ingħatat lil awtorità kompetenti oħra, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata għandha tikkuntattja lil dik l-awtorità jekk dan ikun possibbli, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' l-irrappurtar lid-diversi awtoritajiet involuti fis-superviżjoni.

Artikolu 131

Sabiex tiffaċilita s-superviżjoni u tagħmilha effikaċi, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra għandhom jifformulaw arranġamenti bil-miktub għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni.

Skond dawn l-arranġamenti, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata tista' tiġi fdata b'ħidma oħra, u jistgħu jiġu speċifikati proċeduri għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħra.

↓2000/12/KE l-Art. 52(9) (adattat)

⌦ L-⌫ awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jawtoriżżaw is-sussidjara tal-*parent company* li hija istituzzjoni ta' kreditu jistgħu, bi ftehim bilaterali, jiddelegaw ir-responsabbiltà tagħhom ta' superviżjoni lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu awtorizzaw u ssuperviżjaw l-*parent company* biex b'hekk jassumu r-responsabbiltà ta' superviżjoni tas-sussidjarja skond din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata l-ħin kollu bl-eżistenza u l-kontenut ta' dawn l-arranġamenti. Hija għandha twassal din l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra u lill-Kumitat Konsultattiv Bankarju.

⇩ġdid

Artikolu 132

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin mill-qrib. Huma għandhom jipprovdu lil xulxin kull informazzjoni essenzjali jew rilevanti għall-eżerċizzju tal-ħidma ta' superviżjoni ta' l-awtoritajiet l-oħra skond din id-Direttiva. F'dan ir-rigward, meta ssirilhom xi talba, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni kollha rilevanti u għandhom jikkomunikaw bl-inizjattiva tagħhom stess kull informazzjoni essenzjali.

B’mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni konsolidata ta’ kumpaniji fl-UE għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti tkun ipprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra li jissuperviżjaw sussidjarja ta’ dawn il-*parent companies*. Biex jiġi determinati il-livell tar-relevanza ta' l-informazzjoni, għandha titqies l-importanza ta' dawn is-sussidjarji fl-ambitu tas-sistema finanzjarja f'dawk l-Istati Membri.

L-informazzjoni essenzjali msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi, b’mod partikolari, dan li ġej:

(a) identifikazzjoni ta’ l-istruttura tal-grupp ta’ l-istituzzjonijiet ta’ kreditu prinċipali kollha tal-grupp, kif ukoll ta’ l-awtoritajiet kompetenti ta’ l-istituzzjonijiet ta’ kreditu fil-grupp;

(b) proċeduri għall-ġbir ta' informazzjoni mingħand l-istituzzjonijiet ta’ kreditu fi grupp, u l-verifikazzjoni ta' din l-informazzjoni;

(c) żviluppi negattivi f’istituzzjonijiet ta’ kreditu jew f’entitajiet oħra fi grupp, li jista' jkollhom riperkussjonijiet serji fuq l-istituzzjonijiet ta’ kreditu;

(d) Sanzjonijiet prinċipali u miżuri eċċezzjonali adottati mill-awtoritajiet kompetenti f’konformità ma’ din id-Direttiva, inklużi l-impożizzjoni ta’ obbligu ta’ kapital supplimentari taħt l-Artikolu 136 u l-impożizzjoni ta’ kwalunkwe limitazzjoni fl-użu tal-Metodu tal-Kejl Avvanzat għall-kalkolu ta’ l-obbligi tal-fondi proprji skond l-Artikolu 105.

2. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta’ l-istituzzjonijiet ta’ kreditu kkontrollati minn istituzzjoni ta’ kreditu *parent* fl-UE għandhom jikkuntattjaw lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 129(1) meta jkunu jinħtieġu informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni ta’ metodi u metodoloġiji stabbiliti f’din id-Direttiva li jistgħu jkunu disponibbli diġà għal dik l-awtorità kompetenti.

3. Qabel ma jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom li jkunu ta’ importanza għat-twettiq ta’ ħidma ta’ superviżjoni minn awtoritajiet kompetenti oħra, l-awtoritajiet kompetenti konċernati għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-punti li ġejja:

(a) tibdil fl-istruttura azzjonarja, organizzattiva jew maniġerjali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fi grupp, li jinħtieġu l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' awtoritajiet kompetenti;

(b) Sanzjonijiet prinċipali u miżuri eċċezzjonali adottati mill-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-impożizzjoni ta’ obbligu ta’ kapital supplimentari taħt l-Artikolu 136 u l-impożizzjoni ta’ kwalunkwe limitazzjoni fl-użu tal-Metodu tal-Kejl Avvanzat għall-kalkolu ta’ l-obbligi tal-fondi proprji skond l-Artikolu 105.

Għall-fini tal-punt (b), l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata għandha dejjem tiġi kkonsultata.

Madankollu, awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma tikkonsultax f'każi ta' urġenza jew fejn din il-konsultazzjoni tista' tipperikola l-effettività tad-deċiżjonijiet. F'dan il-

każ, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

↓2000/12/KE l-Art 54(1) (adattat)

Artikolu 133

~~Għamla u estent ta' konsolidazzjoni~~

1. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għal l-eżerċitar ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata ⌦ għandhom ⌫, għall-iskopijiet ta' superviżjoni, jeżiġu konsolidazjoni sħiħa ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' l-istituzzjonijiet finanazjarji kollha sussidjarji tal-*parent company*

   Madankollu, konsolidazzjoni proporzjonali ⌦ biss tista' tkun preskritta meta, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, ⌫ ir-responsabbiltà tal-*parent company* li jkollha sehem mill-kapital tkun illimitata għal dak is-sehem tal-kapital ⌦ fid-dawl ⌫ tar-responsabbiltà ta' l-azzjonisti l-oħra jew tal-membri l-oħra li l-likwidità tagħhom tkun sodisfaċenti. Ir-responsabbiltà ta' l-azzjonisti l-oħra u l-membri l-oħra trid tkun stabbilita b'mod ċar, jekk ikun meħtieġ permezz ta' impenji formali ffirmati.

↓2002/87/KE l-Art. 29(7)(a)

Fil-każ fejn impriżi jkunu marbuta permezz ta' relazzjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu kif il-konsolidazzjoni għandha titwettaq.

↓2000/12/KE l-Art. 54(2) & (3) (adattat)

2. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata ⌦ għandhom ⌫ jeżiġu l-konsolidazzjoni proporzjonali ta' parteċipazjonijiet fl-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji amministrati minn intrapriża inkluża fil-konsolidazzjoni flimkien ma' intrapriża jew aktar li ma jkunux inklużi fil-konsolidazzjoni, meta r-responsabbilta ta' dawk l-intrapriżi tkun limitata għas-sehem tal-kapital li jkollhom.

3. Fil-każ ta' parteċipazjonijiet jew ta' rabtiet kapitali apparti minn dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk il-konsolidazzjoni għandhiex titwettaq u, jekk iva, kif għandha titwettaq. Partikolarment, huma jistgħu jippermettu jew jeżiġu l-użu tal-metodu ta' l-ekwivalenza. Dak il-metodu m'għandux, madankollu, jikkostitwixxi l-inklużjoni ta' l-intrapriżi konċernati fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata.

↓2000/12/KE Art. 54(4) l-ewwel paragrafu (adattat)

Artikolu 134

~~4~~1. Bla ħsara għall- ⊠ Artikolu 133 ⊠, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk konsolidazzjoni għandhiex titwettaq, u jekk iva, kif, f'dawn il-każi li ġejjin:

(a) meta, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjoni ta' kreditu teżerċita influwenza sinifikanti fuq istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanazjarja waħda jew aktar, imma mingħajr ma jkollhom parteċipazjoni jew rabtiet oħra ta' kapital f'dawn l-istituzzjonijiet;

(b) meta żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji jew aktar ikunu taħt amministrazzjoni waħda mingħajr ma din ma tkun neċessarjament marbuta b'kuntratt jew klawsoli statutorji.

↓2002/87/KE l-Art 29(7)(b)

↓2000/12/KE Art. 54(4) it-tieni paragrafu

Partikolarment, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu, jew jeżiġu, l-użu tal-metodu li hemm dispożizzjoni dwaru fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 83/349/KEE. Dak il-metodu m'għandux, madankollu, jikkostitwixxi inklużjoni ta' l-intrapriżi konċernati fis-superviżjoni konsolidata.

↓2000/12/KE l-Art 54(5) (adattat) ⇨ġdid

~~5~~2 Meta s-superviżjoni konsolidata tkun preskritta skond ⊠ l-Artikoli 125 u 126 ⊠, l-intrapriżi tas-servizzi anċillari ⇨ u l-kumpaniji ta' l-immaniġġjar ta' l-assi, kif definit fid-Direttiva 2002/87/KE ⇦, għandhom ikun inklużi fil-konsolidazzjonijiet fl-istess każi u b'mod konformi mal-metodi stabbiliti fl- ⊠ Artikolu 133 u l-paragrafu 1 ⊠ ta' dan l-Artikolu.

↓2002/87/KE l-Art. 29(8) (adattat)

Artikolu 135

~~**Korp ta' amministrazzjoni ta' kumpanniji finanzjarji holding**~~

L-Istati Membri għandhom jeżiġu li persuni li effettivament jidderieġu n-negozju ta' *holding companies* finanzjarji, ikunu ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u jkollhom esperjenza biżżejjed biex iwettqu dawk id-doveri.

⇩ġdid

Artikolu 136

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li kull istituzzjoni ta' kreditu li ma tissodisfax l-obbligi ta' din id-Direttiva tieħu l-azzjonijiet jew il-miżuri meħtieġa fi stadju bikri biex tindirizza s-sitwazzjoni.

Għal dan il-għan, il-miżuri disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) l-obbligar ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu biex iżommu l-fondi proprji ogħla mil-livell minimu stabbilit fl-Artikolu 75;

(b) l-infurzar ta' l-arranġamenti u l-istrateġiji eżegwiti biex ikunu konformi ma' l-Artikoli 22 u 123;

(c) l-obbligar ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu biex japplikaw politika ta' provvedimenti speċifika jew biex jirriservaw għall-assi trattament speċifiku b'riferiment għall-obbligi tal-fondi proprji;

(d) ir-restrizzjoni jew il-limitar tan-negozju, l-operazzjonijiet jew in-netwerk ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu;

(e) it-tnaqqis tar-riskju marbut ma' l-attivitajiet, il-prodotti u s-sistemi ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

It-teħid ta' dawn il-miżuri għandu jkun soġġett għat-Titolu V, il-Kapitolu 1, is-sezzjoni 2.

2. L-obbligu speċifiku ta' fondi proprji ogħla mil-livell minimu stipulat fl-Artikolu 75 għandu jiġi impost mill-awtoritajiet kompetenti almenu fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu li l-arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji li għandhom għall-immaniġġjar u l-kopertura tar-riskji tagħhom huma inadegwati, jekk l-applikazzjoni weħidha ta' miżuri oħra tidher li mhix biżżejjed biex tirrinforza dawn l-arranġamenti matul perjodu ta' żmien xieraq.

🡻2000/12/KE l-Art. 55(1) (adattat)

Artikolu 137

~~**Informazjoni li għandha tkun fornuta minn kumpanija propjetarji b'attività mħalta u s-sussidjarji tagħhom**~~

1. Filwaqt li mistennija sseħħ aktar koordinazzjoni ta' metodi ta' konsolidazzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu li, meta l-*parent company* ta' istituzzjoni ta'

kreditu waħda jew aktar hija *holding company* b'attività imħallta, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jeżiġu, billi javviċinaw lill-kumpanija ta' attività mħallta u s-sussidjarji tagħha jew direttament jew permezz ta' sussidjarji ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, li dawn ifornuhom bl-informazjoni kollha relevanti għall-iskop tas-superviżjoni tas-sussidjarji ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.

↓2000/12/KE l-Art. 55(2)
(adattat)

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu, jew jaraw li jkunu mwettqa minn spetturi esterni, spezzjonijiet fuq il-post biex jivverifikaw l-informazjoni mwassla minn kumpaniji ta' attività mħallta u s-sussidjarji tagħhom. Jekk il-kumpanija li jkollha attività mħallta jew waħda mis-sussidjarji tagħha jkunu intrapriżi ta' l-assigurazzjoni, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu ⌦ 140(1) ⌫ tista' tintuża wkoll. Jekk kumpanija li jkollha attività mħallta jew waħda mis-sussidjarji tagħha jkunu bbażati fi Stat Membru li ma jkunx dak li għandha l-bażi tagħha fih is-sussidjarja ta' l-isitituzjoni ta' kreditu, il-verifikazjoni fuq il-post ta' l-informazjoni għandha titwettaq skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu ⌦ 140(1) ⌫.

↓2002/87/KE l-Art. 29(9)
(adattat)

Artikolu 138

~~**Transazzjonijiet bejn il-grupp ma' kumpanniji holding b'attività mħallta**~~

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V, il-Kapitolu 2, is-sezzjoni ⌦ 5 ⌫, l-Istati Membri għandhom jipprovdu li, fejn l-*parent company* ta' istituzzjoni ta' kreditu waħda jew aktar tkun *holding company* b'attività mħallta, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jeżerċitaw superviżjoni ġenerali fuq tranżazzjonijiet bejn l-istituzzjoni ta' kreditu u l-*holding company* b'attività mħallta u s-sussidjarji tagħha.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom proċessi adegwati ta' mmaniġġar ta' riskju u mekkaniżmi interni ta' kontroll, inklużi proċeduri b'saħħithom ta' rappurtaġġ u kontabilità, sabiex jidentifikaw, ikejlu, jissorveljaw u jikkontrollaw kif xieraq it-tranżazzjonijiet mal-*holding company* prinċipali b'attività mħallta tagħhom u s-sussidjarji tagħha. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li l-istituzzjoni tal-kreditu tirrapporta kull tranżazzjoni sinifikanti ma' dawn l-entitajiet minbarra dik imsemmija fl-Artikolu ⌦ 110 ⌫. Dawn il-proċeduri u tranżazzjonijiet sinifikanti għandhom ikunu soġġetti għal verifika mill-awtoritajiet kompetenti.

Meta dawn it-tranżazzjonijiet fil-grupp ikunu theddida għall-pożizzjoni finanzjarja ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' l-istituzzjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa.

↓2000/12/KE l-Art 56(1) sa (3) (adattat)

Artikolu 139

~~**Miżuri biex jiffaċilitaw superviżjoni fuq bażi konsolidata**~~

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda impedimenti legali li jfixklu lil intrapriżi inklużi fl-isfera ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata, jew lil kumpaniji b'attività mħallta u lis-sussidjarji tagħhom, jew lis-sussidjarji bħal dawk koperti fl-Artikolu ⌦ 127(3) ⌫, milli ⌦ jibdlu bejniethom ⌫ informazzjoni li tkun relevanti għall-iskopijiet ta' superviżjoni skond l-Artikoli ⌦ 124 sa 138 ⌫ u dan l-Artikolu.

2. Meta *parent company* u kull sussidjarja tagħha li hija istituzzjoni ta' kreditu jkunu bbażati fi Stati Membri differenti, l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni relevanti kollha li tista' tippermettilhom jew tgħinhom jeżerċitaw superviżjoni fuq bażi konsolidata.

Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih tkun ibbażata *parent company* ma jkunux huma stess jeżerċitaw superviżjoni fuq bażi konsolidata skond l-⌦ Artikoli 125 u 126 ⌫, jistgħu jiġu mistiedna mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-eżerċitar ta' superviżjoni bħal din li jitolbu lill-*parent company* għal informazjoni li tkun relevanti għall-iskopijiet ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata u li jittrażmettuha lil dawn l-awtoritajiet.

3. L-Istati Membri għandhom jawtoriżżaw l-iskambju ta' l-informazjoni msemmija fil-paragrafu 2 bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, bil-ftehim li, fil-każ ta' *holding companies* finanazjarji, istituzzjonijiet finanazjarji jew intrapriżi ta' servizzi anċillari, il-ġbir jew il-pussess ta' l-informazjoni m'għandhomx bi kwalunkwe mod jimplikaw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu obbligati li jkollhom rwol ta' superviżjoni fuq dawn l-istituzzjonijiet jew fuq intrapriżi li meqjusa individwalment.

L-istess, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw lill-awrorijiet kompetenti l-skambju ta' l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu ⌦ 137 ⌫ bil-ftehim li l-ġbir u l-pussess ta' l-informazzjoni ma tkunx timplika bl-ebda mod li l-awtortajiet kompetenti jkollhom rwol ta' superviżjoni fuq il-kumpanija ta' attività mħallta u is-sussidjarji tagħha li ma jkunux l-istituzzjonijiet ta' kreditu, jew fuq is-sussidjarji tat-tip kopert bl-Artikolu ⌦ 127(3) ⌫.

↓2000/12/KE l-Art. 56(4) sa (6) adattat (adattat)

Artikolu 140

~~4~~1. Meta istituzzjoni ta' kreditu, *holding company* finanzjarja jew kumpanija li għandha attività mħallta, jikkontrollaw sussidjarja waħda jew aktar li jkunu kumpaniji ta' l-assigurazjoni jew intrapriżi oħra li jipprovdu servizzi ta' investiment li huma suġġetti għal

awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet fdati bid-dover pubbliku ta' superviżjoni ta' intrapriżi ta' l-assigurazjoni jew dawk l-intrapriżi l-oħra li jipprovdu servizzi ta' investiment għandhom jikkooperaw mil-qrib bejniethom. Bla ħsara għar-responsibbiltajiet rispettivi tagħhom, dawn l-awtoritajiet għandhom jipprovdu lil xulxin kull informazzjoni li x'aktarx tkun tista' tissimplifikalhom xogħolhom u tiggarantixxi s-superviżjoni ta' l-attività u s-sitwazzjoni finanzjarja kollha ta' l-intrapriżi li fuqhom jagħmlu s-superviżjoni.

~~5~~2. Informazjoni akkwistata, fil-qafas ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata, u partikolarment l- skambji ta' informazjoni bejn awtoritajiet kompetenti prvisti minn din id-Direttiva, għandhom ikunu suġġetti għall-obbligu ta' segretezza professjonali definita fit-⌦ Titolu V, il-Kapitolu 1, is-sezzjoni 2 ⌫.

~~6~~3. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata għandhom jistabbilixxu listi ta' *holding companies* finanzjarji li jissemmew fl-Artikolu ⌦ 71(2) ⌫. Dawn il-listi għandhom ikunu kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

➔2000/12/KE l-Art. 56(7) (adattat) ➔1 2002/87/KE l-Art. 29.10

Artikolu 141

Meta, fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru partikolari jixtiequ f'każi speċifiċi li jivverifikaw l-informazzjoni li tikkonċerna istituzzjoni ta' kreditu, *holding company* finanzjarji, istituzzjoni finanzjarja, intrapriża ta' servizzi anċillari, kumpannija b'attività mħallta, sussidjarja ta' tip kopert mill-Artikolu ⌦ 137 ⌫ jew sussidjarja tat-tip kopert mill-Artikolu ⌦ 127(3) ⌫, ibbażati fi Stat Membru ieħor, ⌦ għandhom ⌫ jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor biex jipproċedu bit-twettiq ta' dik il-verifika. L-awtoritajiet li ssirilhom talba għall-verifikazzjoni jridu, fl-ambitu tal-qafas tal-kompetenza tagħhom, jeżegwuha jew billi l-verifikazzjoni jagħmluha huma stess, jew billi iħallu lill-awtoritajiet li jkunu għamlu t-talba jagħmlu l-verifikazzjoni huma, jew billi jawtorizzaw awditur jew espert jagħmluha huma.➔1 L-awtorità kompetenti li tkun għamlet it-talba tista', jekk tixtieq, tipparteċipa fil-verifikazzjoni meta ma tkunx qed tagħmel il-verifikazzjoni hija stess. ➔

➔2000/12/KE l-Art. 56(8) (adattat)

Artikolu 142

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tagħhom fil-liġi kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li penalitajiet jew miżuri li jkollhom l-għan li jwaqqfu ksur li jkun ġie osservat jew il-kawżi ta' ksur bħal dan jistgħu jkunu imposti fuq *holding companies* finanzjarji u kumpaniji li jkollhom attività mħallta, jew id-diriġenti responsabbli tagħhom, li jiksru l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati biex jiġu implementati l-Artikoli ⌦ 124 sa 141 ⌫ u dan l-Artikolu. ~~F'ċerti każi, miżuri bħal dawn jistgħu jenħtieġu l-intervent tal-qrati.~~

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li daw ⌦ dawk ⌫ il-penalitajiet jew l-miżuri msemmija hawn fuq jipproduċu r-riżultati mixtieqa, speċjalment meta l-amministrazzjoni ċentrali jew l-istabbilment prinċipali ta' *holding company* finanazjarji jew kumpanija li jkollha attività mħallta ma jkunux qiegħda fl-uffiċju ewlieni tagħhom.

➔2002/87/KE l-Art. 29(11) (adattat) ➔1 2004/xx/KE l-Art. 3.10

Artikolu 143

~~Impriżi prinċipali ta' pajjiżi terzi~~

1. Meta istituzzjoni ta' kreditu, li l-*parent company* tagħha hija istituzzjoni ta' kreditu jew *holding company* finanzjarji, li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun ⌦ f'pajjiż terz ⌫, ma tkunx suġġetta għal superviżjoni konsolidata taħt l- ⌦ Artikoli 125 u 126 ⌫, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk l-istituzzjoni ta' kreditu hijiex suġġetta għal superviżjoni konsolidata minn awtorità kompetenti ta' pajjiż terz li hija ekwivalenti għal dik regolata mill-prinċipji preskritti f' ⌦ din id-Direttiva ⌫.

Il-verifikazzjoni għandha titwettaq mill-awtorità kompetenti li kienet tkun responsabbli għas-superviżjoni konsolidata kieku kellu japplika l-paragrafu ⌦ 3 ⌫, fuq it-talba ta' l-*parent company* jew ta' xi waħda mill-entitajiet regolati awtorizzati fil-Komunità jew fuq l-inizjattiva tagħha stess. L-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn involuti.

2. ➔1 Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Kumitat Bankarju Ewropew ← jipprovdi gwida ġenerali dwar jekk huwiex probabbli li l-arranġamenti ta' superviżjoni konsolidata ta' awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi jiksbu l-objettivi ta' superviżjoni konsolidata kif definita f'dan il-Kapitolu, b'relazzjoni ma' istituzzjonijiet ta' kreditu, li l-*parent company* tagħhom ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha ⌦ f'pajjiż terz ⌫. Il-Kumitat għandu jirrevedi dawn il-linji ta' gwida regolarment u jqis kull bidla fl-arranġamenti ta' superviżjoni konsolidata applikata mill-awtoritajiet kompetent konċernati.

L-awtorità kompetenti li twettaq il-verifikazzjoni speċifikata ⌦ fl-ewwel ⌫ subparagrafu ⌦ tal-paragrafu 1 ⌫ għandha tqis dawn il-linji ta' gwida. Għal dan il-għan l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-Kumitat qabel ma tieħu deċiżjoni.

3. Fin-nuqqas ta' superviżjoni ekwivalenti, l-Istati Membri għandhom b'analoġija japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 52 ta' din id-Direttiva għal istituzzjoni ta' kreditu jew jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti biex japplikaw teknika superviżorja xierqa oħra li biha jistgħu jinkisbu l-objettivi ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

~~Bħala alternattiva, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li japplikaw teknika adattata oħra ta' superviżjoni li tikseb l-objettivi tas-superviżjoni fuq bażi konsolidat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.~~

⌦ Wara konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti l-oħra involuti, ⌫ irid jintlaħaq qbil dwar din ⌦ it-teknika superviżorja ⌫ mill-awtorità kompetenti li tkun responsabbli għas-superviżjoni konsolidata.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu b'mod partikolari jesigu l-ħolqien ta' *holding company* finanzjarji li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fil-Komunità, u japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar superviżjoni konsolidata għall-pożizzjoni konsolidata ta' dik il-*holding company* finanzjarji.

⌦ It-teknika superviżorja ⌫ trid ⌦ tkun imfassla biex ⌫ jinkisbu l-objettivi tas-superviżjoni konsolidata kif definiti f'dan il-Kapitolu u għandha tiġi notifikata lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra involuti u lill-Kummissjoni.

⇩ġdid

SEZZJONI 2

ŻVELAR MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

Artikolu 144

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżvelaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-testi tad-dispożizzjonijiet legali, regolamentari u amministrattivi u tal-gwida ġenerali adottata fl-Istat Membru tagħhom fil-qasam ta' regolamentazzjoni prudenzjali;

(b) il-mod ta' kif jitwettaq l-eżerċizzju ta' l-għażliet u d-diskrezzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja;

(c) il-kriterji ġenerali u l-metodoloġiji li jużaw fir-reviżjoni u l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 124;

(d) mingħajr prġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu V, il-Kapitolu 1, is-sezzjoni 2, id-data aggregata ta' l-istatistika dwar aspetti prinċipali ta' l-eżekuzzjoni tal-qafas prudenzjali f'kull Stat Membru.

L-iżvelar previst fl-ewwel subparagrafu għandu jkun biżżejjed biex ikun possibbli li jsir paragun sinifikattiv tal-metodi adottati mill-awtoritajiet kompetenti tad-diversi Stati Membri.

KAPITOLU 5

ŻVELAR MILL-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU

Artikolu 145

1. Għall-fini ta' din id-Direttiva, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jippubblikaw l-informazzjoni stabbilita fl-Anness XII, il-Parti 2, soġġett għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 146.

2. Ir-rikonoxximent mill-awtoritajiet kompetenti skond il-Kapitolu 2, is-sezzjoni 3, is-Subtaqsimiet 2 u 3 u l-Artikolu 105 ta' l-istrumenti u l-metodoloġiji msemmija fl-Anness XII, il-Parti 3 għandu jkun soġġett għall-iżvelar pubbliku mill-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-informazzjoni stabbilita hemm.

3. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jadottaw politika formali biex ikunu konformi ma' l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, u jkollhom politika li tkun tippermettilhom jivvalutaw l-adegwatezza ta' dak li jiżvelaw, inklużi l-verifika u l-frekwenza ta' l-iżvelar tagħhom.

Artikolu 146

1. B'deroga għall-Artikolu 145, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu ma' jippubblikawx informazzjoni waħda jew aktar minn dik elenkata fl-Anness XII, il-Parti 2 jekk l-istituzzjoni ta' kreditu konċernata jkun jidhrilha li l-informazzjoni pprovduta minn dan l-iżvelar ma tkunx ikkunsidrata bħala rilevanti, fid-dawl tal-kriterji speċifikati fl-Anness XII, il-Parti 1, il-paragrafu 1.

2. B'derogu għall-Artikolu 145, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu ma jippubblikawx element ta' informazzjoni wieħed jew aktar li jkun inkluż fil-lista materjal żvelat fl-Anness XII, il-Partijiet 2 u 3 jekk l-istituzzjoni ta' kreditu konċernata jidhrilha li dawk l-elementi jinkludu informazzjoni li, fid-dawl tal-kriterji speċifikati fl-Anness XII, il-Parti 1, il-Paragrafi 2 u 3, tkun ikkunsidrata bħala esklussiva jew kunfidenzjali.

3. Fil-każi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 2, l-istituzzjoni ta' kreditu konċernata fl-iżvelar tagħha għandha tiddikjara l-fatt li elementi ta' informazzjoni speċifiċi ma jkunx ġew ippubblikati u r-raġuni għal dan, u għandha wkoll tippubblika informazzjoni ta' natura aktar ġenerali dwar il-kwistjoni ta' l-obbligu ta' l-iżvelar.

Artikolu 147

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jippubblikaw l-informazzjoni mitluba skond l-Artikolu 145 almenu fuq bażi annwali. L-informazzjoni għandha tkun ippubblikata hekk kif ikun prattikabbli li jsir dan.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ukoll jistabbilixxu jekk ikunx hemm il-ħtieġa għal pubblikazzjoni aktar spissa milli previst fil-paragrafu 1, fid-dawl tal-kriterji ffissati fl-Anness XII, il-Parti 1, il-paragrafu 4.

Artikolu 148

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jiddeterminaw il-medju, il-lokalità u l-mezzi l-aktar xierqa għall-eżerċizzju ta' verifika biex ikunu konformi ma' l-obbligi ta' l-iżvelar stabbiliti fl-Artikolu 145. Fil-limitu ta' dak li hu possibbli, l-iżvelar kollu għandu jsir bl-istess medju jew fl-istess lokalità.

2. Żvelar ekwivalenti magħmul minn istituzzjonijiet ta' kreditu biex jikkonformaw ma' obbligi ta' kontabilità, kif ukoll biex jissodisfaw obbligi ta'aċċettazzjoni ta' kwotazzjonijiet fis-swieq *(listing)* jew obbligi oħra jista' jitqies bħala konformi ma' l-Artikolu 145. Jekk l-iżvelar ma jkunx inkluż fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jindikaw fejn ikun jista' jinstab.

Artikolu 149

B'deroga għall-Artikoli 146 sa 148, l-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti biex jeżiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu:

(a) jippubblikaw informazzjoni waħda jew aktar minn dik imsemmija fl-Anness XII, il-Partijiet 2 u 3;

(b) jippubblikaw informazzjoni waħda jew aktar b'mod aktar spiss minn darba fis-sena, u jiffissaw dati ta' skadenzi għall-pubblikazzjoni;

(c) jużaw mezzi u lokazzjonijiet speċifiċi għall-iżvelar tagħhom barra dak relatat mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji;

(d) jużaw mezzi speċifiċi ta' verifika għall-iżvelar li mhux kopert mill-awditjar statutorju.

↓2004/xx/KE l-Art. 3.11

↓2000/12/KE

TITOLU VI

POTERI TA' EŻEKUZZJONI

↓2000/12/KE l-Art. 60 (adattat)
⇨ġdid

Artikolu 150

~~Addattazjonijiet tekniċi~~

1. Bla ħsara, fir-rigward tal-fondi proprji, għall- ⇨ proposta li l-Kummissjoni għandha tissottometti skond l-Artikolu 62 ⇦, ⇨ l-emendi ⇦ fl-oqsma li ġejjin għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ⌦ msemmija fl-Artikolu 151 ⌫:

   (a) kjarifika tad-definizzjonijiet sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

   (b) kjarifika tad-definizzjonijiet biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva;

   (c) l-adegwament tat-terminoloġija u d-definizzjonijiet ma' dawk ta' l-atti sussegwenti dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-materji relatati;

   ~~id-definizzjoni ta' «Żona A» fl-Artikolu 1(14),~~

   ~~id-definizzjoni ta' «bank ta' l-iżvilupp multi-laterali» fl-Artikolu 1(19),~~

   (d) emendi għall-lista fl-Artikolu 2

   (e) tibdil fl-ammont ta' kapital inizjali stabbilit fl-Artikolu ⌦ 9 ⌫ biex jitqiesu l-iżviluppi fl-oqsma ekonomiċi u monetarji;

   (f) l-espansjoni tal-kontenut tal-lista msemmija fl-Artikoli ⌦ 23 u 24 ⌫ u stabbilita fl-Anness I jew l-adattazzjoni tat-terminoloġija użata f'dik il-lista biex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

   (g) l-oqsma li fihom l-awtoritajiet kompetenti jridu jparttu l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu ⌦ 42 ⌫;

   (h) ⇨l-emendi għall-Artikoli 56 sa 67 sabiex jitqiesu l-iżviluppi fl-istandards tal-kontabilità jew obbligi oħra stabbiliti fil-leġiżjazzjoni Komunitarja; ⇦

   (i) l-emenda tal- ⌦ lista ⌫ tal- ⌦ klassijiet ta' l-iskoperturi ⌫ ⌦ fl-Artikoli 79 u 86 ⌫ sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

(j) ⇨l-ammont speċifikat fl-Artikolu 79(2) u l-Artikolu 86(4)(a) sabiex jitqiesu l-effetti ta' l-inflazzjoni; ⇦

(k) il-lista u l-klassifikazzjoni ta' l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ fl-Annessi II u IV u t-trattament tagħhom ⇨ biex jiġu determinati l-valuri ta' l-iskoperturti għall-fini tat-Titolu V, il-Kapitolu 2, is-sezzjoni 3 ⇦ ;

(l) ⇨l-aġġustament tad-dispożizzjonijiet fl-Annessi V sa XII sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji b'referenza partikolari għall-prodotti finanzjarji ġodda, jew fl-istandards tal-kontabilità jew obbligi oħra stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja; ⇦

⌦ 2. ⌦ Il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin skond il-proċedura li tidher fl-Artikolu 151. ⌫

(a) ⇨il-preċiżazzjoni tal-kobor tal-bidliet għal għarrieda u bla mistennija fir-rati ta' l-imgħax imsemmija fl-Artikolu 124(5); ⇦

(b) it-tnaqqis temporanju fil-⌦ livell minimu ta' fondi proprji stabbilit ⌫ fl-Artikolu ⌦ 75 ⌫ jew tal- ⌦ fatturi ta' piż differenzjat għar-riskju stabbiliti ⌫ fit- ⌦ Titolu V, il-Kapitolu 2, is-sezzjoni 3 ⌫ sabiex jitqiesu ċirkustanzi speċifiċi;

(c) ⇨ bla ħsara għar-rapport imsemmi fl-Artikolu 119 ⇦ , kjarifika ta' l-eżenzjonijiet preskritti fl-Artikoli ⌦ 111(4), 113, 115 u 116 ⌫;

(d) ⇨preċiżazzjoni ta' l-aspetti prinċipali li dwarhom għandha tiġi żvelata *data* aggregata ta' l-istatistika skondl-Artikolu 144 (1) (d) ⇦ ;

(e) ⇨preċiżazzjoni tal-format, l-istruttura, il-kontenut u d-data ta' pubblikazzjoni ta' l-iżvelar skond kif previst fl-Artikolu 114 ⇦ ;

🡻2004/xx/KE l-Art. 3.12 (adattat)

Artikolu 151

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Bankarju Ewroprew (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat") imwaqqaf bid-Deċiżjoni 2004/10/KE tal-Kummissjoni.

2. Meta ssir referenza għal dan l- ⌦ Artikolu ⌫, għandha tapplika l-proċedura ta' kumitat stabbilita fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, f'konformità ma' l-Artikolu 7(3) u l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

↓2000/12/KE

TITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET TA' TRANŻIZZJONI U FINALI

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET TA' TRANŻIZZJONI

↓2000/12/KE l-Art. 60(2)
(adattat)

~~*Artikolu 61*~~

~~**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward l-Artikolu 36**~~

~~Id-Danimarka tista' thalli l-istituzzjonijiet ta' kreditu dwar mortgages oganiżżati bħala soċjetajiet jew fondi koperattivi qabel l-1 ta' Jannar 1990 u kkonvertiti bħala kumpanniji pubbliċib'responsabilità limitata li jkomplu jinkludu impenji konġunti jew separati ta' membri, jew ta' dawk li jissellfu bħalma hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 36(1), li talbiet lilhom ikunu ittrattati bl-istess mod bħal dawk l-impenji konġunti jew separati, fil-fondi tagħhom, suġġett għal dawn il-limiti li ġejjin:~~

~~(a) il-bażi tal-kalkolazjoni tal-parti ta' l-impenji konġunti jew separati ta' min jissellef għandha tkun it-total ta' l-unitajiet li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 35 (2) (1) u (2), li minnhom jitnaqqsu dawk li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 35 (2) (9), (10) u (11);~~

~~b) il-bażi tal-kalkolazjoni fl-1 ta' Jannar 1991 jew, jekk ikkonvertitita f'data aktar tard, fid-data tal-konverżjoni, għandu jkun il-massimu tal-bażi għal kalkolazjoni. Il-bażi tal-kalkolazjoni ma tista qatt teċċedi il-bażi massima tal-kalkolazjoni;~~

~~c) (ċ) il-bażi massima tal-kalkolazzjoni għandha, mill-1 ta' Jannar 1997, tkun inmaqsa b'nofs ta' dak li jirriżulta mill-ħruġ ta' kapital ġdid, kif definit fl-Artikolu 35(2)(1), magħmul wara dik id-data; u~~

~~(d) l-ammont massimu ta' impenji konġunti u separati ta' min jissellef li għandhom ikunu inklużi bħala fondi tagħhom imma li qatt ma jistgħu jeċċedu:~~

~~50.000000% fl-1991 u fl-1992,~~

~~45.000000% fl-1993 u fl-1994,~~

~~40.000000% fl-1995 u fl-1996,~~

~~35.000000% fl-1997,~~

30.000000% fl-1998,

20.000000% fl-1999,

10.000000% fl-2000, u

0.000000% wara l-1 ta' Jannar 2001, tal-bażi tal-kalkolazzjoni.

↓2000/12/KE

Artikolu 62

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward l-Artikolu 43

1. Sal-31 ta' Diċembru 2006, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jawtoriżżaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li japplikaw 50.000000% ta' tgħabija lejn riskju ta' self li jkun kollu jew kompletament assigurat għas-sodisfazjon tagħhom b'mortgages fuq uffiċji jew bini kummerċjali ta' skop multiplu li jisntabu fit-territorju ta' dawk l-Istati Membri li jippermettu 50.000000% tat-tgħabija tar-riskju, suġġetti għan-dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-50% tat-tgħabija tar-riskju tapplika għal parti tas-self li ma teċċedix il-limitu ikkalkulat skond jew (a) jew (b):

(a) 50.000000% tal-valur tas-suq tal-propjetà f'dak il-każ.

Il-valur tas-suq tal-propjetà għandu jkun ikkalkulat minn żewġ evalutaturi independenti li jagħmlu stima independenti fil-waqt li jsir is-self. Is-self għandu jkun ibbażat fuq l-anqas miż-żewġ estimi.

Il-propjetà għandha tkun ivvalutata mill-ġdid minn anqas darba kull sena minn evalutatur wieħed. Għal self li ma jeċċedix EUR 1 milljun u 5.000000% tal-fondi tagħhha ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, il-propjetà għanda tkun ivvalutata mill-ġdid mill-anqas darba kull tliet snin minn evalutatur wieħed;

(b) 50.000000% tal-valur tas-suq tal-propjetà jew 60.000000% tal-valur tas-self b'mortgage, liema minnhom ikun l-anqas, f'dawk l-Istati Membri li jkunu stabbilew kriterja rigoruża għall-assessjar tal-valur tas-self b'mortgage fid-disposizzjonijiet statutorji jew regolatorji.

Il-valur ta' self b'mortgage għandu jfisser il-valur tal-propjetà kif iddeterminat minn valitatur li jagħmel estimi prudenti tal-potenzjal tal-bejgħ fil-futur tal-propjetà billi jittieħed akkont ta' l-aspetti sostenibbli fit-tul tal-propjetà, il-kondizzjonijiet normali u tas-suq, l-użu kurrenti u l-użu xieraq alternattiv tal-propjetà. Elementi spekulattivi m'għandhomx ikunu meqjusa fl-estimi tal-valur tas-self b'mortgage. Il-valur tas-self b'mortgage għandu jkun iddokumentat b'manjiera trasparenti u ċara.

Mill-anqas darba kull tliet snin jew jekk is-suq jinżel aktar minn 10.000000% tal-valur tas-self b'mortgage u partikolarment tal-pretenzjonijiet sottili li jikkonċernaw l-iżvilupp tas-suq relevanti, għandhom ikollhom estimi mill-ġdid.

———— Fiż-żewġ każi ta' (a) u (b) «valur tas-suq» għandu jfisser il-prezz li bih il-propjetà tkun tista' tinbiegħ permezz ta' kuntratt privat bejn bejjiegħ li jbiegħ min jeddu u xerrej ġenwin fid-data tal-valutazzjoni, billi jkun meqjus li l-propjetà tkun esposta pubblikament fuq is-suq, li l-kondizzjonijiet tas-suq jippermettu bejgħh xieraq u li l-perijodu normali, li jkun ħa konsiderazzjoni tan-natura tal-propjetà, ikun disponibbli għal negozjati dwar il-bejgħ;

(ii) —— (ii) il-100 % ta' tagħbija dwar riskju tapplika għal dik il-parti tas-self li teċċedi l-limiti stabbiliti fi (i);

(iii) —— (iii) il-propjetà għandha jew tkun użata jew mikrija mis-sid.

L-ewwel subparagrafu m'għandux ifixkel lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, li japplika tagħbija għola dwar riskju fit-territorju tiegħu, billi jħalli, permezz tal-kondizzjonijiet definiti hawn fuq, il-50 % tat-tagħbija tar-riskju li tapplika għal dan it-tip ta' self fit-territorji ta' dawk l-Istati Membri li jippermettu l-50 % tat-tagħbija ta' riskju.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li japplikaw 50.000000% tat-tagħbija ta' riskju dwar self pendenti fil-21 ta' Lulju 2000 basta li l-kondizzjonijiet elenkati f'dan il-paragrafu jkunu mwettqa. F'dan il-każ il-propjetà għandha tkun ivvalutata bi qbil mal-kriterji ta' l-estimi stabbiliti hawn fuq mhux aktar tard mill-21 ta' Lulju 2003.

Għal self mogħti qabel il-31 ta' Diċembru 2006, il-50 % tat-tagħbija ta' riskju tibqa applikabbli sal-maturità tagħhom, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tkun marbuta li tosserva it-termini kontrattwali.

Sal-31 ta' Diċembru 2006, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu wkoll jawtorizzaw lill-istituti ta' kreditu tagħhom li japplikaw 50.000000% ta' tagħbija ta' riskju bħala parti minn self kollu u kompletament assigurat għas-sodisfazzjoni tagħhom b'ishma f'kumpanniji Finlandizi tad-djar li joperaw bi qbil ma' l-Att tal-Kumpanniji Finlandiżi tad-Djar ta' l-1991 jew tal-leġislazzjoni sussegwentament ekwivalenti, basta li l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu jkunu mwettqa.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-użu li huma jagħmlu minn dan il-paragrafu.

2. Stati Membri jistgħu japplikaw 50.000000% ta' tgħabija ta' riskju għal tranżazzjonijiet ta' kiri ta' propjeta ikkonkluduti qabel il-31 ta' Diċembru 2006 u li jikkonċernaw l-assi għal negozju li jkun jinstab fil-pajjiż ta' l-uffiċju ewlieni u rregolati b'disposizzjonijiet statutorji li bihom is-sid li jikri jżomm idritt assolut tal-propjeta ta' l-assi mikrija sa kemm il-kerrej jeżerċita l-għażla li jixtri. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-użu li huma jagħmlu minn dan il-paragrafu.

3. L-Artikolu 43 (3) m'għandux jaffettwa lill-awtoritajiet kompetenti milli jirrikonoxxu kuntratti bilaterali għal tibdil konkluża rigward:

Il-Belġju, qabel it-23 ta' April 1996,

Id-Danimarka, qabel l-1 ta' Ġunju 1996,

Il-Ġermanja, qabel it-31 ta' Ottubru 1996,

~~Il-Greċja, qabel is-27 ta' Marzu 1997,~~

~~Spanja, qabel is-7 ta' Jannar 1997,~~

~~Franza, qabel it-30 ta' Mejju 1996,~~

~~L-Irlanda, qabel is-27 ta' Ġunju 1996,~~

~~L-Italja, qabel it-30 ta' Lulju 1996,~~

~~Il-Lussemburgu, qabel id-29 ta' Mejju 1996,~~

~~L-Olanda, qabel l-1 ta' Lulju 1996,~~

~~L-Awstrija, qabel it-30 ta' Diċembru 1996,~~

~~Il-Portugall, qabel il-15 ta' Jannar 1997,~~

~~Il-Finlandja, qabel il-21 ta' Awissu 1996,~~

~~L-Isvezja, qabel l-1 ta' Ġunju 1996, u~~

~~Ir-Renju Unit, qabel it-30 ta'April 1996.~~

~~*Artikolu 63*~~

~~Dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward l-Artikolu 47~~

~~1. L-istituzjoni ta' kreditu, li r-ralattività minima tagħha ma tkunx laħqet it-8% preskritta fl-Artikolu 47 (1), sa l-1 ta' Jannar 1991, għandha gradwalment tilħaq dak il-livell bi stadji suċċessivi. Ma tistax tħalli r-relattività li taqa' taħt il-livell milħuq qabel dak l-objettiv ikunu milħuq. Xi ċaqliċq għandu jkun temporanju u l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu magħrfa bir-raġunijiet għal dan.~~

↓2000/12/KE l-Art. 62(2) u (3) (adattat)

~~2. Għal mhux aktar minn ħamsin sena wara l-1 ta' Jannar 1993, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw tgħabija ta' 10.000000% għal bonds definiti fl-Artikolu 22 (4) tad-Direttiva 85/611/KE u jżommuha għal l-istituzjonijiet ta' kreditu meta u jekk huma jikkunsidraw li jkun meħtieġ, biex jevitaw tfixkil serju fl-operat tas-swieq. Eċċezzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu rrapurtati lill-Kummissjoni.~~

~~3. Għal mhux altar minn seba snin wara l-1 ta' Jannar 1993, l-Artikolu 47 (1) m'għandux japplika għal Bank Grieg ta' l-Agrikoltura. Madankollu, dan ta' l-aħħar għandu jersaq lejn il-livell stabbilit fl-Artikolu 47(1) fi stadji suċċessivi skond il-metodu deskritt fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.~~

↓2000/12/KE (adattat)
→1 2004/xx/KE l-Art. 3.13

~~Artikolu 64~~

~~Dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward l-Artikolu 49~~

~~1. Jekk, fil-5 ta' Frar 1993, l-istituzjoni ta' kreditu tkun diga involviet ruħha f'riskju jew riskji li jeċċedu jew il-limitu ta' riskju kbir inkella l-limitu ta' aggregazjoni ta' riskju kbir stabbilit fl-Artikolu 49, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jenħtieġu li l-istituzjoni ta' kreditu ikkonċernata tieħu l-passi biex tqis li dak ir-riskju jew dawk ir-riskji jinġiebu fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 49.~~

~~2. Il-proċess biex dak ir-riskju jew riskji jinġiebu fil-limiti awtoriżżati għandu jkun ippjanat, addottat, implementat u mwettaq fil-perijodu li fieħ l-awtoritajiet kompetenti jikkonsidraw li jkun konsistenti mal-prinċipji ta' amministrazzjoni soda u kompetizjoni ġusta.~~.

~~3. L-istituzjoni ta' kreditu ma tistax tieħu xi miżura li toħloq ir-riskji li hemm referenza dwarhom f'paragrafu 1 li jeċċedu il-livell tagħhom fil-5 ta' Frar 1993.~~

~~4. Il-perijodu applikabbli permezz ta' paragrafu 2 għandu jeskadi mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2001. Riskji b'maturità aktar fit-tul, li dwarhom l-istituzzjoni li tislef hija marbuta li tosserva t-termini kontrattwali, jistgħu jibqgħu tal-maturità tagħhom.~~

↓2000/12/KE l-Art. 64(5) sa (7)
→1 2004/xx/KE l-Art. 3.13

~~5. Sal-31 ta' Diċembru 1998, Stati Membri jistgħu iżidu il-limitu stabbilit f'Artikolu 49 (1) għal 40.000000% u l-limitu stabbilit f'Artikolu 49 (2) għal 30.000000%. F'każi bħal dawn u suġġett għal paragrafi 1 sa 4, il-limitu ta' żmien għal twassil tar-riskji eżistenti fit-tmiem ta' dan il-perijodu fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 49 għandu jeskadi fil-31 ta' Diċembru 2001.~~

~~6. Fil-każ ta' l-istituzjonijiet ta' kreditu li l-fondi tagħhom ma jeċċedux EUR 7 miljuni u biss fil-każi ta' l-istituzjonijiet bħal dawk, l-Istati Membri jistgħu itawlu il-limiti taż-żmien stabbiliti f'paragrafu 5 b'ħames snin. Member States that avail themselves of the option provided for in this paragraph shall take steps to prevent distortions of competition and shall inform the Commission and the~~ →1 ~~European Banking Committee~~ ← ~~thereof.~~

~~7. F'kaži li hemm referenza dwarhom f'paragrafi 5 u 6, ir-riskju jista jkunu meqjus bħala riskju kbir jekk il-valur tiegħu ikun ugwali għal jew jeċċedi 15.000000% tal-fondi tagħha.~~

↓2000/12/KE l-Art. 64(8)
(adattat)

~~8. Sal-31 ta' Diċembru 2001 Stati Membri jistgħu jissostitwixxu il-frekwenza ta' mill-anqas darbtejn fis-sena għal frekwenza tan-notifika ta' riskji kbar li hemm referenza dwarha fit-tieni subinċiż ta' l-Artikolu 48 (2).~~

↓2000/12/KE l-Art 64 (9)

~~9. L-Istati Membri jistgħu kompletament jew parzjalment jeżentaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 49 (1), (2) u (3) riskji nvoluti minn l-istituzjoni ta' kreditu li jikkonsistu f'self b'mortgage kif definit fl-Artikolu 62 (1) konkluż qabel l-1 ta' Jannar 2002 kif ukoll propjeta ta' tranżazzjonijiet ta' kiri kif definita fl-Artikolu 62 (2) konkluża qabel l-1 ta' Jannar 2002, fiż-żewġ każi sa 50.000000% tal-valur tal-propjeta ikkonċernata.~~

~~L-istess trattament japplika għal self assigurat, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'ishma f'kumpanniji Finlandiżi ta' djar residenzjali, li joperaw skond l-Att Finlandiż ta' Kumpaniji tad-Djar ta' l-1991 jew il-leġislazzjoni sussegwenti ekwivalenti li tkun simili għal self b'mortgage li hemm referenza dwaru fl-ewwel subparagrafu.~~

↓2000/12/KE l-Art. 65 (adattat)

~~*Artikolu 65*~~

~~Dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward l-Artikolu 51~~

~~L-istituzzjonijiet ta' kreditu li, fl-1 ta' Jannar 1993 jeċċedu l-limiti stabbiliti fl-Artikoli 51(1) u (2) għandhom ikollhom sa l-1 ta' Jannar 2003 biex ikunu konformi magħhom.~~

⇩ġdid

Artikolu 152

1. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju skond l-Artikoli 84 sa 89 jew li jużaw il-Metodi Avvanzati tal-Kejl kif speċifikat fl-Artikolu 105 għall-kalkolu ta’ l-obbligi kapitali tagħhom għal riskju operattiv għandhom, għall-ewwel, it-tieni u t-tielet perjodu ta’ tnax-il xahar wara d-data speċifikata fl-Artikolu 157, jipprovdu fondi proprji ta’ ammont dejjem ogħla mill-ammonti indikati fil-paragrafi 2, 3 u 4 jew ugwali għalihom.

2. Għall-ewwel perjodu ta’ tnax-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1, l-ammont ta’ fondi proprji għandu jkun 95% ta’ l-ammont totali minimu tal-fondi proprji li l-istituzzjoni ta' kreditu kien ikollha żżomm matul dak il-perjodu skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/6/KEE b'mod konformi ma' dak li kien preskritt f'dik id-Direttiva u fid-Direttiva 2000/12/KE qabel id-data indikata fl-Artikolu 157 tad-Direttiva preżenti.

3. Għat-tieni perjodu ta’ tnax-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1, l-ammont ta’ fondi proprji għandu jkun 90% ta’ l-ammont totali minimu tal-fondi proprji li l-istituzzjoni ta' krediti kien ikollha żżomm matul dak il-perjodu skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/6/KEE b'mod konformi ma' dak li hu preskritt f'din id-Direttiva u fid-Direttiva 2000/12/KE qabel id-data indikata fl-Artikolu 157 tad-Direttiva preżenti.

4. Għat-tielet perjodu ta’ tnax-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1, l-ammont ta’ fondi proprji għandu jkun 80% ta’ l-ammont totali minimu tal-fondi proprji li l-istituzzjoni ta' krediti kien ikollha żżomm matul dak il-perjodu skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/6/KEE

b'mod konformi ma' dak li hu preskritt f'din id-Direttiva u fid-Direttiva 2000/12/KE qabel id-data indikata fl-Artikolu 157 tad-Direttiva preżenti.

5. Il-konformità ma' l-obbligi tal-paragrafi 1 sa 4 għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' l-ammonti ta' fondi proprji aġġustati kompletament biex jirriflettu d-differenzi bejn il-kalkolu tal-fondi proprji b'mod konformi ma' dak li hu preskritt f'din id-Direttiva u fid-Direttiva 2000/12/KE u d-Direttiva 93/6/KEE, qabel id-data indikata fl-Artikolu 157 tad-Direttiva preżenti, u l-kalkolu tal-fondi proprji b'mod konformi mad-Direttiva preżenti - differenzi ġejjin mit-trattamenti separati ta' telf mistenni u telf mhux mistenni skond l-Artikoli 84 sa 89 ta' din id-Direttiva.

6. Għall-fini tal-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 68 sa 73.

7. Sal-31 ta' Diċembru 2007 l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jikkonsidraw l-artikoli li jikkostitwixxu l-Metodu Standardizzat stabbilit fit-Titolu V, il-Kapitolu 3, is-Subsezzjoni 1, bħala sostitwiti mill-Artikoli 42 sa 46 tad-Direttiva 2000/12/KE fit-test li kien fis-seħħ qabel id-data msemmija l-Artikolu 157.

8. Meta tkun eżerċitata d-diskrezjoni msemmija fil-paragrafu 7, għandu japplika dan li ġej fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/12/KE:

(a) għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 42 sa 46 ta' dik id-Direttiva fit-test li kien fis-seħħ qabel id-data msemmija fl-Artikolu 157;

(b) 'il-valur aġġustat fuq il-bażi tar-riskju' kif imsemmi fl-Artikolu 42(1) ta' dik id-Direttiva għandu jikkorrispondi għall-'ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju';

(c) il-figuri li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 42(2) ta' dik id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala ammonti ta' skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju;

(d) 'id-derivattivi ta' kreditu' għandhom ikunu inklużi fil-lista ta' l-elementi li jippreżentaw 'Riskju Sħiħ' fl-Anness II ta' dik id-Direttiva;

(e) it-trattament stabbilit fl-Artikolu 43(3) ta' dik id-Direttiva għandu japplika għall-istrumenti derivattivi elenkati fl-Anness IV ta' dik id-Direttiva, ikunu u ma jkunux jidhru fuq il-karta tal-bilanċ u l-figuri li jirrizultaw mit-trattament previst f'dak l-anness għandhom jitqiesu bħala ammonti b'piż differenzjat għar-riskju;

9. Meta d-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 7 tkun eżerċitata għandu japplika dan li ġej fir-rigward tat-trattament ta' l-iskoperturi li għalihom jintuża l-Metodu Standardizzat:

(a) It-Titolu V, il-Kapitolu 2, is-sezzjoni 3, is-Subsezzjoni 3 dwar ir-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu ma japplikax;

(b) It-Titolu V, il-Kapitolu 2, is-sezzjoni 3, is-Subsezzjoni 4 dwar it-trattament tat-titolizzazzjoni jista' ma jkunx applikat mill-awtoritajiet kompetenti;

(b) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' l-Anness XII li jistabbilixxu l-obbligi dwar żvelar għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ma japplikawx:

(i) il-Parti 2, il-paragrafu 4(b),

(ii) il-Parti 2, il-paragrafu 6,

(iii) il-Parti 2, il-paragrafu 10.

10. Meta d-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 7 tkun eżerċitata l-obbligu kapitali għar-riskju operattiv skond l-Artikolu 75(e) għandu jitnaqqas b'perċentwali li jirrappreżenta l-proporzjon bejn il-valur ta' l-iskoperturi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li għalihom l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju huma kkalkulati skond id-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 7 u l-valur totali ta' l-iskoperturi tiegħu.

11. Meta l-istituzzjoni ta' kreditu tikkalkula l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għall-iskoperturi tagħha kollha skond id-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 7, l-Artikoli 48 sa 50 tad-Direttiva 2000/12/KE dwar skoperturi kbar jistgħu japplikaw għat-test fis-seħħ qabel id-data msemmija fl-Artikolu 157;

12. Meta d-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 7 tkun eżerċitata, ir-referenzi għall-Artikoli 46 sa 52 ta' din id-Direttiva għandhom jinqraw bħala referenzi għall-Artikoli 42 sa 46 tad-Direttiva 2000/12/KE fit-test li kien fis-seħħ qabel id-data msemmija fl-Artikolu 157.

Artikolu 153

Fil-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għal skoperturi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' kiri ta' proprjetà li jikkonċernaw l-uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor li jinsabu fit-territorju tagħhom u li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness VI, il-Parti 1, il-paragrafu 51, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 2010 jippermettu perċentwal ta' 50% piż differenzjat għar-riskju jiġi applikat mingħajr l-applikazzjoni ta' l-Anness VI, il-Parti 1, il-paragrafi 55 u 56.

Sal-31 ta' Diċembru 2010, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, biex tiġi determinata l-parti garantita ta' self skadut għall-fini ta' l-Anness VI, jirrikonoxxu kollaterali li ma jkunx kollaterali eliġibbli skond kif stabbilit fl-Artikoli 90 sa 93.

Artikolu 154

1. L-obbligi fl-Artikolu 84(3) u (4) għandhom japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2009.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2010, l-LGD b'piż differenzjat għall-iskoperturi, għall-iskoperturi kollha għall-klijentela *retail* li huma garantiti minn proprjetà residenzjali u li ma jibbenefikawx minn garanziji mill-*gvernijiet ċentrali* m'għandux ikun aktar baxx minn 10%.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2017, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mit-trattament IRB lil ċerti skoperturi fi strumenti ta' kapital miżmuma sal-31 ta' Diċembru 2007.

Il-pożizzjoni eżentata għandha tkun ikkalkulata bħala n-numru ta' ishma sa dik id-data u dawk addizzjonali miksuba b'riżultat dirett mill-pussess ta' dan il-portfolju, sakemm ma jkabbrux is-sehem proporzjonali ta' parteċipazzjoni.

Jekk kisba tkabbar is-sehem proporzjonali ta' parteċipazzjoni f'impriża speċifika, il-parti li teċċedi m'għandhiex tkun ikkunsidrata għall-eżenzjoni. L-eżenzjoni anqas m'għandha tapplika għal dawk il-parteċipazzjonijiet li oriġinarjament kienu soġġetti għall-eżenzjoni, imma kienu nbiegħu u mbagħad inxtraw lura.

L-iskoperturi fi strumenti ta' kapital koperti minn din id-dispożizzjoni tranżitorja għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi kapitali kkalkulati skond it-Titolu V, il-Kapitolu 2, is-sezzjoni 3, is-Subsezzjoni 1.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2011, fil-każ ta' skoperturi fil-konfront ta' l-impriżi, l-awtoritajiet kompetenti ta' kull wieħed mill-Istati Membri jistgħu jistipulaw in-numru preċiż ta' jiem ta' arretrat (*days past due*) li l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha fil-ġuriżdizzjoni tiegħu għandhom jirrispettaw għall-fini tad-definizzjoni tan-inadempjenza kif stabbilit fl-Anness VII, il-Parti 4, il-paragrafu 44 fir-rigward ta' l-iskoperturi fil-konfront ta' dawn il-kontropartijiet li jkunu jinsabu f'dan l-Istat Membru. In-numru speċifiku għandu jkun bejn 90 u 180 jum jekk dan ikun xieraq skond il-kundizzjonijiet lokali. Għall-iskoperturi fil-konfront ta' kontropartijiet ta' dan it-tip li jkunu jinsabu fit-territorji ta' Stati Membri oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistipulaw numru ta' ġranet ta' arretrat li ma jkunx akbar min-numru stabbilit mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru rispettiv.

5. Fir-rigward tal-perjodu ta' osservazzjoni msemmi fl-Anness VII, il-Parti 4, il-paragrafu 66, l-Istati Membri jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li mhumiex awtorizzati jużaw l-istimi interni tat-telf f'każ ta' inadempjenza jew tal-fatturi ta' konverżjoni jużaw, meta japplikaw il-Metodu IRB, imma mhux wara l-31 ta' Diċembru 2007, id-*data* rilevanti li tkopri perjodu ta' sentejn. Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-perjodu konċernat għandu jitwal b'sena kull sena li tgħaddi.

6. Fir-rigward tal-perjodu ta' osservazzjoni msemmi fl-Anness VII, il-Parti 4, il-paragrafi 71, 85 u 94, l-Istati Membri jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw, meta japplikaw il-Metodu IRB, imma mhux wara l-31 ta' Diċembru 2007, id-*data* rilevanti li tkopri perjodu ta' sentejn. Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-perjodu konċernat għandu jitwal b'sena kull sena li tgħaddi.

Artikolu 155

Sal-31 ta' Diċembru 2012, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu l-indikatur rilevanti għall-parti tan-negozju tagħhom li tikkonċerna l-kummerċ u l-bejgħ li jirrappreżenta mill-anqas 50% tat-total ta' l-indikaturi rilevanti għall-partijiet kollha tan-negozju tagħhom ikkalkulati f'konformità ma' l-Anness X, il-Parti 2, il-paragrafi 1 sa 8, l-Istati Membri jistgħu japplikaw perċentwal ta' 15% għall-element tan-negozju "kummerċ u bejgħ".

↓2000/12/KE

KAPITOLU 2

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

⇩ġdid

Artikolu 156

Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, u b'konsiderazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Bank Ċentral Ewropew, għandha tivverifika perjodikament jekk din id-Direttiva kkunsidrata fl-assjem tagħha kellhiex, flimkien mad-Direttiva [93/6/EEC], effetti sinifikanti fuq iċ-ċiklu ekonomiku u, fid-dawl ta' dan l-eżami, għandha tistabbilixxi jekk it-teħid ta' miżuri korrettivi humiex ġustifikati.

Fuq il-bażi ta' dan l-analiżi u l-konsiderazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport bijennali u tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposti xierqa.

Artikolu 157

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tintlaħaq konformità ma' l-Artikoli 4, 22, 57, 61, 62, 63, 64, 66, 68 to 106, 108, 110 to 115, 117 sa 119, 123 to 127, 129 to 132, 133, 136, 144 to 149, 152 to 155 u l-Annessi II, III, V sa XII. Għandhom mingħajr dewmien jipprovdu lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din d-Direttiva.

Minkejja l-paragrafu 2, huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijit mill-31 ta' Diċembru 2006.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu riferenza għal din id-Direttiva jew għandu jkollhom magħhom din ir-referenza meta jkunu ppubblikati uffiċjalment. Għandha tiġi inkluża wkoll stqarrija li tgħid li r-referenzi għad-direttiva[i] mħassra mid-Direttiva preżenti li jinsabu fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti, għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza u kif trid tkun formulata din l-istqarrija.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007 u mhux qabel, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tintlaħaq konformità ma' l-Artikoli 87(9) u 105.

↓2000/12/KE l-Art. 66 (adattat)

~~*Artikolu 66*~~

~~Informazzjoni tal-Kummissjoni~~

L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija ⌦ tal-liġi nazzjonali ⌫ li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

↓2000/12/KE Art. 67 (adattat)

Artikolu 158

1. ~~Id-Direttiva 2000/12/KE~~ kif emendata bid-Direttivi stabbiliti fl-Anness ⌦ XV ⌫, il-Parti A, ⌦ hija ⌫ b'hekk imħassra bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni ta' l-imsemmija Direttivi elenkati fl-Anness ⌦ XV ⌫, il-Parti B.

2. Ir-referenzi għad-Direttivi imħassra għandhom jinftehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness ⌦ XVI ⌫.

↓2000/12/KE Art. 68 (adattat)

Artikolu 159

~~L-implimentazzjoni~~

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l- ⌦ Unjoni ⌫ Ewropea.

↓2000/12/KE l-Art. 69 (adattat)

Artikolu 160

~~Dawk indirizzati Din~~

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

↓2000/12/KE

ANNESS I

LISTA TA' ATTIVITAJIET SUĠĠETTI GĦAL RIKONOXXIMENT REĊIPROKU

1. ġbir ta' depożiti u fondi ripagabbli oħra

2. Self li *inter alia* jinkludi: kreditu għall-konsum, kreditu b'garanzija ipotekarja, *factoring,* bi jew mingħajr rikors, finanzjar ta' tranżazzjonijiet kummerċjali (inkluż il-*forfeiting*).

3. Kiri finanzjarju

4. Servizzi ta' trażmissjoni ta' flus

5. Ħruġ u meżżi amministrattivi ta' pagamenti (e.g. karti ta' kreditu, cheques tal-vjaġġaturi u drafts tal-bankiera)

6. Garanziji u impenji

7. Negozjar għall-kont proprju u għall-kontijiet ta' klijenti fi:

(a) strumenti tas-suq monetraju (ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta' depożitu, eċċ.)

(b) kambju esteru;

(c) futuri finanzjarji u għażliet;

(d) kuntratti fuq rati ta' kambju u rati ta' imgħax;

(e) titoli trasferibbli

8. Parteċipazjoni fi ħruġ ta' titoli u l-provvedimenti ta' servizzi marbuta ma' dan il-ħruġ

9. Parir lill-intrapriżi dwar struttura kapitali, strateġija industrijali u kwistjonijiet reletati u pariri kif ukoll servizzi relatati ma' l-unifikazzjonijiet u x-xiri ta' l-intrapriżi

10. Servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja (*money broking*)

11. Portfolju amministrattiv u pariri

12. Kustodja u amministrazzjoni ta' titoli

13. Servizzi ta' referenzi ta' kreditu

14. Servizzi ta' kaxxi ta' sigurezza

↓2004/39/KE l-Art. 68 (adattat)

Is-servizzi u l-attivitajiet previsti fit-Taqsimiet A u B ta' l-Anness 1 tad-Direttiva 2004/39/KE huma soġġetti għal rikonoxximent reċiproku skond din id-Direttiva meta jkollhom x'jaqsmu ma' strumenti finanzjarji previsti fis-sezzjoni Ċ ta' l-Anness 1 ta' dik id-Direttiva.

↓2000/12/KE

ANNESS II

↓2000/12/KE
⇨ġdid

KLASSIFIKAZZJONI TA' ELEMENTI LI MA JIDHRUX FIL-KARTA TAL-BILANĊ

Riskju sħiħ:

Garanziji li jkollhom il-karattru ta' sostituti ta' kreditu,

⇨Derivattivi ta' kreditu

Aċċettazzjonijiet,

Konferma fuq kambjali li ma jkollhomx l-isem ta' istituzzjoni oħra ta' kreditu,

Tranżazzjonijiet b'rikors,

Ittri ta' kreditu pendenti irrevokabli li jkollhom il-karattru ta' sostituti ta' kreditu,

Assi mixtrija permezz ta' ftehim ta' xiri bil-quddiem,

Depożiti bil-quddiem (*forward forward deposits*),

Il-porzjon mhux imħallas ta' ishma u titoli parzjalment imħallsa,

⇨Bejgħ ta' l-assi u ftehim ta' xiri lura kif definit fl-Artikolu 12(3) u (5) tad-Direttiva 86/635/KEE,

Elementi oħra li wkoll iġorru riskju sħiħ.

Riskju medju:

Krediti dokumentarji maħruġa u kkonfermati (ara wkoll riskji medji/baxxi),

Garanziji u indemnitajiet (inklużi offerti, twettiq, bonds tad-dwana u tat-taxxa) u garanziji li ma jkollhomx il-karattru ta' sostituti ta' kreditu,

~~Bejgħ ta' l-assi u ftehim ta' xiri mill-ġdid kif definiti fl-Artikolu 12(3) u (5) tad-Direttiva 86/635/KEE,~~

Ittri ta' kreditu pendenti irrevokabbli li ma jkollhomx il-karattru ta' sostituti ta' kreditu,

Faċilitajiet ta' kreditu mhux użati (ftehim ta' self, xiri ta' titoli, garanziji ta' provvista jew faċilitajiet ta' aċċettazzjoni) b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena waħda,

Nota ta' ħruġ ta' faċilitajiet (NIFs) u ta' kreditu li jiġġedded (RUFs),

Elementi oħra li wkoll iġorru riskju medju u skond kif ikkomunikat lill-Kummissjoni.

Riskju medju/baxx:

Krediti dokumentarji li fihom il-konsenji għandhom il-funzjoni ta’ kollateral u tranżazzjonijiet oħra ta' awtolikwidanti,

⇨Faċilitajiet ta’ kreditu mhux użati (ftehim għal self, xiri ta’ titoli, garanziji ta’ provvisti jew faċilitajiet ta’ aċċettazzjoni) b’maturità oriġinali sa u inkluża sena waħda li ma jistgħux jiġu kkanċellati mingħajr kundizzjoni fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż u li mhumiex effettivament ipprovduti bi klawsola ta’ kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament tal-kwalità tal-kreditu tad-debitur,

Elementi oħra li wkoll iġorru riskju medju/baxx u skond kif ikkomunikat lill-Kummissjoni.

Riskju baxx:

Faċilitajiet ta’ kreditu mhux użati (ftehim għal self, xiri ta’ titoli, garanziji ta’ provvisti jew faċilitajiet ta’ aċċettazzjoni) li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr kundizzjoni fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż, u li mhumiex effettivament ipprovduti bi klawsola ta’ kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament tal-kwalità tal-kreditu tad-debitur. Il-linji ta’ kreditu għall-bejgħ bl-imnut jistgħu jitqiesu bħala kanċellabbli mingħajr kundizzjoni jekk il-klawżoli kuntrattwali jħallu lill-istituzzjoni ta’ kreditu tikkanċellahom b’miżura massima jekk dan huwa permess mil-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-konsumatur u minn leġiżlazzjoni oħra relatata;

Elementi oħra li wkoll iġorru riskju baxx u skond kif ikkomunikat lill-Kummissjoni.

~~L-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom li jinfurmaw lill-Kummissjoni malli jkunu qablu li jinkludu elementi ġodda ta' off-balance-sheet fi kwalunkwe mill-aħħar inċiżi taħt kull katergorija ta' riskju. Elementi bħal dawn għandhom ikunu definittivament ikklassifikati fil-livell tal-Komunità la darba l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 59 tkun ġiet imwettqa.~~

↓2000/12/KE

ANNESS III

↓2000/12/KE (adattat)
⇨ġdid

IT-TRATTAMENT TA' L-ISTRUMENTI DERIVATTIVI

1. GĦAŻLA TAL-METODU

Biex ⇨ jiġi determinat il-valur ta’ l-iskoperturi ⇦ fir-rigward tal-kuntratti elenkati fil-punti 1 u 2 ta’ l-Anness IV, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jagħżlu, suġġett għall-kunsens ta' l-awtoritajiet kompetenti, wieħed mill-metodi stabbiliti ⌦ f’dan l-Anness ⌫. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jridu jikkonformaw ma’ l-Artikolu ⌦ 33(1) u (2) ⌫ tad-Direttiva 93/6/KEE,

iridu jużaw il-metodu 1 stabbilit ⌦ f'dan l-Anness ⌫. ⇨Biex ikun determinat il-valur ta' l-iskoperturi ⇦ għall-kuntratti elenkati fil-punt 3 ta' l-Anness IV, l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha jridu jużaw il-metodu 1 stabbilit ⌦ f'dan l-Anness ⌫.

⇩ġdid

Il-kuntratti negozjati fi swieq uffiċjali u l-kuntratti ta' valuta barranija (ħlief għall-kuntratti li jikkonċernaw id-deheb) b'maturità oriġinali ta' mhux aktar minn 14-il jum kalendarju huma eżentati mill-applikazzjoni tal-metodi stabbiliti f'dan l-Anness u f'dan il-każ il-valur ta' l-iskoperturi jkun żero.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni tal-metodi stabbiliti f'dan l-Anness u jattribwixxu l-valur ta' żero għall-iskoperturi lil kuntratti negozjati barra l-borża (OTC) ikklerjati minn *clearing house* fejn dan iċ-ċentru jagħixxi bħala kontroparti legali u l-parteċipanti kollha jiggarantixxu b'mod integrali u fuq bażi ta' kuljum – b'kollateral – l-iskopertura li jippreżentaw fil-konfront tal-*clearing house*, u b'hekk ifornu kopertura għall-iskopertura kurrenti u għal dik li potenzjalment tista' titfaċċa fil-futur.

Il-kollateral fornut irid:

(a) ikun jikkwalifika għal piż differenzjat għar-riskju ta' 0%, jew

(b) ikun jikkonsisti f'depożiti ta' flus likwidi depożitati f'istituzzjoni li ssellef, jew

(c) ikun jikkonsisti f'ċertifikati ta' depożitu jew strumenti simili maħruġa mill-istituzzjoni msemmija jew iddepożitati fiha.

L-awtoritajiet kompetenti jridu jkunu sodisfatti li r-riskju li l-akkumulazzjoni ta' l-iskoperturi fil-konfront tal-*clearing house* taqbeż il-valur tas-suq tal-kollateral fornut ikun eliminat.

⇩2000/12/KE (adattat)

2. METODI

Metodu 1: Metodu 1: il-metodu tal-valur tas-suq(mark-to-market)

Pass (a): fuq il-bażi tal-valuri kurrenti tas-suq (*mark-to-market)* jinkisbu l-valuri kurrenti ta' sostituzzjoni tal-kuntratti kollha b'valur intrinsiku pożittiv.

Pass (b) biex jitqies ir-riskju tal-kreditu potenzjali futur ⌦ ħlief fil-każ ta' skambji ta' rati ta' imgħax *floating/floating* fl-istess valuta, fejn jiġi kkalkulat biss il-prezz kurrenti tas-sostituzzjoni, ⌫ l-ammonti tal-kapital nozzjonali jew il-valuri sottostanti huma mmultiplikati bil-perċentwali li jidhru ⌦ fit-Tabella 1 ⌫:

TABELLA 1[32][33]					
Maturità li residwa[34]	Kuntratti b'rati ta' imgħax	Kuntratti li jikkonċernaw rati ta' kambju esteru u deheb	Kuntratti rigward strumenti tal-kapital	Kuntratti rigward metalli prezjużi apparti mid-deheb	Kuntratti rigward kommoditajiet apparti minn metalli prezzjużi
Sena waħda jew anqas	0%	1%	6%	7%	10%
Aktar minn sena, anqas minn ħames snin	0,5%	5%	8%	7%	12%
Aktar minn ħames snin	1,5%	7,5%	10%	8%	15%

Għall-kalkolu ta' l-iskopertura potenzjali futura skond il-pass (b) l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu biex sal-31 ta' Diċembru 2006 japplikaw il-persentaġġi li ġejjin minflok dawk stabbiliti fit-Tabella 1 basta l-istituzzjonijiet jagħmlu użu mill-għażla stabbilita fl-Artikolu 11a tad-Direttiva 93/6/KEE għall-kuntratti fil-qofol ta' dak li jfisser il-paragrafu 3(b) u (c) ta' l-Anness IV:

TABELLA 1a				
Maturità residwa	Metalli prezzjużi (ħlief id-deheb)	Metalli komuni	Prodotti agrikoli (*softs*)	Oħrajn, inklużi prodotti ta' l-enerġija
Sena waħda jew anqas	2%	2,5%	3%	4%
Aktar minn sena, anqas minn ħames	5%	4%	5%	6%

[32] Kuntratti li ma jidħlux f'waħda mill-ħames kategoriji indikati f'din it-tabella għandhom ikunu ttrattati bħala kuntratti li jirrigwardjaw kommoditajiet li ma jinkludux il-metalli prezzjużi.

[33] Għal kuntratti b'kambji multipli ta' kapital, il-persentaġġi jridu jkunu mmultiplikati bin-numru ta' pagamenti li jkun għad baqa' jsiru skond il-kuntratt.

[34] Għal kuntratti li huma strutturati biex jirregolaw riskji pendenti wara dati speċifiċi ta' pagament u meta t-termini jkunu ffissati mill-ġdid hekk li l-valur tas-suq tal-kuntratt ikun żero f'dawn id-dati speċifikati, il-maturità residwa għandha tkun ugwali għaż-żmien sad-data ta' tiġdid li jkun imiss. Fil-każ ta' kuntratti b'rati ta' imgħax li jissodisfaw dawn il-kriterji u li jkollhom maturità pendenti ta' aktar minn sena, il-persentaġġ għandu jkun mhux anqas minn 0.5%.

snin				
Aktar minn ħames snin	7,5%	8%	9%	10%

↓2000/12/KE (adattat)

Pass (c) is-somma ta' l-ispiża kurrenti tas-sostituzzjoni u tar-riskju tal-kreditu potenzjali futur ⌦ hija l-valur ta’ l-iskopertura. ⌫

↓2000/12/KE (adattat)

Metodu 2: il-metodu ta’ «l-iskopertura oriġinali»

Pass (a): l-ammont prinċipali nozzjonali ta' kull strument huwa mmultiplikat bil-persentaġġi mogħtija ⌦ fit-Tabella 2 ⌫:

TABELLA 2		
Maturità oriġinali[35]	Kuntratti relatati ma’ rati ta' imgħax	Kuntratti li jikkonċernaw rati ta' kambju esteru u deheb
Sena waħda jew anqas	0,5%	2%
Aktar minn sena waħda imma mhux aktar minn sentejn	1%	5%
Inkriment għal kull sena addizjonali	1%	3%

↓2000/12/KE (adattat)
⇨ġdid

Pass (b) l-iskopertura oriġinali li b’hekk tkun inkisbet ⇨ għandu jkun il-valur ta’ l-iskopertura ⇦

Għall-metodi 1 u 2 l-awtoritajiet kompetenti jridu jiżguraw li l-ammont nozzjonali li għandu jitqies ikun indiċi xieraq għar-riskju inerenti fil-kuntratt. Meta, per eżempju, il-kuntratt jipprovdi għal multiplikazzjoni ta' flus likwidi, l-ammont nozzjonali jrid ikun aġġustat sabiex jitqiesu l-effetti tal-multiplikazzjoni fuq l-istruttura tar-riskju ta' dak il-kuntratt.

---

[35] Fil-każ ta' kuntratti relatati ma’ rati ta' imgħax, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu, suġġett għall-kunsens ta’ l-awtoritajiet kompetenti tagħhhom, jagħżlu jew il-maturità oriġinali jew dik residwa.

↓2000/12/KE (adattat)

3. IKKALKULAR FUQ BAŻI NETTA KUNTRATTWALI (*CONTRACTUAL NETTING*) (KUNTRATTI GĦAL TIĠDID U FTEHIMIET OĦRA TA' KKALKULAR FUQ BAŻI NETTA)

(a) Tipi ta' kkalkular fuq bażi netta li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikonoxxu

Għall-iskopijiet ta' din ⌦ is-sezzjoni ⌫ «kontroparti» tfisser kull entità (inklużi persuni naturali) li jkollha l-poter li tikkonkludi ftehim ta' kkalkular fuq bażi netta kuntrattwali.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħrfu bħala tnaqqis ta' riskju t-tipi ta' kkalkular fuq bażi netta kontratwali li ġejjin:

(i) kuntratti bilaterali għal tiġdid bejn l-istituzzjoni ta' kreditu u l-kotroparti tagħha li fuq il-bażi tiegħu it-talbiet reċiproki u l-obbligazzjonijiet ikunu awtomatikament amalgamati b'tali mod li dan it-tiġdid jistabbilixxi ammont nett uniku kull darba li t-tiġdid ikun japplika u b'hekk jinħoloq kuntratt ġdid uniku li jorbot legalment u li jħassar il-kuntratti ta' qabel;

(ii) ftehimiet oħra bilaterali bejn l-istituzzjoni ta' kreditu u l-kontroparti tagħha.

(b) Kundizzjonijiet għal rikonoxximent

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikonoxxu kkalkular fuq bażi netta kontrattwali bħala effett li jnaqqas ir-riskju biss bil-kundizzjoni li:

(i) l-istituzzjoni ta' kreditu jrid ikollha ftehim mal-kontroparti dwar ikkalkular fuq bażi netta kuntrattwali li joħloq obbligu legali uniku, li jkopri t-tranżazzjonijiet kollha b'mod li, fil-każ ta' inadempjenza min-naħa tal-kontroparti minħabba falliment, likwidazzjoni jew xi ċirkostanzi simili, l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha dritt li tircievi jew l-obbligu li tħallas biss is-somma netta tal-valuri pożittivi u negattivi tal-prezzijiet kurrenti tas-suq ta' tranżazzjonijiet individwali inklużi;

(ii) l-istituzzjoni ta' kreditu trid tkun issottomettiet għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti opinjonijiet legali bil-miktub u rraġunati bir-riżultat li, fil-każ ta' sfida legali, il-qrati rilevanti u l-awtoritajiet amministrattivi jkunu jistgħu jikkonkludu li fil-każi indikati fil-punt (i), it-talbiet u l-obbligi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jkunu limitati għas-somma netta, kif deskritt fil-punt (i), f'konformità:

mal-liġi tal-ġurisdizjoni li fiha l-kontroparti tkun inkorporata u, jekk fergħa barranija ta' l-intrapriża tkun involuta, mal-liġi tal-ġurisdizzjoni ta' l-Istat li fih l-fergħa barranija tkun tinsab;

mal-liġi li tirregola t-tranżazzjonijiet individwali inklużi; ~~and~~

mal-liġi li tirregola kull kuntratt jew ftehim meħtieġ biex ikun applikat l-ikkalkular fuq bażi netta kuntrattwali;

(iii) l-istituzzjoni ta' kreditu jrid ikollha proċeduri istitwiti biex tiżgura li l-validità legali ta' l-ikkalkular fuq bażi netta kuntrattwali tagħha tinżamm taħt osservazzjoni fid-dawl ta' tibdil possibbli fil-liġijiet rilevanti.

L-awtoritajiet kompetenti iridu jkunu sodisfatti, jekk hemm bżonn wara konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti l-oħra kkonċernati, li l-ikkalkular fuq bażi netta kuntrattwali huwa legalment validu skond il-liġi ta' kull waħda mill-ġuriżdizzjonijiet rilevanti. Jekk waħda mill-awtoritajiet kompetenti, tkun liema tkun, ma tkunx sodisfatta f'dan ir-rigward, il-ftehim dwar l-ikkalkular fuq bażi netta kuntratwali m'għandux ikun rikonoxxut bħala effett li jnaqqas ir-riskju għall-ebda waħda mill-kontropartijiet.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaċċettaw l-opinjonijiet legali rragunati mħejjija b'tipi ta' kkalkular fuq bażi netta kuntrattwali.

Fir-rigward tal-kuntratti li jkun fihom dispożizzjoni li tippermetti li kontroparti ma tonqosx milli ma tħallasx pagamenti limitati biss, jew li ma tħallas l-ebda pagament lil min ikun naqas li jħallas, anki jekk dan ikun kreditur nett (klawżola ta' deroga jew «*walkaway*»), ma jkun jista' jiġi rikonoxxut l-ebda effett ta' tnaqqis tar-riskju.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikonoxxu bħala effetti li jnaqqsu r-riskju ftehimiet ta' kkalkular fuq bażi netta kuntrattwali li jkopri kuntratti ta' kambju esteru b'maturità oriġinali ta' 14-il jum kalendarju jew anqas, għażliet bil-miktub jew elementi simili li ma jidhrux fuq il-katra tal-bilanċ li għalihom dan l-Anness ma japplikax minħabba li dawn huma soġġetti għal riskju tal-kreditu negliġibbli biss jew huma ħielsa għal kollox minn dan ir-riskju. Jekk, jiddependi mill-valur tas-suq pożittiv jew negattiv ta' dawn il-kuntratti, l-inklużjoni tagħhom fi ftehim iehor ta' kkalkular fuq bażi netta jista' jirriżulta f'żieda jew fi tnaqqis tal-ħtiġiet kapitali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jobbligaw lill-istituzzjoni ta' kredu tagħhom li tuża trattament konsistenti.

(c) Effetti ta' rikonoxximent

(i) Kuntratti ta' tiġdid

Għall-ammonti netti singoli huma stabbiliti b'kuntratti għal tiġdid, aktar milli l-ammonti grossi involuti, jista' jiġi applikat il-piż differenzjat. Għalhekk, fl-aplikazzjoni tal-metodu 1,

għal pass (a): l-ispiża kurrenti għal sostituzzjoni u

għal pass (b): l-ammonti tal-kapital nozzjonali jew il-valuri sootostanti

jistgħu ikunu akwistati billi jitqies il-kuntratt għat-tiġdid. Fl-applikazzjoni tal-metodu 2, fil-pass (a) l-ammont tal-kapital nozzjonali jista' jkun ikkalkulat billi jitqies il-kuntratt tat-tiġdid; il-persentaġġi fit-Tabella 2 għandhom ikunu applikabbli.

(ii) Ftehimiet oħra ta' totalizza

Fl-applikazzjoni tal-metodu 1:

fil-pass (a) l-ispiża kurrenti ta' sostituzzjoni għall-kuntratti inklużi fil-ftehim ta' kkalkular fuq bażi netta tista' tkun ikkalkulata billi titqies l-ispiża netta ipotetika attwali tas- sostituzzjoni li tirriżulta mill-ftehim; fil-każ li l-ikkalkular fuq bażi netta

iwassal għal obbligazzjoni netta għall-istituzzjoni ta' kreditu li tikkalkula l-ispiża netta tas-sostituzzjoni, l-ispiża kurrenti tas-sostituzzjoni tkun ikkalkulata bħala «0»,

fil-pass (b), l-ammont relattiv ta’ l-iskoperturi ta’ kreditu potenzjali futuri għall-kuntratti kollha inklużi fi ftehim dwar ikkalkular fuq bażi netta jista’ jkun imnaqqas skond din il-formola: $PCE_{red} = 0.4 * PCE_{gross} + 0.6 * NGR * PCE_{gross}$

fejn:			
—	PCE_{red}	=	l-ammont imnaqqas relatat ma’ l-iskopertura ta' kreditu potenzjali futura għall-kuntratti kollha ma' kontroparti partikolari inklużi fi ftehim dwar ikkalkular fuq bażi netta bilaterali legalment validu
—	PCE_{gross}	=	is-somma ta’ l-ammonti relatati ma’ l-iskoperturi ta’ kreditu potenzjali futuri għall-kuntratti kollha ma' kontroparti partikolari li jkunu inklużi fi ftehim dwar ikkalkular fuq bażi netta bilaterali legalment validu u li huma ikkalkolati billi l-ammonti tal-kapital nozzjonali jiġi mmultiplikat bil-persentaġġi stabbiliti fit-Tabella 1
—	NGR	=	«il-proporzjon nett gross»: skond id-diskrezzjoni ta’ l-awtoritajiet kompetenti: (i) jew kalkolu separat: il-kwozjent ta' l-ispiża netta tas-sostituzzjoni għall-kuntratti kollha inklużi fi ftehim dwar totaliżżar bilaterali legalment validu ma’ kontroparti partikolari (in-numeratur) u l-ispiża grossa tas-sostituzzjoni għall-kuntratti kollha inklużi fi ftehim dwar totaliżżar bilaterali legalment validu ma’ dik il-kontroparti (id-denominatur), jew (ii) kalkolu aggregat: il-kwozjent tas-somma ta' l-ispiża netta tas-sostituzzjoni kkalkulata fuq bażi bilaterali għall-kontropartijiet kollha billi jitqiesu l-kuntratti inklużi fi ftehimiet dwar ikkalkular fuq bażi netta legalment validi (in-numeratur) u l-ispiża grossa tas-sostituzzjoni għall-kuntratti kollha inklużi fi ftehimiet dwar ikkalkular fuq bażi netta legalment validi (id-denominatur). Jekk l-Istati Membri jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għażla ta' metodi, il-metodu magħżul għandu jkun użat b'konsistenza.

Għall-kalkolu ta’ l-iskopertura ta' kreditu potenzjali futura skond il-formola li tidher hawn fuq, kuntratti li jaqblu perfettament inklużi fil-ftehim dwar ikkalkular fuq bażi netta jistgħu jitqiesu bħala kuntratt uniku b’kapital nozzjonali ekwivalenti għall-introjti netti. Kuntratti li jaqblu perfettament huma kuntratti bil-quddiem ta' kambju esteru (*forward foreign exchange*) jew kuntratti simili li fihom il-kapital nozzjonali huwa ekwivalenti għal-likwidità ta' flus jekk din il-likwidità tasal għal skadenza fl-istess data tal-valur u tkun kompletament jew parzjalment ta' l-istess valuta.

Fl-applikazzjoni tal-metodu 2, fil-pass (a)

kuntratti li jaqblu perfettament inklużi fil-ftehim ta' ikkalkular fuq bażi netta jistgħu jitqiesu bħala kuntratt uniku b'kapital nozzjonali ekwivalenti għad-dħul nett; l-ammonti tal-kapital nozzjonali huma mmultiplikati bil-persentaġġi mogħtija fit-Tabella 2,

għal kuntratti l-oħra kollha inklużi fi ftehim ta' kkalkular fuq bażi netta, il-persentaġġi applikabbli jistgħu jkunu mnaqqsa kif indikat fit-Tabella 3:

TABELLA 3		
Maturità oriġinali[36]	Kuntratti relatati ma' rati ta' imgħax	Kuntratti ta' kambju esteru
Sena waħda jew anqas	0.35%	1.50%
Aktar minn sena waħda imma mhux aktar minn sentejn	0.75%	3.75%
Inkriment għal kull sena addizjonali	0.75%	2.25%

↓2000/12/KE

ANNESS IV

↓2000/12/KE
⇨ġdid

TIPI TA' ⇨ DERIVATTIVI ⇦

↓2000/12/KE (adattat)

1. Kuntratti relatati ma' rati ta' imgħax:

(a) kuntratti ta' skambju ta' rati ta' imgħax (*interest rate swaps*) f'valuta waħda;

(b) operazzjonijiet ta' skambju ta' rati varjabbli ta' imgħax ta' natura differenti (*basis-swaps)*;

(c) kuntratti ta' rati ta' imgħax fuq bażi ta' perjodu ta' żmien (*forward rate agreements*);

(d) kuntratti finanzjarji fuq rati ta' imgħax fuq bażi ta' perjodu ta' żmien (*futures*);

(e) għażliet ta' rati ta' imgħax mixtrija;

(f) kuntratti oħra ta' natura simili.

[36] Fil-każ ta' kuntratti relatati ma' rati ta' imgħax, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu, suġġett għall-kunsens ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhhom, jagħżlu jew il-maturità oriġinali jew dik residwa.

2. Kuntratti ta' kambju esteru u kuntratti li jikkonċernaw id-deheb:

(a) kuntratti ta’ skambji ta' rati ta' imgħax f’diversi valuti;

(b) operazzjonijiet f’valuti esteri fuq bażi ta’ perjodu ta’ żmien (*forward foreign-exchange contracts*);

(c) kuntratti fuq bażi ta’ perjodu ta’ żmien tat-tip *futures*;

(d) għażliet ta' valuti mixtrija;

(e) kuntratti oħra ta' natura simili;

(f) kuntratti li jikkonċernaw id-deheb ta' natura simili għal (a) sa (e).

3. Kuntratti ta' natura simili għal dawk fil-punti 1 (a) sa (e) u 2 (a) sa (d) li jikkonċernaw elementi oħra ta' referenza jew indiċi li jikkonċernaw:

(a) l-istrumenti tal-kapital;

(b) il-metalli prezjużi apparti mid-deheb;

(c) il-kommoditajiet apparti minn metalli prezzjużi;

(d) kuntratti oħra ta' natura simili. ~~Pass (b) — biex tkun akkwistata l-figura tal-potenzjal ta' riskju futur ta' kreditu, l-ammonti prinċipali ideali jew il-valuri pendenti huma mmultiplikati b'dawn il-persentaġġi li ġejjin:~~

⇩ġdid

ANNESSI V SA XII

[OMISSIS]

⇩ġdid

ANNESS XIII

PARTI A

DIRETTIVI MĦASSRA FLIMKIEN MA' L-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHOM

(imsemmija fl-Artikolu 158)

Id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 rigward l-aċċess għan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-eżekuzzjoni tiegħu

Id-Direttiva 2000/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 li temenda d-Direttiva 2000/12/KE rigward l-aċċess għan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-eżekuzzjoni tiegħuId-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, l-impriżi ta' assigurazzjoni u d-ditti ta' l-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

Fejn jirrigwarda biss l-Art. 29.1(a)(b), l-Art. 29.2, l-Art. 29.4(a)(b), l-Art. 29.5, l-Art. 29.6, l-Art. 29.7 (a) (b), l-Art. 29.8, l-Art. 29.9, l-Art. 29.10, l-Art. 29.11

Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ April 2004 dwar is-swieq ta’ l-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE

Fejn jirrigwarda biss l-Art. 68

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/69/KE tas-27 ta’ April 2004 li temenda d-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tad-definizzjoni ta’ “banek multilaterali ta’ l-iżvilupp” (Test relevanti għall-fini taż-ŻEE)

Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 April 2004 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/675/KEE, 92/49/KEE, 93/6/KEE u 94/19/KE u d-Direttivi 98/78/KE, 2000/12/KE, 2001/34/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE, sabiex tistabbilixxi struttura ġdida organizzattiva għall-kumitati tas-settur tas-servizzi finanzjarji

Fejn jirrigwarda biss l-Artikolu 3

TIBDIL MHUX IMĦASSAR

PARTI B

LIMITU TA’ ŻMIEN GĦALL-IMPLEMENTAZZJONI

(imsemmija fl-Artikolu 158)

Direttiva		Limitu ta' żmien għall-implementazzjoni
Direttiva 2000/12/KE		-----
Direttiva 2000/28/KE		27.4.2002
Id-Direttiva 2002/87/KE		11.8.2004
Direttiva 2004/39/KE		Għadu mhux disponibbli
Direttiva 2004/69/KE		30.6.2004
Direttiva 2004/xx/KE		Għadu mhux disponibbli

ANNESS XIV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Din id-Direttiva	Direttiva 2000/12/KE	Direttiva 2000/28/KE	Direttiva 2001/87/KE	Direttiva 2004/69/KE	Direttiva 2004/xx/KE
Artikolu 1	Artikolu 2(1) u (2)				
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(3)				
	Att ta' Adeżjoni				
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(4)				
Artikolu 3	Artikolu 2(5) u (6)				
Artikolu 3(1) l-ahhar sentenza					Artikolu 3.2
Artikolu 4.1(1)	Artikolu 1(1)				
Artikolu 4.1(2) sa (5)		Artikolu 1(2) sa (5)			
Artikolu 4.1(7) sa (9)		Artikolu 1(6) sa (8)			
(Artikolu 4.1 (10))			Artikolu 29.1(a)		
Artikolu 4.1 (11) sa (14)	Artikolu 1 (10) (12) u (13)				
Artikolu 4.1 (21) u (22)			Artikolu 29.1 (b)		
Artikolu 4.1 (23)	Artikolu 1 (23)				
Artikolu 4.1 (45) sa (47)	Artikolu 1 (25) sa (27)				
Artikolu 4.2	Artikolu 1(1) it-tieni subparagrafu				
Artikolu 5	Artikolu 3				
Artikolu 6	Artikolu 4				
Artikolu 7	Artikolu 8				
Artikolu 8	Artikolu 9				
Artikolu 9 (1)	Artikolu 5(1) u 1(11)				
Artikolu 9 (2)	Artikolu 5(2)				

Artikolu 10	**Artikolu 5 (3) sa (7)**	
Artikolu 11	**Artikolu 6**	
Artikolu 12	**Artikolu 7**	
Artikolu 13	**Artikolu 10**	
Artikolu 14	**Artikolu 11**	
Artikolu 15 (1)	**Artikolu 12**	
Artikolu 15 (2) u (3)		**Artikolu 29.2**
Artikolu 16	**Artikolu 13**	
Artikolu 17	**Artikolu 14**	
Artikolu 18	**Artikolu 15**	
Artikolu 19 (1)	**Artikolu 16 (1)**	
Artikolu 19 (2)		**Artikolu 29.3**
Artikolu 20	**Artikolu 16(3)**	
Artikolu 21	**Artikolu 16(4) sa (6)**	
Artikolu 22	**Artikolu 17**	
Artikolu 23	**Artikolu 18**	
Artikolu 24 (1)	**Artikolu 19 paragrafi (1) sa (3)**	
Artikolu 24 (2)	**(Artikolu 19 paragrafu (6)**	
Artikolu 24 (3)	**Artikolu 19 paragrafu (4)**	
Artikolu 25 (1) sa (3)	**Artikolu 20 (1) sa (3) subparagrafi 1 u 2**	
Artikolu 25 (3)	**Artikolu 19 paragrafu (5)**	
Artikolu 25 (4)	**Artikolu 20 (3) subparagrafu 3**	
Artikolu 26	**Artikolu 20 (4) sa (7)**	
Artikolu 27	**Artikolu 1 (3) l-ahhar sentenza**	

Artikolu 28	**Artikolu 21**	
Artikolu 29	**Artikolu 22**	
Artikolu 30	**Artikolu 22 (2) sa (4)**	
Artikolu 31	**Artikolu 22 (5)**	
Artikolu 32	**Artikolu 22 (6)**	
Artikolu 33	**Artikolu 22 (7)**	
Artikolu 34	**Artikolu 22 (8)**	
Artikolu 35	**Artikolu 22 (9)**	
Artikolu 36	**Artikolu 22 (10)**	
Artikolu 37	**Artikolu 22 (11)**	
Artikolu 38	**Artikolu 24**	
Artikolu 39 (1) u (2)	**Artikolu 25**	
Artikolu 39 (2)		**Artikolu 3.8**
Artikolu 40	**Artikolu 26**	
Artikolu 41	**Artikolu 27**	
Artikolu 42	**Artikolu 28**	
Artikolu 43	**Artikolu 29**	
Artikolu 44	**Artikolu 30 (1) sa (3)**	
Artikolu 45	**Artikolu 30 (4)**	
Artikolu 46	**Artikolu 30(3)**	
Artikolu 47	**Artikolu 30(5)**	
Artikolu 48	**Artikolu 30(6) u (7)**	
Artikolu 49	**Artikolu 30(8)**	
Artikolu 50	**Artikolu 30(9) paragrafi 1 u 2**	
Artikolu 51	**Artikolu 30(9) paragrafu 3**	
Artikolu 52	**Artikolu 30(10)**	
Artikolu 53	**Artikolu 31**	

Artikolu 54	**Artikolu 32**	
Artikolu 55	**Artikolu 33**	
Artikolu 56	**Artikolu 34(1)**	
Artikolu 57	**Artikolu 34(2) paragrafu 1**	**Artikolu 29.4(a)**
	Artikolu 34(1) punt 2 l-aħħar sentenza	
Artikolu 58		**Artikolu 29.4 (b)**
Artikolu 59		**Artikolu 29.4 (b)**
Artikolu 60		**Artikolu 29.4 (b)**
Artikolu 61	**Artikolu 34 (3) u (4)**	
Artikolu 63	**Artikolu 35**	
Artikolu 64	**Artikolu 36**	
Artikolu 65	**Artikolu 37**	
Artikolu 66 (1) u (2)	**Artikolu 38 (1) u (2)**	
Artikolu 67	**Artikolu 39**	
Artikolu 73	**Artikolu 52(3)**	
Artikolu 106	**Artikolu 1(24)**	
Artikolu 107	**Artikolu 1 (1) subparagrafu 3**	
Artikolu 108	**Artikolu 48(1)**	
Artikolu 109	**Artikolu 48 (4) paragrafu 1**	
Artikolu 110	**Artikolu 48 (2) sa (4) subparagrafu 2**	
Artikolu 111	**Artikolu 49 (1) sa (5)**	
Artikolu 113 (1) sa (3)	**Artikolu 49 (4) (6) u (7)**	
Artikolu 115 (1) u (2)	**Artikolu 49(8) u (9)**	
Artikolu 116	**Artikolu 49(10)**	

Artikolu 117	**Artikolu 49(11)**		
Artikolu 118	**Artikolu 50**		
Artikolu 120	**Artikolu 51(1)(2)(5)**		
Artikolu 121	**Artikolu 51(4)**		
Artikolu 122(1) u (2)	**Art. 51 (6)**	**Artikolu 29(5)**	
Artikolu 125	**Artikolu 53(1) u (2)**		
Artikolu 126	**Artikolu 53 (3)**		
Artikolu 128	**Artikolu 53(5)**		
Artikolu 133 (1)	**Artikolu 54(1)**	**Artikolu 29(7)(a)**	
Artikolu 133 (2) u (3)	**Artikolu 54 (2) u (3)**		
Artikolu 134(1)	**Artikolu 54(4) l-ewwel paragrafu**		
Artikolu 134(2)	**Artikolu 54(4) it-tieni paragrafu**		
Artikolu 135		**Artikolu 29(8)**	
Artikolu 137	**Artikolu 55(1) u (2)**		
Artikolu 138		**Artikolu 29(9)**	
Artikolu 139	**Artikolu 56(1) sa (3)**		
Artikolu 140	**Artikolu 56(4) sa (6)**		
Artikolu 141	**Artikolu 56 (7)**	**Artikolu 29(10)**	
Artikolu 142	**Artikolu 56(8)**		
Artikolu 143		**Artikolu 29(11)**	**Art. 3.10**
Artikolu 150	**Artikolu 60(1)**		
Artikolu 151	**Artikolu 60(2)**		**Art. 3.10**
Artikolu 158	**Art. 67**		
Artikolu 159	**Art. 68**		
Artikolu 160	**Artikolu 69**		

Anness I	**Anness I**	
Anness 1 l-aħħar sentenza		**Artikolu 68**
Anness II	**Anness II**	
Anness III	**Anness III**	
Anness IV	**Anness IV**	